

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 365

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

13 ta' Diċembru 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Awdituri

| | | |
|---------------|--|----|
| 2013/C 365/01 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 1 |
| 2013/C 365/02 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju | 9 |
| 2013/C 365/03 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 15 |
| 2013/C 365/04 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 21 |
| 2013/C 365/05 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Kulleġġ | 29 |
| 2013/C 365/06 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju | 37 |

MT

Prezz:
EUR 9

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

| <u>Avviż Nru</u> | Werrej (ikompli) | Pàgna |
|------------------|--|-------|
| 2013/C 365/07 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija | 43 |
| 2013/C 365/08 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 49 |
| 2013/C 365/09 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 57 |
| 2013/C 365/10 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 66 |
| 2013/C 365/11 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju | 73 |
| 2013/C 365/12 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità | 80 |
| 2013/C 365/13 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 89 |
| 2013/C 365/14 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 97 |
| 2013/C 365/15 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 106 |
| 2013/C 365/16 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 113 |
| 2013/C 365/17 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità | 120 |
| 2013/C 365/18 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Istitut | 127 |
| 2013/C 365/19 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità | 134 |
| 2013/C 365/20 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Istitut | 142 |



IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-AWDITURI

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena
finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/01)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ACER"), li tinsab f'Ljubljana, inħolqot permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali tal-Aġenzija huwa li tgħin lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali fl-eżerċizzju, fil-livell tal-Unjoni, tal-kompiti regolatorji li huma jwettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun meħtieġ, li tikkoordina l-azzjonijiet tagħhom. Skont ir-Regolament REMIT⁽²⁾, l-Aġenzija ngħatawliha responsabbiltajiet addizzjonali għodda, flimkien mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fir-rigward tal-monitoraġġ tas-suq Ewropew tal-enerġija bl-ingrossa⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁶⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi

⁽¹⁾ ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1) li jagħti rwol importanti lill-Aġenzija fis-sorveljanza tan-negożjar fis-wieq tal-enerġija bl-ingrossa madwar l-Ewropa.

⁽³⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni (7); it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (8) b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni

tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. Sabiex tkopri tariffi ogħla tal-iskola, l-Aġenzija tagħti lill-persunal li għandhom tfal jattendu skola primarja jew sekondarja benefiċċju komplementari b'żieda mal-benefiċċji tal-edukazzjoni previsti fir-Regolamenti tal-Persunal (9). It-total tal-benefiċċji komplementari fl-2012 ammonta għal madwar EUR 23 000. Dawn mhumiex koperti bir-Regolamenti tal-Persunal u għalhekk huma irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

12. L-Aġenzija rriportat approprjazzjonijiet impenjati skont it-Titolu II (Spejjeż relatati mal-bini tal-aġenzija) tal-baġit tagħha li jammontaw għal EUR 1,7 miljun, li jirrappreżenta 81 % tal-approprjazzjonijiet totali impenjati fit-Titolu II. Dawn ir-riporti huma marbutin l-aktar mal-implimentazzjoni mar-Regolament REMIT li għadha għaddeja. Billi l-implimentazzjoni hija konnessa mal-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija, normalment din kellha tkun ibbaġitjata skont it-titolu III.

13. Fl-2012, l-Aġenzija għamlet 20 trasferiment baġitarju ta' madwar EUR 1 miljun u li jaffettwaw 43 linja baġitarja. Dan jindika dgħufijiet fl-ippjanar tal-baġit.

(7) Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

(8) L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

(9) L-Artikolu 3 tal-Anness VII jipprovdi d-doppju tal-benefiċċju bażiku ta' EUR 252,81 = EUR 505,62.

KUMMENTI OĦRA

14. L-Aġenzija kellha EUR 4,2 miljun flus kontanti fl-aħħar tas-sena, inkluż il-bilanċ favorevoli fil-baġit tal-2011 ta' EUR 1,6 miljun li rriżulta minn sejħa eċċessiva għall-fondi fl-2011 u li ġie rkuprat mill-Kummissjoni f'Jannar 2013. Dan mhuwiex konsistenti mal-immaniġġjar rigoruż ta' flus.

15. Il-proċeduri ta' reklutaġġ awditjati żvelaw nuqqasijiet li jaffettwaw it-trasparenza u trattament indaqs tal-kandidati: il-mistoqsijiet għal intervisti u testijiet ma ġewx stabbiliti qabel

ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. Il-kundizzjonijiet għal-ammissjoni għal testijiet bil-miktub u intervisti u għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati adatti ma kinux speċifikati biżżejjed fid-dettall u l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-anonimità tal-kandidati li se jagħmlu testijiet bil-miktub kienu inadegwati.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

16. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-livell għoli ta' approprijazzjonijiet mhux użati u ta' riporti kif ukoll il-livell baxx ta' pagamenti jindikaw li hemm nuqqasijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-baġit u jmorru kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Hemm lok għal titjib tat-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Bħala eżempju, l-avviżi ta' postijiet battala ma speċifikawx l-għadd massimu ta' kandidati li għandhom jitqiegħdu fuq il-lista ta' riżerva u ma għamlu l-ebda referenza għall-possibbiltà li wieħed jappella. Barra minn hekk, il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u l-intervisti u l-marki tagħhom ma kinux ġew ippreparati qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Fl-2011, l-Aġenzija ħallset gratifiki għas-sussistenza li jammontaw għal EUR 10 839 lil esperti ssekondati li kienu ċittadini tal-Istat fejn tinsab l-Aġenzija. Dan il-pagament imur kontra r-Regoli dwar l-Issekondar tal-Esperti Nazzjonali adottati mill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, li jippermetti l-għoti ta' dawn il-gratifiki lill-persunal temporanju biss li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru fejn huma impjegati; dawn il-pagamenti huma irregolari. | Ikkompletata |

ANNEX II

Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Ljubljana)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p><i>(L-Artikolu 114 (eks Artikolu 95 TKE) u l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</i></p> | <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.</p> <p>Fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib tal-ambjent, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha timmira li, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri:</p> <p>(a) tassigura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija;</p> <p>(b) tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;</p> <p>(c) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u</p> <p>(d) tippromwovi l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija.</p> <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-kisba ta' dawn l-oġettivi. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p><i>(Kif speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010; ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</i></p> | <p>Objettivi</p> <p>L-għan tal-Aġenzija hu li tgħin lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali fl-eżerċizzju, fil-livell tal-Unjoni, tal-kompiti regolatorji li jwettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun meħtieġ, li tikkoordina l-azzjoni tagħhom.</p> <p>Kompiti</p> <p>— tikkomplementa u tikkoordina x-xogħol tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali,</p> <p>— tipparteċipa fil-ħolqien ta' regoli dwar in-netwerk Ewropew,</p> <p>— tieħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, deċiżjonijiet individwali vinkolanti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u s-sigurtà operattiva tal-infrastruttura transkonfinali,</p> <p>— tagħti pariri dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-enerġija lill-istituzzjonijiet Ewropej,</p> <p>— timmonitorja u tirrapporta żviluppi fis-swieq tal-enerġija,</p> <p>— tifformula proposta lill-Kummissjoni tal-UE dwar is-somma ta' kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għall-mekkaniżmu tal-ITC,</p> <p>— tikkoopera mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-ESMA, l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Istati Membri u fejn xieraq mal-awtoritajiet għall-kompetizzjoni nazzjonali sabiex jiġu mmonitorjati s-swieq tal-enerġija bl-ingrossa,</p> <p>— tivvaluta l-operat u t-trasparenza ta' kategoriji differenti ta' swieq u metodi ta' negozjar,</p> <p>— tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli tas-suq, ir-rekords tat-tranżazzjonijiet, l-ordnijiet għan-negozju, l-istandards u l-proċeduri li jistgħu jtejbju l-integrità tas-suq u l-funzjonament tas-suq intern.</p> |

| | |
|---|---|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tal-Amministrazzjoni</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Żewġ membri maħtura mill-Parlament Ewropew, żewġ membri maħtura mill-Kummissjoni u ħames membri maħtura mill-Kunsill. Kull membru għandu sostitut.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Bord tal-Amministrazzjoni jadotta l-programm annwali u l-baġit tal-Aġenzija u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Amministrazzjoni wara opinjoni favorevoli mill-Bord tar-Regolaturi u abbażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni.</p> <p>Bord tar-Regolaturi</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant għoli tal-awtoritajiet regolatorji minn kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni li ma jkollux dritt tal-vot. Kull membru għandu sostitut maħtur mill-awtorità regolatorja nazzjonali minn kull Stat Membru.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — il-Bord għandu jipprovdi opinjonijiet lid-Direttur dwar l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet li huma kkunsidrati għall-adozzjoni, — iservi ta' gwida lid-Direttur fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, — jaġħti opinjoni lill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar il-kandidat li jkun se jinħatar bħala direttur, u — japprova l-programm ta' ħidma għall-Aġenzija. <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit 2012 (2011)</p> <p>EUR 7,2 (4,8) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012 (2011)</p> <p>Postijiet elenkati fit-tabella tal-persunal: 43 (40)</p> <p>Postijiet okkupati fil-31 ta' Diċembru: 42 (39)</p> <p>Persunal ieħor: 14 (12)</p> <p>Total tal-persunal: 57 (39), li minnhom allokati lil:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operazzjonali: 34 (28) — kompiti amministrattivi: 23 (11) |

Prodotti u servizzi 2012

- Żewġ Linji Gwida ta' qafas (Elettriku: Linji Gwida ta' qafas dwar l-Ibbilanċjar; Gass: Linji Gwida ta' Qafas dwar l-Interoperabbiltà). Konsultazzjonijiet pubbliċi organizzati kif mitlub skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 713/2009, inklużi sessjonijiet ta' ħidma.
- Kodiċijiet tan-netwerk
 - (a) Tliet Opinjonijiet Motivati dwar il-Kodiċijiet tan-Netwerk (Elettriku: Kodiċi tan-Netwerk għar-Rekwiżiti dwar il-Konnessjoni tal-Grija Applikabbli għall-Ġeneraturi kollha u Kodiċi tan-Netwerk dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċitajiet u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni; Gass: Kodiċi tan-Netwerk dwar il-Mekkaniżmu tal-Allokazzjoni tal-Kapaċitajiet).
 - (b) Żewġ Rakkomandazzjonijiet Kwalifikati dwar il-Kodiċijiet tan-Netwerk (it-tnejn li huma dwar il-Kodiċi tan-Netwerk tal-Gass dwar il-Mekkaniżmu tal-Allokazzjoni tal-Kapaċitajiet).
- Opinjoni dwar il-Programm ta' Ħidma ENTSGO għall-2012.
- Opinjoni dwar il-Prospettiva dwar il-Provvista tax-Xitwa 2011-2012 tal-ENTSGO.
- Opinjoni dwar il-Prospettiva dwar il-Provvista tas-Sajf 2012 tal-ENTSGO.
- Opinjoni dwar il-Programm ta' Ħidma Annwali 2013 tal-ENTSGO.
- Opinjoni dwar l-ENTSGO-E TYNDP 2012.
- Opinjoni dwar ir-Rapport tal-Prospettiva tas-Sajf 2012 tal-ENTSGO-E u l-Eżami tax-Xitwa 2011/2012.
- Opinjoni dwar ir-Rapport Annwali 2011 tal-ENTSGO-E.
- Rapport tal-Monitoraġġ tas-Suq Konġunt ACER-CEER (l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 713/2009) inħareġ fid-29 ta' Novembru; saret preżentazzjoni fi Brussell.
- Rakkomandazzjoni dwar l-Artikolu 2(1)(n) tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li tirrevoka d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KUMM(2011) 656 finali).
- Rakkomandazzjoni dwar ir-Rekords tat-Tranżazzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 (REMIT) ġiet adottata.
- Deċiżjoni marbuta mal-Format ta' Reġistrazzjoni Skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 ġiet adottata.
- It-tieni edizzjoni tal-Gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 2 tar-REMIT inħareġ fit-28 ta' Settembru 2012.
- Konklużjoni b'suċċess tat-tliet kuntratti qafas fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-REMIT.
- L-Eżami tal-Istatus tal-Inizjattivi Reġjonali għall-2011 ġie ppubblikat f'Marzu.
- Tliet rapporti trimestrijali dwar l-Inizjattivi Reġjonali tal-Gass Online (GRIs) u erba' rapporti trimestrijali dwar l-Inizjattivi Reġjonali tal-Elettriku Online (ERIs) ġew ippubblikati.
- Żewġ Gruppi ta' Ħidma ġodda tal-Aġenzija ġew stabbiliti (Grupp ta' Ħidma għall-Implementazzjoni, il-Monitoraġġ u l-Proċeduri (AIMPWG) u Grupp ta' Ħidma għall-Integrità tas-Swieq u t-Trasparenza (AMITWG), u r-Regoli għall-funzjonament tal-Gruppi ta' Ħidma ġew aġġornati.
- Fl-14 ta' Marzu 2012 l-Aġenzija organizzat il-Konferenza Annwali tagħha "Nagħmlu is-suq tal-Enerġija Interna realtà - liema rwol għall-ACER?"; attendew 220 parteċipant.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. Fl-assenza ta' skola Ewropea fis-Slovenja u l-ħtieġa ta' miżura ta' natura soċjali biex ikunu assimilati l-kondizzjonijiet ta' xogħol mhux ugwali (konformi ma' Artikolu 1(e) tar-Regolamenti tal-Persunal) li għalihom huma suġġetti l-persunal tal-Aġenzija, meta mqabbla mal-persunal li jaħdmu f'istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea, fejn hemm l-iskejjel Ewropej, il-Bord Amministrattiv adotta d-deċiżjoni AB Nru 01/2011 tal-11 ta' Frar 2011 "fuq l-appoġġ mogħti lill-membri tal-persunal tal-ACER għal dak li jirrigwarda l-ħlasijiet tal-kindergardin u l-iskejjel". Il-livell massimu ta' appoġġ mogħti lill-membri tal-persunal eliġibbli, għal kull tifel jew tifla eliġibbli, ma għandux jaqbeż l-ammont ta' flus imħallsa għall-iskola Ewropea fi Brussell.

12. L-Aġenzija għet infurmata mill-Kummissjoni biex tuża Titolu II għall-proġett REMIT peress li ħafna mill-spejjeż tal-bidu għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjonijiet tal-IT. L-Aġenzija ddeċidiet li tuża Titolu III għall-infiq relatat mar-REMIT mill-2014 meta l-monitoraġġ mill-Aġenzija tas-suq tal-enerġija huwa mistenni li jibda.

13. Wara valutazzjoni komprensiva, l-Aġenzija saret taf li l-baġit imwarrab fl-istqarrija finanzjarja tar-REMIT mhux biżżejjed biex tkun żviluppata sistema effettiva ta' IT għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011. Għaldaqstant, l-Aġenzija ppruvat, diġà fl-2012, tidentifika minn fejn jistgħu jinġiebu riżorsi addizzjonali mill-baġit tagħha biex ikunu ddedikati għar-REMIT. Peress li l-baġit tal-Aġenzija kien diġà eżatt, ammonti żgħar biss setgħu ġew trasferiti minn linji baġitarji oħra. Dan l-eżerċizzju twettaq b'mod sistematiku u rriżulta f'numru għoli ta' trasferimenti baġitarji ta' ammonti baxxi.

14. Il-bilanċ ta' EUR 4,2 m fil-kont bankarju tal-Aġenzija fl-aħħar tas-sena kien jinkludi ż-żieda baġitarja tal-2011 ta' EUR 1,6 m mogħtija lura f'Jannar 2013, minħabba li l-Aġenzija rċeviet it-talba mill-Kummissjoni fit-8 ta' Jannar 2013, iż-żieda baġitarja ta' EUR 0,6 m li trid titħallas lura lill-Kummissjoni meta tintalab, kif ukoll l-ammont ta' EUR 1,9 m biex tissettilja l-obbligazzjonijiet legali tal-Aġenzija qabel tmiem is-sena u li ġew riportati fl-2013. Il-ġestjoni finanzjarja tal-Aġenzija timmira li tassigura li l-fondi jkunu disponibbli biex ikopru l-ispejjeż pendenti kif jinqalgħu.

15. L-Aġenzija qiegħda ssegwi mill-qrib il-proċeduri ta' eżaminazzjoni bil-miktub u l-intervisti kif imsem-mija fid-dettall fid-deċiżjoni rilevanti tad-Direttur 2012-17 dwar il-Linjigwida fuq il-proċeduri ta' reklutaġġ u x-xogħol tal-Kumitati ta' Selezzjoni tal-20 ta' Marzu 2012, billi tassigura li l-kriterji tal-mistoqsijiet u l-valutazzjoni jkunu fissi qabel il-bidu tal-eżamijiet u l-intervisti. Biex ikunu kkonsidrati l-kummenti tal-awditur, l-Aġenzija qablet li tirrevedi l-proċedura attwali. L-Aġenzija kkunsidrat li l-anonimità tal-eżamijiet mhix kruċjali għall-oġġettività kollha tal-proċedura ta' selezzjoni. Il-kriterji tal-marki biex ikunu valutati l-eżamijiet huma stabbiliti mill-penil ta' selezzjoni minn qabel biex ikun assigurat punteġġ oġġettiv tal-eżamijiet bil-miktub. Barra minn hekk, ċerti eżemijiet ma jistgħux ikunu organizzati anonimament, minħabba li l-kandidati jew jintalbu jippreżentaw l-esperjenza tagħhom fit-tweġiba jew inkella jintalbu jippreparaw preżentazzjoni biex jagħmluha quddiem il-penil ta' selezzjoni fil-bidu tal-intervista.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju

(2013/C 365/02)

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju", li jinsab f'Riġa, ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali tal-Uffiċċju huwa li jipprovdi servizzi ta' appoġġ professjonali u amministrattivi lill-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u, taħt il-gwida tal-Bord tar-Regolaturi, jiġbor u janalizza tagħrif dwar komunikazzjonijiet elettroniċi u jxerred fost l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali l-aħjar prattiki regolatorji bħal approċċi komuni, metodoloġija jew linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Uffiċċju. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovdata mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Il-Maniġer Amministrattiv japprova l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Uffiċċju fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Uffiċċju. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6. L-awditu jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adotatti mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti u għandhom jitqiesu fid-dawl tal-fatt li l-2012 kienet l-ewwel sena ta' ħidma tal-Uffiċċju u li l-istabbiliment tal-proċeduri kollha tiegħu għadu għadde.

KUMMENTI DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET

11. Is-sistema kontabilistika tal-Uffiċċju kienet għadha ma ġietx invalidata mill-Uffiċċjal tal-Kontabbiltà.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

12. Approprjazzjonijiet impenjati riportati li jammontaw għal EUR 61 500 (10 % tal-approprjazzjonijiet impenjati totali riportati) ma kkorrispondewx ma' impenji legali u għalhekk kienu irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

13. L-Uffiċċju kien għadu ma implimentax l-Istandards tal-Kontroll Intern dwar "Obbjettivi u indikaturi tal-prestazzjoni" (ICS 5), "Proċessi u proċeduri" (ICS 8), "Ġestjoni dokumentarja" (ICS 11) u "Informazzjoni u Komunikazzjoni" (ICS 12).

14. Ma hemm ebda proċedura relatata mar-reġistrazzjoni u mad-disponiment ta' assi fissi u ebda inventarju fiżiku ma ġew mwettaq.

15. Il-proċeduri li jikkonċernaw l-istabbiliment, l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' eċċezzjonijiet u devjazzjonijiet minn politiki u proċeduri ma ġewx implimentati.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

16. Madwar EUR 101 000, 45 % tal-approprjazzjonijiet impenjati riportati mill-2011, ġew ikkanċellati. Approprjazzjonijiet għall-2012 ta' EUR 545 000, 17 % tal-approprjazzjonijiet totali 2012, ma ntużawx u kellhom jiġu kkanċellati wkoll. Il-livell ta' riporti ta' approprjazzjonijiet impenjati għall-2013 kien għoli fl-livell ta' EUR 611 000 jew 19 % tat-total. Dan jindika diffikultajiet fl-ippjanar u/jew fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Uffiċċju. Ir-riporti tal-2012 kienu fil-biċċa l-kbira relatati ma' reklutaġġi mdewma u mal-assenza ta' politika effettiva biex tiżgura l-preżentazzjoni u r-rimborż fwaqthom ta' spejjeż ta' missjonijiet ikklejmjati minn esperti.

17. Hemm lok konsiderevoli għal titjib fit-tħejija, fl-eżekuzzjoni u fid-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist. Pereżempju, il-proċeduri ta' għoti ma tawx attenzjoni suffiċjenti lill-proporzjon tal-prezz meta mqabbel mal-kwalità u kriterji ġenerali tal-għoti ma kinux ġew maqsuma f-subkriterji biex jippermettu evalwazzjoni ċara u kumparabbli tal-offerti.

KUMMENTI OĦRA

18. Il-proċeduri ta' reklutaġġ eżaminati wrew nuqqasijiet sinifikanti li jaffettwaw it-trasparenza: il-mistoqsijiet għal testijiet bil-miktub u għal intervisti ġew stabbiliti wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; ebda punteġġ limitu ma ġie stabbilit għall-ammissjoni għal testijiet bil-miktub u għal intervisti u għall-inklużjoni fil-lista tal-kandidati adatti; nomini u bidliet fil-kompożizzjoni tal-bord tal-għażla ma ġewx approvati mill-Awtorità tal-Ħatra.

19. Il-biċċa l-kbira tal-persunal tal-Uffiċċju għandhom funzjoni amministrattiva jew ta' appoġġ u ma jivvjaġġawx, iżda kollha ġew provduti b'mowbajl b'limitu ta' bejn wieħed u ieħor EUR 50 fix-xahar. Ma hemm ebda kontrolli biex jiġi mmonitorjat l-użu privat.

20. L-Uffiċċju ma għandux politika tat-teżor. Fi tmiem l-2012, il-flus kontanti kollha (EUR 1,6 miljun) kienu miżmuma f'bank wieħed (klassifikazzjoni BBB ⁽⁸⁾).

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

21. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽⁸⁾ Skont nota mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni datata 27.10.2008, il-klassifikazzjoni minima għat-terminu qasir għandha tkun A-1.

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-baġit 2011 tal-Uffiċċju adottat mill-Kumitat ta' Tmexxija żvela approprjazzjonijiet skont it-Titoli u l-Kapitoli biss u ma kienx suddiviż f'artikoli u partiti. Din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-Qorti identifikat 21 każ b'valur totali ta' EUR 94 120 fejn approprjazzjonijiet riportati għall-2012 ma kinux jikkorrispondu ma' impenji legali. Għalhekk dawn ir-riporti kienu irregolari. | Għadha għaddejja |
| 2011 | L-Uffiċċju kien għadu ma adottax u ma implimentax l-istandards kollha tal-kontroll intern. B'mod partikolari, ma kien ġie introdott l-ebda reġistru ċentrali ta' fatturi u l-ebda reġistru ta' eċċezzjonijiet. | Ikkompletata (reġistru ta' fatturi) Għadha għaddejja (reġistru ta' eċċezzjonijiet) |
| 2011 | L-Uffiċċju jeħtieġ itejjeb it-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ. Il-mistoqsijiet għat-testijiet orali u dawk bil-miktub ma kinux stabbiliti qabel ma l-applikazzjonijiet ġew eżaminati mill-bord tal-għażla, ma kien hemm l-ebda deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ħatra għall-ħatra tal-bord tal-għażla u l-grad tal-membri tal-bord tal-għażla ma kienx indikat. | Għadha għaddejja |

ANNEX II

Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riga)
Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p><i>(L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</i></p> | <p>Approssimazzjoni ta' liġijiet fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Uffiċċju</p> <p><i>(Ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</i></p> | <p>Is-setgħat tal-Uffiċċju huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 1211/2009. L-Uffiċċju msemmi fl-Artikolu 6 għandu jipprovdi servizzi ta' appoġġ amministrattivi u professjonali lill-BEREC.</p> <p>Huwa għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt il-gwida tal-Bord tar-Regolaturi.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>L-Uffiċċju huwa magħmul minn:</p> <p>(a) Kumitat ta' Tmexxija,</p> <p>(b) Maniġer Amministrattiv,</p> <p>li jaqsmu bejniethom ir-responsabbiltajiet amministrattivi u finanzjarji kollha, inklużi r-responsabbiltajiet għall-persunal.</p> <p>Madankollu, il-Kumitat ta' Tmexxija biss huwa responsabbli għall-ħatra tal-persunal (l-Artikolu 7(4)).</p> <p>Il-gwida dwar is-servizzi u l-prodotti li għandhom jiġu pprovduti mill-Uffiċċju tingħata mill-Bord tar-Regolaturi, kif speċifikat fi "Prodotti u servizzi fl-2012".</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2012</p> | <p>Baġit Finali: EUR 3,1 miljun (baġit emendat 1/2012)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012: 22</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012</p> | <p>Taħt il-gwida tal-Bord tar-Regolaturi, l-Uffiċċju pprovda s-servizzi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Servizzi ta' appoġġ professjonali u amministrattivi lill-BEREC. — Ġbir ta' tagħrif mill-NRAs u twestiq ta' skambju u trasmissjoni ta' informazzjoni. — Tixrid tal-aħjar prattiki regolatorji fost l-NRAs ġewwa l-UE u lil partijiet terzi. — Assistenza liċ-Chairperson fit-tħejja tal-ħidma tal-Bord tar-Regolaturi u l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Uffiċċju. — Appoġġ lill-Gruppi ta' Ħidma tal-Esperti stabbiliti mill-Bord tar-Regolaturi. |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà li għadu kemm inħatar (Diċembru 2012) għamel suġġerimenti lill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni dwar passi meħtieġa, maħsuba għal implimentazzjoni sħiħa sal-aħħar ta' Lulju 2013, li jipprekondizzjonaw il-validazzjoni tas-sistemi ta' kontabbiltà.
12. Biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-impjenji li jiġu riportati b'mod irregolari, l-Uffiċċju BEREC impenja ruħu fi żvilupp ta' Manwal Finanzjarju. Dan il-manwal, (attwalment, Ġunju 2013, jinsab fil-fażi ta' finalizzazzjoni) ser jindirizza, f'Kapitolu ddedikat relatat mal-Impjenji Baġitarji: id-Definizzjoni, il-Kondizzjonijiet, il-proċedura ta' Segwitu u l-Fluss ta' Ħidma korrispondenti fi ħdan l-organizzazzjoni li ser jiġu implimentati għall-eżerċizzju ta' Riport li għandu jitwettaq fl-aħħar tas-sena.
13. L-Istandards ta' Kontroll kollha issa qed jiġu riveduti b'segwitu tar-Reviżjoni Limitata tal-IAS minn Marzu 2013. Mill-aħħar ta' Ġunju 2013 l-Uffiċċju BEREC ser jagħti tweġiba komprensiva u jissuġġerixxi skeda realistika għal azzjonijiet futuri.
14. Il-Manwal Finanzjarju tal-Uffiċċju BEREC (attwalment, Ġunju 2013, jinsab fil-fażi ta' finalizzazzjoni) ser jindirizza, f'Kapitolu ddedikat relatat mal-Assi, il-proċeduri relatati mal-Ġestjoni tal-Inventarju. L-Uffiċċju BEREC ser iwettaq inventarju sħiħ b'segwitu tal-akkwist ta' tagħmir meħtieġ fit-Tielet Kwart tal-2013.
15. Fit-18 ta' Ġunju 2012 għet adottata Istruzzjoni Amministrattiva Interna sabiex jiġu applikati l-prinċipji tal-ICS 8. Attwalment il-politika dwar "għwida kumplimentari" skont il-linji għwida fis-seħħ għall-KE (l-hekk imsejjaħ "Rapportar ta' Eċċezzjoni", [SEC(2007)1341] qed tiġi finalizzata u adottata mill-Maniġer Amministrattiv bħala Istruzzjoni Amministrattiva Interna mill-11 ta' Ġunju 2013.
16. Attwalment (f'Ġunju 2013) il-persunal allokat għall-ġestjoni tal-baġit qed jiġi evalwat, kif ukoll l-introduzzjoni ta' għodda ta' ġestjoni biex l-implimentazzjoni u l-ippjanar tal-baġit jiġu sorveljati aħjar, u dan ser ikollu impatt fuq it-tweġiq fl-2014. Barra minn hekk, l-Uffiċċju BEREC ser jieħu l-miżuri korrettivi li għejjin biex jiżgura livell xieraq ta' riport fil-futur: ir-reviżjoni tal-politika dwar ir-rimborż tal-esperti li jattendu laqgħat, li għandu l-ikbar impatt fuq l-ammonti riportati f'dan il-punt, biex jiġi żgurat li l-għbir ta' dokumenti ta' sostenn isir fi skadenza aktar stretta u rispettata.
17. Sabiex tiġi implimentata b'mod korrett il-proċedura attwali ta' akkwist mill-membri tat-timijiet kollha involuti ser jiġi organizzat taħriġ adattat dwar l-akkwist minn Settembru 2013. Qed jittieħdu passi konkreti biex il-proċeduri jiġu dokumentati f'Kapitolu ddedikat tal-Manwal Finanzjarju (attwalment, Ġunju 2013, jinsab fil-fażi ta' finalizzazzjoni).
18. Mill-2013, meta jkun hemm persunal adatt fl-Unità Amministrazzjoni u Finanzi, il-konsistenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ tiġi żgurata mit-tim tal-HR fl-Uffiċċju permezz ta' politiki u linji għwida. Linja għwida ġdida dwar ir-reklutaġġ li tinkludi passi u responsabbiltajiet għet żviluppata f'Mejju 2013 u implimentata għall-proċeduri ta' reklutaġġ fl-2013. Qed jiġu riveduti d-dikjarazzjonijiet dwar Konflitt ta' Interess u mill-2013, il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u l-intervisti u l-punteġġi ta' limiti huma stabbiliti qabel l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet.
19. Tħejjiet politika komprensiva li ser tiġi adottata f'Ġunju 2013. Il-politika ser tirregola: il-prinċipji ta' użu professjonali esklussiv; il-prinċipji ta' monitoraġġ tal-użu mobbli u l-prevenzjoni tal-abbuż; il-miżuri ta' sigurtà. Il-politika sser tirregola wkoll li l-għoti tat-telefowns ċellulari ser jiġi deċiż skont sitwazzjoni ta' każ b'każ mill-maniġer tal-linja responsabbli.
20. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà li għadu kemm inħatar ħa passi biex jiġi żgurat li sal-aħħar ta' Awwissu 2013 ikun hemm fis-seħħ kuntratt ieħor ma' fornitur tas-servizz bankarju b'livell ogħla ta' gradazzjoni.
21. L-ebda kumment.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2013/C 365/03)

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea) (minn hawn 'il quddiem "iċ-Ċentru", magħruf ukoll bħala s-"CDT"), li jinsab fil-Lussemburgu, inħoloq bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94⁽¹⁾. Il-kompitu taċ-Ċentru huwa li jipprovdi lil kwalunkwe istituzzjoni u korp tal-Unjoni Ewropea li jitolbu s-servizzi tiegħu bis-servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-attivitajiet tagħhom⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll taċ-Ċentru. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali taċ-Ċentru, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejgħ u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejgħ u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-thejgħ ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur tapprova l-kontijiet annwali taċ-Ċentru wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejgiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja taċ-Ċentru fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprova bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-risultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI OĦRA

11. Fi tmiem l-2012, iċ-Ċentru kellu depożiti fi flus kontanti u depożiti għal terminu qasir li kienu jammontaw għal EUR 35 miljun (bilanċ pożittiv tal-baġit u riżervi li kienu jammontaw għal EUR 30,9 miljun). Iċ-Ċentru ma jistax jaġġusta l-prezzijiet matul is-sena sabiex jibbilanċja d-dħul u l-infiq għalkemm xi kultant huwa rrimborża lill-klijenti tiegħu sabiex inaqqas il-bilanċ pożittiv.

12. Ir-Regolament Fundatur ta' 20 aġenzija regolatorja awditjati mill-Qorti fl-2012 jeħtieġ li dawn jużaw iċ-Ċentru għall-ħtiġijiet tat-traduzzjoni kollha tagħhom (ir-Regolament Fundatur taċ-Ċentru jistipula l-istess ħaġa għal erba' aġenziji oħra). Aġenziji oħra mhumiex obbligati jużaw iċ-Ċentru. Għal dokumenti li mhumiex tekniċi l-aġenziji jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom billi jużaw servizzi lokali. Fl-opinjoni tal-Qorti l-leġislatur għandu jqis li jippermetti lill-aġenziji kollha jagħmlu dan.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Il-baġit 2011 taċ-Ċentru ammonta għal EUR 51,3 miljun ⁽¹⁾ meta mqabbel ma' EUR 55,9 miljun għas-sena preċedenti. Ir-risultat tal-baġit 2011 naqas għal EUR 1,2 miljun fl-2011 meta mqabbel ma' EUR 8,3 miljun fl-2010. Dan jirriżulta l-aktar minn tnaqqis ta' 15 % fid-dħul, li jirrifletti l-politika l-għdida tal-ipprezzar taċ-Ċentru li timmira li tallinja l-prezzijiet tal-prodotti mal-ispejjeż tagħhom. | M/A |
| 2011 | B'kontinwazzjoni tax-xejra mis-sena ta' qabel, il-bilanċ pożittiv tal-baġit akkumulat naqas minn EUR 9,2 miljun fl-2010 għal EUR 3,0 miljun fl-2011. Dan it-tnaqqis huwa l-effett nett tal-bilanċ pożittiv tal-baġit 2011 u l-allokazzjonijiet għal riżervi għall-istabbiltà tal-ipprezzar u għal investimenti eċċezzjonali. | M/A |

(¹) Il-baġit emendat (ĠU C 375, 22.12.2011, pp. 5-7); inklużi trasferimenti fil-baġit.

ANNEX II

Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu)

Kompetenzi u Attivitàjiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> | <p>Ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri adottaw dikjarazzjoni permezz ta' ftehim reċiproku, dwar il-ħolqien, taħt l-awspiċi tad-dipartimenti tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu, ta' Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni, li jkun jipprovdi s-servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-ħidma tal-korpi u tas-servizzi li s-sede tagħhom kien stabbilit bid-Deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1993.</p> |
| <p>Kompetenzi taċ-Ċentru</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Li jipprovdi s-servizzi neċessarji tat-traduzzjoni għall-operazzjoni tal-korpi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent; — il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ; — iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga; — l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini; — l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol; — l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinj); — l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Unità Drogi tal-Europol. <p>Il-korpi mwaqqfa mill-Kunsill, barra dawk imsemmija hawn fuq jistgħu jużaw is-servizzi taċ-Ċentru. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea li diġà għandhom is-Servizzi ta' Traduzzjoni proprji tagħhom jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jitolbu għas-servizzi taċ-Ċentru fuq bażi volontarja.</p> <p>Iċ-Ċentru jieħu sehem bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — li jagħmel arranġamenti għall-koperazzjoni mal-korpi u l-istituzzjonijiet; — li jipparteċipa fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tal-Maniġment</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru; — żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni; — rappreżentant wieħed minn kull korp jew istituzzjoni li titlob għas-servizzi taċ-Ċentru. <p><i>Kompiti</i></p> <p>Li jadotta l-baġit annwali u l-programm tax-xogħol (programm ta' ħidma), it-tabella tal-persunal u r-rapporti annwali taċ-Ċentru.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Maniġment fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| Riżorsi disponibbli Ġhaċ-Ċentru fl-2012 (2011) | <p>Baġit Finali:</p> <p>EUR 48,293 (51,299) miljun</p> <p>Persunal:</p> <p>225 (225) previsti fit-tabella tal-persunal, li minnhom 199 (205) kienu okkupati. + 17 (14)-il persunal kuntrattwali</p> <p>Total tal-persunal: 216 (219), assenjati għall-kompiti li ġejjin:</p> <p>operazzjonali: 114 (107)</p> <p>amministrattivi: 102 (112)</p> |
| Prodotti u servizzi fl-2012 (2011) | <p>Għadd ta' paġni tradotti:</p> <p>735 007 (712 813)</p> <p>Għadd ta' paġni skont il-lingwa:</p> <p>— lingwi uffiċjali: 722 505 (704 613)</p> <p>— lingwi oħrajn: 12 502 (8 200)</p> <p>Għadd ta' paġni għal kull kljent:</p> <p>— korpi: 707 888 (676 925)</p> <p>— istituzzjonijiet: 27 119 (3 888)</p> <p>Għadd ta' paġni tradotti minn ħaddiema freelance:</p> <p>480 695 (436 445)</p> |

Sors: informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. Il-bilanċ pożittiv kumulattiv li jista' jiġi rimborsat lill-klijenti jammonta għal EUR 3,9 miljuni, bil-parti li tibqa' tal-bilanċ pożittiv tiġi mblokkata bil-fond ta' riżerva statutorju u fondi ta' riżerva oħra maħluqa miċ-Ċentru għal finijiet speċifiċi. Fil-perjodu fit-tul, abbażi tal-politika tal-prezzijiet taċ-Ċentru, iċ-Ċentru għandu jibbilanċja l-ispejjeż tiegħu mad-dħul tiegħu. Il-prezzijiet tal-prodotti taċ-Ċentru jiġu stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija għal sena u, għaldaqstant, il-bilanċ pożittiv ta' EUR 3,9 miljuni ser ikun rifless fil-modifika tal-prezzijiet għall-2014 sabiex jiġi żgurat ekwilibriju fit-tul.

12. Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti. Madankollu, iċ-Ċentru jisħaq li l-opinjoni tal-Qorti tiddevja mill-qafas stabbilit mil-leġiżlatur fir-Regolament Bażiku tal-aġenziji.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2013/C 365/04)

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (minn hawn 'il quddiem "iċ-Ċentru", magħruf ukoll bħala s-"Cedefop"), li jinsab f'Tessalonika, ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ⁽¹⁾. Il-mandat prinċipali tiegħu huwa li jservi l-iżvilupp tat-taħriġ vokazzjonali fil-livell tal-Unjoni. Sabiex jilħaq dan l-objettiv, huwa għandu l-kompitu li jiġbor u li jxerred dokumentazzjoni dwar is-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll taċ-Ċentru. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali taċ-Ċentru, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali taċ-Ċentru wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja taċ-Ċentru fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽¹⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-għudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-ewalwazzjoni tal-adekwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Iċ-Ċentru jagħti għotjiet fuq bażi annwali lil netwerk ta' sħab nazzjonali⁽⁸⁾ (il-firxa tal-għotjiet għal kull ftehim hija bejn

EUR 23 615 u EUR 43 620). In-nefqa għall-għotjiet (li hija prinċipalment relatata mal-ispejjeż għall-persunal tal-benefiċjarji) fl-2012 ammontat għal EUR 695 337⁽⁹⁾, jew 4 % tan-nefqa operazzjonali totali. Il-verifikazzjonijiet *ex ante* tal-għotjiet taċ-Ċentru jikkonsistu f'analiżi komprensiva tad-dokumenti tal-klejms għall-ispejjeż ippreżentati mill-benefiċjarji tal-għotjiet, kif ukoll eżaminar taċ-ċertifikati miksuba minn awdituri esterni li kienu kkuntrattati mill-benefiċjarji jew taċ-ċertifikati minn uffiċjali pubbliċi indipendenti. Madankollu, iċ-Ċentru normalment ma jivverifikax l-ispejjeż għall-persunal ikklejmjati mill-benefiċjarji abbażi ta' dokumentazzjoni oriġinali ta' sostenn. L-aħħar li ttwettaq verifikazzjonijiet *ex post* relatati kien fl-2009. B'riżultat ta' dan, il-verifikazzjonijiet *ex ante* jipprovdubiss aċċertament limitat.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

12. Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit kienu għoljin flivell ta' 100 % għat-Titoli I u III u 98 % għat-Titolu II. Filwaqt li l-ammonti riportati tal-appropriazzjonijiet impenjati kienu għoljin għat-Titolu II flivell ta' 39 % (EUR 673 392), dan irriżulta prinċipalment minn raġunijiet barra mill-kontroll taċ-Ċentru, bħal dewmien f'xogħlijiet ta' tiswija mwettqa mill-awtoritajiet Griegi fil-bini taċ-Ċentru. Dawn waslu għal posponiment tal-manutenzjoni, it-tiswija u l-armar relatati tal-bini (madwar EUR 124 000), kif ukoll dewmien fl-akkwist ta' tagħmir għas-swali tal-konferenzi taċ-Ċentru (madwar EUR 242 000). Parti mill-ammonti riportati tista' tiġi attribwita għal dewmien fl-akkwist ta' tagħmir tal-IT (madwar EUR 172 000).

KUMMENTI OĦRA

13. Żewġ proċeduri ta' reklutaġġ għall-post tad-Direttur futur taċ-Ċentru kienu ġew varati fl-2010 u fl-2011 u kien iddikjarat li t-tnejn li huma ma kellhomx suċċess⁽¹⁰⁾. Fi tmiem l-2012 ġiet varata t-tielet proċedura ta' reklutaġġ u din għadha għaddejja. Il-Qorti sabet li fl-ewwel żewġ proċeduri ta' reklutaġġ il-membri tal-Kumitat ta' Preselezzjoni ma ffirmawx dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess u li l-mistoqsijiet għall-intervisti u l-ponderazzjoni tagħhom, kif ukoll il-punteġġi minimi għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati xierqa ġew stabbiliti wara l-iskrinjar tal-kandidati.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttehdhu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Annex I*.

⁽⁹⁾ Dawn irriżultaw minn pagamenti finali u approvazzjonijiet ta' prefinanzjamenti relatati ma' ftehimiet ta' għotjiet mis-snin preċedenti. Għall-ftehimiet ta' għotjiet għall-2012, kienu saru biss prefinanzjamenti fl-2012 li kienu għadhom ma wasslux għal infiq.

⁽¹⁰⁾ Fl-ewwel proċedura ta' reklutaġġ, ebda wieħed mill-kandidati li tqiegħed fuq il-lista mqassra mill-Bord Governattiv taċ-Ċentru ma nħatar mill-Kummissjoni Ewropea. Fit-tieni proċedura ta' reklutaġġ, il-Kumitat ta' Preselezzjoni qies li ebda wieħed mill-kandidati proposti ma ssodisfa r-rekwiżiti biex ikun fuq il-lista mqassra u ma ppreżentax lista ta' kandidati xierqa lill-Bord Governattiv.

⁽⁸⁾ Prinċipalment aġenziji nazzjonali u istituti ta' riċerka.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri
Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-livell eċċessiv ta' ammonti riportati għat-Titolu II jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Sar għadd sinifikanti ta' trasferimenti baġitarji li kienu kkonċentrati l-aktar fi tmiem is-sena ⁽¹⁾ . Il-ġustifikazzjoni għal dawn it-trasferimenti baġitarji kienet insuffiċjenti, peress li ma saret l-ebda stima tal-ħtiġijiet. Din is-sitwazzjoni tindika dgħufijiet fl-ippjanar u l-programmazzjoni tal-baġit u tmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni. | Għadha għaddejja (Ikkompletata fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tat-trasferimenti) |
| 2011 | Kull sena, il-finanzjament miċ-Ċentru ta' għotjiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) ⁽²⁾ jammonta għal madwar EUR 1 miljun ⁽³⁾ . Kien hemm dewmien sinifikanti fl-għeluq ta' għotjiet għas-sena 2010, għax il-benefiċjarji ppreżentaw ir-rapporti finali tagħhom dwar l-attivitajiet tard. Iċ-Ċentru stess ittardja fil-verifikazzjoni ta' dawn ir-rapporti u fl-ipproċessar tal-pagamenti finali ⁽⁴⁾ . | Ikkompletata |

⁽¹⁾ B'kolloxx, saru 77 trasferiment baġitarju, li jammontaw għal total ta' EUR 1,5 miljun, li minnhom 67 trasferiment (EUR 1,3 miljun) saru f'Novembru u f'Diċembru 2011.

⁽²⁾ Iċ-Ċentru jagħti għotjiet lil netwerk Ewropew ta' referenza u ħila esperta ('ReferNet'), biex tingħata informazzjoni dwar is-sistemi u l-politiki nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Istati Membri, fin-Norveġja u fl-Islanda.

⁽³⁾ 2011 u 2010: EUR 0,9 miljun.

⁽⁴⁾ Bħala medja, il-pagamenti finali ttardjaw b'madwar 50 jum.

ANNEX II

Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Tessalonika)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 166(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <p>L-Unjoni għandha timplimenta politika ta' formazzjoni vokazzjonali, li għandha tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tal-formazzjoni vokazzjonali.</p> |
| <p>Kompetenzi tas-Cedefop</p> <p>(L-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala ċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, is-Cedefop jipprovdi lil min ifassal il-politika, lir-riċerkaturi u lill-professjonisti b'evidenza dwar xejriet attwali biex ikunu jistgħu jilhqqu deċiżjonijiet u azzjonijiet b'bażi soda. Is-Cedefop jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni u fl-iżvilupp ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fil-livell tal-Unjoni.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jiġbor dokumentazzjoni magħżula u jipproduċi analiżi tad-<i>data</i>, — li jagħti sehem fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' riċerka, — li jutilizza u jxerred informazzjoni rilevanti, — li jħeġġeġ u jappoġġa ħidma koordinata għal kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' taħriġ vokazzjonali, — li jipprovdi forum għal pubbliku wiesa' u divers. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Governattiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Għal kull Stat Membru:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) Membru wieħed li jirrappreżenta l-Gvern. (b) Membru wieħed li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem. (c) Membru wieħed li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet tal-impjegati. <p>Għall-Kummissjoni Ewropea: tliet membri.</p> <p>Il-membri msemmija f(a), (b) u (c) jinħatru mill-Kunsill. Il-Kummissjoni taħtar il-membri li għandhom jirrappreżentawha.</p> <p>Koordinaturi mill-Organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u mill-Organizzazzjonijiet tal-impjegati fil-livell Ewropew u osservaturi mill-pajjiżi taż-ŻEE wkoll jattendu għal-laqgħat tal-Bord Governattiv u tal-Bureau.</p> <p><i>Doveri</i></p> <p>Li jadotta l-baġit, il-prijoritajiet fuq perjodu medju (l-ippjanar pluriennali tas-Cedefop), il-programm ta' xogħol u li jivvaluta u janalizza r-rapport annwali tal-attività u l-kontijiet annwali. Li jadotta l-baġit finali u l-pjan ta' stabbiliment (it-tabella tal-persunal).</p> <p>Bureau</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Il-president u t-tliet viċi presidenti tal-Bord Governattiv, koordinatur wieħed għal kull grupp u rappreżentant addizzjonali tal-Kummissjoni.</p> |

| | |
|--|--|
| | <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni minn lista' ta' kandidati mogħtija mill-Bord Governattiv; huwa responsabbli għall-ġestjoni tas-Cedefop u jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord Governattiv u tal-Bureau.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit finali</p> <p>EUR 19,22 (18,83) miljun</p> <p>Kontribuzzjoni tal-Unjoni ⁽¹⁾: 97,6 % (97,5 %)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal: 101 (101)</p> <p>Postijiet okkupati: 98 ⁽²⁾ (97)</p> <p>Persunal ieħor:</p> <ul style="list-style-type: none"> — persunal kuntrattwali: 23 ⁽³⁾ (25) — esperti nazzjonali sekondati: 3 (3) <p>Total tal-persunal: 124 (125)</p> <ul style="list-style-type: none"> — persunal operazzjonali: 90 (90) — persunal amministrattiv: 34 (35) |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Analiżi tal-politika u rappurtar</p> <p>Ir-rapport tas-Cedefop <i>Trends in VET policy in Europe 2010-12: Progress towards the Bruges Communiqué</i> (Xejriet fil-politika tal-ETV fl-Ewropa 2010-12: Progress lejn il-Communiqué ta' Bruges) ġie ppubblikat u ppreżentat lid-Diretturi Ġenerali tat-Taħriġ Vokazzjonali (DĠTV) f'Ċipru. Is-Cedefop ipprova informazzjoni aġġornata dwar is-sistemi tal-ETV, flimkien ma' aħbarijiet dwar inizjattivi u żviluppi tal-politiki fl-Istati Membri. 'Statistika tax-xahar' diversa b'data madwar l-Ewropa ffukat fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi. Biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-Kummissjoni Ewropea għal analiżi tal-iżviluppi fl-ETV ibbażati fuq il-pajjiż għas-semesteru Ewropew', is-Cedefop reġa' ffoka l-ħidma tiegħu u introduċa Spotlajts fuq l-ETV għall-pajjiżi kollha. Għall-laqgħat tad-DĠTV taħt il-Presidenza Daniża u dik Ċiprijotta huwa ħejja deskrizzjoni qasira tal-iżviluppi fl-ETV-kooperazzjoni man-negozju u nota ta' informazzjoni dwar <i>Permeable education and training systems: reducing barriers and increasing opportunity</i> (Sistemi permeabbli ta' edukazzjoni u taħriġ: it-tnaqqis ta' ostakoli u ż-żieda ta' opportunitajiet).</p> <p>Għodod komuni Ewropej, kwalifiki u eżiti tat-tagħlim</p> <p>Is-Cedefop ikkordina l-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK (Qafas Ewropew tal-Kwalifiki) b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea u (kko)abbozza 23 dokument ta' sfond li pprowdew informazzjoni għad-dibattiti dwar il-politika. In-nota ta' informazzjoni <i>Qualifications frameworks in Europe: an instrument for transparency and change</i> (Qafas tal-kwalifiki fl-Ewropa: strument għat-trasparenza u l-bidla) maħruġa għal-laqgħa tad-DĠTV f'Ċipru tat-sommarju tar-riżultati tar-raba' rapport annwali tas-Cedefop dwar l-iżviluppi fl-NQF. Is-Cedefop analizza wkoll ir-rapporti minn 10 pajjiżi fejn fissru kif huma jorbtu l-kwalifiki nazzjonali tagħhom mal-QEK. Ir-riżultati tat-tielet rapport ta' monitoraġġ tal-ECVET ġew ippreżentati fil-laqgħa tad-DĠTV f'Ċipru. L-appoġġ għall-EQAVET kompli. Il-websajt Europass – ġestita mis-Cedefop – qed tintuża aktar u aktar miż-zgħażaġh tal-Ewropa. Minn meta ġiet varata sa issa, ġew</p> |

irreġistrati madwar 60 miljun żjara (2012: 14,8 miljun (2011) 12,9 miljun) u l-utenti ġġeneraw 25 miljun CV onlajn (2012: 8,3 miljun; 2011: 5,8 miljun). L-istudju *Curriculum reform in Europe: the impact of learning outcomes (ir-riforma tal-kurrikulu fl-Ewropa: l-impatt tal-eżiti tat-tagħlim)* ġie ppubblikat u diskuss f'sessjoni ta' ħidma internazzjonali. Fl-2011/12, is-Cedefop ikkoordina 215-il żjara ta' studju għal 2 448 speċjalista minn 33 pajjiż. L-istudji ta' impatt jissottolinjaw rata għolja ta' sodisfazzjon (96 %).

Tagħlim tal-adulti u tranżizzjonijiet

L-istudju *Adult learning in the workplace: skill development to promote innovation in enterprises (Tagħlim tal-adulti fuq il-post tax-xogħol: żvilupp ta' ħilet għall-promozzjoni ta' innovazzjoni f'intrapriżi)* inħareġ għal sessjoni ta' ħidma dwar din il-kwistjoni. Biex jikkontribwixxi għas-sena Ewropea għat-tixjiħ attiv, is-Cedefop organizza sessjoni ta' ħidma dwar is-sostenn tal-impjegabbiltà permezz tat-tagħlim fi ħdan il-konferenza tad-DĠ Edukazzjoni u Kultura 'One Step Up in later life' (Pass 'il Fuq aktar tard fil-ħajja). Huwa ħareġ ukoll il-pubblikazzjoni tiegħu *Working and ageing – the benefits of investing in an ageing workforce (Xogħol u tixjiħ – il-benefiċċju ta' investment fforza tax-xogħol li qed tixjiħ)*. Tliet pubblikazzjonijiet ffukaw fuq l-iffinanzjar u inċentivi oħra għas-CVET. Biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, is-Cedefop ikkontribwixxa għall-avveniment li sar fuq l-inizjattiva tal-Ġermanja għall-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' bosta pajjiżi bħala parti mill-European alliance for apprenticeship' (Alleanza għall-apprendistat). Il-kontribut silet ukoll mill-evidenza fir-rapport *From education to working life – The labour market outcomes of VET (Mill-edukazzjoni għall-ħajja tax-xogħol – L-eżiti tal-ETV fuq is-suq tax-xogħol)*.

Analiżi tal-ħiliet

Is-Cedefop ippreżenta l-aħħar previżjoni tiegħu dwar id-domanda u l-provvista tal-ħiliet fl-UE għall-2010-2020 fin-nota ta' informazzjoni *Europe's skill challenge – Lagging skill demand increases risks of skill mismatch (L-isfida tal-ħiliet fl-Ewropa – Domanda għall-ħiliet li taqa' lura żżid ir-riskju ta' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet)* u l-pubblikazzjoni *Future skills supply and demand in Europe – Forecast 2012 (Provvista u domanda tal-ħiliet fl-Ewropa fil-ġejjieni – Previżjoni 2012)*. Is-Cedefop ikkontribwixxa għall-Panorama ta' Ħiliet fl-UE u ħareġ żewġ pubblikazzjonijiet dwar ħilet ekoloġiċi. Għar-rapport tal-Kummissjoni dwar *L-Impjeg u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa 2012*, is-Cedefop abozza kapitolu dwar in-nuqqas ta' tlaqqiġ ta' ħilet. Sar dibattitu dwar ir-rapport *Skill mismatch: the role of the enterprise (Nuqqas ta' tlaqqiġ ta' ħilet: ir-rwol tal-intrapriża)* f'sessjoni ta' ħidma. Inħarġet ukoll nota ta' informazzjoni dwar *Preventing skill obsolescence (Prevenzjoni tal-obsolenza tal-ħiliet)*. Għall-inizjattiva tiegħu fil-ħolqien ta' għodda ta' monitoraġġ reġjonali għall-antiċipazzjoni ta' ħilet, is-Cedefop ipprova kompetenza esperta lill-muniċipalità ta' Tessalonika.

Impatt organizzattiv

Indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin juru impatt organizzattiv għoli: kwotazzjonijiet f'169 dokument tal-politka tal-UE u 68 dokument tal-politka internazzjonali, li xi wħud minnhom jgħbdu b'mod sostanzjali mill-ħidma tas-Cedefop; kontributi għal 26 dokumenti tal-politika tal-UE, 158 avveniment tal-Presidenza u oħrajn fil-livell tal-UE; 150 avveniment organizzati mis-Cedefop; 120 pubblikazzjoni; 525 artiklu fil-midja dwar il-ħidma tas-Cedefop irreġistrati (+ 38 %); 636 000 pubblikazzjoni mniżżla mill-internet (+ 33 %); 415-il pubblikazzjoni flitteratura xjentifika; tkabbir sinifikanti fil-midja soċjali (+ 127 % Facebook; + 170 % Twitter). Għall-iffrankar fuq l-ispejjeż, tqiegħdet enfasi fuq vidjokonferenzi u Skype ntuża b'mod esperimentali fi proċeduri ta' reklutaġġ għall-intervisti.

Għal aktar informazzjoni ara www.cedefop.europa.eu (ir-Rapport Annwali u r-Rapport Annwali tal-Attività 2012).

(¹) Nota: il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tinkludi sussidju mill-Unjoni kif ukoll BRS.

(²) Dan jinkludi postijiet li huma effettivament mimlija (92) u offerti għall-impjeg li saru (6) għal postijiet battala (f'konformità mal-approċċ ta' Pjan Multiannwali għall-Politika tal-Persunal).

(³) Dan jinkludi 22 membru tal-persunal kuntrattwali u offerta waħda għall-impjeg li saret.

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

IT-TWEGĪBIET TAĊ-ĊENTRU

11. Iċ-Ċentru jiskrutinizza fit-dettall il-proposti u l-istimi tal-ispejjeż meta jkun qed jivvaluta l-applikazzjonijiet għall-għotja. Fil-proċess ta' verifika, il-kwalità u l-kompletezza tas-servizz jiġu vverifikati fid-dettall.

Biex ikunu indirizzati d-dubji tal-Qorti, minn din is-sena, is-Cedefop ser jintroduċi, flimkien maċ-ċertifikati ta' verifika, verifiki ddettaljati tal-ispejjeż tal-persunal u ħinijiet tax-xogħol għal tliet każi magħżula għall-għarrieda mis-26 sa 29 ħlas ta' għotja.

12. Ittieħdet nota tal-osservazzjoni tar-riporti f'Titolu 2 u ġie kkonfermat l-impenn kontinwu biex jitbaxxew dawn ir-riporti.

13. Iċ-Ċentru nnota li minkejja li jipprovi assidenza lill-kumitat tal-preselezzjoni ma għandux kontroll fuq il-proċedura u d-deċiżjonijiet tal-kumitat tal-preselezzjoni jew tal-Kummissjoni.

L-evidenza wriet li l-membri tal-penil kienu konxji mill-ħtieġa ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess. Madankollu, il-membri tal-kumitat ta' preselezzjoni fil-frattemp iffirmaw dikjarazzjonijiet formali wara s-suġġerimenti tal-Qorti.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Kulleġġ

(2013/C 365/05)

INTRODUZZJONI

1. Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem "il-Kulleġġ", magħruf ukoll bħala s-"CEPOL"), li jinsab fi Bramshill, ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/820/JHA, kif imħassra fl-2005 u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Kulleġġ huwa li jaħdem bħala netwerk u jiġbor flimkien l-istituti nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija fl-Istati Membri biex jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ, ibbażati fuq standards komuni, għal uffiċjali għolja tal-pulizija⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kulleġġ. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovdata mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet

annwali tal-Kulleġġ u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun hejġiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kulleġġ fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ jkunux

⁽¹⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Kulleġġ. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-risultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi addottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. Il-Kulleġġ irriporta għall-2013 approprjazzjonijiet impenjati li jammontaw għal EUR 355 500 għall-Programm ta' Skambju 2013, li huwa skedat li jsir bejn Marzu u Novembru 2013. Fl-assenza ta' kwalunkwe referenza għall-Programm ta' Skambju 2013 fil-Programm ta' Ħidma Annwali 2012

tal-Kulleġġ u fid-dawl tal-fatt li ebda deċiżjoni ta' finanzjament ma kienet saret fuq il-kwistjoni fl-2012, ir-riport huwa irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

12. Mill-appropriazzjonijiet impenjati riportati mill-2011 li jammontaw għal EUR 1,7 miljun, EUR 0,7 miljun (41,2 %) ġew ikkanċellati fl-2012. Dan kien prinċipalment dovut għal spejjeż aktar baxxi milli stimat biex jiġu rimborżati taħt ftehimiet ta' għotja 2011 (EUR 0,44 miljun jew 62 % tar-riporti kkanċellati).

13. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati 2012 għat-titoli differenti varja bejn 90 % u 99 % tal-appropriazzjonijiet totali, li jindika li l-impenji legali ġew magħmula f'waqthom. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2013 kien għoli għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) billi ammonta għal EUR 1,5 miljun (36 %). Iżda dan ma kienx dovut għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali 2012 tal-Kulleġġ, iżda tqajjem prinċipalment mir-riport imsemmi fil-paragrafu 11 u mill-fatt li spejjeż relatati ma' korsijiet li ġew organizzati fl-aħħar xhur tal-2012 taħt il-ftehimiet ta' għotja 2012 ma kellhomx jiġu rimborżati sal-bidu tal-2013 (EUR 1 miljun).

14. Fl-2012, il-Kulleġġ għamel 37 trasferiment baġitarju li ammontaw għal EUR 1 miljun, li minnhom 36 fi ħdan it-titoli rispettivi tagħhom.

15. Il-fatti ppreżentati fil-paragrafi 11, 12 u 14 imorru kontra l-prinċipji baġitarji tal-annwalità u tal-ispeċifikazzjoni.

KUMMENTI OĦRA

16. Diskussjonijiet dwar il-futur tal-Kulleġġ li ilhom għad-nejn għal ħafna snin ħolqu sitwazzjoni ta' inċertezza li qed tkompli tfixkel l-ippjanar u l-implimentazzjoni tan-negozju.

17. Il-Kulleġġ jeħtieġ li jiżgura l-konformità bis-sħiħ mal-"Guide to CEPOL recruitment" (Gwida għar-reklutaġġ tas-CEPOL) u jkompli jtejjeb aktar it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ: l-avviżi ta' postijiet battala ma kinux dejjem ippubblikati mill-anqas 6 ġimgħat qabel l-applikazzjonijiet kellhom jintbagħtu; ma kienx hemm evidenza li l-assessuri ċċekkjaw li r-regoli għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet kienu ġew rispettati; il-kriterji tal-għażla li ġew applikati mhux dejjem qablu ma dawk li kienu ġew speċifikati fl-avviżi ta' postijiet battala; fxi każi kien hemm dewmien serju fl-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

18. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttehdut b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti hija pprovvduta fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri
Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-livell għoli ta' riporti kif ukoll il-livell għoli ta' kanċellazzjonijiet jindikaw nuqqasijiet fl-ippjanar u/jew fl-implimentazzjoni tal-baġit u jmorru kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Pendenti |
| 2011 | Il-livell għoli ta' trasferimenti tal-baġit jindika dgħufijiet fl-ippjanar tal-baġit u jmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni. | Pendenti |
| 2011 | Il-Kulleġġ jinsab fi Bramshill, u juża l-bini tal-Aġenzija Nazzjonali għat-Titjib ta' Ħidmet il-Pulizija (NPIA) tar-Renju Unit. L-NPIA se tagħlaq fi tmiem l-2012 u mhux ier sa meta l-Kulleġġ jista' jibqa' juża l-bini attwali tiegħu. | Pendenti |
| 2011 | Il-Kulleġġ jeħtieġ li jtejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. L-avviżi ta' postijiet battala ma għamlu l-ebda referenza għall-possibbiltà ta' appell; il-ponderazzjonijiet għall-kriterji tal-għażla ma ġewx stipulati qabel l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet u r-rapporti li jagħtu sommarju tal-proċeduri ta' skrinjar u ta' deċiżjonijiet dwar il-listi ta' riżerva mhux dejjem ġew ippreparati. | Għadha għaddeja |

ANNEX II

Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill)**Kompetenzi u attivitajiet**

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 87 TFUE)</p> | <p>Approssimazzjoni ta' liġijiet</p> <p>"1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inkluża l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.</p> <p>2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu miżuri dwar: [...]</p> <p>(b) l-appoġġ għat-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-kooperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kxif tal-kriminalità;" [...]</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Kulleġġ</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Il-mira tal-Kulleġġ għandha tkun li jgħin fit-taħriġ ta' uffiċjali għolja tal-pulizija fl-Istati Membri billi joħroġ l-aħjar mill-kooperazzjoni bejn id-diversi istituti komponenti tal-Kulleġġ. Dan għandu jappoġġa u jiżviluppa approċċ Ewropew għall-problemi prinċipali li qed jaffaċċjaw l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ż-żamma tal-liġi u l-ordni u tas-sigurtà pubblika, b'mod partikolari d-dimensjonijiet trans-konfinali ta' dawk il-problemi.</p> <p>Kompiti</p> <p>— Li jżid l-għarfien tas-sistemi u l-istrutturi nazzjonali tal-pulizija ta' Stati Membri oħra u tal-kooperazzjoni trans-konfinali tal-pulizija fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>— Li jtejjeb l-għarfien tal-istrumenti internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fis-setturi li ġejjin:</p> <p>(a) l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-mod kif jaħdmu u r-rwol tagħhom, kif ukoll il-mekkaniżmi għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti legali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward l-implikazzjonijiet tagħhom għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi;</p> <p>(b) l-objettivi tal-Europol, l-istruttura u l-mod kif taħdem, kif ukoll il-possibiltajiet li titkabbar kemm jista' jkun il-kooperazzjoni bejn l-Europol u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi rilevanti fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;</p> <p>(c) l-objettivi tal-Eurojust, l-istruttura u l-mod kif taħdem.</p> <p>— Li jipprovdi taħriġ xieraq fir-rigward tar-rispett għas-salvagwardji demokratiċi b'referenza partikolari għad-drittijiet ta' difiża.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Delegazzjoni waħda minn kull Stat Membru.</p> <p>Kull delegazzjoni għandu jkollha vot wieħed. Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Europol għandhom jiġu mistiedna jattendu għal-laqgħat bħala osservaturi li ma għandhomx vot.</p> <p>Direttur</p> <p>Imexxi l-Kulleġġ, maħtur u mneħħi mill-Bord ta' Tmexxija.</p> |

| | |
|--|--|
| | <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Kulleġġ fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 8,4 (8,3) miljun</p> <p>Persunal</p> <p>It-Tabella tal-Persunal għall-2012 ipprovdiet għal 28 (26) Persunal Temporanju.</p> <p>Barra minn hekk: kien hemm baġit għal 10 (8) postijiet ta' Persunal Kuntrattwali.</p> <p>L-Istati Membri ssekondaw ukoll total ta': 5 (7) Esperti Nazzjonali matul is-sena.</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Korsijiet, Seminars u Konferenzi</p> <p>Il-Kulleġġ implimenta total ta' 82 (88) attività residenzjali (korsijiet, seminars u konferenzi). Il-valutazzjoni tal-evalwazzjoni tal-attivitajiet turi li s-sodisfazzjon ġenerali għall-attivitajiet tal-Kulleġġ u l-eżiti ta' tagħlim tiegħu baqa' eċċellenti b'93 % (93 %). Is-CEPOL laqqa' flimkien 2 098 (2 043) parteċipant fl-infurzar tal-liġi u 772 (784) ħarrieġ minn 33 (37) pajjiż (Stati Membri tal-UE u Pajjiżi Terzi) u 27 korp tal-UE u internazzjonali. Ir-rata ta' attendenza (attendenza/siġġijiet disponibbli) żdiedet b'mod konsiderevoli u laħqet 96 % (80 %) li turi domanda dejjem tiżdied għat-taħriġ tas-CEPOL. Il-Kulleġġ stess organizza 15 (17)-il attività biex jappoġġa lin-netwerk u neda proċess ta' applikazzjoni relatat mal-Ftehim ta' Għotja għall-2013. L-ebda attività ma ġiet posposta għas-sena kalendarja li jmiss.</p> <p>Relazzjonijiet Esterni</p> <p>Politika esterna: is-CEPOL qed jissokta bil-kooperazzjoni tiegħu li qed tagħti riżultati tajbin ħafna mal-imsieħba strateġiċi, l-aġenziji msieħba u l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż is-SEAE u b'mod ċar ġiet identifikata bħala waħda mill-iktar fornituri ewlenin fit-taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija li jieħdu sehem fil-missjonijiet tal-pulizija fl-UE. Fl-2012, is-CEPOL innegozjat b'suċċess żewġ Ftehimiet mal-Moldova u l-Albanija.</p> <p>Żvilupp tal-Manwali tat-Taħriġ u Kurrikula (Komuni)</p> <p>Fl-2012, il-Manwal għall-Ħarrieġa SIRENE ġie editjat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u distribwit lill-Kumitat tat-Taħriġ SIRENE u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Manwal għall-Ħarrieġa SIRENE ġie użat fil-kuntest ta' attività SIRENE Ħarreġ u Ħarrieġa.</p> <p>Erba' Kurrikula Komuni ġew aġġornati u wieħed ġie kkompletat abbażi ta' Ftehim ta' Għotja: Vjolenza Domestika, Ħasil tal-Flus, Etika tal-Pulizija u Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, Traffikar tal-Bnedmin (aġġornati) u Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet (ikkompletat). Il-Kurrikulu Komuni dwar il-Europol ġie aġġornat mill-Europol bl-appoġġ tas-CEPOL b'konformità mal-MtQ (1/2007/GB, l-Artikolu 4). (0 Kurrikula Komuni, 1 Manwal tat-Taħriġ fl-2011).</p> <p>Riċerka u Xjenza</p> <p>Wara sforzi intensivi ta' preparazzjoni għall-Konferenza Ewropea 2012 dwar ir-Riċerka u x-Xjenza tal-Pulizija organizzata mis-CEPOL, l-avveniment bit-titolu "Police Science in Europe: Project, Progress and Projections" (Ix-Xjenza Polizjeska fl-Ewropa: Il-Proġett, il-Progress u l-Projezzjonijiet) li ġibed l-attenzjoni ta' 120 parteċipant mill-Istati Membri u internazzjonalment, kien meqjus bħala suċċess.</p> |

Ġiet ippubblikata fuq il-websajt ħarġa oħra ġdida tal-"European Science and Research Bulletin" (Il-Bullettin Ewropew tax-Xjenza u r-Riċerka).

Il-librerija elettronika li kull ma tmur qiegħda tikber qed tintuża bħala repożitorju tal-għarfien għall-utenti rreġistrati tal-e-Net fuq bażi regolari.

Programm Ewropew ta' Skambju tal-Pulizija

Il-Programm Ewropew ta' Skambju tal-Pulizija 2012 organizzat mis-CEPOL inkluda l-elementi li ġejjin:

- taħriġ tal-Uffiċjali Għolja tal-Pulizija u tal-Persunal;
- kmandanti;
- żjarat ta' studju lill-Europol, Frontex, EMCDDA u OLAF;
- żjara konġunta ta' studju lill-Europol u lill-Eurojust għall-PEV tal-Lvant, għat-Turkija u għal pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Il-programm inkluda suġġetti li nibtu mill-prijoritajiet tal-Programm ta' Stokkolma, miċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE kif ukoll minn talbiet mill-Istati Membri. Iż-żjarat ta' skambju huma magħmula fuq bażi bilaterali, idumu massimu ta' 12-il jum kalendarju u minimu ta' 5 jiem ta' xogħol. Ġew organizzati żjarat ta' studju għal 3-5 jjiem lill-organizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Iż-żjara konġunta ta' studju kienet immedija esklussivament għal pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, għat-Turkija u għal pajjiżi fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant fi ħdan il-Politika Ewropea tal-Viċinat. Il-pajjiżi li bagħtu rappreżentanti għall-din iż-żjara ta' studju kienu; l-Albanija, l-Armenja, il-FYROM, il-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija. B'kollox hađu sehem 293 (292) parteċipant minn 25 Stat Membru u mill-pajjiżi msemmija hawn fuq. Il-programm kellu baġit ta' madwar EUR 800 000 iffinanzjat mis-CEPOL.

Network Elettroniku (e-Net)

L-e-Net (Network Elettroniku) tal-Kulleġġ irċieva 263 450 (109 000) viżitatur uniku u kellu 13 189 (9 283) utent rreġistrat sal-aħħar tal-2012 (żieda ta' 42 % meta mqabbel maċ-ċifra fl-aħħar tal-2011). F'Diċembru saret laqgħa għall-maniġers nazzjonali tal-e-NET. Irriżulta li l-LMS (is-Sistema tal-Maniġment tat-Tagħlim) tas-CEPOL tat prova li rnexxiet bil-kbir kemm fl-appoġġ ta' attivitajiet tas-CEPOL kif ukoll għax offriet pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan in-network tas-CEPOL. Pjattaformi Miftuħa saru disponibbli wkoll b'tali mod li f'kuntast ta' tagħlim fuq network, il-komunitajiet tal-prattika jistgħu faċilment jitgħallmu minn xulxin u bejniethom billi jużaw it-teknoloġija onlajn.

Tagħlim elettroniku (E-Learning)

Fl-2012, il-Kulleġġ żviluppa 4 (5) Moduli ta' Tagħlim elettroniku dwar is-suġġetti Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta, it-Trattat ta' Lisbona, SIRENE u t-Traffikar tal-Bnedmin. Il-moduli jistgħu jintużaw mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi għall-professionallizzazzjoni fuq kwalunkwe bażi ta' ħin/post, biex jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja u tagħlim individwali awtodirett. Fil-perjodu 1 ta' Jannar 2012 – 6 ta' Jannar 2013 total ta' 1 961 (1 765) utent uniku rreġistraw għall-moduli ta' tagħlim onlajn. Sa Diċembru 2012, 21 (18-il) seminar onlajn ippjanati mis-CEPOL (webinars) ġew implimentati kemm fuq suġġetti relatati mal-pulizija kif ukoll fuq edukazzjoni u taħriġ tal-pulizija, li ġibdu l-attenzjoni ta' 1 310 parteċipant. 9 webinars oħra ġew implimentati abbażi tal-ħtiġijiet *ad hoc* tas-CEPOL u tal-Istati Membri, li wasslu għal 357 parteċipant addizzjonali, u li tellgħu t-total tal-parteċipanti għall-Webinars tas-CEPOL fl-2012 għal 1 667 (398).

IT-TWEĠBIET TAL-KULLEĠĠ

11. Il-Kulleġġ jaqbel mal-kumment tal-Qorti u ser jimpenja ruħu li jiddokumenta każi simili permezz ta' deċiżjoni ta' finanzjament formali. Il-Kulleġġ jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minkejja li ma ġiet ifformalizzata l-ebda deċiżjoni ta' finanzjament, l-azzjoni ġiet implimentata b'mod trasparenti quddiem il-Bord Governattiv, li jiġi infurmat b'mod regolari u jieħu nota tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-baġit permezz tar-rapporti pprovduti.
12. L-Aġenzija ħadet nota tal-kummenti tal-Qorti.
13. L-Aġenzija ħadet nota tal-kummenti tal-Qorti.
14. Matul l-2012 is-CEPOL għamel 37 trasferiment baġitarju: 23 minnhom kienu fl-ambitu tal-kapitoli baġitarji, 13 bejn il-kapitoli baġitarji u 1 biss bejn it-titoli baġitarji. Dawn it-trasferimenti kienu meħtieġa sabiex jiġi massimizzat l-użu tar-riżorsi finanzjarji li saru disponibbli għall-Aġenzija. It-trasferimenti kollha ġew ipproċessati b'mod konformi mal-artikoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju u mar-regoli ta' implimentazzjoni.
15. Il-Kulleġġ jaqbel mal-kumment tal-Qorti. Sabiex tiżdied is-superviżjoni fuq il-prinċipji baġitarji tal-annwalità u l-ispeċifikazzjoni, is-CEPOL introduċa rapport ta' kull ġimgħa fuq il-monitoraġġ tal-baġit. Id-dinamiżmu tal-konsum tal-baġit, inklużi t-trasferimenti, jiġi mmonitorjat mill-qrib u r-raġunijiet li jiġġustifikaw kull ittardjar jiġu analizzati bil-għan li l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit jittejjbu b'mod kontinwu.
16. L-Aġenzija ħadet nota tal-kummenti tal-Qorti.
17. Il-Kulleġġ jaqbel mal-kumment tal-Qorti. Sabiex tiżdied il-konformità mar-regoli u mal-prinċipju tat-trasparenza, is-CEPOL għadu qed itejjeb u jsaħħaħ id-dokumentazzjoni tal-proċessi tar-riżorsi umani permezz ta' proċeduri u mudelli li jiġu adottati skont is-sistema stabbilita tal-ġestjoni tad-dokumenti ta' kwalità.
-

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-riskju tal-Uffiċċju

(2013/C 365/06)

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (L-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti) (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju" magħruf ukoll bħala s-"CPVO"), li jinsab f'Angers, inħoloq bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali tiegħu huwa li jirreġistra u jeżamina applikazzjonijiet għall-għoti ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali tal-Unjoni għal varjetajiet ta' pjanti u li jiżgura li l-eżamijiet tekniċi meħtieġa jsiru mill-uffiċċji kompetenti fl-Istati Membri⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Uffiċċju. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni għusta tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni għusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju wara li l-uffiċċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u għusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Uffiċċju fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Uffiċċju. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6. L-awditu jinvolti t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Is-CPVO wettaq verifikazzjoni fiżika tal-assi tiegħu f'Diċembru 2012. Madankollu, ebda rapport ta' verifikazzjoni fiżika ma ġie prodott. Mhuwiex għalhekk possibbli li tiġi vverifikata l-eżattezza tar-rekords kontabilistiċi korrispondenti.

KUMMENTI OĦRA

12. Il-proċeduri ta' reklutaġġ urew nuqqasijiet sinifikanti li jaffettwaw it-trasparenza u t-trattament indaqs tal-kandidati: il-ponderazzjonijiet u l-limiti stabbiliti mhux dejjem ġew applikati, ma ntuża ebda metodu ta' evalwazzjoni konsistenti matul id-diversi proċeduri ta' reklutaġġ u l-possibbiltà ta' appell ma kinitx imsemmija fl-avviż ta' postijiet battala.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti hija pprovvduta fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Il-livell għoli ta' ammonti riportati u ta' kanċellamenti jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Ġew innotati dgħufijiet fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' erba' impenji legali qabel l-impenji baġitarji (EUR 18 791). L-ordnijiet għax-xiri ta' spiss ikunu datati qabel l-approvazzjoni tal-impenji baġitarji. | Ikkompletata |
| 2011 | L-Uffiċċju ma adottax ir-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-ingaġġ u l-użu ta' persunal kuntrattwali u l-okkupazzjoni temporanja ta' pożizzjonijiet maniġerjali. | Għadha għaddejja |

ANNEX II

Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers)

Kompetenzi u Attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(Silta mill-Artikolu 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Moviment liberu tal-merkanzija</p> <p>Madankollu dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet [il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali] m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Uffiċċju</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 u l-Pjan Strateġiku 2010-2015)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Li japplika s-sistema ta' drittijiet tal-Unjoni Ewropea tal-varjetajiet ta' pjanti bħala l-forma unika u esklussiva ta' drittijiet tal-Unjoni Ewropea ta' proprjetà industrijali għall-varjetajiet ta' pjanti.</p> <p>Li jrawwem l-innovazzjoni fil-varjetajiet ta' pjanti permezz ta' pproċessar ta' kwalità għolja ta' applikazzjonijiet għal drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti bi prez-zzjiet raġonevoli filwaqt li jipprovdi gwida u assistenza ta' politika fl-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet għall-benefiċċju tal-partijiet interessati.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — li jiddeċiedi jekk jirrifjutax jew jagħtix applikazzjonijiet għal drittijiet tal-Unjoni tal-varjetajiet ta' pjanti, — li jiddeċiedi dwar oġġezzjonijiet, — li jiddeċiedi dwar appelli, — li jiddeċiedi dwar ir-revoka jew il-kanċellament ta' dritt tal-Unjoni Ewropea tal-varjetajiet ta' pjanti. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Il-President</p> <p>Imexxi l-Uffiċċju. Huwa maħtur mill-Kunsill minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv.</p> <p>Il-Kunsill Amministrattiv</p> <p>Jissorvelja l-programm ta' ħidma tal-Uffiċċju u jfassal ir-regoli li jirregolaw il-metodi ta' ħidma tal-Uffiċċju. Huwa magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alternati tagħhom.</p> <p>Decizzjonijiet rigward l-ġhoti ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti jiġu adottati minn Kumitati magħmula minn tliet membri tal-persunal tal-Uffiċċju u mill-Bord tal-Appell fi proċedimenti tal-appell.</p> <p>Kontroll tal-legalità tal-atti tal-Uffiċċju</p> <p>L-eżami mill-Kummissjoni tal-legalità tal-atti tal-President tal-Uffiċċju li dwarhom il-liġi tal-Unjoni Ewropea ma tippovdix għall-kontroll fuq il-legalità minn xi korp ieħor, u tal-atti tal-Kunsill Amministrattiv li għandhom x'jaqsmu mal-baġit tal-Uffiċċju.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Kunsill Amministrattiv.</p> |

| | |
|--|--|
| Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2012 (2011) | <p>Baġit finali</p> <p>EUR 14,3 (14,4) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal: 46 (46)</p> <p>Postijiet okkupati: 45 (45)</p> <p>Total tal-persunal: 45 (45), assenjati għall-kompiti li ġejjin:</p> <p>— operazzjonali: 17,5 (17,5)</p> <p>— amministrattivi: 21,5 (21,5)</p> <p>— imħallta: 6 (6)</p> |
| Prodotti u servizzi 2012 (2011) | <p>Applikazzjonijiet riċevuti: 2 868 (3 184)</p> <p>Drittijiet mogħtija: 2 640 (2 584)</p> <p>Drittijiet tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2012: 20 362 (18 907)</p> <p>Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet ta' Pjanti</p> <p>— Kontribut għall-infurzar ta' drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti</p> <p>— Kuntatti u kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet li ġejjin: Il-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ SANCO, il-Kumitati Permanenti), UPOV ⁽¹⁾, CIOPORA ⁽²⁾, ESA3 ⁽³⁾, OAPI ⁽⁴⁾, OECD ⁽⁵⁾, MAFF ⁽⁶⁾ (il-Ġappun).</p> |

⁽¹⁾ Unjoni għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (Union pour la Protection des Obtentions végétales).

⁽²⁾ Komunità Internazzjonali ta' Dawk li Jrabbu Pjanti Ornamentali u tal-Frott Riprodotti b'Mod Asesswali (International Community of Breeders of Asexually Reproduced Ornamental and Fruit Plants).

⁽³⁾ Assoċjazzjoni Ewropea ta' Żerriegħa (European Seed Association).

⁽⁴⁾ Organizzazzjoni Afrikana tal-Proprietà Intellettwali (Organisation africaine de la Propriété intellectuelle).

⁽⁵⁾ Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (Organisation for Economic Co-operation and Development).

⁽⁶⁾ Ministeru tal-Agrikoltura, tal-Ikel u tas-Sajd (Ministry of Agriculture, Food & Fisheries (JP)).

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

IT-TWEĠBIET TAL-UFFIĊĠJU

11. Ġew ipprovduti dokumenti ta' verifika (fiches inventaires) għall-verifika fuq il-post li twettqu f'Diċembru 2012. Fil-ġejjieni l-format tad-dokumenti ser jitħejja f'konformità mat-talba tal-Qorti.

12. Is-CPVO ħa nota tas-sejbiet tal-Qorti u mmodifika l-Gwida għall-Bordijiet tal-Għażla kif meħtieġ. Madankollu s-CPVO huwa tal-fehma li fil-kompetizzjonijiet riveduti mill-Qorti, il-kandidati kienu ttrattati b'mod ġust u ugwali.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2012, f'ilmkien mar-risposta tal-Aġenzija

(2013/C 365/07)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EACEA"), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Aġenzija hu li ġġesti programmi li jiġu deċiżi mill-Kummissjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, inkluż it-tweġġit tal-implimentazzjoni dettaljata ta' proġetti tekniċi⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkun ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni

skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkun raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejġiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġit ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta'

⁽¹⁾ ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex ttiprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet

tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kumment li ġej ma jixħitx dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati kien għoli flivell ta' 99 % kemm għat-Titolu I (nefqa għall-persunal) kif ukoll għat-Titolu II (nefqa amministrattiva). Għalkemm l-ammonti riportati ta' approprjazzjonijiet impenjati kienu relattivament għoljin għat-Titolu II flivell ta' 28 %, dawn prinċipalment kienu jirrelataw ma' servizzi rċevuti fl-2012 li għalihom ma kinux inħarġu fatturi fi tmiem is-sena (spejjeż ta' bini u konsulenza fl-IT) u n-natura pluriennali tal-attivitajiet (analiżijiet tal-proġetti minn esperti u awditi tal-proġetti).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX

Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 165(1), 166(1), 167(1) u 173(1) tat-TFUE)</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <p>L-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità.</p> <p>L-Unjoni Ewropea għandha timplimenta politika ta' formazzjoni vokazzjonali.</p> <p>L-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri.</p> <p>L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2012/797/UE; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3355 kif emendata bid-Deċiżjoni C(2012) 9475 finali)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>Fil-qafas tal-politiki tal-edukazzjoni, il-kultura u l-industrija ttieħdu diversi miżuri sabiex jiġu promossi l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-awdjoviżiv, il-kultura, iż-żgħażaġh u ċ-ċittadinanza attiva fl-Unjoni Ewropea. L-għanijiet prinċipali ta' dawn il-miżuri huma sabiex isaħħu l-koeżjoni soċjali u sabiex jikkontribwixxu lejn il-kompetittività, lejn it-tkabbir ekonomiku u lejn unjoni dejjem aktar mill-qrib fost il-popli tal-Ewropa.</p> <p>Dawn il-miżuri jinkludu varjetà ta' programmi.</p> <p>L-Aġenzija hija responsabbli mill-ġestjoni ta' ċerti sezzjonijiet ta' dawn il-programmi – eż. Taġħlim Tul il-ħajja, Kultura, Żgħażaġħ fl-Azzjoni, L-Ewropa għaċ-Ċittadini, MEDIA, Erasmus Mundus, MEDIA Mundus u Tempus. F'dan ir-rigward, hija timplimenta l-għajnuna tal-Unjoni, ħliet għall-kompiti li jeħtieġu setgħat diskrezzjonali fit-tweqqif tal-għażliet politiċi.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — li ġġesti, matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom, il-proġetti li jimplementaw il-programmi tal-Unjoni li jiġu fdati lilha u li twettaq il-kontrolli neċessarji għal dan l-effett, billi jiġu adottati d-deċiżjonijiet rilevanti, fejn il-Kummissjoni tkun tagħtha s-setgħa li tagħmel dan, — li tadotta l-istrumenti tal-implimentazzjoni tal-baġit għad-dħul u n-nefqa u t-tweqqif, fejn il-Kummissjoni tkun tagħtha s-setgħa li tagħmel dan, tal-operazzjonijiet neċessarji għall-ġestjoni tal-programmi tal-Unjoni u, b'mod partikolari, dawk marbuta mal-għoti ta' għotjiet u kuntratti, — li tiġbor, tanalizza u tgħaddi lill-Kummissjoni t-tagħrif kollu meħtieġ bħala gwida għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, — li timplimenta, fil-livell tal-UE, in-netwerk ta' tagħrif dwar l-edukazzjoni fl-Ewropa (Eurydice) u attivitajiet intenzjonati li jtejbu l-fehim u l-għarfien tal-qasam taż-żgħażaġh permezz tal-ġabra, l-analiżi u t-tixrid ta' informazzjoni u l-produzzjoni ta' studji u pubblikazzjonijiet. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Kumitat ta' Ġestjoni</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija wara approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv tal-Aġenzija u r-rapport annwali tal-attività tagħha.</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern.</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>Il-baġit amministrattiv tal-Aġenzija għall-2012 baqa' EUR 50 (50) miljun (100 % ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea).</p> <p>L-Aġenzija ġestiet EUR 728 (621) miljun relatati mal-programmi u mal-proġetti ddelegati mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Persunal temporanju: 103 (102) post għal persunal temporanju fit-tabella tal-persunal</p> <p>Postijiet okkupati: 99 (102)</p> <p>Persunal kuntrattwali: 335 (336) post għal persunal kuntrattwali</p> <p>Postijiet okkupati: 329 (331)</p> <p>Total tal-persunal: 428 (433) post okkupati minn persunal li jwettaq il-kompiti li ġejjin:</p> <p>Operazzjonali: 351</p> <p>Amministrattivi: 77</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Komunikazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Organizzazzjoni ta' żewġ ġranet Info (ġranet ta' Informazzjoni), parteċipazzjoni f'16-il ġurnata Info organizzati minn Aġenziji/Strutturi Nazzjonali u diversi sessjonijiet ta' informazzjoni oħra fi Brussell, aġġornament tad-database EVE (!) bir-riżultati tal-proġetti, organizzazzjoni ta' avvenimenti f'kooperazzjoni mad-Direttorati Ġenerali (DG) prinċipali. — Ġew organizzati laqgħat tal-bidu (kick-off) fi Brussell għall-koordinaturi u s-sħab tal-proġetti. — Laqgħat ta' gruppi madwar tema u laqgħat mal-koordinaturi tal-proġetti saru f'postijiet differenti. <p>Għażliet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ġew ippubblikati 28 sejħa għal proposti kif ukoll sejħa waħda għal offerti. — Ġew ippubblikati l-prospettivi informattivi (jew deskrizzjonijiet) dettaljati korrispondenti ta' proposti magħżula (compedia) fuq il-websajt tal-Aġenzija. — Ġestjoni ta' madwar 13 000 proposta riċevuti. — Għażla ta' madwar 3 500 proġett u 439 Erasmus University Charters (Karti Universitarji dwar l-Erasmus). <p>Żjarat ta' monitoraġġ</p> <ul style="list-style-type: none"> — Iktar minn 431 laqgħa ta' segwitu (fuq il-post jew fi Brussell) ma' parteċipanti tal-proġetti ġew organizzati għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti. |

Miżuri ta' simplifikazzjoni

- L-użu ta' formoli elettroniċi ġie estiż biex ikopri iktar azzjonijiet, jiġifieri 75 % tal-applikazzjonijiet kollha.
- L-ikkuntrattar simplifikat ġie estiż (deċiżjonijiet minflok ftehimiet ta' għotjiet) għal xi azzjonijiet.
- Il-metodu ta' kalkolu tas-somma sħiħa ġie rfinat u applikat għal aktar azzjonijiet.
- Sar użu akbar mis-sessjonijiet ta' informazzjoni remoti mogħtija minn esperti u evalwazzjoni remota tal-proġetti għall-evalwazzjoni ta' azzjonijiet.
- Tfasslu ċertifikati tal-awditjar biex ir-rappurtar finanzjarju jiġi ssimplifikat u dawn se jidħlu fis-seħħ gradwalment.
- Pakkett ta' informazzjoni finanzjarja biex tittejjeb il-gwida għall-benefiċjarji ġie ffinalizzat u sar disponibbli.

Kooperazzjoni mad-Direttorati Ġenerali (DĠ) prinċipali

- Organizzazzjoni ta' erba' laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni.
- Laqgħat perjodiċi ta' koordinazzjoni dwar il-programmi delegati mad-Diretturi operazzjonali tad-DĠ prinċipali (tliet laqgħat kull sena).
- Għajnuna lid-DĠ prinċipali fit-tħejjija tal-programmi tal-ġenerazzjoni li jmiss.
- Għoti ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' programmi lill-Kummissjoni fuq talba.
- Kontribut għat-tieni evalwazzjoni interim tal-Aġenzija, inkluż appoġġ għal stħarriġ dwar is-sodisfazzjoni ta' applikanti u benefiċjarji.
- Kollaborazzjoni mill-qrib mad-DĠ prinċipali fit-tħejjija tal-programmi l-ġodda għall-2014-2020.

Appoġġ għall-politika

- Ġestjoni kontinwa tan-netwerk Eurydice għall-appoġġ tal-politika fil-qasam tal-edukazzjoni; din ġiet estiża wkoll għall-qasam taż-żgħażaġh.
- Bosta rapporti prodotti mill-unità Eurydice.

Awditi

120 awditu taħt il-pjan tal-awditjar 2011 qed jiġu implimentati. 114-il awditu ġdid huma skedati taħt il-pjan tal-awditjar 2012.

Kuntratti u proġetti:

5 027 kuntratt ġew iffirmati, 4 738 proġett ingħalqu.

Mandat

- Il-mandat tal-Aġenzija ġie estiż fl-2013. L-estensjoni ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru.

(¹) Pjattaforma elektronika għat-tixrid u l-esplojtazzjoni ta' riżultati ta' proġetti appoġġati minn programmi ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, il-kultura, iż-żgħażaġh u ċ-ċittadinanza.
Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZIJA

1. L-Aġenzija tieħu nota tal-kummenti tal-Qorti. Fir-rigward tan-natura pluriennali tal-attivitajiet, dan huwa partikolarment relatat ma' awditi ta' proġetti li bħala medja jieħdu madwar 18-il xahar bejn l-impenn u l-aħħar ħlas. Bl-ippjanar ta' tali awditi aktar kmieni, l-Aġenzija għandha l-għan li tkompli tnaqqas ir-riporti.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/08)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EACI"), li tinsab fi Brussell, hija dik li qabel kienet l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (IEEA). Il-mandat tagħha u t-tul ta' żmien tagħha ġew mibdula bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE⁽¹⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE⁽²⁾. L-Aġenzija kienet stabbilita għal perjodu li beda fl-1 ta' Jannar 2004 u li se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015, bil-għan li timmaniġġja l-azzjonijiet tal-UE fl-oqsma tal-enerġija, l-intraprenditorjat u l-innovazzjoni, u t-trasport sostenibbli tal-merkanzija⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁶⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁷⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽¹⁾ ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52.

⁽²⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85.

⁽³⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitatijiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-ewalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Aġenzija hija wkoll responsabbli mill-verifikazzjonijiet *ex post* tal-Aġenzija, li jagħmlu parti mis-sistema ta' kontroll intern tagħha. Dan inaqqas ir-riżorsi tal-IAC għal attivitajiet tal-awditjar intern u jfisser li mhijiex f'pożizzjoni li teżerċita awditi indipendenti f'dan il-qasam. Dan ir-rwol doppju mhuwiex kompatibbli mal-Istandards ta' Kontroll Intern u l-Istandards Internazzjonali għall-prattika professjonali tal-Awditjar Intern.

KUMMENTI OĦRA

12. Hemm lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ; il-kriterji tal-għażla ma kinux konformi għalkollox ma' dawk imsemmija fl-avviż ta' post battal; saret ponderazzjoni sproporzjonata għal ċerti kriterji tal-għażla; ebda punteġġ ta' livell limitu għall-fażi ta' preselezzjoni u ebda għadd massimu ta' kandidati għal-listi ta' riżerva ma ġie ffissat bil-quddiem; il-ġustifikazzjoni għall-esklużjoni ta' kandidati fl-istadju finali tal-proċeduri mhux dejjem kienet dokumentata biżżejje u d-dikjarazzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi mhux dejjem kienu ffirmati.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttehdju b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Annex I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqha tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Il-baġit inizjali 2011 tal-Aġenzija ta' EUR 16,2 miljun kien jinkludi EUR 10,7 miljun għall-ispejjeż tal-persunal. In-nefqa reali tal-persunal kienet ta' EUR 10 miljun. Filwaqt li l-baġit kien stmat b'mod eċċessiv b'EUR 0,7 miljun, l-utilizzazzjoni insuffiċjenti kienet inqas mis-snin ta' qabel (pereżempju EUR 1,5 miljun fl-2010 ⁽¹⁾). | Ikkompletata |
| 2011 | Skont il-ftehim ta' kiri li ġie konkluż fl-2010 għall-bini l-ġdid tagħha, l-Aġenzija trid tħallas ammont totali ta' EUR 2,4 miljun fir-rigward ta' rinnovazzjoni tal-uffiċċji minn sid il-kera. L-Aġenzija għamlet l-ewwel pagament ta' EUR 2 miljun fl-2010. L-ammont li jifdal kellu jitħallas fi tliet pagamenti oħra bin-nifs fl-2011, fl-2012 u fl-2013. L-Aġenzija kkalkulat b'mod skorrett l-ammont li kellu jitħallas fl-2011 u, b'konsegwenza ta' dan, għamlet pagament eċċessiv ta' EUR 108 287. Sid il-kera ħallas lura l-ammont eċċessiv f'Jannar 2012. Madankollu, il-pagament li sar b'mod skorrett mill-Aġenzija jindika l-ħtieġa li ssaħħaħ il-kontrolli tagħha għall-prevenzjoni ta' pagamenti eċċessivi bħal dawn. | Ikkompletata |

⁽¹⁾ Ara l-paragrafu 13 tar-Rapport dwar il-kontijiet annwali 2010 (ĠU C 366, 15.12.2011, p. 81).

ANNEX II

Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)</p> | <ol style="list-style-type: none"> 1. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali; u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jitrattaw problemi ambjentali reġionali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima. <p>(L-Artikolu 191 tat-TFUE)</p> 2. Il-politika tal-Unjoni dwar l-industrija għandha tiżgura li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni billi tħaffet l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali, tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta' u kooperazzjoni bejn l-impriżi, tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politiki ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin b'konnessjoni mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi dik il-koordinazzjoni. <p>(L-Artikolu 173 tat-TFUE)</p> 3. Il-politika komuni tat-trasport għandha tistabbilixxi regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Hija għandha tistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru, u tistabbilixxi miżuri li jtejbju s-sigurtà fit-trasport. <p>(L-Artikoli 91(1) u 100(2) tat-TFUE)</p> 4. Il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha timmira li tassigura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija; tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forum ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u tippromwovi l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija. <p>(L-Artikolu 194 tat-TFUE)</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(kif definiti f'id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE emendata bid-Deċiżjoni 2007/372/KE)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Fi ħdan il-qafas tal-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi, l-Unjoni Ewropea ħadet miżuri li jippromwovu u jiżviluppaw il-kompetittività u l-innovazzjoni. Dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) 2007-2013 (id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE), notevolment mal-programmi Enerġija Intelliġenti - Ewropa (IEE) u ta' Intraprenditorjat u Innovazzjoni (EIP). L-għanijiet prinċipali huma li jrawwmu l-kompetittività fl-impriżi, b'mod partikolari Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs); biex jippromwovu l-forom kollha ta' innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni; biex tiġi promossa l-effiċjenza tal-enerġija u sorsi ta' enerġija ġodda u rinnovabbli. Il-miżuri li ttieħdu fil-qafas tal-istrateġija ta' Lisbona jinkludu wkoll it-tieni programm Marco Polo (MP) (ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). L-għanijiet prinċipali huma li titnaqqas il-konġestjoni, jittejjeb ir-rendiment ambjentali lis-sistema tat-trasport u biex jittejjeb it-trasport inter-modali, b'hekk jingħata kontribut lis-sistemi ta' trasport effiċjenti u sostenibbli u lill-kompetittività u l-innovazzjoni, speċjalment l-SMEs. Taħt dawn il-programmi tal-UE, l-Aġenzija hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kompiti li jikkonċernaw l-għajjnuna tal-UE, ħlief għall-evalwazzjoni tal-programmi, il-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-istudji strateġiċi, jew kull azzjoni oħra li taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni.</p> |

| | |
|---|---|
| | <p>Kompiti</p> <p>L-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE skont id-delegazzjonijiet riċevuti mill-Kummissjoni:</p> <ul style="list-style-type: none"> — li timmaniġġja l-fażijiet kollha matul il-perjodu ta' proġetti speċifiċi, — li ttwettaq l-operazzjonijiet kollha neċessarji biex tmexxi l-programmi tal-UE, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-baġit inkluż l-għoti ta' kuntratti u għotjiet, — li tiġbor, tanalizza u tgħaddi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiggwida l-implimentazzjoni tal-programmi kif ukoll tippromwovi l-koordinazzjoni u s-sinerġija fost il-programmi, — f'dak li għandu x'jaqsam mal-EIP, li tkun responsabbli mill-ġestjoni tal-proġetti u tal-animazzjoni ta' networks tan-Netzwerk Enterprise Europe, il-proġetti pilota ta' ekoinnovazzjoni u l-proġetti ta' replikazzjoni tas-suq, u azzjonijiet ta' innovazzjoni bi grad għoli ta' standardizzazzjoni (Proġett bażi tal-IP). |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Kumitat Direttiv</p> <p>Dan huwa magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea. Huwa jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv tal-Aġenzija u r-rapport annwali tal-attività tagħha.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p><i>Baġit operazzjonali</i></p> <p>L-EUR 241,34 (229,6) miljun ippjanati (100 % tal-baġit ġenerali tal-UE) ġew impenjati u EUR 129,5 miljun tħallsu. L-EACI timplimenta l-baġit operazzjonali taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni:</p> <ul style="list-style-type: none"> — għall-IEE EUR 83,87 (83,8) miljun, — għall-ekoinnovazzjoni tal-EIP EUR 35 (38,1) miljun, — għan-networks tal-EIP EUR 57,4 (50,9) miljun, — għall-MP EUR 65,07 (56,8) miljun. <p><i>Baġit amministrattiv</i></p> <p>EUR 16,4 (15,6) miljun (100 % sussidju tal-UE) għall-baġit amministrattiv li għalih l-EACI hija awtonoma.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <ul style="list-style-type: none"> — Total tal-persunal: 162 (159) post ippjanati, li minnhom 156 (156) huma okkupati, — Postijiet ta' aġenti temporanji (TA): 37 (37) ippjanati, li minnhom 37 (33) huma okkupati, — Persunal kuntrattwali: 125 (122) post ippjanati, li minnhom 119 (123) huma okkupati. |

Prodotti u servizzi 2012

L-EACI hija responsabbli mill-ġestjoni ta' azzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija, l-intraprenditorjat u l-innovazzjoni (inkluża l-ekoinnovazzjoni), u t-trasport sostenibbli tal-merkanzija skont il-programmi tal-Unjoni li ġejjin:

- il-partijiet li ġejjin tal-Programm kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni: il-programm Enerġija Intelliġenti Ewropa II (2007-2013), ġestjoni tal-proġett u attivitajiet ta' animazzjoni tan-Netzwerk Enterprise Europe, proġetti IPR u proġetti tal-ewwel applikazzjoni tal-Ekoinnovazzjoni u tar-replikazzjoni tas-suq,
- il-programmi Marco Polo I (2003-2006) u II (2007-2013),
- il-programm Enerġija Intelliġenti Ewropa I (2003-2006).

Programm Enerġija Intelliġenti Ewropa (IEE)*Attivitajiet ewlenin:*

- Għall-programm Enerġija Intelliġenti Ewropa (IEE), 433 applikazzjoni ġew riċevuti b'rispons għas-sejħa għal proposti 2012, li jinvolvu kważi 4 000 organizzazzjoni minn 32 pajjiż, u total ta' 67 proposta intaġħzlu għall-finanzjament;
- rigward is-sejħa 2011, wara l-evalwazzjoni ta' 280 proposta, 48 proġett ġew innogozjati b'suċċess;
- F'Jannar l-Aġenzija kellha l-aktar jum ta' informazzjoni popolari dwar il-Programm IEE sa issa, b'780 parteċipant minn 31 pajjiż. Barra minn hekk l-Aġenzija pparteċipat f'21 jum ieħor ta' informazzjoni fl-Istati Membri. Hija rrispondiet ukoll għal aktar minn 1 300 mistoqsija mibgħuta fil-kaxxa postali tal-IEE, 80 % minnhom fanqas minn ħamest ijiem.

Ekoinnovazzjoni

L-ekoinnovazzjoni hi appoġġata mis-CIP permezz ta' bosta tipi ta' miżuri (strumenti finanzjarji, networks ta' parteċipanti nazzjonali u reġjonali, proġetti tal-ewwel applikazzjoni u tar-replikazzjoni tas-suq). L-Aġenzija hija fdata bil-ġestjoni tal-proġetti tal-ewwel applikazzjoni tal-ekoinnovazzjoni u tar-replikazzjoni tas-suq b'baġit ta' madwar EUR 200 miljun għall-perjodu 2008-2013.

Fl-2012 l-isforzi kkonċentraw fuq:

- l-ikkompletar tal-implimentazzjoni tas-sejħa għal proposti 2011: in-negozjati kienu kkompletati sal-aħħar ta' Novembru 2012; 47 kuntratt ġew iffirmati;
- sejħa ġdida għal proposti. Is-sejħa li ġiet varata f'April 2012 u li għalqet f'Settembru attirat 284 proposta. L-evalwazzjoni ċentrali twettqet mid-19 ta' Novembru sas-7 ta' Diċembru 2012;
- għall-ewwel darba fil-programm, ġie organizzat jum għall-ekoinnovaturi f'Novembru fi Brussell b'aktar minn 200 parteċipant. Bl-għajjnuna ta' għodda użata min-Netzwerk Enterprise Europe, ġie organizzat avveniment għat-tlaqqigħ ta' msieħba għall-kummerċ li rriżulta f' 120 laqgħa bejn il-parteċipanti, jiġifieri manifatturi, esperti tal-kummerċjalizzazzjoni, bejjieġha, innovaturi, multiplikaturi tal-opinjoni, eċċ., minn madwar l-Ewropa kollha.

Programm Marco Polo*Attivitajiet ewlenin:*

- fir-rigward tal-Marco Polo, il-jum Ewropew tal-informazzjoni f'Ġunju attira 172 parteċipant (u 115-il spettatur ieħor permezz ta' web stream f'xandira diretta). F'din l-okkażjoni, ġew organizzati mhux anqas minn 36 laqgħa bilaterali b'benefiċjarji potenzjali tal-programm Marco Polo;
- is-sejħa 2012 ġiet ippubblikata fl-20 ta' Ġunju u għalqet fid-19 ta' Ottubru. Waslu 54 proposta. Il-pre-evalwazzjonijiet twettqu bejn id-19 u s-27 ta' Novembru;

- fir-rigward tas-sejħa 2011, mill-50 proposta riċevuti, 18-il proġett ġew innegozjati b'suċċess. Id-Deċiżjoni tal-Għotja ġiet adottata fl-20 ta' Lulju (wara l-approvazzjoni mid-DĠ MOVE);
- ġestjoni ta' proġetti li għadhom għaddejjin: 35 żjara ta' verifikazzjoni fuq il-post twettqu għal 32 proġett.

Programm EIP - Netwerk tal-Enterprise Europe

Il-programm huwa magħmul minn aktar minn 600 organizzazzjoni sieħba faktar minn 50 pajjiż, inklużi s-27 Stat Membru tal-UE. Minbarra kompiti tal-ġestjoni tal-proġett għal 92 kuntratt (ftehimiet speċifiċi ta' għotja) u l-proġett IPeuropAware, l-EACI hija responsabbli wkoll mill-'animazzjoni' tan-Netwerk Enterprise Europe u għall-ġestjoni tal-għodod u d-databases tal-IT għall-komunikazzjoni interattiva fost l-imsieħba tan-netwerk.

Sistema ġdida tal-IT għan-Netwerk ('Merlin') ġiet implimentata bil-mod il-mod matul l-2012, bi preparazzjoni għal rilaxx kbir fl-2013.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠBIET TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja hija konxja li mhijiex sitwazzjoni ideali għall-IAC li jkollha responsabbiltajiet għal funzjoni operazzjonali. Meta bdiet il-funzjoni ta' kontroll *ex post*, din is-sitwazzjoni kienet meqjusa bħala l-aħjar għażla fir-rigward tal-effikaċja u l-effiċjenza ta' kontrolli minħabba ċ-ċokkon tal-Aġenzja. Jekk l-Aġenzja tikber b'mod sinifikanti skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (MFF) (2014 - 2020), il-kontroll *ex post* u l-funzjonijiet tal-IAC ser jiġu sseparati.

Fir-rigward tal-potenzjal għal awtoreviżjoni u kunflitt ta' interess, dawn ir-riskji huma mitigati mil-limitu tal-ambitu tal-awditu fil-Karta tal-IAC li tiddikjara li kwalunkwe awditu fuq il-funzjoni ta' kontroll *ex post* għandu jitwettaq minn awdituri esterni għall-Aġenzja.

12. L-Aġenzja taġġorna l-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha b'mod regolari biex tissodisfa l-istandards meħtieġa u ttejjeb il-proċess tagħha. It-titjib proċedurali ssuġġerit mill-Qorti jagħmel impatt biss fuq parti limitata tal-passi ta' reklutaġġ u l-maġġoranza ta' dan it-titjib diġà ġie inkluż fil-manwal ta' reklutaġġ kif ukoll implimentata.

L-aġenzja tixtieq tisħaq li l-għan tagħha hu li ssib bilanċ bejn l-aqwa Prattiki rikonoxxuti fir-reklutaġġ f'setturi pubbliċi u privati bir-reqwiżiti operazzjonali ta' aġenzja eżekuttiva b'għadd żgħir biss ta' persunal amministrattiv.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/09)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EAHC"), li tinsab fil-Lussemburgu, kienet imwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE⁽¹⁾ u emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/544/KE⁽²⁾. L-Aġenzija kienet stabbilita għal perjodu li beda fl-1 ta' Jannar 2005 u li jspicċa fil-31 ta' Diċembru 2015 għat-tmexxija ta' azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u tal-politika tal-konsumatur⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁶⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejgħ u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejgħ u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁷⁾; it-thejgħ ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejgiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 369, 15.12.2004, p. 73.

⁽²⁾ ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27.

⁽³⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6. L-awditu jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Mill-EUR 1,1 miljun riportati mill-2011, EUR 0,2 miljun (18 %) kienu kkanċellati fl-2012. Għalkemm dan huwa parzjalment relatat mad-diffikultajiet fit-tbassir tal-ispejjeż għal laqgħat ma' parteċipanti esterni, livell għoli bħal dan jindika defiċit f'termini tal-ippjanar tal-baġit.

12. Meta mqabbla mal-appropriazzjonijiet impenjati, ir-rati ta' pagamenti tal-2012 huma sodisfaċenti għat-Titolu I u t-Titolu II flivell ta' 96 % u 84 % rispettivament. Madankollu, l-ammonti riportati għat-Titolu III huma flivell ta' EUR 1,1 miljun jew 47 % tal-appropriazzjonijiet impenjati tat-Titolu III. Għalkemm dan huwa parzjalment relatat mal-preżentazzjoni tardiva tal-klejms għall-ispejjeż għall-missjonijiet minn parteċipanti esterni għal-laqgħa, livell għoli bħal dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Għat-Titolu III – In-nefqa relatata man-nefqa operazzjonali, ammont ta' EUR 0,8 miljun, jew 46 % tal-impenji mwettqa, ġie riportat għall-2012. Il-livell għoli ta' ammonti riportati jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Pendenti |

ANNEX II

Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (il-Lussemburgu)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 168 u 169 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana (tal-bniedem) għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni. L-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jiġu evitati l-fonti ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem. Din l-azzjoni għandha tkopri l-għieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa, billi tinkoraġġixxi riċerka fuq il-kawża tagħhom, it-tixrid tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa. L-Unjoni għandha tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa marbuta mad-drogi, inkluża l-informazzjoni u l-prevenzjoni.</p> <p>Sabiex tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u sabiex tassigura (tiżgura) livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-ħarsien tas-saħħa, is-sigurtà u interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll il-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-organizzazzjoni tagħhom infushom sabiex iħarsu l-interessi tagħhom.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> | <p>Għanijiet</p> <p>— L-Aġenzija hija responsabbli għat-twettiq tal-ħidmiet ta' implimentazzjoni għall-immaniġġjar tat-tieni Programm għas-Saħħa Pubblika 2008-2013 kif adottat bid-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, il-Programm tal-Konsumaturi għall-2007-2013 kif adottat bid-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE u l-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà tal-ikel koperti bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 u d-Direttiva 2000/29/KE.</p> <p>— L-Aġenzija għandha wkoll timmaniġġja l-fażijiet kollha fil-perjodu tal-miżuri implimentattivi delegati lilha fil-qafas tal-programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika għall- 2003-2008, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p> <p>Ħidmiet</p> <p>Taħt il-programmi tal-Unjoni msemmija hawn taħt, l-Aġenzija hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-ħidmiet li ġejjin kif definiti fl-att ta' delegazzjoni adottat fid-9 ta' Settembru 2008 (1):</p> <p>Il-Programm għas-Saħħa Pubblika 2003-2008 - Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE</p> <p>Il-Programm għas-Saħħa Pubblika 2008-2013 - Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE</p> <p>Il-Programm tal-Konsumaturi għall-2007-2013 - Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE</p> <p>Il-Miżuri ta' Taħriġ dwar is-Sigurtà tal-Ikel - Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 u d-Direttiva 2000/29/KE:</p> <p>(a) Timmaniġġja l-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-proġetti (għal skopijiet ta' monitoraġġ u tixrid, l-Aġenzija għandha tiegħu l-passi neċessarji biex toħloq database tal-proġetti jew biex tkompli wieħed li diġà jeżisti, billi tinkorpora deskrizzjoni tal-proġett u r-riżultati finali).</p> <p>(b) Timmonitorja l-proġetti implimentati taħt dawn il-programmi u l-miżuri inklużi l-kontrolli neċessarji.</p> <p>(c) Tiġbor, tippromwovi u tqassam id-data u b'mod partikolari tiġbor, tanalizza u tgħaddi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġgwida l-implimentazzjoni tal-programmi u l-miżuri tal-Unjoni, tippromwovi l-koordinazzjoni u s-sinerġija ma' programmi oħra tal-Komunitajiet, tal-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.</p> <p>(d) Torganizza laqgħat, seminars, taħdidiet, u miżuri ta' taħriġ.</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>(e) Tgħin fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-programm, b'mod partikolari fl-evalwazzjoni annwali u/jew ta' nofs il-perjodu tal-implimentazzjoni tal-programmi, u fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' segwitu dwar l-evalwazzjonijiet deċiżi mill-Kummissjoni.</p> <p>(f) Ixxerred ir-riżultati tal-operazzjonijiet ta' informazzjoni pplanati u implimentati mill-Kummissjoni.</p> <p>(g) Tipproduċi <i>data</i> kumplessiva dwar il-kontroll u s-sorveljanza.</p> <p>(h) Tipparteċipa fil-ħidma ta' tħejjija dwar deċiżjonijiet ta' finanzjament.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Kumitat ta' Ġestjoni</p> <p>Huwa magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea. Il-membri tal-Kumitat ta' Ġestjoni huma maħtura għal sentejn.</p> <p>Huwa jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv tal-Aġenzija u r-rapport tal-attività annwali tagħha.</p> <p>Direttur</p> <p>Huwa maħtur mill-Kummissjoni Ewropea għal erba' snin.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit finali</p> <p>Il-baġit amministrattiv tal-Aġenzija għall-2012 ammonta għal EUR 7,22 (7,04) miljun.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Fil-31 ta' Diċembru 2012, l-Aġenzija impjegat 50 (49) membru tal-persunal statutorju, inklużi 11-il (11-il) membru tal-persunal temporanju u 39 (38) membru tal-persunal kuntrattwali.</p> |
| <p>Prodotti u servizzi 2012</p> | <p>1. Il-monitoraġġ tal-għotjiet tal-2005, tal-2006, tal-2007, tal-2008 u tal-2009 ipprovduti taħt il-Programm għas-Saħħa Pubblika 2003-2008 (PHP); jintemmu b'suċċess in-negozjati għal għotjiet taħt is-sejħiet għal proposti tal-2009, inklużi proġetti, għall-konferenzi, għotjiet operattivi, azzjonijiet konġunti; l-immaniġġjar tas-sejħa għal proposti tal-2011; u l-għoti ta' kuntratti u għotjiet ta' flus taħt is-sejħiet għal proposti tal-2008 u s-sejħiet għall-offerti taħt il-Programm tal-Konsumaturi għall-2007-2013 (CP); l-għoti ta' proġetti taħt is-sejħa għall-offerti tal-2007, tal-2008 and tal-2009 taħt il-Miżuri ta' Taħriġ dwar is-Sigurtà tal-lkel.</p> <p>2. Il-programm ta' ħidma PHP</p> <ul style="list-style-type: none"> — Is-sejħa għal proposti tal-2012 tnediet fit-8 ta' Diċembru 2011 u għalqet fid-9 ta' Marzu 2012. Hija ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE ⁽²⁾ u fuq is-siti tal-EAHC ⁽³⁾ u tal-Ewropa. — Il-proposti għal proġetti: 16 minn 84 proposta għal proġetti evalwati (19,5 %) kienu rakkomandati għal total ta' EUR 13 312 116 tal-kofinanzjament tal-UE. — Il-proposti għal konferenzi: 7 minn 41 proposta għal konferenzi (17 %) kienu rakkomandati għall-finanzjament li jammonta għal EUR 599 097. — Il-proposti għal għotjiet operattivi: 19 minn 40 proposta għal għotjiet operattivi (47,5 %) kienu rakkomandati għall-kofinanzjament totali tal-UE b'ammont ta' EUR 4 330 590. |

- L-Azzjonijiet Konġunti: Il-ħames proposti għal azzjonijiet konġunti sottomessi kienu rakkomandati għall-kofinanzjament tal-UE b'ammont ta' EUR 8 941 660.
- Il-listi ta' riżerva jinkludu ħames proġetti, żewġ proposti għal konferenzi u żewġ proposti għal għotjiet operattivi. Dawn jistgħu jkunu eliġibbli għall-kofinanzjament totali tal-UE b'ammont ta' EUR 4 540 962, EUR 90 000 u EUR 273 754 rispettivament.
- Tliet sejħiet għall-offerti, inkluża waħda għal kuntratt qafas dwar is-sigurtà tas-saħħa, proċedura waħda negozjata u 10 talbiet għas-servizzi kienu ppubblikati fl-2012.
- Billi l-parti l-kbira tal-kuntratti kienu konklużi fit-tieni nofs tal-2012, il-ħidma dwarhom bdiet lejn tmiem is-sena. L-EAHC ospitat laqgħa ta' tnedija għal kull kuntratt u ssorveljat mill-qrib it-tweġiq, b'koordinazzjoni mad-DG SANCO.

3. Il-programm ta' ħidma CP

- Fl-2012, fi ħdan il-qafas tal-Programm tal-Konsumaturi, l-Aġenzija nediet seba' sejħiet għal proposti.
- L-Aġenzija kkofinanzjat 64 għotja, li taw l-opportunità lill-uffiċjali ta' infurzar minn diversi Stati Membri biex jikkondividu l-esperjenzi u t-tagħrif dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur.
- Fi ħdan il-qafas tas-Sejħa tal-GPSP, l-EAHC kkofinanzjat proġett għall-iskambju u l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiki bejn l-Istati Membri, u b'hekk tittejjeb il-kooperazzjoni transkonfinali u tiżdied is-sigurtà tal-prodotti tal-konsumatur. L-għan prinċipali tagħha huwa li żżid is-sigurtà tal-prodott tal-konsumatur fi ħdan il-grupp ta' prodotti li ġejjin: oġġetti għall-indukrar tat-tfal, nanoteknoloġija u kożmetiċi, qfeli u lazzijiet, slielem u detetturi tal-monossidu tal-karbonju (CO) u tad-duħħan.
- Fir-rigward tal-azzjonijiet konġunti tas-CPC (Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodott), l-EAHC ikkofinanzjat żewġ proġetti. L-ewwel waħda ttwettaq attivitajiet sabiex tiżviluppa fehim kondiżiż dwar il-liġijiet ta' kummerċ elettroniku. It-tieni azzjoni konġunta tas-CPC tiżviluppa attivitajiet li jiffokaw fuq il-"kundizzjonijiet iġusti f'kuntratti konklużi minn konsumaturi".
- Fl-2012 l-Aġenzija ffirmat għotjiet speċifiċi mal-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC) u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentazzjoni tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni (ANEC).
- Il-kofinanzjament tal-BEUC se jikkontribwixxi biex jipromwovi aktar l-interessi tal-konsumaturi Ewropej fil-proċess tal-politika tal-UE bħala akkwirenti jew utenti tal-prodotti u s-servizzi.
- L-appoġġ finanzjarju mogħti lill-ANEC jiżgura r-rappreżentazzjoni u d-difiża tal-interessi tal-konsumatur fil-proċess tal-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni.
- Problemi prattiki tal-konsumatur bħal kwalità ta' prodott jew servizz, konsenja tardiva ta' prodott minn barra l-pajjiż jew kundizzjonijiet iġusti f'kuntratt huma fost il-kwistjonijiet ittrattati kuljum mill-ECC (Ċentru Ewropew tal-Konsumatur) f'29 pajjiż. Fl-2012, l-ECC-Net ittratta aktar minn 72 000 kuntratt b'konsumaturi li esperjenzaw problema transkonfinali. B'kolloxx, l-ECC-net għenet lil konsumaturi f'madwar 416 000 każ mill-ħolqien tagħha fl-2005. Fl-2012, l-EAHC nediet Sejħa għal Proposti li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarja lill-ECCs għall-attivitajiet tagħhom matul l-2013 u kkonkludiet 29 ftehimiet ta' għotja.
- Fi ħdan il-qafas tal-Programm tal-Konsumaturi fl-2012 l-Aġenzija nediet 2 sejħiet għall-offerti u 11-il talba għal servizzi speċifiċi.

- Dolceta huwa għodda għall-edukazzjoni online, żviluppata fi ħdan il-kuntest tal-Programm tal-Konsumaturi tal-UE. Fl-2012, l-aġenzija nediet 2 talbiet għal servizzi, waħda għandha l-għan li tippromwovi s-sit il-ġdid u tarrikkixxi l-kwalità tal-kontenut tiegħu u oħra għandha l-għan li iżomm u tospita dik eżistenti u tiżgura l-manutenzjoni tas-sit u l-ospitar u l-modernizzazzjoni tas-sit il-ġdid għas-sena li gejjja.
 - Matul l-2012 ġiet żviluppata pjattaforma interattiva ġdida għall-għalliem fl-iskejjel sekondarji biex tiegħu post is-sit eżistenti Dolceta. Il-pjattaforma interattiva ġiet stabbilita wara analiżi tal-ħtiġijiet tal-għalliem f'termini ta' kontenut, fatturi, markar tad-ditta u disinn. Is-sit huwa mistenni li jiġi mniedi f'Marzu 2013.
 - Matul l-2012, l-EAHC iffirmit three 3 kuntratti speċifiċi fl-implimentazzjoni tal-kuntratt qafas dwar l-istudji tas-swieq tal-konsumatur. L-ewwel kuntratt għandu l-għan li janalizzza jekk is-suq tal-karburanti hux qed jaħdem għall-konsumaturi u jekk il-konsumaturi humiex kapaċi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri. It-tieni kuntratt se jespjora sa liema limitu l-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarja u ta' awtodikjarazzjoni li huma preżenti fuq prodotti tal-ikel huma konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli. It-tielet studju tas-swieq huwa li jipprovd i informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-preżenza ta' klejms hodur (green claims) fis-suq uniku għal prodotti mhux tal-ikel
 - Bil-għan li tiġi żviluppata data biex tgħin lill-Kummissjoni tifhem aħjar, timmonitorja u tikkunsidra l-interess tal-konsumaturi fis-suq intern, l-Aġenzija iffirmit kuntratt biex twettaq stħarriġ dwar il-monitoraġġ tas-suq ta' 52 suq tal-konsumatur f'27 Stat Membru, fil-Kroazja, fin-Norveġja u fl-Islanda. Ir-riżultati ta dan l-istħarriġ se jkunu analizzati u r-rakkomandazzjonijiet tal-politika se jkunu identifikati sabiex jirrimedjaw in-nuqqasijiet detetti jew b'rabta mal-funzjonament tas-suq uniku jew fir-rigward tal-abbiltà tal-konsumaturi biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati.
 - Fl-2012, l-EAHC immonitorjat l-implimentazzjoni tal-kuntratti qafas multipli biex tinfetaħ mill-ġdid il-kompetizzjoni għall-provvista ta' studji ekonomiċi dwar l-imġieba għall-EAHC, għad-DĠ SANCO u Servizzi oħra tal-Kummissjoni (DĠ JUST u DĠ CLIMA).
 - B'mod speċifiku, l-EAHC nediet tliet talbiet għall-konklużjoni ta' studji bħal dawn fl-oqsma li ġejjin: Tariffi Multilaterali tal-Interkambju għal Karti ta' Kreditu; logħob tal-azzard online u miżuri adegwati għall-protezzjoni tal-konsumaturi ta' servizzi tal-logħob tal-azzard u skrins ta' informazzjoni ta' sostenibbiltà online dwar l-imġieba ta' xiri intelliġenti fil-punt tax-xiri (Eco-Search).
 - L-EAHC ħadmet fuq it-thejjja ta' proġett ġdid dwar il-bini tal-kapaċità għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. L-EAHC nediet Sejħa miftuħa għall-konklużjoni ta' FWC (kuntratt qafas) għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ, inkluż l-e-learning multilingwu and l-iżvilupp ta' pjattaforma fuq l-Internet; studju għall-valutazzjoni ta' ħtiġijiet ta' taħriġ tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur fl-Ewropa kien ikkuntrattat f'Awwissu. Ir-riżultati finali tiegħu se jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-proġett il-ġdid.
4. Il-programm ta' ħidma BTSF
- L-EAHC hija responsabbli issa għall-implimentazzjoni ta' kważi l-attivitajiet kollha tal-BTSF (Programm għat-Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel), b'taħriġ biss dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati li għadu mmaniġġat mid-DĠ SANCO. Minkejja l-espansjoni tal-firxa ta' korsijiet offruti, l-EAHC irnexxiha tkisser l-ostakolu ta' sodisfazzjoni tal-parteċipant ta' 85 % sena qabel iż-żmien skedat. Barra minn hekk, il-valutazzjoni interim riċenti tal-BTSF turi li aktar minn 96 % tal-parteċipanti jħarsu lejn it-tagħrif miksub mit-taħriġ bħala ta' benefiċċju għall-ħidma ta' kuljum tagħhom.

| | |
|--|--|
| | <ul style="list-style-type: none">— Fl-2012, madwar 6 300 parteċipant, il-parti l-kbira tagħhom uffiċjali tal-Istati Membri, kienu mħarrġa f'156 sessjoni ta' ħidma u missjonijiet għat-taħriġ. Il-maġġoranza tal-programmi kienu bbażati fuq l-UE. Oħrajn kienu għal pajjiżi terzi, b'taħriġ immirat lejn parteċipanti mir-reġjuni tad-dinja fejn saru l-avvenimenti. — Żvilupp importanti fl-2012 kien l-estensjoni tal-mandat tal-EAHC ⁽⁴⁾ biex tippermettilha tuża sorsi tal-fondi taħt il-linji baġitarji tad-DĠ TRADE u d-DĠ DEVCO għall-attivitajiet tal-BTSF minbarra dawk previsti mill-bażi legali tal-BTSF ⁽⁵⁾. Dan wassal għall-pubblikazzjoni tal-ewwel Sejħa għall-Offerti għal programm ġdid biex ikun immaniġġat mill-EAHC bil-għan li jippermetti lill-pajjiżi mhux tal-UE li jipparteċipaw b'mod aktar effettiv f'entitajiet li jistabbilixxu standards internazzjonali (ISSB). |
|--|--|

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Settembru 2008 - li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija.

⁽²⁾ ĠU C 358, 8.12.2011, http://ec.europa.eu/eahc/documents/health/calls/2012/WP_2012_mt_for_projects.pdf.

⁽³⁾ <http://ec.europa.eu/eahc/health/projects.html>.

⁽⁴⁾ Ara d-Deċiżjoni C(2012) 8448 COM ta' implimentazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 u d-Direttiva 2000/29/KE.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEGĪBA TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja ħadet nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti. Qegħdin isiru sforzi kontinwi, li rriżultaw fi tnaqqis bin-nofs (e.g. minn 36 % għal 18 %) tal-percentawl ta' riporti minħabba kanċellamenti, matul il-perjodu 2009-2012. Din il-prassi pożittiva għandha tissaħħaħ aktar fis-snin li ġejjin, permezz ta' ppjanar aħjar u monitoraġġ tal-azzjonijiet skont it-Titolu III tal-baġit.

12. L-Aġenzja għandha barra minn hekk ittejjeb l-eżekuzzjoni tal-baġit, bil-ħsieb li tkompli żżid l-eżekuzzjonijiet tal-ħlas ta' Titolu III tal-baġit, u għaldaqstant tnaqqas il-perċentwal tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas riportati għas-sena ta' wara. Il-kuntratturi għandhom jintalbu b'mod attiv biex joħorġu fatturi fil-pront, fi żmien sena kalendarja, meta jkun xieraq.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/10)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EASA"), li tinsab f' Kolonja, ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009. L-Aġenzija nġhatat kompiti regolatorji u eżekuttivi speċifiċi fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni (2).

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji (3) u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit (4) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (5), il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet

annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkun ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni (6); it-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkun raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejġiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (7) b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux

(1) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

(2) L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

(3) Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

(4) Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(6) Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

(7) L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. L-Aġenzija stabbilixxiet proċedura standard għal verifikazzjonijiet *ex ante*. Madankollu, il-listi ta' kontroll relatati ma kinux ikkompletati u d-dokumentazzjoni li tiġġustifika l-approvazzjoni tan-nefqa mhux dejjem kienet disponibbli ⁽⁸⁾.

12. Metodoloġija għal verifikazzjonijiet *ex post* ġiet approvata fl-2009. Għalkemm l-Aġenzija wettqet aktar żviluppi fl-implimentazzjoni tagħha, għad hemm lok għal titjib fl-oqsma li ġejjin: għad ma hemmx ippjanar annwali tal-verifikazzjonijiet, il-kampjun tat-tranżazzjonijiet li jridu jiġu ċċekkjati mhuwiex ibbażat fuq ir-riskju u l-metodoloġija ma tkoprix proċeduri ta' akkwist pubbliku.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

13. Il-livell kumplessiv tal-appropriazzjonijiet impenjati kien ta' 95 %, li jvarja bejn 96 % għat-Titolu I (nefqa għall-persunal), 95 % għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u 89 % għat-Titolu III (nefqa operazzjonali). Madankollu, ir-riporti tal-appropriazzjonijiet impenjati kienu għoljin għat-Titolu III fil-livell ta' 46 %. Għalkemm dan huwa parzjalment iġġustifikat min-natura pluriennali tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-ammonti riportati inklużi fil-kampjun tal-Qorti kienu ġġustifikati kif jixraq, livell għoli bħal dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

KUMMENTI OĦRA

14. F'waħda mill-proċeduri awditjati ta' reklutaġġ, il-kandidat magħżul ma ssodisfax ir-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward ta' lawrji universitarji jew taħriġ professjonali ekwi-valenti.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

15. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Annex I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽⁸⁾ L-iskedi ta' ħin li jiġġustifikaw il-ħlas ta' servizzi abbażi ta' persuni / jiem ma kinux jeżistu.

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | It-tnaqqis fil-koeffiċjent tal-pajjiż għall-Ġermanja f'Ġunju 2010 kkawża bilanċ pożittiv sinifikanti fl-appropriazzjonijiet tat-Titolu I tal-Aġenzija (nefqa għall-persunal) għall-2011. Ġew trasferiti madwar EUR 3 miljun (7 % tal-appropriazzjonijiet) mit-Titolu I għal diversi linji tal-baġit fit-Titolu III (nefqa operazzjonali), minkejja r-rata baxxa ta' implimentazzjoni tagħhom fir-rigward ta' pagamenti ⁽¹⁾ . Hekk kif huwa permess mir-Regolament Finanzjarju tal-EASA, dan it-trasferiment sinifikanti minn titolu għall-ieħor, li biddel l-istruttura tal-baġit b'mod konsiderevoli, ma tressaqx quddiem il-bord amministrattiv tal-Aġenzija għal approvazzjoni ⁽²⁾ . Madankollu, din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni. | Ikkompletata |
| 2011 | It-trasferiment żied l-appropriazzjonijiet tat-Titolu III għal EUR 13,7 miljun. Madankollu, fl-aħħar tas-sena EUR 7,8 miljun ġew riportati għall-2012. Dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Għadha għaddejjja |
| 2011 | Jeħtieġ li l-Aġenzija ttejjeb il-ġestjoni tal-assi fissi. L-assi huma rreġistrati f'żewġ sistemi differenti li jistgħu jiġu rikonċiljati biss manwalment. Inventorji fiżiċi għandhom jiġu rrapportati u mqassra aħjar. L-istima tal-ispiża għall-proġetti ta' assi fissi ġġenerati internament, ma kienx adegwat u d-devjazzjonijiet ma ġewx immonitorati. Ma tqisux l-ispejjeż interni kollha għall-persunal u d-dokumentazzjoni tal-ispejjeż esterni ma kinitx suffiċjenti. | Ikkompletata |
| 2011 | Fl-aħħar tal-2011, l-Aġenzija kellha bilanċi bankarji ta' EUR 55 miljun (2010: EUR 49 miljun) f'bank wieħed biss. Ma kien hemm ebda politika tat-teżor stabbilita biex jiġi limitat dan ir-riskju u fl-istess ħin jinkisbu redditi xierqa fuq l-investment. | Għadha għaddejjja |
| 2011 | Il-Qorti identifikat aktar ħtieġa li titjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' għażla tal-persunal. Ma hemm ebda evidenza li l-Aġenzija stabbiliet il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u l-intervisti, l-għadd massimu ta' kandidati għall-lista ta' riżerva jew il-marki minimi biex wieħed jitqiegħed fuq din il-lista, qabel ma' ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-kuntratt ta' kera attwali tal-Aġenzija jirrikjediha tirrestawra l-bini mikri fi tmim il-kera u li treggħu lura għall-kundizzjoni oriġinali tiegħu. Sar provvediment ta' EUR 1 miljun fil-kontijiet abbażi tal-istima tal-Aġenzija tal-ispejjeż għat-tiswija tat-tiġrif. Madankollu l-istima tas-sid hija ta' EUR 4 miljun. Jeħtieġ li l-Aġenzija tikseb stima esterna indipendenti tal-ispejjeż tat-tiġrif u li dawn jiġu riflessi fil-kontijiet kif xieraq. | Ikkompletata |

(1) Linja tal-baġit 3 2 0 0 (żvilupp ta' applikazzjonijiet ta' negozju) miżjuda b'37 % għal EUR 3,5 miljun; linja tal-baġit 3 6 0 0 (tfassil ta' regoli) miżjuda b'87 % għal EUR 1,4 miljun; linja tal-baġit 3 6 0 1 (kooperazzjoni internazzjonali) miżjuda b'123 % għal EUR 778 000 u linja tal-baġit 3 9 0 3 (riċerka) miżjuda b'550 % għal EUR 1,3 miljun.

(2) Skont kemm ir-Regolament Finanzjarju tal-EASA kif ukoll dak ġenerali, daww it-trasferimenti biss li huma aktar minn 10 % tal-appropriazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord Amministrattiv għal approvazzjoni. Madankollu, għal kuntrarju tar-Regolament Finanzjarju ġenerali tal-UE, ir-Regolament Finanzjarju tal-EASA ma jillimitax it-trasferimenti għal massimu ta' 30 % tal-appropriazzjonijiet tal-linji tal-baġit li se jirċievu t-trasferimenti.

ANNEX II

Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (Kolonja)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 100 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jstabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa għan-navigazzjoni marittima u tal-ajru. Huma għandhom jaġixxu wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Regġuni.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Is-setgħat tal-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-“Regolament Bażiku”))</p> | <p>Objettivi</p> <p>— Li żżomm livell uniformi għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u li tiżgura l-funzjonament tajjeb u l-iżvilupp tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.</p> <p>Kompiti</p> <p>— li tagħti opinjonijiet u toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni,</p> <p>— li toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, inklużi kodiċijiet tal-ajrunavigabbiltà u mezzi aċċettabbli ta' konformità, u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tar-Regolament Bażiku u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu,</p> <p>— li tiegħu deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u ambjentali, ċertifikazzjoni ta' bdoti, ċertifikazzjoni ta' operazzjoni fl-ajru, operaturi ta' pajjiżi terzi, spezzjonijiet ta' Stati Membri u investigazzjoni ta' impriżi,</p> <p>— li twestaq spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, Stati assoċjati u l-Istati li qabel kienu jiffurmaw parti mill-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA) (<i>f'dan il-każ b'konformità mal-arranġamenti ta' ħidma</i>).</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Amministrattiv</p> <p>Kompożizzjoni: jikkonsisti minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant ieħor mill-Kummissjoni.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>jistabbilixxi bord konsultattiv ta' partijiet interessati.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Jamministra l-Aġenzija u huwa maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Bord tal-Appell</p> <p>Jiddeċiedi dwar appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 rigward ċerti aspetti bħal ċertifikazzjoni, tariffi u imposti u investigazzjoni tal-impriżi.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>Total tal-baġit: EUR 150,2 (138,7) miljun, inklużi:</p> <p>— dħul proprju: EUR 83,0 (75,2) miljun (55,3 %)</p> <p>— sussidju tal-Unjoni: EUR 34,9 (34,4) miljun (23,2 %)</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>— kontribuzzjoni minn pajjiżi li mhumiex fl-UE: EUR 1,7 (1,7) miljun (1,1 %)</p> <p>— dħul assenjat minn tariffi u imposti: EUR 25,2 (24,7) miljun (16,8 %)</p> <p>— dħul ieħor: 0,9 (1,4) (0,6 %)</p> <p>— sussidji oħra: 4,4 (1,2) (2,9 %)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>634 (574) persunal temporanju fit-tabella tal-persunal</p> <p>Postijiet okkupati: 612 (573)</p> <p>Persunal ieħor: 74,6 (68); aġenti kuntrattwali: 63,3 (57); esperti nazzjonali ssekondati: 11,3 (11);</p> <p>konsulenti speċjali: 0 (0).</p> <p>Total tal-persunal temporanju: 613 ⁽¹⁾ (574).</p> <p>Postijiet mimlija ffinanzjati mis-sussidju: 216 ⁽²⁾ (223).</p> <p>Postijiet mimlija ffinanzjati mit-tariffi: 396 ⁽²⁾ (350).</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Opinjoni</p> <p>Sitt Opinjonijiet, inkluż allinjament wieħed tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 mar-Regolament (KE) Nru 216/2008</p> <p>Deċiżjonijiet dwar it-Tfassil tar-Regoli</p> <p>22 Deċiżjoni relatati ma': Speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni (8); Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u Materjal ta' Gwida (13)</p> <p>Riżultati addizzjonali fl-2012 (li se jwasslu għal Regoli fis-snin li ġejjin)</p> <p>32 Termini ta' Referenza (ToRs), 23 Notifika ta' Emendi Proposti (NPAs), 19-il Dokument ta' Rispons għall-Kummenti (CRDs)</p> <p>Kooperazzjoni Internazzjonali</p> <p>18-il Arranġament tax-Xogħol.</p> <p>Tliet Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Arranġamenti tax-Xogħol.</p> <p>13-il rakkomandazzjoni mogħtija fl-Itri Statali tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).</p> <p>BASA (Bilateral Aviation Safety Agreement) (Ftehim Bilaterali dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni)</p> <p>Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Bilaterali UE - US dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni (BASA) inklużi għat-thejjja ta' żewġ laqgħat tal-Bilateral Oversight Board (Bord Bilaterali ta' Sorveljanza), żewġ laqgħat tas-Certification Oversight Board (Bord ta' Ċertifikazzjoni ta' Sorveljanza), żewġ laqgħat tal-Joint Maintenance Coordination Board (Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Manutenzjoni u laqgħa tal-Flight Standards (Standards tal-Avjazzjoni) mal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA)</p> <p>Il-bidu tal-iżvilupp ta' tliet annessi ġodda taħtil-Ftehim Bilaterali UE - US dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni (il-Liċenzjar tal-Ekwipaġġ tat-Titjira, l-Apparat ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir, Organizzazzjonijiet ta' Taħriġ tal-Bdoti).</p> <p>Appoġġ għan-negozjati tal-Ftehim UE - Ukraina dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni.</p> <p>Appoġġ għat-thejjja ta' Kumitat Konġunt wieħed mat-Transport Canada Civil Aviation (TCCA), kumitat settorjali konġunt wieħed dwar iċ-ċertifikazzjoni mat-Transport Canada Civil Aviation (TCCA) u kumitat settorjali konġunt wieħed dwar il-manutenzjoni mat-TCCA.</p> |

| |
|--|
| <p>Deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2011</p> <p>Ċertifikati tat-Tip/Ċertifikati Ristretti tat-Tip (TCs/RTCs): 10 ⁽³⁾</p> <p>Ċertifikati Supplimentari tat-Tip (STCs): 752</p> <p>Direttivi dwar l-Ajrunavigabbiltà (ADs): 319</p> <p>Metodu Alternattiv ta' Konformità (AMOC): 65</p> <p>L-Awtorizzazzjoni Ewropea dwar l-Ordni tal-Istandards Tekniċi (ETSOA): 264</p> <p>Bidliet kbar/Tiswijiet kbar/Derivattivi Ġodda TC: 952</p> <p>Bidliet żgħar/Tiswijiet żgħar: 814</p> <p>Il-Manwal tat-Titjira tal-Inġenju tal-Ajru (AFM): 360</p> <p>Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir (PTF): 498</p> <p>Apparat ta' Taħriġ ħas-Simulazzjoni ta' Titjir (FSTD): 237</p> <p>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' Disinn (AP u Proċeduri Alternattivi għal DOA(AP-DOA): 495</p> <p>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni (bilaterali) ⁽⁴⁾: 1 505</p> <p>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni (barranin) ⁽⁴⁾: 299</p> <p>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ dwar il-Manutenzjoni ⁽⁴⁾: 46</p> <p>Approvazzjoni tal-Manifattura ⁽⁴⁾: 24</p> <p>Spezzjonijiet ta' Standardizzazzjoni (għadd ta' spezzjonijiet skont it-tip) fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Fil-qasam tal-Ajrunavigabbiltà (AIR): 26</p> <p>Fil-qasam tal-Operazzjonijiet (OPS): 27</p> <p>Fil-qasam tal-liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjir (FCL): 19</p> <p>Fil-qasam tal-liċenzji tal-ekwipaġġ mediku tat-titjir (MED): 14</p> <p>Fil-qasam tal-apparat ta' taħriġ ħas-simulazzjoni tat-titjir (FSTD): 9</p> <p>Fil-qasam tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-ajru / tas-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (ANS): 10</p> |
|--|

⁽¹⁾ Żewġ bdoti strutturali part-time jokkupaw post wieħed.

⁽²⁾ Id-diviżjoni ta' postijiet mimlija bejn daww iffinanzjati mill-miżati u daww iffinanzjati mis-sussidju tista' tinbidel suġġetta għar-reviżjoni li possibilmnt issir tal-kriterji tat-tqassim għall-kontabbiltà tal-ispejjeż mill-31 ta' Diċembru 2012.

⁽³⁾ Daww it-TCs/RTCs biss li inħarġu għal disinn ta' tip ġdid huma kkunsidrati. It-TCs maħruġa bħala riżultat ta' anterjorità, trasferiment jew ħruġ mill-ġdid amministrattiv huma esklużi.

⁽⁴⁾ L-attività ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni hija suddiviża fattività ta' sorveljanza prinċipali ta' organizzazzjonijiet diġà approvati (*b'tiġdid kull sentejn jew kull tliet snin*) u attività marbuta ma' approvazzjonijiet ġodda. Id-*data* pprovduta tikkonċerna l-għadd totali ta' approvazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2012.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. Verifikazzjonijiet *ex ante* twettqu skont l-Artikolu 39 tar-Regolament Finanzjarju tal-EASA u għalhekk approvati formalment fis-sistema ERP (SAP) tal-Aġenzja. L-Aġenzja tikkonforma b'mod sħiħ mal-prinċipju tal-erba' għajnejn. Il-listi ta' kontroll jintużaw bħala gwida permezz ta' aġenti ta' verifika finanzjarja (FVAs) biex jassistuhom fir-rwol tagħhom ta' verifikazzjoni *ex ante*, iżda mhumiex fiżikament ikkompletati u mehmuża ma' kull tranżazzjoni finanzjarja minħabba n-numru kbir tagħhom (30 000 tranżazzjoni fis-sena).

12. Għall-2013 l-Aġenzja għandha pjan annwali stabbilit li huwa bbażat fuq ir-riskju u approvat mid-Direttur Eżekuttiv. Il-pjan annwali għall-2013 proċeduri ta' akkwist pubbliku.

13. Minħabba n-natura tal-attivitajiet tal-EASA u t-twaqqit ta' kkompletar ta' kuntratti relatati, obbligi legali li jittieħdu, ħafna drabi jkollhom jiġu estiżi sa tmiem is-sena kalendarja/finanzjarja biex jiżguraw l-effikaċja tagħhom, jiġifieri, proġetti ta' riċerka, studji tat-tfassil tar-regoli u t-traduzzjonijiet relatati tagħhom eċċ.

Madankollu saru sforzi kbar biex jinkoraġġixxu lill-uffiċjali awtorizzanti responsabbli biex jimpenjaw ruħhom minn qabel. Dan diġà ntwera permezz tat-titjib fit-titolu III "livelli ta' riporti" meta mqabbel mas-sena ta' qabel li naqas b'mod sinifikanti minn 59 % fl-2011 għal 46 % fl-2012.

14. Il-kandidat intgħażel f'konformità mal-proċedura ta' reklutaġġ tal-Aġenzja, li tqis kemm it-taħriġ professjonali kif ukoll żieda fl-esperjenza professjonali, bħala ekwivalenza, f'każ ta' nuqqas ta' grad univertarju biex tiżgura servizzi tal-ogħla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità u reklutaġġ fuq bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli minn fost ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2012, f'imkien mar-posti tal-Uffiċċju

(2013/C 365/11)

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju", magħruf ukoll bħala l-"EASO"), li jinsab f'Valletta, ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Uffiċċju huwa li jappoġġa l-iżvilupp tas-sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Huwa ġie stabbilit bil-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika dwar kwistjonijiet ta' asil u li jgħin lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali tagħhom biex jagħtu protezzjoni lil nies fil-bżonn. L-EASO jaġixxi bħala ċentru ta' konsulenza fil-qasam tal-asil. Huwa jipprovdni wkoll appoġġ lill-Istati Membri li s-sistemi ta' asil u akkoljenza tagħhom huma soġġetti għal pressjoni partikolari.

2. Il-Kummissjoni tat lill-Uffiċċju awtonomija finanzjarja fl-20 ta' Settembru 2012. Għaldaqstant, il-perjodu awditjat għas-sena finanzjarja 2012 jibda mill-20 ta' Settembru 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Uffiċċju. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

4. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽²⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽³⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

5. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁴⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁵⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Uffiċċju fl-aspetti materjali kollha.

- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

⁽¹⁾ ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

⁽²⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

6. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tippovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁶⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. L-awditu jnvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jnvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti u għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-fatt li l-proċess ta' twaqqif tal-Uffiċċju l-ġdid u l-istabbiliment tal-proċeduri tiegħu għadu għaddej.

KUMMENT DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET

12. Is-sistema kontabilistika tal-Uffiċċju għadha ma ġietx invalidata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà.

KUMMENT DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

13. Ammont riportat ta' EUR 0,2 miljun ma kienx kopert minn impenn legali (kuntratt) u kien għalhekk irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLL INTERN

14. L-ebda inventarju fiżiku ma twettaq biex jiżgura li t-tagħmir kollu mixtri għall-istabbiliment tal-Uffiċċju jkun inkluż fir-reġistru.

15. Ħamsin pagament, li jirrappreżentaw madwar 20 % tal-ammont totali ta' pagamenti, twettqu wara d-dati ta' skadenza stabbiliti bir-Regolament Finanzjarju.

16. Għaxar standards mis-16-il standard ta' kontroll intern⁽⁷⁾ għadhom ma ġewx implimentati għal kollox

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

17. Il-ħtiġijiet baġitarji għall-2012 kienu stmati b'mod eċċessiv b'mod konsiderevoli: EUR 4,8 miljun biss mill-EUR 7 miljun trasferiti mal-kisba tal-awtonomija finanzjarja kienu impenjati.

18. Approprijazzjonijiet impenjati li jammontaw għal EUR 3,2 miljun kienu riportati, li jirrappreżentaw 65,13 % tat-total tal-approprijazzjonijiet impenjati għall-perjodu tal-awtonomija finanzjarja⁽⁸⁾. Dawn l-ammonti riportati jikkonċernaw it-Titolu I (nefqa għall-persunal) flivell ta' EUR 0,3 miljun, it-Titolu II (nefqa amministrattiva oħra) flivell ta' EUR 1,4 miljun u t-Titolu III (attivitajiet operazzjonali) flivell ta' EUR 1,5 miljun. Huma fil-parti l-kbira relatati ma' fatturi li għadhom ma ġewx irċevuti u/jew imħallsa sa tmiem is-sena u ma' rimborżi pendenti ta' spejjeż relatati ma' esperti. Barra minn hekk, madwar EUR 0,8 miljun jikkonċernaw xogħol ta' rinnovazzjoni mwettaq fil-bini tal-Uffiċċju fl-2012, li għalih il-pagamenti se jitwettqu wara l-aċċettazzjoni finali⁽⁹⁾. Madankollu, livell għoli ta' ammonti riportati bħal dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

⁽⁷⁾ ICS Nri 3, 4, 5, 6, 8, 9, 10, 11, 13 u 14.

⁽⁸⁾ 40,32 % meta tiġi kkunsidrata s-sena kalendarja sħiħa 2012.

⁽⁹⁾ L-aċċettazzjoni finali kienet għadha għaddeja f'Mejju 2013.

19. L-ammonti ta' diversi impenji baġtarji kienu insuffiċjenti biex ikopru l-prodotti u s-servizzi mwassla relatati. L-ammont stmat ta' konsenji mhux koperti kien ta' EUR 0,2 miljun, li jirriżulta f'dikjarazzjoni eċċessiva korrispondenti fil-Kont tar-Riżultat tal-Baġit.

KUMMENTI OĦRA

20. L-EASO jikkoordina l-iskjerament tal-esperti tal-Istati Membri biex jappoġġaw Stati Membri oħra fi kriżijiet (azzjonijiet ta' appoġġ f'emerġenza) u jirrimborża l-ispejjeż għall-missjonijiet ta' esperti fuq bażi ta' rata fissa. It-total ta' spejjeż għall-missjonijiet rimborżati jammonta għal madwar EUR 417 000 (24 % tal-pagamenti totali). Rimborżi b'rata fissa tal-ispejjeż saru wkoll lil parteċipanti esterni li attendew laqgħatli saru fl-uffiċċju tal-EASO. L-ispejjeż għal-laqgħat huma mifruxin fuq diversi linji baġitarji u l-ammont totali mhuwiex magħruf. Għalkemm l-applikazzjoni ta' rati fissi tnaqqas piżijiet amministrattivi, dawn jistgħu jkunu oġhla mill-ispejjeż reali li ntnefqu.

21. Biex jospita l-EASO, il-Gvern Malti offra l-bini ⁽¹⁰⁾ u l-ftehim tal-kiri mal-Awtorità tat-Trasport ta' Malta jstipula li l-uffiċċji "qed jiġu trasferiti fi stat komplut fejn qed jingħataw

punti ta' servizz essenzjali". Madankollu, biex il-bini jsir funzjonali, kellu jiġi adattat ⁽¹¹⁾ bi spiża stmata ta' EUR 4,3 miljun, li minnha EUR 3,8 miljun kellhom ikunu koperti mill-Kummissjoni. Sa tmiem l-2012, il-parti l-kbira tax-xogħol kienet ikkompletata u pagamenti bil-quddiem li jammontaw għal madwar EUR 3 miljun kienu saru lill-Gvern Malti. Barra minn hekk, l-EASO se jħallas kera li tammonta għal madwar EUR 3,7 miljun fuq perjodu ta' disa' snin.

22. Il-Kummissjoni kienet infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-arranġamenti ta' ospitalità u l-fatt li l-bini kien jeħtieġ xi adattament biex ikun ifffinanzjat mill-Gvern Malti u l-Kummissjoni. Għalkemm l-awtoritajiet baġitarji kienu infurmati dwar il-proġett, ma hemm l-ebda evidenza li huma kienu konxji mill-ispejjeż mistennija u mis-sehem fihom li kellha l-UE.

23. Hemm lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-ponderazzjonijiet u l-punteġġ ta' livell limitu biex wieħed jiġi mistieden għal intervisti u jitpoġġa fuq il-lista ta' riżerva ġew stabbiliti qabel l-eżaminar tal-applikazzjonijiet, jew li l-mistoqsijiet għall-intervisti u t-testijiet bil-miktub ġew stabbiliti qabel l-eżaminar tal-applikazzjonijiet.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁰⁾ Deskritt fl-offerta bħala tal-oġhla livell.

⁽¹¹⁾ Skont il-ftehim relatat ta' għotja bejn il-Kummissjoni u l-Gvern Malti, jiġifieri dan jinkludi l-modifikazzjoni tat-tqassim tal-ispazju tal-uffiċċju, ħġieġ doppju, l-IT u l-infrastruttura ta' sigurtà, installazzjoni ta' kamra għall-konferenzi, eċċ.

ANNEX

Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, EASO (il-Port tal-Belt Valletta, Malta)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 67, 78 u 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' persuni huwa żgurat ikonguntemment ma miżuri xierqa fir-rigward ta' kontrolli fil-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni u l-prevenzjoni u l-ġlida kontra l-kriminalità.</p> <p>L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-għan li toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u bil-għan li tassigura l-ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement. Din il-politika trid tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u mal-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-refuġjati, kif ukoll ma' trattati oħra rilevanti.</p> <p>Għal dak il-għan, għandhom jiġu adottati miżuri għal sistema komuni Ewropea ta' asil li tinkludi: status uniformi ta' asil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha; status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu asil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali; sistema komuni ta' protezzjoni temporanja, fil-każ ta' dħul massiv, għal persuni maqlugħa minn pajjiżhom; proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus uniformi ta' asil jew ta' protezzjoni sussidjarja; kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jikkunsidra applikazzjoni għal asil jew għal protezzjoni sussidjarja; standards dwar il-kondizzjonijiet sabiex jintlaqgħu l-applikanti għal asil jew għal protezzjoni sussidjarja; sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-amministrazzjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għal asil jew għal protezzjoni sussidjarja jew temporanja.</p> <p>F'każ li Stat Membru wieħed jew iktar isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, jistgħu jiġu adottati miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i).</p> <p>Il-politika tal-Unjoni dwar l-asil u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Uffiċċju</p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>L-EASO jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. L-EASO għandu l-għan li jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fost l-Istati Membri dwar il-ħafna aspetti tal-asil, bħal: li jipprovdi appoġġ prattiku u operattiv lil Stati Membri; li jipprovdi appoġġ operattiv lil Stati Membri li huma soġġetti għal pressjoni partikolari dwar is-sistemi tal-asil tagħhom, inkluża l-koordinazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil magħmula minn esperti nazzjonali fil-qasam tal-asil; li jipprovdi għajnuna xjentifika u teknika għat-tfassil tal-politika tal-UE u l-legalizzazzjoni fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-asil.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Appoġġ permanenti: jappoġġa u jstimola l-kwalità komuni tal-proċess tal-asil permezz ta' taħriġ komuni, kurrikulu komuni dwar l-asil, kwalità komuni u Informazzjoni komuni dwar il-Pajjiżi tal-Oriġini. — Appoġġ speċjali: għajnuna mfassla apposta, bini tal-kapaċità, rilokazzjoni, appoġġ speċifiku u proċessi speċjali ta' kontroll tal-kwalità. — Appoġġ ta' emerġenza: jorganizza solidarjetà għal Stati Membri affaċċjati bi pressjonijiet partikolari billi jipprovdi appoġġ temporanju u assistenza biex isewwi jew jibni mill-ġdid is-sistema tal-asil. |

| | |
|------------------------|--|
| | <p>— Informazzjoni u appoġġ ta' analiżi: jikkondividi u jisfuża informazzjoni u <i>data</i>, analiżi u valutazzjonijiet: mhux biss iqabbel u jikkondividi l-informazzjoni, iżda wkoll analiżi ta' tendenzi komuni u valutazzjonijiet komuni.</p> <p>— Appoġġ lil pajjiżi terzi: jappoġġa d-dimensjoni esterna, jappoġġa s-sħubijiet ma' pajjiżi terzi biex jintlaħqu soluzzjonijiet komuni, pereżempju bil-bini tal-kapaċità u programmi reġjonali ta' protezzjoni, u jikkoordina l-azzjonijiet tal-Istati Membri dwar is-sistematizzazzjoni mill-ġdid.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Il-Bord ta' Tmexxija tal-EASO huwa magħmul minn membru wieħed minn kull Stat Membru minbarra d-Danimarka, żewġ membri mill-Kummissjoni Ewropea u membru wieħed mingħajr dritt għall-vot mill-UNHCR (Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati). Il-membri kollha huma maħtura abbażi tal-esperjenza tagħhom, ir-responsabbiltà professjonali u livell għoli ta' kompetenza fil-qasam tal-asil.</p> <p>Id-Danimarka hija mistiedna biex tattendi l-laqgħat kollha tal-Bord ta' Tmexxija u laqgħat oħra rilevanti bħala osservatur.</p> <p>Il-Kroazja hija wkoll mistiedna biex tattendi l-laqgħat kollha tal-Bord ta' Tmexxija u laqgħat oħra rilevanti bħala osservatur, sakemm issir membru sħiħ tal-EASO wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni bejn l-UE u l-Kroazja tad-9 ta' Diċembru 2011.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-funzjonijiet ewlenin tal-Bord ta' Tmexxija, bħala l-korp ta' tmexxija u tal-ippjanar tal-EASO, huma deskritti fil-qosor fl-Artikolu 29 tar-Regolament dwar l-EASO u jinkludu l-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv u l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma tal-EASO u rapporti annwali, u tal-baġit ġenerali tal-EASO. Huwa għandu responsabbiltà kumplessiva biex jiżgura li l-EASO iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv, li huwa indipendenti fit-tweqqif tal-kompiti tiegħu, huwa r-rappreżentant legali tal-Uffiċċju u huwa responsabbli, <i>inter alia</i>, mit-tmexxija amministrattiva tal-EASO u mill-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u d-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv tal-EASO, Dr Robert K. Visser, ħa l-kariga tiegħu fl-1 ta' Frar 2011. Il-perjodu ta' kariga tiegħu huwa ta' ħames snin, jiġġedded darba għal tliet snin oħra.</p> <p>Gruppi ta' Ħidma</p> <p>Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament dwar l-EASO, l-EASO jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma magħmula minn esperti.</p> <p>Forum Konsultattiv</p> <p>Fl-2011 – l-ewwel sena tal-operat tiegħu – l-EASO stabbilixxa Forum Konsultattiv skont l-Artikolu 51 tar-Regolament dwar l-EASO. Il-Forum Konsultattiv jippermetti lill-EASO li jiżgura li hemm djalogu viċin ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u korpi kompetenti rilevanti. Il-Forum Konsultattiv jikkostitwixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni u tal-akkomunament ta' konnoxxenza bejn l-EASO u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u korpi rilevanti li joperaw fil-qasam tal-politika tal-asil. Skont ir-Regolament tal-EASO, il-forum Konsultattiv jitlaqqa' f'seduta plenarja tal-anqas darba f'sena. Barra minn hekk, l-EASO għandu kalendarju ta' konsultazzjoni annwali biex jorganizza d-diversi metodoloġiji ta' konsultazzjoni u l-attivitatijiet tiegħu, jiġifieri. laqgħat tal-esperti, sessjonijiet ta' ħidma, seminars u konsultazzjonijiet online.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2012</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 10 miljun (L-EASO ngħata awtonomija finanzjarja fl-20 ta' Settembru 2012. Sa dik id-data l-baġit kien jiġi implimentat mill-Kummissjoni Ewropea).</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet awtorizzati (persunal temporanju): 38. Postijiet okkupati: 38</p> <p>Postijiet oħra (persunal kuntrattwali u ENS (Esperti Nazzjonali Sekondati)): 23. Postijiet okkupati: 20</p> <p>Total ta' postijiet: 61</p> <p>Postijiet okkupati: 58, minn persunal assenjati l-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operattivi: 30 — kompiti amministrattivi u ta' appoġġ: 28 |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012</p> | <p>L-attivitajiet tal-EASO jistgħu jitqassmu f'fames oqsma prinċipali: appoġġ permanenti, appoġġ speċjali, appoġġ ta' emerġenza, informazzjoni u appoġġ ta' analiżi u appoġġ fil-pajjiżi terzi.</p> <p>Appoġġ permanenti: L-EASO organizza 15-il sessjoni ħarreġ lil min iħarreġ (train-the-trainer), aġġorna 10 moduli ta' taħriġ, adotta strateġija ta' Taħriġ u organizza s-Seminar Annwali dwar id-Didattika. L-EASO żviluppa wkoll metodoloġija ta' valutazzjoni tal-kwalità, organizza 16-il laqgħa COI mal-Gruppi ta' ħidma u mat-Task Force, ippubblica żewġ rapporti COI dwar l-Afghanistan, organizza tliet sessjonijiet ta' ħidma għal kooperazzjoni Prattika u ħejja erba' laqgħat tal-esperti dwar Minorenni Mhux Akkumpanjati.</p> <p>Appoġġ speċjali: L-EASO nieda appoġġ speċjali għall-Isvezja u ppreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu dwar proġetti ta' rilokazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.</p> <p>Appoġġ ta' emerġenza: L-EASO ta appoġġ ta' emerġenza lill-Greċja għal sena sħiħa, u lil-Lussemburgu fi Frar 2012.</p> <p>Informazzjoni u appoġġ ta' analiżi: L-EASO ppubblika r-Rapport Annwali tiegħu dwar l-istat tal-asil fl-UE fl-2011. Barra minn hekk, L-EASO ppreżenta analiżi ta' twissija bikrija u prognosi ta' tendenzi dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE lill-Kunsill u lil imsieħba oħra.</p> <p>Appoġġ lil pajjiżi terzi: L-EASO organizza konferenza dwar is-sistematizzazzjoni mill-ġdid.</p> <p>Fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-EASO, L-EASO kiseb indipendenza finanzjarja, organizza erba' laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija, iċċaqlaq lejn l-uffiċċji l-ġodda tiegħu, iffirma kuntratt ta' ħidma mal-Frontex, għamel it-tieni laqgħa tiegħu tal-Forum Konsultattiv u kkonsulta s-soċjetà ċivili dwar diversi suġġetti inkluż ir-rapport annwali tiegħu.</p> |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

IT-TWEGĠIBIET TAL-UFFIĊĊJU

12. Tfassal rapport dwar il-validazzjoni tas-sistema tal-awditjar tal-EASO f'Mejju 2013. Ir-rapport finali ġie ffirmat fid-29 ta' Mejju 2013.
13. Matul il-fażi tat-tnedija tal-EASO u qabel l-indipendenza finanzjarja, ġew stabbiliti diversi impenji proviżorji li jkopru tipi differenti ta' spejjeż. Qabel l-indipendenza finanzjarja, ittieħdet id-deċiżjoni li dawn l-impenji ma jergħux isiru. Fl-aħħar tas-sena 2012 ittieħdet id-deċiżjoni li dawn l-impenji jiġu trasferiti għall-2013 sabiex jiġi żgurat li t-talbiet għall-ħlasijiet relatati mal-2012 (possibbilment pendenti) ikunu koperti minn impenn baġitarju. Bħalissa l-EASO qiegħda tissorvelja b'mod kontinwu l-mod kif isiru l-impenji baġitarji. Dan għandu jiżgura trasferiment regolari għall-2014.
14. Ser isir inventarju fiżiku matul it-tielet kwart tas-sena 2013.
15. Ix-xogħol li baqa' ma sarx kien minħabba t-trasferiment ta' dejta fl-ABAC u kaġun tat-trasferiment ta' fajls fiżiċi għall-finijiet tal-indipendenza finanzjarja. L-EASO tistenna li l-pagamenti tardivi ser jonqsu b'mod radikali sas-sajf 2013.
16. Wara l-awto-valutazzjoni ta' April 2013, l-EASO issa waslet qrib l-implimentazzjoni sħiħa u ser tiffinalizza dan il-proċess sal-aħħar tal-2013.
17. L-2012 kienet sena eċċezzjonali f'termini ta' rekwiżiti baġitarji kaġun tal-indipendenza finanzjarja, u l-EASO kellha biss xahrejn u nofs biex timpenja l-EUR 4,8 miljun msemmija.
18. Anke jekk il-perċentwal tat-trasferimenti kien kunsiderevolment għoli, fil-biċċa l-kbira dan kellu x'jaqsam mad-data tardiva tal-indipendenza finanzjarja li ntlaħqet fl-aħħar ta' Settembru 2012 u l-ġarr lejn il-bini permanenti l-ġdid li sar ukoll f'Settembru tal-istess sena.
19. L-ammont insuffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-obbligi legali relatati mal-oġġetti u s-servizzi forniti kien ikkaġunat miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-2012 (indipendenza finanzjarja). L-EASO diġà stabbiliet sistemi effikaċi ta' ppjanar, sorveljanza u rapportar għall-impenji baġitarji sabiex tiżgura li l-obbligi legali jkunu koperti bis-sħiħ b'impenji baġitarji suffiċjenti.
20. Il-qafas għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-esperti abbażi ta' rati forfejtarij tħejja bl-appoġġ tekniku tad-DĠ HOME fl-2011, u mbagħad tressaq quddiem il-Bord Maniġerjali tal-EASO u ġie adottat minnu. Is-sistema ta' rata fissa qieset bis-sħiħ il-flessibbiltà li jiġu mmobilizzati esperti fi żmien qasir b'titjiriet bi prezzijiet għoljin korrispondenti, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar f'żoni remoti bħaż-żoni transkonfinali. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda, din is-sistema ser tkun soġġetta għal reviżjoni regolari.
21. Il-Kummissjoni Ewropea tat għotja *de facto* lill-Ministeru Malti għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni abbażi tad-deċiżjoni ta' finanzjament annwali tad-DĠ JLS/HOME għall-aġenziji (deċiżjoni ta' finanzjament tal-2010 dwar l-appalti u s-sussidji tal-korpi tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà għall-2010), bil-għan li jsiru s-sistemazzjoni u l-installazzjoni tat-tagħmir tas-sigurtà fil-bini tal-EASO li ġie pprovdut mill-Gvern Malti.
22. Id-dispożizzjonijiet baġitarji għal dan il-proġett ġew inklużi fil-baġit approvat tal-EASO. Id-dettalji speċifiċi u l-estimi ta' dan il-proġett kienu parti mill-Ftehim tal-Għotja. Il-Ftehim tal-Kiri u l-proġett ġew diskussi f'diskussjoni speċifika li saret fil-Kumitat għall-Baġit tal-Parlament Ewropew fl-2011.
23. Ittejbet it-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ. Wara l-indipendenza amministrattiva u finanzjarja tal-EASO, iddaħħlu Prattiki ġodda ta' għażla/reklutaġġ. Dawn il-prattiki huma deskritti wkoll fil-Politika għar-Reklutaġġ tal-EASO.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità

(2013/C 365/12)

INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Bankarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", magħrufa wkoll bħala l-"EBA"), li tinsab f'Londra, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Awtorità huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiċi regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti, li timmonitorja u tivvaluta żviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha u li ssaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitur u tal-investitur⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Awtorità, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Awtorità. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Awtorità jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Awtorità wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Awtorità fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-twertiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adotati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. Sabiex tkopri tariffi ogħla tal-iskola, l-Awtorità tagħti lill-persunal li t-tfal tagħhom jattendu l-iskola primarja jew sekondarja kontribuzzjoni għall-edukazzjoni barra mill-allowances għall-edukazzjoni previsti fir-Regolamenti tal-Persunal⁽⁸⁾. Kontribuzzjonijiet totali għall-edukazzjoni fl-2012 ammontaw għal madwar EUR 76 000. Huma mhumiex koperti bir-Regolamenti tal-Persunal u għalhekk huma irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. B'konformità mal-istrateġija tal-IT tal-Awtorità li kienet ġiet imfassla mill-organizzazzjoni predeċessur tagħha⁽⁹⁾, is-sistemi ta' applikazzjoni ċentrali tal-IT ta' EBA ġew esternalizzati lill-fornitur estern tal-IT⁽¹⁰⁾ sa Diċembru 2013. Dan joħloq riskji relatati mal-kontroll u s-sorveljanza limitati tal-Awtorità fuq is-sistemi tal-IT tagħha.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

13. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 89 %, li jvarja bejn 84 % għat-Titolu I (nefqa fuq il-persunal), 86 % għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u 100 % għat-Titolu III (nefqa operazzjonali)⁽¹¹⁾. Riporti ta' approprjazzjonijiet impenjati kienu għolja għat-Titolu II (45 %) prinċipalment minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-Awtorità, bħattentattiv bla suċċess li jinstab bini ġdid u dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi proġetti tal-IT li kien diffiċli li tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa dwarhom mill-organizzazzjoni predeċessur. Għat-Titolu III, riporti ta' approprjazzjonijiet impenjati kienu għolja (85 %), prinċipalment minħabba l-kumplessità u durata twila ta' żewġ proċeduri ta' akkwist tal-IT li madankollu ttwettqu skont il-pjan, dewmien fil-tnejja u l-implimentazzjoni ta' tliet proġetti oħra tal-IT u l-fatturar tard ta' xi servizzi tal-IT mill-fornituri.

KUMMENTI OĦRA

14. Il-Qorti identifikat id-dgħufijiet li ġejjin fil-proċeduri ta' reklutaġġ awditjati li jaffettwaw it-trasparenza u t-trattament indaqs: il-kandidati ngħataw punteġġ globali minflok punteġġ wieħed għal kull kriterju tal-għażla; ma kien hemm ebda evidenza li l-mistoqsijiet għall-intervisti u t-testijiet kienu ġew stabbiliti qabel id-data tal-eżamijiet.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 3 tal-Anness VII jipprovdi għad-doppju tal-allowance bażika ta' EUR 252,81 = EUR 505,62.

⁽⁹⁾ Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej.

⁽¹⁰⁾ Banque de France (Bank ta' Franza).

⁽¹¹⁾ Wara analiżi tal-ħtiġijiet għall-parti tas-sena li kien għad fadal, il-baġit ġie revedut u l-appropriazzjonijiet imnaqqsa b'8,9 % f'Settembru 2012.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

15. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri
Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | Ir-rati baxxi ta' eżekuzzjoni tal-baġit jindikaw diffikultajiet fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2011 kien ta' EUR 12,7 miljun. Skont ir-Regolament li hija msejsa fuqu ⁽¹⁾ , 60 % tal-baġit għall-2011 kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EFTA u 40 % mill-baġit tal-Unjoni. Fi tmiem l-2011 l-Awtorità rreġistrat riżultat pożittiv fil-baġit ta' EUR 3,6 miljun. F'konformità mal-Artikoli 15(4) u 16(1) tar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-ammont sħiħ imbagħad ġie rreġistrat fil-kontijiet bħala passiv lejn il-Kummissjoni Ewropea. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Ġew innutati dgħufijiet fir-rigward ta' tliet impenji legali magħmula qabel l-impenji tal-baġit (EUR 742 000). | Ikkompletata |
| 2011 | Is-sistema ta' kontabbiltà tal-Awtorità għad trid tiġi validata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà, kif mitlub mir-Regolament Finanzjarju. | Ikkompletata |
| 2011 | Mhux il-proċeduri ta' akkwist awditjati kollha kienu konsistenti għalkollox mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali. Kuntratti li jiswew EUR 299 182 kienu ġew immedija skont regoli nazzjonali, u dan wassal għal pagamenti ta' EUR 248 775 fl-2011. L-Awtorità għandha tiżgura li l-kuntratti l-ġodda kollha jingħataw f'konformità sħiħa mar-regoli ta' akkwist tal-UE. | Ikkompletata |
| 2011 | L-Awtorità teħtieġ ittejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ: qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet, ma ġewx stabbiliti l-ponderazzjonijiet għall-kriterji ta' għażla u l-punteġġi limiti biex wieħed ikun mistieden għal intervisti jew biex ikun inkluż fil-lista ta' kandidati xierqa. | Għadha għaddejja |

(¹) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, l-Artikolu 62(1).

ANNEX II

Awtorità Bankarja Ewropea (Londra)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 26 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Artikolu 26</p> <p>“1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tassigura l-funzjonament tas-suq intern, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.</p> <p>2. Is-suq intern għandu jikkompreni arja bla frontieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati.</p> <p>3. Il-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni għandu jstabbilixxi l-linji-gwida u l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jiżguraw progress bilanċjat fis-setturi kollha interessati.”</p> <p>L-Artikolu 114</p> <p>“1. Ħlief fejn provdut xort'oħra fit-Trattati, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kisba tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 26. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.”</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Awtorità</p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <p>(a) Li jitjeb l-operat tas-suq intern, inkluż b'mod partikolari, livell sod, effikaċi u konsistenti ta' regolamentazzjoni u superviżjoni;</p> <p>(b) li jiġu żgurati l-integrità, it-trasparenza, l-effikaċja u l-operat ordnat tas-swieq finanzjarji;</p> <p>(c) li tissaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali;</p> <p>(d) li jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u tingħata promozzjoni għal kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni;</p> <p>(e) li jiġi żgurat li t-teħid ta' riskji ta' kreditu u riskji oħrajn ikunu regolati u sorveljati kif xieraq;</p> <p>(f) li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur.</p> <p>Kompiti</p> <p>(a) Li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiċi regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja;</p> <p>(b) li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti;</p> <p>(c) li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti;</p> <p>(d) li tikkooopera mill-qrib mal-BERS ⁽¹⁾;</p> <p>(e) li torganizza u twettaq analiżijiet tar-reviżjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti;</p> <p>(f) li timmonitorja u tivvaluta żviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha;</p> <p>(g) li twettaq analiżijiet ekonomiċi tas-swieq biex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha sew;</p> <p>(h) li ssaħħaħ il-protezzjoni tad-depożitur u tal-investitur;</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>(i) li tikkontribwixxi għall-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju sistemiku, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-għoti ta' protezzjoni ta' livell għoli lid-depożituri u l-investituri madwar l-Unjoni u l-iżvilupp ta' metodi għar-riżoluzzjoni tal-problemi ta' istituzzjonijiet finanzjarji li qegħdin ifallu u valutazzjoni tal-ħtieġa għal strumenti ta' finanzjament adegwati;</p> <p>(j) li twettaq kwalunkwe kompitu speċifiku ieħor stipulat f'dan ir-Regolament jew fatti leġislattivi oħra;</p> <p>(k) li tippubblika fil-website tagħha, u taġġorna b'mod regolari, l-informazzjoni relatata mal-qasam tal-attivitajiet tagħha;</p> <p>(l) li tieħu r-responsabbiltà, kif suppost, tal-kompiti kollha eżistenti u li għaddejjin bħalissa mill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE).</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tas-Superviżuri</p> <p>Magħmul mill-President, rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru (kap tal-NSA ⁽²⁾), il-Kummissjoni, il-BĊE ⁽³⁾, il-BERS, l-EIOPA ⁽⁴⁾ u l-ESMA ⁽⁵⁾.</p> <p>Bord Maniġerjali</p> <p>Magħmul mill-President u sitt membri oħra tal-Bord tas-Superviżuri.</p> <p>President</p> <p>Maħtur mill-Bord tas-Superviżuri.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord tas-Superviżuri.</p> <p>Bord tal-Appell</p> <p>Entità konġunta tat-tliet ASE.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit 2012</p> <p>EUR 20,7 (12,7) miljun</p> <p>Inklużi:</p> <p>Sussidju tal-Unjoni Ewropea: EUR 8,3 (5,1) miljun</p> <p>Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri: EUR 12,1 (7,4) miljun</p> <p>Kontribuzzjonijiet mill-osservaturi: EUR 0,3 (0,2) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>68 (40) membru tal-persunal temporanju</p> <p>12-il (6) membru tal-persunal kuntrattwali</p> <p>14-il Espert Nazzjonali Sekondati (5)</p> |

Prodotti u servizzi fl-2012

- Konsultazzjonijiet pubbliċi fuq 23 abbozz ta' Standards Tekniċi Regulatorji u ta' Implimentazzjoni, li minnhom 16 dwar fondi ta' kapital/propri.
- Għoti lill-Kummissjoni tal-ewwel abbozz ta' standards Tekniċi Regulatorji dwar ir-*rekwiżiti kapitali* għal kontropartijiet ċentrali taħt ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew.
- Ħarġa ta' 6 Linji gwida, 4 Dokumenti ta' Diskussjoni u 14-il Dokument ta' Konsultazzjoni.
- Proviżjoni ta' seba' Opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tliet ittri b'kummenti dwar kwistjonijiet kontabilistiċi lill-Fondazzjoni IASB/IFRS u ittra waħda b'kummenti dwar kwistjonijiet tal-awditjar lill-IAASB.
- Segwitu għar-Rakkomandazzjoni tal-EBA ta' Lulju 2011 dwar test tal-istress madwar l-UE u r-Rakkomandazzjoni tal-EBA ta' Diċembru 2011 dwar ir-Rikapitalizzazzjoni fejn l-implimentazzjoni għandha ssir sat-30 ta' Ġunju 2012 (monitoraġġ tal-pjanijiet tal-kapital tal-banek, pubblikazzjoni ta' *data* individwali dwar pożizzjonijiet tal-kapital ta' 61 bank).
- Xogħol b'relazzjoni mal-kulleġġi tas-superviżuri li jiffukaw fuq it-titjib tal-konsistenza tal-prattiċi ta' sorveljanza, koordinazzjoni aħjar ta' attivitajiet, u l-artikolazzjoni ta' deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali li huma speċifiċi għall-istitutzzjoni, b'fokus speċifiku fuq l-40 l-ikbar bank transkonfinali tal-UE.
- Parteċipazzjoni f'116-il laqgħa u attivita ta' kulleġġi.
- Żvilupp tal-Manwal dwar il-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-EBA għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza, li jindirizza skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-kulleġġi u mal-EBA f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
- Żvilupp tad-dokument tal-Prattiċi Tajba dwar il-konsistenza fil-kontenut u fl-artikolazzjoni ta' deċiżjonijiet konġunti.
- Ħarġa ta' għadd ta' rapporti minn esperti (eż. rapport dwar analiżi tal-qafas prudenzjali għas-self lill-SMEs, rapport dwar l-eżerċizzjoni ta' monitoraġġ Basel III/CRDIV, rapport dwar l-analiżi ta' segwitu mmirat lejn il-valutazzjoni tad-divulgazzjonijiet li saru mill-banek b'rispons għar-*rekwiżiti* tal-Pilastru 3 stabbiliti fid-Direttiva dwar ir-*Rekwiżiti* ta' Kapital, rapport dwar il-funzjonament ta' kulleġġi u tnettig ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-kulleġġi, eċċ).
- Tnettig ta' analiżi tar-riskju, valutazzjoni u monitoraġġ, u preżentazzjoni ta' rapporti dwar ir-riskju lill-firxa wiesgħa ta' partijiet interessati (inkluż ir-rapport annwali lill-parlament tal-UE, aġġornamenti u rapporti kull sitt xhur u kull tliet xhur, ħarsa ġenerali ta' kull ġimgħa b'rappurtar dwar il-likwidità u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-banek Ewropej), tisħiħ tal-infrastruttura tal-valutazzjoni u l-analiżi tar-riskju, inkluża l-esplorazzjoni ta' *data* interna u esterna.
- Għoti ta' input u kontribut għall-proċess tal-analiżi tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji fil-kuntest tal-Artikolu 81 tar-Regolament EBA, b'mod konġunt mal-ESMA u l-EIOPA (għoti ta' *data* kwantitattiva u kwalitattiva u rapport dwar l-awtovalutazzjoni lill-Kummissjoni).
- Kontribut għall-Programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju tal-UE tal-Fond Monetarju Internazzjonali.
- Xogħol relatat mal-EURIBOR u kwistjonijiet relatati mal-punti ta' riferiment, imwettqa b'mod konġunt mal-ESMA, inkluża l-ħarġa ta' rakkomandazzjonijiet lill-Euribor-EBF u lill-awtoritajiet nazzjonali u ħidma fuq prinċipji għall-proċessi ta' stabbiliment tal-punti ta' riferiment.
- Tnettig ta' sħarriġijiet ta' awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' regolamenti nazzjonali dwar assigurazzjoni professjonali ta' indennizz, u fir-rigward ta' self responsabbli u t-trattament ta' min jissellef u jinstab f'diffikultajiet ta' pagament, pubblikazzjoni tar-Rapport dwar it-Tendenzi tal-Konsumatur 2012.
- Organizzazzjoni tal-Jum dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-EBA f'Ottubru 2012.

| | |
|--|---|
| | <ul style="list-style-type: none"> — Ħolqien tal-Kumitat Permanenti dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Innovazzjoni Finanzjarja (SCConFin) u is-sottogruppi tiegħu li jaħdmu fuq self responsabbli u l-ittrattar ta' arretrati; fondi negozjati fil-borża; u kuntratti għal differenza. — Għoti u koordinazzjoni ta' 13-il seminar lil persunal mill-EBA u minn awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza. — Stabbiliment ta' sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-qasam finanzjarju, irrappurtati lill-Bord ta' Tmexxija tal-EBA fuq bażi regolari. — Estensjoni ulterjuri ta' sistema e-HR integrata (Allegro) biex jiġi ffaċilitat ambjent ta' xogħol effiċjenti u trasparenti. — 11-il laqgħa tal-Bord ta' Superviżuri (7 laqgħat wiċċ imbwiċċ, 4 konferenzi bit-telefown), 8 laqgħat tal-Bord Maniġerjali (6 laqgħat wiċċ imbwiċċ, 2 konferenzi bit-telefown). — Madwar 180 laqgħa organizzati mill-Kumitati Interni/Gruppi/Task forces/ Panils tal-EBA. |
|--|---|

⁽¹⁾ Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

⁽²⁾ Awtorità Nazzjonali Superviżorja.

⁽³⁾ Il-Bank Ċentrali Ewropew.

⁽⁴⁾ Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol

⁽⁵⁾ Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

IT-TWEĠIBIET TAL-AWTORIÀ

11. L-ispejjeż għoljin tal-miżati tal-iskejjel u n-nuqqas ta' Skola Ewropea f'Londra qed ikunu ta' ostaklu kbir biex ikun attirat u miżmum persunal bi kwalifiki għoljin b'esperjenza suffiċjenti biex ikun jista' jitwettaq il-mandat tal-EBA.

Wara negozjati mingħajr suċċess mal-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-EBA adottat politika interna biex tevita d-diskriminazzjon u tippromwovi l-opportunitajiet ugwali fil-qafas tal-politika tal-persunal, u b'hekk tirrifletti l-ispiritu tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-persunal tal-aġenzija tal-EBA ser jibda jirċievi l-istess appoġġ soċjali għall-ispejjeż edukattivi bħall-persunal impjegati skont ir-Regolamenti tal-Persunal f'lokalitajiet oħra.

L-isfond u r-raġunijiet għal dan l-approċċ dejjem ġew inklużi fid-dettall fil-Baġit tal-EBA (Pjan ta' Politika tal-Persunal) fil-proċedura baġitarja annwali.

12. L-EBA qablet mal-kumment tal-Qorti. L-istrateġija l-ġdida tal-IT, approvata mill-Bord Amministrattiv fl-2012 u implimentata fl-2013, ser tirtorna lill-Awtorità kontroll estiż fuq is-sistemi tal-IT tagħha fl-1.01.2014 meta jiskadi l-kuntratt attwali tal-fornitur tal-IT.

13. L-EBA tieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Fil-każ ta' riporti relatati mal-IT f'titolu III, dan jista' jkun attribwit għall-paġna tal-bidu tal-Aġenzija u l-implimentazzjoni ta' strateġija ġdida tal-IT li għandha l-għan li ttemm is-soluzzjonijiet antiki u tistabbilixxi pjattaforma tal-IT b'saħħitha konformi mal-mandat fit-tul tal-EBA. Ladarba l-fażi tal-bidu tkun lesta, l-infiq fuq l-IT jinfirx b'mod iktar ekwu tul is-sena fiskali, u għaldaqstant jitnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji ta' riporti.

14. L-EBA tagħraf id-dgħjufijiet identifikati mill-Qorti u minnufih implimentat il-miżuri korrettivi. Sa minn Jannar 2013, il-kandidati ngħataw skor għal kull waħda mill-kriterji tas-selezzjoni u l-evdienza li l-mistoqsijiet u l-eżamijiet saru qabel id-data tal-eżami hija sistematikament inkluża fil-fajls ta' reklutaġġ.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2013/C 365/13)

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (minn hawn 'il quddiem "iċ-Ċentru", magħruf ukoll bħala l-"ECDC"), li jinsab fi Stokkolma, ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompiti prinċipali taċ-Ċentru huma li jiġbor u jxerred *data* dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-bniedem u li jagħti opinjonijiet xjentifiċi dwar dan is-suġġett. Huwa meħtieġ ukoll jikkordina n-netwerk Ewropew tal-korpi li joperaw f'dan il-qasam⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll taċ-Ċentru. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovdata mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali taċ-Ċentru, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali taċ-Ċentru wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja taċ-Ċentru fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jkunux

⁽¹⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ L-*Anness II* jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet taċ-Ċentru kienet kwalifikata għas-sena 2011 minħabba li ċ-Ċentru ma rrispettax l-ammont massimu ta' kuntratt qafas mill-2009. Skont dan il-kuntratt qafas, iċ-Ċentru seta' jiffirma kuntratti speċifiċi ma' fornituri magħżula sa ammont massimu

ta' EUR 9 miljun. Madankollu sa tmiem l-2011, kienu saru pagamenti ta' EUR 12,2 miljun.

12. Sabiex jixtri servizzi essenzjali għat-tkomplija tal-proġett relatat, iċ-Ċentru fl-2012 ikkonkluda kuntratti speċifiċi addizzjonali għal ammont ta' EUR 2,5 miljun. Flimkien mal-pagamenti ta' EUR 2,7 miljun li saru fl-2012 għal kuntratti ffirmati diġà fl-2011, il-pagamenti li saru ammontaw għal total ta' EUR 17,4 miljun sa tmiem l-2012. Filwaqt li pagamenti 'l fuq mil-limitu massimu ta' EUR 9 miljun stabbilit fil-kuntratt qafas huma irregolari, iċ-Ċentru ħa azzjoni korrettiva fl-2012 u ffirmat kuntratt qafas ta' sostituzzjoni f'Ġunju 2012 (mhumieq se jsiru aktar pagamenti taħt il-kuntratt qadim) u tejjeb il-monitoraġġ tal-konsum ta' kuntratti qafas iġenerali.

13. Fl-2012 pagamenti li jammontaw għal EUR 5,2 miljun jirriżultaw minn nuqqasijiet fis-snin preċedenti meta l-limitu massimu tal-kuntratt qafas ma ġiex osservat. Dawn jirrelataw ma' obbligi kuntrattwali li rriżultaw minn snin preċedenti (EUR 2,7 miljun) jew saru fl-2012 għal raġunijiet ta' kontinwità tan-negozju (EUR 2,5 miljun) sal-finalizzazzjoni tal-proċedura ta' akkwist għall-kuntratt qafas ġdid. Meta wieħed iqis l-azzjoni korrettiva meħuda miċ-Ċentru fl-2012, il-Qorti ma kkwalfikatx l-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet din is-sena.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

14. Fl-2012, iċ-Ċentru ta għotjiet lil istituzzjonijiet li jwettqu r-riċerka u individwi. In-nefqa totali tal-għotjiet ammontat għal EUR 752 000, li tirrappreżenta 1,4 % tan-nefqa operattiva 2012. Il-verifikazzjonijiet *ex ante* taċ-Ċentru qabel ir-rimborż tal-ispejjeż ikklejmjati mill-benefiċjarji jikkonsistu minn analiżi fl-uffiċċju tal-klejms tal-ispejjeż u parzjalment ukoll minn ċertifikati tal-awditjar maħruġa minn ditti indipendenti tal-awditjar ikkuntrattati mill-benefiċjarji. Iċ-Ċentru normalment ma jottjeni ebda dokument mill-benefiċjarji biex jissostanzja l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tal-ispejjeż ikklejmjati. Sabiex isahha il-kontrolli, iċ-Ċentru adotta strateġija ta' verifikazzjoni *ex post* u ppjana għall-implimentazzjoni tagħha fl-2012. Madankollu, huwa esperjenza dewmien ta' 10 xhur biex jikseb aċċess għal kuntratt tal-awditjar interstituzzjonali u, fiż-żmien tal-awditu, kienet għadha ma saret ebda verifikazzjoni *ex post* tan-nefqa tal-għotjiet fl-2012. Għat-tranżazzjonijiet awditjati mill-Qorti, inkisbet dokumentazzjoni ta' sostenn miċ-Ċentru f'isem il-Qorti u din iprovdiet aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tagħhom.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

15. L-implimentazzjoni tar-rati tal-baġit kienu sodisfaċenti għat-Titolu I (nefqa tal-persunal) u għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) b'97 % u 80 % tal-appropriazzjonijiet impenjati rispettivament. Filwaqt li l-livell ta' ammonti riportati relatat mat-Titolu III huwa għoli flivell ta' EUR 8,3 miljun (41 % tal-appropriazzjonijiet impenjati tat-Titolu III), dan ma sehxx minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali taċ-Ċentru, imma jirrifletti n-natura pluriennali tal-attivitajiet. Iċ-Ċentru adotta modulu ta' ppjanar baġitarju li huwa marbut direttament mal-Programm ta' Ħidma Annwali tiegħu u l-pagamenti ġew ipplanati u magħmula skont il-bżonnijiet operazzjonali.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

16. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Annex I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Bħal fis-sena ta' qabel, livell għoli ta' ammonti riportati huwa rrapportat għall-2011. Dan il-livell għoli ta' ammonti riportati, flimkien ma' livell baxx ta' nfiq dovut (EUR 5,4 miljun), imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Fil-paragrafu 10 hemm irrappurtati irregolaritajiet fil-ġestjoni ta' kuntratt qafas wieħed, u dawn wasslu għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet. Il-Qorti sabet każijiet addizzjonali fejn il-kontrolli taċ-Ċentru ma pprevenewx il-ġestjoni fqira tal-kuntratti. | Ikkompletata |
| 2011 | F'każ minnhom, taħt kuntratt qafas multiplu, ġie emendat kuntratt speċifiku miċ-Ċentru fl-2010 u għal darb'oħra fl-2011. L-emendi kienu koperti mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt qafas, iżda ma kkonformawx mar-Regoli ta' Implimentazzjoni taċ-Ċentru għar-Regolament Finanzjarju tiegħu. L-emendi kienu relatati mat-tul u ż-żidiet kemm fis-servizzi kif ukoll fl-ammonti ta' kuntratti. Pagamenti li jeċċedu l-valur tal-kuntratt oriġinali ammontaw għal EUR 0,2 miljun. | Ikkompletata |
| 2011 | Għal kuntratt qafas ieħor konkluż għal ammont massimu ta' EUR 1,7 miljun, l-erba' kuntratti speċifiċi ffirmati fl-2011 li kienu qegħdin jimplimentawh ma għamlu l-ebda referenza għall-volum jew għall-valur ta' servizzi li għandhom jingħataw. Fl-2011 il-pagamenti relatati ma' dawn il-kuntratti speċifiċi ammontaw għal EUR 0,06 miljun. Il-kuntratt qafas innifsu kellu tul massimu eċċessiv ta' tmien snin u ċ-Ċentru naqas milli joħloq rabta ċara bejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji ta' għotja u l-istruttura tal-ipprezzar kif imniżżla fid-dokumenti tal-offerta mibgħuta lill-fornituri għall-akkwist tas-servizzi kuntrattati. | Ikkompletata |
| 2011 | Ftehim wieħed ta' għotja għal ammont ta' EUR 0,2 miljun ġie ffirmat fl-2011 aktar minn erba' xhur wara li kienu bdew l-attivitajiet. Attivitajiet imwettqa u nfiq imġarrab qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja huma ineliġibbli. | Ikkompletata |
| 2011 | Bħal fis-sena ta' qabel, il-Qorti identifikat dgħufijiet fir-rigward tal-proċeduri tar-reklutaġġ tal-persunal. Ma kien hemm l-ebda evidenza li l-mistoqsijiet għat-testijiet bil-mitkub u l-intervisti u l-ponderazzjonijiet tagħhom kienu ġew stabbiliti qabel l-eżami tal-applikazzjonijiet. Il-kriterji tal-għażla parzjalment ma kinux ġew iċċekkjati u nbidlu r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà fl-istadju tal-valutazzjoni. | Ikkompletata |

ANNEX II

Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <ul style="list-style-type: none"> — Il-livell (Livell) għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni. — L-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw (jiġu evitati) il-fonti ta' periklu għas-saħħa umana (fiżika u mentali). Din l-azzjoni għandha tkopri l-għieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa, billi tinkoraġġixxi riċerka fuq il-kawża tagħhom, it-tixrid tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa, kif ukoll il-monitoraġġ ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert (bikri) għal dan it-theddid u l-għieda kontrihi. |
| <p>Kompetenzi taċ-Ċentru</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Biex isaħħaħ id-difiżi tal-Ewropa kontra mard trasmissibbli; speċifikament, biex jidentifika, jivvaluta u jikkomunika danni (theddud) attwali u li jistgħu jinqalgħu għas-saħħa tal-bniedem minn mard trasmissibbli. — Għalhekk, iċ-Ċentru għandu jħaddem netwerks ta' sorveljanza dedikati, jagħti opinjonijiet xjentifiċi, iħaddem is-sistema ta' twissija bikrija u tweġiba (EWRS) u jagħti għajjnuna xjentifika u teknika u taħriġ. <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jħaddem in-netwerks ta' sorveljanza ddedikata għall-mard u jtejjeb l-attivitajiet ta' networking. Iċ-Ċentru għandu rwol speċifiku fil-ġabra, validazzjoni, analiżi u tixrid ta' <i>data</i>. — Li jagħti pariri awtorevoli u esperti u opinjonijiet xjentifiċi u studji dwar mard trasmissibbli. — Li jħaddem is-Sistema ta' Twissija Bikrija u Tweġiba. Jiżviluppa proċeduri għall-identifikazzjoni ta' theddid għas-saħħa li jista' jinqala'. — Li jsaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri fil-pjanifikazzjoni u fit-taħriġ. — Li jinforma lill-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati bix-xogħol tiegħu. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tal-Amministrazzjoni</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Membru nnominat minn kull Stat Membru, żewġ membri nnominati mill-Parlament Ewropew u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Bord jadotta l-programm annwali u l-baġit taċ-Ċentru u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Amministrazzjoni fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni.</p> <p>Forum Konsultattiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant ta' kull Stat Membru u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni mingħajr id-dritt għall-vot.</p> |

| | |
|--|---|
| | <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Forum għandu jiżgura l-eċċellenza xjentifika tax-xogħol u l-indipendenza tal-attivitajiet u l-opinjoni ta' Ċentru.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 58,2 (56,6) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet awtorizzati: 200 (200)</p> <p>Postijiet okkupati: 187 (177)</p> <p>Postijiet oħra: 91 (88)</p> <p>Total: 278 (265), assenjati għad-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>— kompiti operazzjonali: 183 (174)</p> <p>— kompiti amministrattivi u ta' sostenn: 95 (91)</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>69 (64) theddida identifikata u monitorjata permezz tal-Għodda tat-Traċċar tat-Theddid (Threat Tracking Tool) (TTT).</p> <p>52 (52) rapport ta' theddid kull ġimgħa dwar mard trasmissibbli, mibgħut lil 334 (331) riċevitur. Barra minn hekk, mill-2012 'il hawn, ir-rapport huwa disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-ECDC kull ġimgħa.</p> <p>Għoti ta' appoġġ lill-intelliġenza dwar l-epidemiji għal 3 (3) avvenimenti kbar li jġibdu l-massa.</p> <p>Barra minn dan, 3 (5) avvenimenti ta' natura eċċezzjonali/importanza pubblika ġew monitorjati wkoll.</p> <p>Tħejjija ta' 6 valutazzjonijiet tar-riskju, 16-il (17-il) valutazzjoni rapida tar-riskju ġdida u 16-il (11-il) aġġornament dwar il-valutazzjonijiet rapidi tar-riskju.</p> <p>1 (2) sessjonijiet ta' ħidma ta' eżerċizzju ta' simulazzjoni mwettqa għall-ittestjar u t-titjib tat-tħejjija u t-tweġiba għal mard trasmissibbli.</p> <p>94 (98) sieħeb imħarreġ skont il-Programm Ewropew dwar it-Taħriġ dwar Interventi Epidemjoloġiċi (EPIET).</p> <p>10 (8) imsieħba mħarrġa fit-Taħriġ Ewropew dwar il-Mikrobijoloġija tas-Saħħa Pubblika (EUPHEM).</p> <p>114-il (181) espert dwar is-saħħa pubblika minn 30 pajjiż tal-UE-ŻEE pparteċipaw f'moduli qosra ta' taħriġ ta' Ċentru.</p> <p>780 000 (500 000) viżitatur fuq il-portal tal-web ta' Ċentru.</p> <p>240 (122) pubblikazzjoni xjentifika ppubblikati.</p> |

| | |
|--|--|
| | <p>Fifth European Antibiotic Awareness Day (Il-Ħames Ġurnata Ewropea fuq Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi) organizzata bil-parteċipazzjoni ta' 43 (37) pajjiż; bi sforz għal turija ta' solidarjetà globali, il-Ġimgħa tal-Istati Uniti "Get Smart About Antibiotics" (Ikseb Intelliġenza dwar l-Antibijotiċi), l-inizjattiva Kanadiża "AntibioticAwareness.ca" (Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi.ca) u l-Australian Antibiotic Awareness Week (il-Ġimgħa Awstrajlana fuq is-Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi) ġew varati wkoll matul l-istess ġimgħa.</p> <p>13-il (11,2-il) miljun rekord uniku fid-databases ta' TESSy; 1 324 (845) utent attiv minn 56 (53) pajjiż.</p> <p>Sorveljanza mtejba; integrazzjoni fiċ-Ċentru ta' 15 (15) mis-17-il netwerk tas-sorveljanza ddedikata fi tmiem l-2011; (wieħed ma tkomplexx u l-ieħor ġie mogħti 'l barra).</p> <p>Pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali dwar l-Epidemjoloġija.</p> <p>Pubblikazzjoni tar-rapporti annwali dwar it-Tuberkulosi, l-HIV/AIDS u kontra l-mikrobijoreżistenza.</p> <p>40 (32) bullettin ta' kull ġimgħa dwar l-influenza/deskrizzjonijiet ġeneriċi ta' kull ġimgħa lejn is-sorveljanza tal-influenza għall-2012.</p> <p>34 (27) opinjoni xjentifika prodotti, ibbażati fuq talbiet ta' partijiet interessati.</p> <p>Organizzazzjoni tas-sitt Konferenza Ewropea Xjentifika dwar l-Epidemjoloġija tal-Mard Li Jittieħed Applikat (European Scientific Conference on Applied Infectious Disease Epidemiology) (ESCAIDE) bejn l-24 u s-26 ta' Ottubru 2012 fi Edinburgh, b'511-il (500) parteċipant.</p> <p>Organizzazzjoni tal-ewwel konferenza tal-vaċċin Ewropew (Eurovaccine.net) b'200 parteċipant.</p> <p>Pubblikazzjoni kull ġimgħa tal-ġurnal xjentifiku Eurosurveillance, b'14 000 (13 302) abbonat online.</p> <p>L-Eurosurveillance rċieva l-ewwel fattur tal-impatt tiegħu. Iċ-ċifra impressjonanti ta' 6,15 ġiet mogħtija għas-sena 2011. Din tqiegħed lill-Eurosurveillance fi klassifikazzjoni 6 fost is-70 ġurnal fil-kategorija ta' Mard Infezzjuż madwar id-dinja kollha.</p> |
|--|--|

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

IT-TWEGĪBIET TAĊ-ĊENTRU

11–13. Iċ-Ċentru sar konxju ta' dan il-każ f'Settembru 2011 u ressqu għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Awdituri matul l-awditu tagħhom f'Ottubru 2011. Iċ-Ċentru eżerċita trasparenza totali dwar din il-kwistjoni biex ifittex gwida u parir mill-Qorti tal-Awdituri. Wara d-diskussjonijiet dak iż-żmien, iċ-Ċentru kien stabbilixxa l-miżuri kollha meħtieġa: tnedija minnufih ta' sejħa għal offerti ġdida biex jiġi stabbilit Kuntratt Qafas ġdid (FWC) u reġistrazzjoni ta' eċċezzjoni. F'Diċembru 2011, flimkien mat-tweġiba taċ-Ċentru għal din is-sejba preliminari, inkluda, informazzjoni dettaljata relatata mal-volumi tal-kuntratt li għandhom jiġu ffirmati xorta taħt l-FWC attwali sabiex jiżgura l-kontinwità tan-negozju tiegħu, skeda taż-żmien għall-FWC l-ġdid u l-miżuri stabbiliti biex fil-futur dan jiġi evitat bħall-ġestjoni tal-FWC l-ġdid minn Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni wieħed u l-konsum tiegħu minn Uffiċjal tar-Riżorsi wieħed. Iċ-Ċentru jenfasizza li ma ntilef l-ebda fond u l-ebda parti ma ġiet żvantaġġata.

14. Il-Politika tal-ECDC dwar il-Verifika tal-Għotjiet waslet biex tiġi riveduta f'Lulju 2013. Il-politika riveduta ser tikkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-verifiki kollha tal-infiq tal-għotjiet ippjanati għall-2012 minflok ser isiru fl-2013, flimkien mal-verifiki magħżula għal din is-sena. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-kuntratt qafas interistituzzjonali għall-awditi mhuwa ser iwassal għall-ebda tnaqqis fil-kontrolli li jsiru.

15. Il-kumment tal-Qorti jintlaqa' b'sodisfazzjon peress li jikkonferma n-natura pluriennali tal-biċċa l-kbira tal-attività operattiva taċ-Ċentru.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/14)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ECHA"), li tinsab f'Ħelsinki, ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompiti prinċipali tagħha huma li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kif ukoll il-moviment liberu ta' sustanzi fis-suq intern filwaqt li jiġu mtejba l-kompetittività u l-innovazzjoni. L-Aġenzija tippromovi wkoll l-iżvilupp ta' metodi alternattivi għall-istima ta' perikli relatati mas-sustanzi⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Ir-riżultati tal-inventarju fiżiku juru dgħufijiet serji fis-salvagwardja u fl-insewiment ta' assi fissi. Ma hemm ebda proċedura ta' insewiment għas-software u għall-komponenti interni (2 370 oġġett mill-5 878 assi fissi rreġistrati). Barra minn hekk, 306 oġġetti ma setgħux jinstabu, fosthom 93 laptop u 29 kompjuter.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

12. Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2012 kienu sodisfaċenti għat-Title I u II. Filwaqt li r-rata ta' approporzjonijiet impenjati riportati kienet għolja għat-Title III flivell ta' 50 % (EUR 11,3 miljun), din hija relatata primarjament man-natura pluriennali ta' proġetti sinifikanti ta' żvilupp tal-IT (EUR 3,7 miljun), valutazzjonijiet tas-sustanzi bi skadenza regolatorja annwali ffissata għal Frar N+1 (EUR 1,8 miljun), traduzzjonijiet li kienu għadhom ma twasslux sa tmiem is-sena (EUR 1,3 miljun) u l-bidu ta' żewġ attivitajiet ġodda Biocides (Bijoċidi) (EUR 1,2 miljun) u PIC (EUR 1,3 miljun) fit-tieni nofs tas-sena.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li tieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | Il-baġit 2011 tal-Aġenzija ammonta għal EUR 93,2 miljun, li minnhom EUR 14,9 miljun (16 %) ġew riportati għall-2012. Ir-riporti relatati mat-Titolu III (nefqa operazzjonali) ammontaw għal EUR 11,5 miljun (55 %). Il-livell ta' riporti huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Ir-riżultati tal-inventarju fiżiku l-aktar reċenti mwettaq fl-2011 juru bosta nuqqasijiet, speċjalment fir-rigward tal-proporzjon baxx ta' assi tal-ICT iċċekk-jati fir-rigward tal-valur. Ma hemm l-ebda politika formali fis-seħħ dwar l-inventarju ta' assi fissi. | Għadha għaddejja |
| 2011 | L-Aġenzija tirreġistra bħala nefqa dawk l-ispejjeż relatati ma' proġetti tal-ICT li diġà qegħdin jintużaw minflok ma tirrikonoxxihom bħala assi fissi. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-Qorti identifikat nuqqasijiet fil-proċeduri tar-reklutaġġ. Ma hemm l-ebda evidenza li l-limiti minimi biex wieħed jgħaddi d-diversi stadji tal-proċeduri jew il-mistoqsijiet għal intervisti jew testijiet bil-miktub kienu ġew stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. Id-dikjarazzjonijiet ta' interessi kienu inadegwati għall-qbid u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi ta' membri tal-bord ta' għażla. F'każ minnhom il-proċedura tal-għażla kienet irregolari peress li l-aġent ġie rreklutat għal post differenti minn dik ippubblikata. | Ikkompletata |

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (Helsinki)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-bażi legali tar-regolament li fuqu hija msejsa l-ECHA – ir-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 – hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament REACH), fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Il-klasifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet), fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali) u fir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Kunsens informat minn qabel)</p> | <p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-għan tar-Regolamenti REACH u CLP huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, inkluża l-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-istima ta' perikli ta' sustanzi, kif ukoll il-moviment liberu tas-sustanzi fis-suq intern filwaqt li tittejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni (l-Artikolu 1(1) tar-Regolament REACH, l-Artikolu 1 tar-Regolament CLP). — L-ECHA hija stabbilita għall-finijiet tal-ġestjoni, u fxi każijiet, għat-tweqqif tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tar-Regolament REACH u sabiex tiġi żgurata konsistenza fil-livell tal-Unjoni fir-rigward ta' dawn l-aspetti (l-Artikolu 75 tar-Regolament REACH) u għall-ġestjoni ta' kompiti relatati mal-klasifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi li ġejjin mir-Regolament CLP. <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tirċievi reġistrazzjonijiet u dossiers oħra ta' sustanzi kimiċi u twestaq kontroll tal-kompletezza tagħhom (it-Titolu II tar-Regolament REACH). — Li tipproċessa domandi fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet u tiegħu deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet dwar kondivizzjoni ta' data (it-Titolu III tar-Regolament REACH). — Li teżamina dossiers tar-reġistrazzjoni għal konformità mar-Regolament REACH u l-proposti ta' ttestjar fihom, u li tikkoordina l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sustanza (it-Titolu VI tar-Regolament REACH). — Li tipproċessa proposti dwar sustanzi ta' tħassib serju ħafna għal-Lista ta' Kandidati u tagħmel rakkomandazzjonijiet biex xi wħud minn dawn is-sustanzi jiġu inklużi fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni u li tittratta applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni (it-Titolu VII tar-Regolament REACH). — Li tipproċessa dossiers ta' restrizzjonijiet (it-Titolu VIII tar-Regolament REACH). — Li tistabbilixxi u żżomm database(s) pubbliċi b'informazzjoni dwar is-sustanzi reġistrati kollha u tagħmel ċerta informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet (l-Artikoli 77, 119 tar-Regolament REACH). — Li tipprovdi gwida u għodda tekniċi u xjentifiċi fejn ikun il-każ (l-Artikolu 77 tar-Regolament REACH, l-Artikolu 50(2) tar-Regolament CLP). — Li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE bl-aqwa parir xjentifiċi u tekniċi possibbli dwar kwistjonijiet relatati ma' sustanzi kimiċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha u li jiġu riferuti lilha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti REACH u CLP (l-Artikolu 77(1) tar-Regolament REACH, l-Artikolu 50(1) tar-Regolament CLP). — Li tirċievi notifikati C&L (klassifikazzjoni u ttikkettar), iżżomm inventarju pubbliku C&L, tittratta talbiet għal ismijiet alternattivi u tipproċessa proposti għall-klasifikazzjoni u għall-ittikkettar armonizzati ta' sustanzi (CLP). — Li timplimenta kompiti tekniċi u xjentifiċi b'konformità mar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali meta dan jiġi fis-seħħ. — Li timplimenta kompiti taħt ir-Regolament PIC ('Kunsens Informat minn Qabel') meta dan jiġi fis-seħħ. |

| | |
|---|---|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Tmexxija</p> <p>Rappreżentant minn kull Stat Membru maħtur mill-Kunsill u massimu ta' sitt rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni, inklużi tliet individwi mill-partijiet interessati mingħajr drittijiet ta' votazzjoni, kif ukoll żewġ persuni indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew. (l-Artikolu 79 tar-Regolament REACH).</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>L-Artikolu 78 tar-Regolament REACH u r-regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji, prinċipalment li jadotta l-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, il-baġit finali, rapport ġenerali, ir-regoli ta' proċedura interni u li jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuqu. Barra minn dan, jaħtar il-Bord tal-Appell u l-membri tal-Kumitati.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>L-Artikolu 83 tar-Regolament REACH.</p> <p>Kumitati</p> <p>L-Aġenzija tinkludi tliet Kumitati Xjentifiċi (tal-Istima tar-Riskji, tal-Istati Membri u ta' Analiżi Soċjo-Ekonomika).</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>L-Artikolu 76(1)(c-e) tar-Regolament REACH.</p> <p>Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>L-Artikolu 76(1)(f) tar-Regolament REACH.</p> <p>Segretarjat</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>L-Artikolu 76(1)(g) tar-Regolament REACH.</p> <p>Bord tal-Appell</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>L-Artikolu 76(1)(h) tar-Regolament REACH.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill (l-Artikolu 97(10) tar-Regolament REACH).</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit (inklużi l-baġits emendatorji)</p> <p>— EUR 98,9 (93,2) miljun, inklużi:</p> <p>— Dħul mit-tariffi: EUR 26,6 (33,5) miljun;</p> |

| | |
|--|--|
| | <ul style="list-style-type: none"> — Kontribuzzjoni mill-Unjoni: EUR 4,9 (0,0) miljun għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (EUR 3,2 miljun), ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (EUR 1,5 miljun) u l-istrument ta' qabel l-adeżjoni – IPA (EUR 0,2 miljun). <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal: 470 (456) — Għadd ta' postijiet okkupati: 447 (441) — Persunal ieħor: 65 (90) (aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati) — Total tal-persunal: 506 (537), assenjati għall-kompiti li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> — Kompiti operazzjonali: 352 (333); — Kompiti amministrattivi u ta' sostenn: 185 (173) |
| <p>Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2012 (2011)</p> | <p>Il-Programm ta' Ħidma tal-ECHA kien maqsum fis-16-il Attività li ġejjin:</p> <p>Reġistrazzjoni, Prereġistrazzjoni u Kondivizzjoni ta' data</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għadd ta' dossiers tar-reġistrazzjoni pproċessati: 9 773 (6 100) — Għadd ta' valutazzjonijiet ta' talbiet ta' kunfidenzjalità kkompletati: 871 (630) [nota: 639 (229) talba ta' kunfidenzjalità b'konformità mal-Artikolu 119(2)] — Għadd ta' domandi milqugħa: 1 632 (1 970) — Għadd ta' deċizzjonijiet maħruġa fuq tilwim dwar il-kondivizzjoni ta' data: 1 (3) — Għadd ta' sustanzi li l-informazzjoni dwarhom ġiet disponibbli għall-pubbliku (għajr informazzjoni kunfidenzjali): 7 884 (4 100) <p>Evalwazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għadd ta' kontrolli ta' konformità kkompletati: 198 (146) — Għadd ta' deċizzjonijiet finali dwar proposti ta' ttestjar: 171 (22) <p>Ġestjoni tar-Riskju</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għadd ta' sustanzi identifikati għall-inklużjoni fil-Lista tal-Kandidati: 67 (28) — Għadd ta' rakkomandazzjonijiet ta' sustanzi biex jiġu inklużi fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni: 0 (1) — Għadd ta' dossiers ta' restrizzjonijiet ppreżentati għal deċizzjoni mill-Kummissjoni: 1 (4) — Għadd ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni milqugħa: 0 (0) — Għadd ta' notifiki dwar sustanzi tal-Lista tal-Kandidati f'artikli: 31 (203) <p>Klassifikazzjoni u Ttikketta (C&L)</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għadd ta' notifiki C&L milqugħa: 5,7 miljun għal aktar minn 120 000 sustanza — Għadd ta' proposti milqugħa għal klassifikazzjoni u ttikketta armonizzati: 27 (56) — Għadd ta' talbiet għal ismijiet alternattivi għal sustanzi f'taħlitiet: 13 (0) <p>Pariri u assistenza</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għadd ta' mistoqsijiet imwiegħa mill-helpdesk: 5 684 — Għadd ta' dokumenti ta' gwida ġodda maħruġa: 0 (3) u l-għadd ta' aġġornamenti ta' gwida maħruġa: 30 inklużi 17-il rettifika (14) |

Għodod Xjentifiċi tal-IT

- Modifiki ta' REACH-IT għall-iskadenza tal-2013.
- Titjib ulterjuri u rilaxx ta' Għodod tal-IT: IUCLID, CHESAR, Odyssey.
- Soluzzjonijiet tal-IT għal Stati Membri biex ikollhom aċċess għad-data tad-dossier u tas-sustanzi.
- Tkabbir ulterjuri tal-ambitu tal-informazzjoni mxerrda dwar is-sustanzi.
- Rilaxx u manutenzjoni tal-Inventarju C&L.
- Żvilupp ta' pjattaforma C&L għall-kollaborazzjoni.
- Rilaxx tal-appoġġ mill-IT għall-proċess ta' ħidma tal-proċessi ta' evalwazzjoni.

Pariri Xjentifiċi u Tekniċi lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE

- Kuntratt iffirmit għall-appoġġ ta' żvilupp ulterjuri ta' metodoloġiji tal-ġestjoni tar-riskju għal sustanzi 'kumplessi'.
- Metodi komputazzjonali jiġu applikati fuq bażi regolari b'appoġġ tal-proċessi differenti.
- Ġiet organizzata l-ewwel laqgħa tal-GAARN (Grupp ta' Valutazzjoni ta' Nanomaterjali li huma diġà Reġistrati).
- Publikazzjoni ta' "Best Practices on physicochemical and substance identity information for nanomaterials" (L-Aħjar Prattiki fir-rigward ta' informazzjoni fiżikokimika u dwar l-identità tas-sustanzi għal nanomaterjali) u aġġornament ta' dokumenti oħra ta' gwida.
- Laqgħa tal-esperti tal-OECD saret fejn l-istrateġija tal-ittestjar għal irritanti tal-ġilda ġiet abbozzata.
- Kontributi pprovduti għall-iżvilupp ta' metodi ewlenin ta' ttestjar tal-ġenotossicità previsti fir-REACH ITS (Strateġija tal-Ittestjar Integrat) u għax-xogħol ta' PARERE (Analiżi Preliminari ta' Rilevanza Regulatorja).

Kumitati u Forum

- Għadd ta' ftehimiet unanimi tal- MSC: 179 (2)
- Għadd ta' opinjonijiet tar-RAC: 34 (36)
- Għadd ta' opinjonijiet tas-SEAC: 1 (0)

Bord tal-Appell

- Għadd ta' appelli mressqa: 8 (6)
- Għadd ta' deċizzjonijiet fuq appelli: 1 (6) u Għadd ta' deċizzjonijiet ta' proċedura: 6 (10)

Komunikazzjoni

- 4 Avvenimenti tal-partijiet interessati organizzati:
 - L-Ewwel Sessjoni Pilota ta' Ħidma għar-Reġistranti fi Frar (74 + 175 permezz ta' web-stream),
 - It-Tieni Sessjoni Pilota ta' Ħidma għar-Reġistranti f'Ottubru (76 + 200 permezz ta' web-stream),
 - Is-Seba' edizzjoni ta' Jum il-Partijiet Interessati f'Mejju (287 parteċipant estern + 353 permezz ta' web-stream),
 - Sessjoni ta' Ħidma għal Partijiet Interessati Akkreditati f'Novembru (21 parteċipant).
- 16-il webinar organizzati b'2 999 parteċipant.
- 276 dokument tradotti.

- 92 pubblikazzjoni;
 - 39 stqarrija għall-istampa, 62 avviż tal-aħbarijiet, 6 bullettini.
 - 3 miljun viżitatur tal-websajt.
- Kooperazzjoni Internazzjonali**
- Kooperazzjoni xjentifika u teknika mal-OECD (eż. ChemPortal; Sett ta' għodod QSAR).
- Ġestjoni**
- Żvilupp u titjib kontinwu tas-sistemi amministrattivi u ta' ġestjoni, inkluża l-IQMS.
- Finanzi, Akkwist u Kontabbiltà**
- Ġestjoni rigoruża tal-baġit u tar-riżervi tal-flus kontanti.
 - Għadd kbir ta' azzjonijiet ta' akkwist imwettqa, eż. biex tiġi stabbilita ġenerazzjoni ġdida ta' kuntratti qafas għal servizzi tal-IT u kuntratti qafas fl-oqsma ta' servizzi xjentifiċi, komunikazzjoni u servizzi amministrattivi.
 - Għadd totali ta' kumpaniji vverifikati fir-rigward tal-istatus SME: 315.
- Riżorsi umani u servizzi korporattivi**
- 23 (24) proċeduri tal-għażla ffinalizzati; 65 (93) membru tal-persunal rekrutati (TA u CA).
- Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni**
- Forniment ta' servizzi biex l-infrastruttura tal-ICT u r-riżorsi tal-ICT jibqgħu operazzjonali u fil-livell xieraq ta' prestazzjoni.
 - Stabbiliment ta' soluzzjoni għall-Kontinwità tan-Negozju għal sistemi tal-IT kritiċi għall-missjoni li jiddependu fuq servizzi esternalizzati ta' hosting.
 - Tnedija ta' sistema għar-reġistrazzjoni tal-ħin.
 - Migrazzjoni tas-software tal-istazzjonijiet tax-xogħol kollha għal verżjonijiet aġġornati.
- Bijoċidi**
- Analiżi, tfassil u implimentazzjoni tar-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali (R4BP).
 - Żvilupp tal-ewwel abbozz ta' dokumenti ewlenin ta' gwida.
 - Pjan preliminari ta' ħidma għall-Komitat dwar il-Prodotti Bijoċidali.
 - L-Istati Membri ġew mistiedna biex jaħtru Membri, jipprovdu l-President u s-Segretarjat għall-Komitat il-ġdid u biex jibdew jippreparaw għall-Grupp ta' Koordinazzjoni.
- PIC**
- Attivitajiet preparatorji.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. F'Lulju 2012 tnediet verżjoni ġdida tal-ABAC Assets (v. 2.7.2.) li tippermetti ntraċċar aħjar tal-komponenti interni li ma jkunux jistgħu jiġu aċċessati fiżikament. Madankollu, dan il-proċess jirrikjedi ħafna xogħol manwali, u ma setax jitlesta fiż-żmien għall-eżerċizzju tal-inventarju tal-assi tal-2012. L-Aġenzja tikkonferma li l-ġestjoni tal-inventarju tal-assi se tissaħħaħ. Il-verifika fiżika tal-inventarju għaldaqstant ser issir kmieni fl-2013 biex ikun hemm analiżi xierqa u ntraċċar sħiħ tal-assi kollha. Sadanittant, diġà nbeda proġett biex tinholq sistema ta' softwer għall-ġestjoni tal-liċenzja li tippermetti segwitu xieraq tal-assi intanġibbli.

12. L-Aġenzja tapprezza l-konklużjoni ta' hawn fuq mill-Qorti u ser tibqa' kawta biex tassigura l-ġustifikazzjoni tal-operazzjonijiet miġjuba 'l quddiem f'Titolu III.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/15)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EEA"), li tinsab f'Kopenhagen, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 ⁽¹⁾. Hija responsabbli mill-istabbiliment ta' netwerk ta' osservazzjoni li jipprova lill-Kummissjoni, lill-Parlament, lill-Istati Membri u, b'mod aktar ġenerali, lill-pubbliku b'informazzjoni affidabbli dwar l-istat tal-ambjent. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tippermetti lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni ħalli jissalvagwardjaw l-ambjent u jivvalutaw l-effettività ta' tali azzjoni ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejġiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprova lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux

⁽¹⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-twertiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Fl-2012 l-Aġenzija tat għotjiet taħt tliet programmi ta' għotja kbar ⁽⁸⁾ lil konsorzji li jikkonsistu f'istituzzjonijiet u korpi ambjentali fl-Ewropa, lil organizzazzjonijiet tan-NU u lil organizzazzjonijiet ambjentali nazzjonali. L-infiq totali fuq għotjiet fl-2012 kien EUR 11,9 miljun, li jirrappreżenta 27 % tal-infiq operazzjonali kollu. Il-verifikazzjoni *ex ante* tal-Aġenzija qabel ir-rimborż tal-ispejjeż ikklejmjati mill-benefiċjarji jikkonsistu f'analiżi dokumentarja tal-klejms tal-ispejjeż. Normalment ma tirrivix dokumenti mill-benefiċjarji biex tissustanzja l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tal-ispejjeż tal-persunal ikklejmjati, li jirrappreżentaw il-parti prinċipali tal-ispejjeż ⁽⁹⁾. Verifikazzjoni *ex ante* fuq il-post tal-ispejjeż fil-livell tal-benefiċjarju huma rari ⁽¹⁰⁾.

12. Għalhekk il-kontrolli eżistenti jipprovdu biss aċċertament limitat lill-maniġment tal-Aġenzija dwar l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tal-ispejjeż ikklejmjati mill-benefiċjarji. Għat-tranżazzjonijiet awditjati mill-Qorti inkisbu dokumenti ġustifikattivi mill-Aġenzija fisem il-Qorti li pprovdu aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tagħhom. Verifikazzjoni aleatorja tad-dokumenti ġustifikattivi għall-ispejjeż tal-persunal u kopertura ogħla tal-benefiċjarji permezz ta' verifikazzjoni fuq il-post jstgħu jtejbju l-aċċertament b'mod konsiderevoli.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽⁸⁾ Ċentri Tematiċi Ewropej (ETC), Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u Operazzjonijiet Inizjali tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GIO).

⁽⁹⁾ Għal tipi oħra ta' spejjeż (jiġifieri subkuntrattar, akkwiżizzjoni ta' tagħmir), dokumenti ġustifikattivi huma rikjesti u analizzati.

⁽¹⁰⁾ Fl-2012 u fl-2011 verifikazzjoni *ex ante* waħda għet mwettqā biex tiċċekkja s-sistemi ta' kontroll ta' benefiċjarju wieħed. Fl-2010 verifikazzjoni *ex ante* waħda għet mwettqā biex tiċċekkja l-eliġibbiltà ta' nefqa ddikjarata minn benefiċjarju wieħed.

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Sar pagament lil organizzazzjoni ambjentali internazzjonali li kien jammonta għal EUR 6 061 li kien relatat mal-parteċipazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija fi spedizzjonijiet organizzati minn din l-organizzazzjoni li saru fi Frar u Mejju 2011. Ma kienet saret l-ebda proċedura tal-akkwist u ma kien tfassal l-ebda kuntratt għal dawn l-ispedizzjonijiet. Spejjeż tal-ivvjaġġar relatati addizzjonali li ġġarrbu mill-Aġenzija kienu EUR 11 625. Id-Direttur Eżekuttiv kien membru tal-Bord tal-Amministraturi tal-organizzazzjoni sa April 2011. Dan jikkostitwixxi konflitt apparenti ta' interessi. | Ikkompletata |
| 2011 | L-Aġenzija tejbet konsiderevolment it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ matul is-snin. Madankollu, l-awditu xorta sab konfużjoni bejn il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' għażla fir-rigward tas-snin rilevanti ta' esperjenza professjonali. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kontenut tat-testijiet bil-miktub, u l-limiti minimi għalihom, kienu determinati qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. | Ikkompletata |

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Kopenhagen)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Politika ambjentali</p> <p>Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu [...] l-għanijiet tas-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima.</p> <p>Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tiegħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tisewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes għandu jħallas. [...] Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika [...], l-Unjoni għandha tiegħu inkonsiderazzjoni dati xjentifiċi u tekniċi eżistenti, il-kundizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni differenti tal-Unjoni, il-vantaġġi u l-piżijiet li jistgħu jirriżultaw minn azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Unjoni iġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha [...].</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/1990)</p> | <p>Objettivi</p> <p>L-istabbiliment ta' netwerk tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew biex jipprovdu lill-Unjoni u l-Istati Membri bi:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Informazzjoni oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u kumparabbli fl-livell Ewropew li tippermetti li: <ol style="list-style-type: none"> (a) jittiegħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, (b) jiġu stmati r-riżultati ta' dawk il-miżuri, (c) jiġi żgurat li l-pubbliku jkun infurmat tajjeb dwar l-istat tal-ambjent. 2. L-appoġġ tekniku u xjentifiku meħtieġ. <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — li tistabbilixxi, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, u tikkordina n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent; — li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva meħtieġa għat-tnejja u l-implementazzjoni soda u effettiva tal-politiki ambjentali; — li tgħin fil-monitoraġġ ta' miżuri ambjentali permezz ta' sostenn xieraq għall-ħtiġijiet tar-rappurtar; — li tagħti parir lil Stati Membri individwali dwar l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-espansjoni tas-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ ta' miżuri ambjentali; — li tirreġistra, tiġbor u tistma l-informazzjoni (<i>data</i>) dwar il-qagħda tal-ambjent, tirrapporta dwar il-kwalità tal-ambjent u l-perssonijiet fuqu fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, biex tipprovdi kriterji ta' stima uniformi għad-<i>data</i> ambjentali li għandha tiġi applikata fl-Istati Membri kollha u biex tiżviluppa aktar u żżomm ċentru ta' referenza ta' informazzjoni fuq l-ambjent; — li tgħin biex tiżgura li d-<i>data</i> dwar l-ambjent fil-livell Ewropew tkun kumparabbli u, jekk meħtieġ, biex tinkoraġġixxi b'mezzi xierqa, armonizzazzjoni mtejba ta' metodi ta' kejl; |

| | |
|--|---|
| | <ul style="list-style-type: none"> — li tippromovi l-inkorporazzjoni tal-informazzjoni (<i>data</i>) Ewropea ambjentali fil-programmi internazzjonali ta' sorveljar ambjentali; — li tippubblica rapport kull ħames snin dwar l-istat tal-ambjent, ix-xejriet fih u l-prospetti għalih, issupplimentat minn rapporti indikaturi li jiffukaw fuq kwistjonijiet speċifiċi; — li tistimula l-iżvilupp ta' tekniki ta' tbassir ambjentali, l-iskambji tal-informazzjoni dwar teknoloġiji għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tal-ħsara għall-ambjent, metodi ta' stima tal-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent u l-ispejjeż tal-politika għall-prevenzjoni, il-protezzjoni u r-restawr ambjentali; — li tiżgura t-tixrid wiesa' ta' informazzjoni affidabbli u kumparabbli, partikolarment dwar l-istat tal-ambjent, lill-pubbliku iġenerali u, għal din il-fini, li tippromwovi l-użu ta' teknoloġija ġdida tat-telematika għal dan l-iskop; — li tikkoopera b'mod attiv ma' korpi u programmi oħra tal-Unjoni u ma' korpi internazzjonali oħra u fl-oqsma ta' interess komuni ma' dawk l-istituzzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni, b'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidmiet; — li tappoġġa lill-Kummissjoni fil-proċess tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni ambjentali u l-aħjar prassi u fil-propagazzjoni ta' informazzjoni fuq ir-riżultati ta' riċerka ambjentali rilevanti u f'forma li tista' tgħin bl-aħjar mod lill-iżvilupp tal-politika. |
| Tmexxija | <p>Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, wieħed minn kull pajjiż membru fl-EEA, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, u żewġ xjentisti maħtura mill-Parlament Ewropew.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Li jadotta l-programmi ta' xogħol multiannwali u annwali u jiżgura l-implimentazzjoni tagħhom u li jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Kumitat Xjentifiku</p> <p>Maġmūl minn persuni kwalifikati fil-qasam tal-ambjent, maħtura mill-Bord ta' Tmexxija.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011) | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 41,7 (62,2) miljun</p> <p>Sussidju tal-Unjoni: 100 % (66 %)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal: 136 (134)</p> <p>Postijiet okkupati: 131 (132) u 86 (82) post ieħor (aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali ssekondati)</p> <p>Għadd totali tal-persunal: 217 (214)</p> |

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|--|--|----------|----|-------------------------------|----|---------------------------|----|---------------------------|----|------------|----|---------------|-----|------------------------|---|------------------------|---|----------|----|------------------|----|-----------------|---|------------------------------|---|-----------|---|
| | Postijiet fit-tabella tal-persunal assenjati għall-kompit li ġejjin: | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | — operazzjonali 96 (90) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | — amministrattivi 40 (43) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Prodotti u servizzi 2012 (2011) | <table border="0"> <tr> <td>Artikoli</td> <td>19</td> </tr> <tr> <td>Fatti importanti (highlights)</td> <td>50</td> </tr> <tr> <td>Stqarrijiet għall-istampa</td> <td>12</td> </tr> <tr> <td>Settijiet ta' <i>data</i></td> <td>36</td> </tr> <tr> <td>Indikaturi</td> <td>66</td> </tr> <tr> <td>Mapep, graffs</td> <td>466</td> </tr> <tr> <td>Materjal promozzjonali</td> <td>1</td> </tr> <tr> <td>Dokumenti korporattivi</td> <td>3</td> </tr> <tr> <td>Rapporti</td> <td>11</td> </tr> <tr> <td>Rapporti tekniċi</td> <td>18</td> </tr> <tr> <td>Sinjali tal-EEA</td> <td>1</td> </tr> <tr> <td>Valutazzjonijiet pan-Ewropej</td> <td>1</td> </tr> <tr> <td>SOER 2010</td> <td>2</td> </tr> </table> | Artikoli | 19 | Fatti importanti (highlights) | 50 | Stqarrijiet għall-istampa | 12 | Settijiet ta' <i>data</i> | 36 | Indikaturi | 66 | Mapep, graffs | 466 | Materjal promozzjonali | 1 | Dokumenti korporattivi | 3 | Rapporti | 11 | Rapporti tekniċi | 18 | Sinjali tal-EEA | 1 | Valutazzjonijiet pan-Ewropej | 1 | SOER 2010 | 2 |
| Artikoli | 19 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Fatti importanti (highlights) | 50 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Stqarrijiet għall-istampa | 12 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Settijiet ta' <i>data</i> | 36 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Indikaturi | 66 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Mapep, graffs | 466 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Materjal promozzjonali | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Dokumenti korporattivi | 3 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Rapporti | 11 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Rapporti tekniċi | 18 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sinjali tal-EEA | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Valutazzjonijiet pan-Ewropej | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| SOER 2010 | 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. Matul id-deċennji li għaddew, l-EEA akkumulat esperjenza kbira fil-mod kif timxi fil-ftehimiet ta' għotja u l-istruttura tal-ispejjeż speċjalment fiċ-Ċentri Ewropej tat-Tema. Għaldaqstant, hemm bażi soda fuqhiex ir-rendikonti tal-ispejjeż (fosthom l-ispejjeż tal-persunal) ikunu evalwati. Madankollu, nirrikonoxxu l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u abbażi ta' analiżi oħra tar-riskju, tfassal pjan ta' azzjoni biex ikun hemm assiguranzzjoni raġonevoli.

Is-sejħa għall-proposti varata fl-2013 inkludiet ftehim qafas ta' sħubija rivedut li fih id-dispożizzjonijiet kuntrattwali ġew aġġornati.

12. L-EEA ddeċidiet li żżid in-numru ta' verifiki fuq il-post b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri. Se tittieħed rata ta' kampjun ta' madwar 20 % għall-ispejjeż tal-persunal u l-ivvjaġġar, kif ukoll kopertura sħiħa li ssir bħala analiżi bir-reqqa. It-tipi l-oħra kollha ta' spejjeż se jitteħdilhom kampjun ta' mhux aktar minn 100 % jekk id-dokumentazzjoni ma tkunx inkluża fir-rendikonti oriġinali tal-ispejjeż.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/16)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EFCA"), li tinsab f'Vigo, għet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali tal-Aġenzija huwa li torganizza l-koordinazzjoni operattiva tal-attivajiet ta' kontroll u spezzjoni tas-sajd mill-Istati Membri tiġi żgurata applikazzjoni effettiva u uniformi tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu

⁽¹⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqi ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adotatti mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati għat-titoli differenti varja bejn 94 % u 99 % tal-appropriazzjonijiet totali, li indika li l-impenji legali ġew iffirmati f'waqthom. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2013 kien għoli għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) b'35 % u għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) b' 46 %. Għat-Titolu II, dan kien ikkawżat fil-biċċa l-kbira minħabba avveniment li l-Aġenzija ma kellhiex kontroll fuqhom, bħalma huwa l-fatturar tard tal-ispejjeż tal-kera tal-uffiċċji 2012 mill-awtoritajiet Spanjoli. Sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali miżjuda li hija kienet iffaċċata bihom fl-aħħar tliet xhur tal-2012, l-Aġenzija ordnat ukoll volum għoli ta' oġġetti u servizzi li l-wasla tagħhom kienet għadha pendenti fi tmiem is-sena. Għat-Titolu III, raġuni importanti għal-livell għoli ta' riporti kienet it-tagħbija tax-xogħol konsiderevoli li l-aġenzija ffaċċat b'riżultat tal-għadd kbir ta' proġetti tal-IT li jew ġew varati jew inkella kien għadhom għaddejjin matul l-2012. Dan il-volum tax-xogħol kellu impatt fuq il-puntwalità tal-proċeduri tal-akkwist fil-każ ta' żewġ proġetti tal-IT varati fl-2012. Barra minn hekk, spejjeż relatati ma' taħriġ u missjonijiet imwettqa mill-persunal u mill-esperti fl-aħħar tliet xhur tal-2012 kien imisshom jiġu rimborżati biss fil-bidu tal-2013.

KUMMENTI OĦRA

12. B'rispons għar-rapport 2011 tal-Qorti, l-Aġenzija ħadet azzjoni korrettiva f'Ġunju 2012 biex ittejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Fl-2012, l-uniċi dgħufijiet identifikati kienu relatati ma' tliet proċeduri ta' reklutaġġ awditjati li kienu nb dew qabel ma sar ir-rapport 2011 tal-Qorti: l-avviżi ta' postijiet battala ma pprovdewx informazzjoni lill-kandidati dwar il-proċeduri ta' ilmenti u appelli; il-kandidati ngħataw punteġġ globali minflok punteġġ wieħed għal kull kriterju tal-għażla; ma kien hemm ebda evidenza li l-mistoqsijiet għall-intervisti u għat-testijiet bil-miktub kien ġew stabbiliti qabel id-data tal-eżamijiet.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | Il-Qorti identifikat hteġa li jitjebu l-proċeduri tal-akkwist. L-Aġenzija ma ddokumentatx b'mod adegwat l-istima tal-valuri tal-kuntratti fil-fajls tal-akkwist. Xi wħud mill-kriterji ta' għażla għal offerenti jeħtieġu li jkunu aktar speċifiċi biex itejbu aktar it-trasparenza tal-proċeduri. | Ikkompletata |
| 2011 | L-Aġenzija għad ma għandhiex proċeduri adegwati fis-seħħ biex tirreġistra u tagħti rendikont ta' spejjeż relatati mal-ġenerazzjoni ta' assi intanġibbli interni. | Ikkompletata |
| 2011 | Matul il-perjodu tal-proċedura ta' ħatra tad-Direttur eżekuttiv, membru tal-Bord Amministrattiv kiser ir-regolamenti li jmxexxu l-ħatriet għal post prinċipali billi ħabbar il-kandidat li l-Kummissjoni kienet bi ħsiebha tivvota għalih. | M/A |
| 2011 | Il-Qorti identifikat hteġa jitjebu aktar il-proċeduri tal-għażla tal-persunal. Avviżi ta' postijiet battala ma tawx informazzjoni dwar proċeduri ta' ilmenti u appelli. Il-laqgħat tal-Bord ta' Għażla ġew dokumentati b'mod insuffiċjenti u f'każ wieħed ta' reklutaġġ l-Awtorità tal-Ħatra ma segwietx l-ordni tal-lista tal-Bord ta' Għażla u ma tat ebda raġuni. | Għadha għaddejjja |

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ⁽¹⁾ (Vigo)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 43 TFUE)</p> | <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli prevista fl-Artikolu 40(1) kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-kisba tal-oġġettivi tal-politika komuni tas-sajd.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 emendat mir-Regolament (KE) Nru 1224/2009)</p> | <p>Objettivi</p> <p>— Ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), li l-għan tagħha huwa li torganizza koordinazzjoni operattiva tal-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni tas-sajd mill-Istati Membri u li tgħinhom jikkooperaw sabiex jikkonformaw mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u uniformi tagħha.</p> <p>Kompiti/Missjoni</p> <p>— li tikkoordina l-kontroll u l-ispezzjoni minn Stati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-obbligi ta' kontroll u spezzjoni tal-UE;</p> <p>— li tikkoordina l-użu (skjerament) tal-mezzi nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni miġbura mill-Istati Membri kkonċernati skont dan ir-Regolament;</p> <p>— li tkun ta' assistenza għall-Istati Membri fir-rappurtar ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' sajd u attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni lill-Kummissjoni u partijiet terzi;</p> <p>— fil-qasam tal-kompetenzi tagħha, li tkun ta' assistenza għall-Istati Membri biex iwettqu l-kompiti u l-obbligi tagħhom skont ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;</p> <p>— li tkun ta' assistenza għall-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd f'kull parti tal-UE;</p> <p>— li tagħti kontribut fix-xogħol tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qasam ta' riċerka u żvilupp ta' tekniki ta' kontroll u spezzjoni;</p> <p>— li tagħti kontribut għall-koordinazzjoni ta' taħriġ għal sperturi u l-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri;</p> <p>— li tikkoordina l-operazzjonijiet biex jiġi miġġieled sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat skont ir-regoli tal-UE;</p> <p>— li tassisti fl-implimentazzjoni uniformi tas-sistema ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd, inkluż b'mod partikolari:</p> <p>(i) l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni operattiva tal-attivitajiet tal-kontroll mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi ta' kontroll u spezzjoni, programmi ta' kontroll relatati mas-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat ("IUU") u programmi internazzjonali ta' kontroll u spezzjoni;</p> <p>(ii) l-ispezzjonijiet kif meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija.</p> <p>Jekk jogħġbok innota li, fost kompetenzi oħra, wara l-emendar tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. L-uffiċjali tal-Aġenzija jistgħu jiġu assenjati f'ilmijiet internazzjonali bħala sperturi tal-Unjoni. 2. L-Aġenzija tista' takkwista jew tikri (rent or charter) t-tagħmir li hu meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' skjament konġunt. 3. U l-Aġenzija għandha, fuq notifika mill-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tagħha, twaqqaf Unità ta' Emerġenza, fejn jiġi identifikat riskju serju għall-Politika Komuni tas-Sajd. |

(1) Jekk jogħġbok innota li isem l-Aġenzija nbidel minn "Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd" għal "Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd" fl-1 ta' Jannar 2012.

| | |
|---|--|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Amministrattiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Jikkonsisti frapreżentant wieħed minn kull Stat Membru u sitt rappreżentanti mill-Kummissjoni.</p> <p><i>Dmirijiet</i></p> <p>Jadotta l-baġit, il-programm ta' ħidma u r-rapport annwali. Jadotta l-baġit finali u t-Tabella tal-persunal. Jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv minn lista ta' mill-anqas żewġ kandidati proposti mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Kontroll intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p><i>Baġit Totali 2012: EUR 9,22 (12,85) miljun</i></p> <p>— Titolu I – EUR 6,22(6,04) miljun</p> <p>— Titolu II - EUR 1,28 (1,23) miljun</p> <p>— Titolu III - EUR 1,71 (5,57) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>54 (53) membru tal-persunal temporanju previst fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 50 (52)</p> <p>+ 5 (5) aġenti kuntrattwali previsti li minnhom okkupati 5 (4)</p> <p>It-total tal-persunal previst: 59 (58), li minnhom okkupati 55 (56)</p> |
| <p>Prodotti u servizzi 2012 (2011)</p> | <p>Koordinazzjoni Operattiva</p> <p>— Implimentazzjoni tal-JDP (Pjan Konġunt ta' Skjerament) għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak, Kattegat u l-Fliegu tal-Lvant u l-Bħra tal-Punent (il-Punent tal-Iskozja u l-Baħar Irlandiż).</p> <p>— JDP għas-sajd tal-merluzz u tas-salamun fil-Baħar Baltiku.</p> <p>— JDP għas-sajd tat-tonn tal-pinna kaħlanija fil-Baħar Mediterran u fl-Atlantiku tal-Lvant.</p> <p>— Implimentazzjoni tal-JDP fiż-żona tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral u fiż-żona tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal.</p> <p>— JDP għall-ispeċijiet pelaġiċi fl-ibħra tal-Punent tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>— Appoġġ lill-programmi nazzjonali ta' kontroll fil-Baħar l-Iswed.</p> <p>— Konsolidazzjoni tal-JDPs permezz ta' promozzjoni ta' approċċ reġjonali.</p> |

Bini tal-Kapaċità

- Studju ta' identifikazzjoni dwar sistemi ta' informazzjoni li jappoġġaw kontrolli tas-sajd fl-Unjoni Ewropea;
- Żvilupp u manutenzjoni tal-Kurrikuli Ewlenin.
- Żvilupp tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni bbażata fuq l-internet għat-taħriġ;
- Assistenza lill-programmi ta' taħriġ nazzjonali tal-Istati Membri;
- Taħriġ tal-ħarrieġa u taħriġ ta' spetturi tal-Unjoni qabel l-ewwel skjerament tagħhom.
- Operat, manutenzjoni, titjib u żvilupp tal-kapaċitjiet ta' monitoraġġ tal-ICT: Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS), Sistema Elettronika tar-Rappurtar (ERS), Fishnet;
- Appoġġ għal attivitajiet fil-ġlieda kontra s-sajd illegali mhux rappurtat u mhux regolat;
- Forniment ta' servizzi kuntrattwali għan-noleġġ (charter) ta' Bastiment għar-Ronda tas-Sajd tal-EFCA.
- Taħriġ avanzat għall-ispetturi tal-Unjoni (uffiċjali involuti fil-ġlieda kontra l-IUU) (skambju tal-aħjar Prattika, korsijiet ta' aġġornament, eċċ.), u taħriġ għal spetturi ta' pajjiżi terzi fuq rikjesta tal-Kummissjoni Ewropea.

(ara l-Programm ta' Ħidma Annwali 2012 tal-Aġenzija għad-dettalji.)

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja tieħu nota tal-kummenti tal-Qorti.

B'mod partikolari b'rabta mat-Titolu III, l-Aġenzja qed taffaċċa għadd kbir ta' proġetti tal-IT li huma kumplessi. Se tingħata konsiderazzjoni b'attenzjoni għal kull proġett ġdid tal-IT bil-għan li ttejjeb iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha biex fejn hu possibbli, tevita riporti ta' ammonti sinifikanti minn sena għall-oħra.

12. Kif imsemmi mill-Qorti, f'Ġunju 2012, l-Aġenzja ħadet miżuri biex tittratta d-dgħjufijiet imsemmija fil-kummenti tal-Qorti. It-tliet fajls li sar awditu tagħhom huma marbuta ma' proċeduri li kienu saru qabel din id-data ta' Ġunju 2012.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità

(2013/C 365/17)

INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", magħrufa wkoll bħala l-"EFSA"), li tinstab f'Parma, ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Ix-xogħlijiet prinċipali tal-Awtorità huma li tipprovdi t-tagħrif xjentifiku meħtieġ biex tiġi mfassla leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel u s-sigurtà tal-ikel, li tiġbor u tanalizza d-*data* biex tippermetti l-identifikazzjoni u l-immonitorjar tar-riskji u li tipprovdi tagħrif indipendenti dwar dawn ir-riskji⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovdata mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Awtorità, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Awtorità jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Awtorità wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Awtorità fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ L-*Anness II* jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Awtorità. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-*anness* għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex ttiprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET

11. Il-validazzjoni tas-sistemi kontabilistiċi mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Awtorità tkopri s-sistemi ċentrali tal-ABAC u tas-SAP, iżda mhux is-sistemi lokali u l-affidabbiltà ta' skambji tad-*data* bejn sistemi ċentrali u lokali. Dan jirrappreżenta riskju fir-rigward tal-affidabbiltà tad-*data* tal-kontabbiltà.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. Wara li tteġġu valutazzjonijiet tar-riskji ta' livell għoli minn konsulent estern fl-2012 u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni fi Frar 2013, ġie identifikat għadd ta' riskji kritiċi potenzjali fl-operat tal-kontrolli interni tal-Awtorità, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġestjoni tad-*data*, tal-kontinwità tan-negozju u tas-sigurtà tal-IT. L-Awtorità bdiet awtovalutazzjoni komprensiva tas-sistema ta' kontroll intern tagħha fl-2012. Il-proċess għadu għaddej u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi hija pjanata għall-2013.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

13. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 99 %. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) kien għoli fl-livell ta' EUR 2,3 miljun (22 % tal-appropriazzjonijiet tat-Titolu II) u għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) fl-livell ta' EUR 5,6 miljun (30 % tal-appropriazzjonijiet tat-Titolu III). Għat-Titolu II, l-ammonti riportati li jammontaw għal EUR 1,1 miljun saru b'konformità mal-pjan ta' ġestjoni tal-EFSA jew kienu relatati ma' pagamenti sospiżi għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-Awtorità. Fil-każ tat-Titolu III, l-ammonti riportati ta' EUR 2,1 miljun saru b'konformità mal-pjan ta' ġestjoni tal-EFSA u ammont ta' EUR 0,83 miljun kien riportat għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-Awtorità.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Annex I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Dan l-għadd għoli ta' trasferimenti fil-baġit jindika dgħufijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-baġit u jmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni. | Għadha għaddejja |
| 2011 | L-Awtorità xtrat bini ġdid għall-kwartieri ġenerali f'Diċembru 2011 għal EUR 36,8 miljun li se jitħallsu bin-nifs kull tliet xhur fuq 25 sena, li jfisser li l-pagamenti tal-interessi jammontaw għal EUR 18,5 miljun. Il-Qorti tistaqsi jekk setgħetx tinstab alternattiva iktar ekonomika mill-awtoritajiet baġitarji skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u li tiżgura rispett sħiħ tar-Regolament Finanzjarju. | Għadha għaddejja (Il-Kummissjoni ma aċċettatx li ttiprovdi fondi addizzjonali biex jitħallas lura s-self kollu). |
| 2011 | Hemm lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċedura tar-reklutaġġ. Il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-kitba u għall-intervisti ġew stabbiliti wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla u d-dikjarazzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess ġew iffirmati biss mill-membri tal-bord tal-għażla, matul u mhux qabel l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-kandidati. | Għadha għaddejja (F'Marzu 2012 ġew stabbiliti linji gwida ġodda ta' reklutaġġ biex jirrimedjaw dawn id-dgħufijiet fil-futur). |

ANNEX II

Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-politika agrikola komuni (L-Artikolu 38 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)). — L-Operazzjoni tas-Suq Intern (L-Artikolu 114 TFUE). — Is-saħħa pubblika (L-Artikolu 168 TFUE) — Il-politika kummerċjali komuni (L-Artikolu 206 TFUE). |
| <p>Kompetenzi tal-Awtorità</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Għanijiet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u appoġġ xjentifiku u tekniku għal-leġiżlazzjoni u l-politika li għandhom impatt dirett jew indirett fuq is-sigurtà tal-ikel u l-għalf; — li tipprovdi tagħrif indipendenti dwar ir-riskji relatati mas-sigurtà tal-ikel; — li tikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja umana u tas-saħħa; — li tiġbor u tanalizza d-<i>data</i> meħtieġa biex tippermetti l-karatterizzazzjoni u l-immonitorjar tar-riskji. <p>Xogħlijiet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li toħroġ opinjonijiet u studji xjentifiċi; — li tippromwovi metodoloġiji uniformi tal-istima tar-riskju; — li tgħin lill-Kummissjoni; — li tfittex, tanalizza, u tqassar id-<i>data</i> xjentifika u teknika meħtieġa; — li tidentifika u tikkaratterizza riskji li joħroġu; — li tistabilixxi netwerk ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu foqhma simili; — li tipprovdi għajnuna xjentifika u teknika fl-immaniġġjar ta' kriżi; — li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali; — li tipprovdi lill-pubbliku u lill-partijiet interessati b'taħrif oġġettiv, ta' min jorbot fuqu u li jiftiehem faċilment; — li tiegħu sehem fis-sistema ta' allarm malajr tal-Kummissjoni. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tal-Amministrazzjoni</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>14-il membru maħtura mill-Kunsill (b'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni) u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni.</p> <p><i>Xogħol</i></p> <p>Li jadotta l-programm tax-xogħol u l-baġit u jiżgura li jiġu implimentati.</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Amministrazzjoni abbażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara seduta quddiem il-Parlament Ewropew.</p> <p>Forum ta' Konsulenza</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.</p> <p><i>Xogħol</i></p> <p>Li jagħti konsulenza lid-Direttur Eżekuttiv.</p> <p>Kumitat Xjentifiku u bordijiet xjentifiċi</p> <p>Li jħejju l-opinjoni xjentifiċi tal-Awtorità.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>L-Unità tal-Awditjar Intern tal-EFSA.</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 78,3 (78,8) miljun li minnhom 100 % (100 %) huma sussidju mill-Unjoni Ewropea.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet fit-tabella tal-persunal: 355 (355), li minnhom hemm postijiet okkupati:</p> <ul style="list-style-type: none"> — persunal (persunal temporanju u uffiċjali): 342 (334) — persunal ieħor (kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati): 124 (109). <p>Total tal-persunal (inklużi disa' ittri ta' offerta mibgħuta fil-31.12.2012): 466 (443), li minnhom għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — dmirijiet operazzjonali: 383 (326) — dmirijiet amministrattivi: 83 (117). |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Prodotti xjentifiċi u pubblikazzjonijiet ta' sostenn 2012 (2011)</p> <p><i>Attività 1: Għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi u konsulenza u approċċi għall-analiżi tar-riskju</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Gwida tal-Kumitat Xjentifiku/Bord Xjentifiku: 4 (9) — Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Bord Xjentifiku: 46 (38) — Rapport Xjentifiku tal-EFSA: 9 (3) — Dikjarazzjoni tal-EFSA: 2 (3) — Dikjarazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Bord Xjentifiku: 4 (4) <p><u>Total tal-prodotti xjentifiċi għall-attività nru 1 = 65 (57)</u></p> |

Attività 2: Evalwazzjoni ta' prodotti, sustanzi u klejms soġġetti għal awtorizzazzjoni

- Konklużjoni dwar l-Evalwazzjoni tal-Pestiċidi bejn il-Pari: 60 (54)
- Gwida tal-EFSA: 0 (2)
- Gwida tal-Kumitat Xjentifiku/Bord Xjentifiku: 7 (17)
- Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Bord Xjentifiku: 241 (298)
- Rapport Xjentifiku tal-EFSA: 1 (1)
- Dikjarazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku/Bord Xjentifiku: 7 (9)
- Dikjarazzjoni tal-EFSA: 4 (3)

Total tal-prodotti xjentifiċi għall-attività 2 = 320 (384)

Attività 3: Ġbir ta' Data, kooperazzjoni xjentifika u networking

- Gwida tal-EFSA: 1 (3)
- Dikjarazzjoni tal-EFSA: 4 (0)
- Opinjoni Motivata: 114 (88)
- Rapport Xjentifiku tal-EFSA: 12 (16)

Total tal-prodotti xjentifiċi għall-attività 3 = 131 (107)

Pubblikazzjonijiet ta' Sostenn

- Rapport dwar avvenimenti: 11 (8)
- Rapport Xjentifiku Estern: 74 (37)
- Rapport tekniku: 77 (65)

Total ta' Pubblikazzjonijiet ta' Sostenn = 162 (110)

Total ta' prodotti = 678 (658)

- Opinjonijiet xjentifiċi appoġġati b'attivitajiet tal-komunikazzjoni: 9,5 % (35 %)
- Konsultazzjonijiet pubbliċi: 39 (78)
- Żjarat fuq il-websajt: 4,4 (3,5) miljun
- Abbonati għar-rivista Highlights: 30 309 (27 933)
- Kopertura mill-midja: 9 194 (9 397)
- Mistoqsijiet mill-midja: 893 (1 086)
- Stqarrijiet għall-istampa: 25 (15)
- Artikli tal-Aħbarijiet fuq l-Internet: 60 (63)
- Intervisti: 111 (126)

IT-TWEGĪBIET TAL-AWTORITÀ

11. Ir-riskju msemmi mill-Qorti ma mmaterjalizzax fl-użu ta' dejta mhux preċiża mill-Uffiċċju tal-Kontabilist tal-EFSA. Madankollu l-Awtorità se tintegra s-sistemi lokali tagħha fil-proċess ta' validazzjoni mill-Kontabilist tagħha.

12. Bħala parti mill-ġestjoni u l-proċeduri ta' kontroll intern tagħha l-Awtorità twettaq valutazzjoniet tar-riskju ta' livell għoli fuq bażi regolari sabiex tidentifika u tadotta miżuri adegwati ta' mitigazzjoni għar-riskji potenzjali. Dan l-eżerċizzju huwa kontroll intern prinċipali stabbilit biex tiżdied il-probabilità li jinkisbu l-oġġettivi tal-Awtorità. L-Awtorità se tkompli ttejjeb tali approċċ preventiv ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riskju.

13. L-Awtorità se tkompli ttejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit sabiex iżżomm ir-riport konformi mal-oġġettivi tal-implimentazzjoni tal-baġit stipulati għal attivitajiet operazzjonali.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Istitut

(2013/C 365/18)

INTRODUZZJONI

1. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (minn hawn 'il quddiem "l-Istitut", magħruf ukoll bħala l-"EIGE"), li jinsab f'Vilnius, ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Istitut huwa li jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u li jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jxerred għodod ta' metodoloġija sabiex jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-linji politiċi kollha tal-Unjoni u l-politika nazzjonali li tirriżulta⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Istitut. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Istitut, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Istitut u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Istitut jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiċi kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Istitut wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Istitut fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet

⁽¹⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Istitut. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Istitut jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adekwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Istitut jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adotatti mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. L-Istitut naqqas il-livell kumplessiv tar-riporti ta' approprijazzjonijiet impenjati minn 50 % fl-2011 għal 32 % fl-2012. Ir-riporti għall-2013 jammontaw għal EUR 2,5 miljun u prinċipalment jikkonċernaw it-Titolu II (nefqa amministrattiva) b'EUR 0,3 miljun u t-Titolu III (nefqa operazzjonali) b'EUR 2,1 miljun, li jirrappreżentaw 23 % u 59 % tal-appropriazzjonijiet impenjati korrispondenti. Riporti għat-Titolu II prinċipalment jirrelataw ma' impenji magħmula fi tmiem is-sena b'konnessjoni ma' ċaqliq lejn bini ġdid, li seħħ f'Janar 2013. Riporti għat-Titolu III prinċipalment jirrelataw ma' proċeduri ta' akkwist li ġew konklużi tard fis-sena. L-Istitut ma għandux proċedura formalizzata ta' ppjanar u monitoraġġ tal-akkwist. B'mod partikolari, il-Programm ta' Ħidma Annwali tiegħu ma jinkludix skeda ta' akkwist marbuta mal-attivitajiet ipplanati li jiddefinixxu l-ambitu u twaqqit ottimu tal-akkwisti. Madankollu, 7 % biss tal-appropriazzjonijiet impenjati riportati mill-2011 għall-2012 ma ntużawx u kellhom jiġu kkanċellati.

KUMMENTI OĦRA

12. Il-Qorti identifikat nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni tal-proċeduri tar-reklutaġġ. Ma hemm ebda evidenza li l-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u l-intervisti, kif ukoll il-ponderazzjonijiet rispettivi tagħhom ġew imhejjja qabel l-eżami tal-applikazzjonijiet.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | Il-livell għoli ta' riporti jmur kontra l-prinċipju baġitarju ta' annwalità. | Pendenti |
| 2011 | Il-Qorti identifikat il-ħtieġa għal titjib tad-dokumentazzjoni tat-teħid ta' inventarju fiżiku għal assi fissi u tal-istima ta' spejjeż akkumulati. | Ikkompletata |
| 2011 | Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea wettaq analiżi limitata tal-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern fl-Istitut f'Diċembru 2011. L-Istitut aċċetta r-rakkomandazzjonijiet biex jiffinalizza l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern, u l-maniġment adotta pjan ta' azzjoni li jrid jiġi implimentat fl-2012. | Għadha għaddejjja |

ANNEX II

Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (Vilnius)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.</p> <p>Hija għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Istitut</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-integrazzjoni tas-sessi fil-linji politiċi kollha tal-Unjoni u fil-politika nazzjonali li tirriżulta, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, u t-tqajjim tal-kuxjenza taċ-ċittadini tal-UE dwar l-ugwaljanza tas-sessi.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni rilevanti, paragonabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi; — li jiżviluppa metodi biex itejjeb l-oġġettività, il-paragonabbiltà u l-affidabbiltà tad-data flivell Ewropew; — li jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jxerred għodod ta' metodoloġija sabiex jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza ta' bejn is-sessi fil-politika kollha tal-Unjoni u l-politika nazzjonali li tirriżulta u jappoġġa l-integrazzjoni tas-sessi fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; — li jwettaq sħarriġ dwar is-sitwazzjoni fl-Ewropa fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi; — li jstabbilixxi u jikkoordina Network Ewropew dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi; — li jorganizza laqgħat ad hoc ta' esperti biex jappoġġa l-ħidma ta' rikerka tal-Istitut; — sabiex iżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, biex jorganizza, ma' partijiet interessati rilevanti, konferenzi, kampanji u laqgħat flivell Ewropew, u jippreżenta r-riżultati u l-konklużjonijiet lill-Kummissjoni; — li jxerred informazzjoni rigward eżempji pożittivi ta' rwoli mhux stereotipiċi għan-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha tas-soċjetà, jippreżenta l-kisbiet u l-inizjattivi tiegħu mfasslin biex jippubbliċizzaw u jibnu fuq tali stejjer ta' suċċess; — li jiżviluppa djalogu u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' opportunitàjiet ugwali, universitajiet u esperti, ċentri ta' rikerka, imsieħba soċjali; — li jstabbilixxi riżorsi ta' dokumentazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku; — li jagħmel l-informazzjoni dwar l-integrazzjoni tas-sessi disponibbli għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati; — li jipprovdi lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni b'informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tas-sessi kif ukoll lill-pajjiżi tal-adeżjoni u dawk kandidati. |

| | |
|--|---|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Tmintax-il rappreżentant maħtur mill-Kunsill, abbażi ta' proposta minn kull wieħed mill-Istati Membri konċernati u membru wieħed li jirrapreżenta lill-Kummissjoni, maħtur mill-Kummissjoni. Il-membri jinħatru abbażi tal-ogħla standards ta' kompetenza u medda wiesgħa ta' kompetenza rilevanti u transdixxiplinari fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jiksbu rappreżentanza bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija. Il-membri maħtura mill-Kunsill għandhom jirrapreżentaw 18-il Stat Membru fl-ordni tarrotazzjoni tal-Presidenzi.</p> <p><i>Dmirijiet</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jadotta l-programmi ta' ħidma annwali u ta' terminu medju, il-baġit u r-rapport annwali; — jadotta r-regoli interni tal-Istitut u r-regoli ta' proċedura tal-Bord ta' Tmexxija. <p>Forum ta' Esperti</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Membri mill-korpi kompetenti speċjalizzati fil-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi, rappreżentant wieħed maħtur minn kull Stat Membru, żewġ membri li jirrapreżentaw organizzazzjonijiet rilevanti oħra speċjalizzati fl-ugwaljanza bejn is-sessi maħtura mill-Parlament Ewropew, tliet membri maħtura mill-Kummissjoni.</p> <p><i>Dmirijiet</i></p> <p>Jappoġġa d-Direttur fl-iżgurar tal-eċċellenza u l-indipendenza tal-attivitajiet tal-Istitut, jikkostitwixxi mekkaniżmu għal skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-għbir kollettiv ta' għarfien, u jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istitut u l-korpi kompetenti fl-Istati Membri.</p> <p>Id-Direttur huwa maħtur mill-Bord ta' Tmexxija abbażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara kompetizzjoni miftuħa.</p> <p><i>Dmirijiet</i></p> <p>Responsabbli għat-tweqqif tal-kompiti msemmijin fir-Regolament (KE) Nru 1922/2006, għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' attivitajiet annwali u ta' terminu medju tal-Istitut; għat-tħejjija tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u tal-Forum ta' Esperti; għat-tħejjija u l-pubblikazzjoni tar-rapport annwali; għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-persunal: il-kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ta' kuljum; u għall-implimentazzjoni ta' monitoraġġ effettiv u proċeduri ta' valutazzjoni fir-rigward tat-tweqqif (prestazzjoni) tal-Istitut.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Istitut fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 7,7 (7,5) miljun li minnhom is-sussidju tal-Unjoni huwa 100 % (100 %)</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>30 (27) post previst fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 30 (26);</p> <p>21 (8) membru tal-persunal ieħor (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati, persuni ftahriġ).</p> <p>Persunal totali fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>51 (35), li jagħmlu l-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operazzjonali: 37 (24) — amministrattivi: 11 (8) — imħallta: 3 (3) |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Oqsma Fokali:</p> <p><i>Data</i> u indikaturi paragunabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi; metodi ta' ġbir u proċessar u prattiki tajba għal xogħol ta' ugwaljanza bejn is-sessi; ċentru ta' riżorsi u dokumentazzjoni; sensibilizzazzjoni, netwerking u komunikazzjoni.</p> <p>Għadd ta' studji varati: 7 (6)</p> <p>Għadd ta' kontributi għall-pajjiżi li jkollhom il-Presidenza: 2 (2)</p> <p>Għadd ta' laqgħat tal-esperti u tal-gruppi ta' ħidma: 23 (19)</p> <p>Konferenzi internazzjonali: 1 (1)</p> <p>Għadd ta' rapporti ta' riċerka: 2 (2)</p> <p>Rapporti annwali: 1 (1)</p> |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Istitut.

IT-TWEĠIBIET TAL-ISTITUT

11. L-Istitut jaqbel. It-titjib fl-2012 kien sinifikanti apparagun mal-2011. Madankollu l-biċċa l-kbira tal-proġetti operattivi ġew finalizzati sal-aħħar tal-2012. Dan wassal għal trasferiment ta' approprazzjonijiet li laħħqu sa 60 % taħt l-akkwist tat-Titolu III (madwar EUR 2,1 miljun). Ta' min ninnotaw li kien hemm dewmien fl-akkwist tal-ikbar żewġ kuntratti (li jlaħħqu madwar EUR 740 000) taħt l-appropriazzjonijiet operattivi minħabba ċirkustanzi lil hinn mill-kontroll tal-EIGE, bħal dewmien f'deċiżjoni mill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE rigward suġġett ta' studju partikulari u l-ħtieġa li jsir tender mill-ġdid għal studju ieħor minħabba nuqqas ta' offeri aċċettabbli. Sabiex itejjeb l-ippjanar u s-sorveljanza tal-akkwisti, l-EIGE qed johlq għodda ta' sorveljanza li ssegwi d-dati mistennija ta' kull pass tal-proċeduri annwali tal-akkwisti. Barra dan, l-EIGE ser johlq ukoll linji gwida dwar is-sorveljanza baġitarja (fi Q3), inklużi funzjoni ta' kontroll u devjazzjonijiet, sabiex jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tas-sorveljanza u r-rapportar tal-baġit.

12. L-Istitut jaqbel. Il-linji gwida tal-EIGE dwar ir-reklutaġġ ġew aġġornati sabiex (i) għadd massimu indikattiv ta' kandidati li jkunu ser jitpoġġew fuq il-Lista ta' Riżerva jidher fl-avviż tal-postijiet battala għal Aġenti Temporani u Kuntrattwali u (ii) il-mistoqsijiet tal-intervista u tal-eżami miktub jkunu tħejjew mill-kumitat tar-reklutaġġ maħtur qabel ma tkun bdiet l-eżaminazzjoni tal-kandidati.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità

(2013/C 365/19)

INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", magħrufa wkoll b'halha l-"EIOPA"), li tinsab fi Frankfurt, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Awtorità huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiċi regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti, li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha u li tippromwovi l-ħarsien tad-detenturi ta' poloz, u tal-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjonijiet⁽²⁾. L-Awtorità ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2011.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Awtorità, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Awtorità jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Awtorità wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Awtorità fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Awtorità. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-twertiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. L-EIOPA tejbet il-proċeduri ta' akkwist tagħha sabiex issir konformi għalkollox mar-regoli ta' akkwist tal-UE. Madankollu, kuntratt wieħed relatat mat-tfassil ta' database finanzjarju ġie suddiviż f'erba' lottijiet ta' EUR 60 000 kull wieħed, li kollha kemm huma ġew direttament mogħtija lil żewġ kumpaniji. Minħabba t-total tal-valur tas-servizzi li għandu jiġi akkwistat għall-istess proġett (EUR 240 000), kien imissha għet applikata proċedura miftuħa jew ristretta u l-impenji u l-pagamenti relatati huma għalhekk irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. Verifikazzjoni fiżika tal-assi twettqet f'Mejju u f'Ġunju 2012, imma ma sar ebda rapport fiżiku ta' verifikazzjoni. L-Awtorità ma adottat ebda proċedura jew linja gwida dwar il-kontrolli fiżiċi fuq l-assi tanġibbli.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

13. L-ammont riportat ta' approprjazzjonijiet impenjati għall-2013 kien għoli ħafna għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) flivell ta' 79 % tal-appropriazzjonijiet totali. Fil-biċċa l-kbira dan jirriżulta mill-kumplessità u d-durata twila ta' proċedura waħda ta' akkwist tal-IT li għaliha l-kuntratt ta' EUR 2,2 miljun ġie ffirmat kif ippjanat f'Diċembru 2012.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Ir-rati ta' impenn kienu baxxi speċjalment għat-Titolu II "Nefqa amministrativa" (60 %) u t-Titolu III "Nefqa operazzjonali" (12 %). Dan kellu impatt fuq l-oġġettivi tal-Awtorità fir-rigward tal-IT li ma ntlaħqux kompletament. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2011 ammonta għal EUR 10,7 miljun. Skont l-Artikolu 62(1) tar-Regolament li hija Msejsa Fuqu, 55 % tal-baġit għall-2011 kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-EFTA u 45 % mill-baġit tal-Unjoni. Fi tmiem l-2011 l-Awtorità rreġistrat riżultat pożittiv fil-baġit ta' EUR 2,8 miljun. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-ammont sħiħ imbagħad ġie rreġistrat fil-kontijiet bħala passiv lejn il-Kummissjoni Ewropea. | Għadha għaddejjja |
| 2011 | Is-sistema ta' kontabbiltà tal-Awtorità għad trid tiġi vvalidata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà, kif mitlub mir-Regolament Finanzjarju. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-proċeduri ta' akkwist awditjati ma kinux konsistenti kompletament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali. Għal ħames każijiet ta' xiri ta' tagħmir tal-IT (ammont totali ta' EUR 160 117) il-kriterji tal-għotja applikati ma ġewx stabbiliti minn qabel u ma ġie ffirmat ebda kuntratt bil-miktub. F'każ ieħor relatat mas-servizzi ta' reklutaġġ (EUR 55 000), il-kriterji tal-għotja ma ġewx applikati b'mod korrett. L-Awtorità għandha tiżgura li l-kuntratti l-ġodda kollha jingħataw f'konformità sħiħa mar-regoli ta' akkwist tal-UE. | Għadha għaddejjja |
| 2011 | Jeħtieġ li l-Awtorità ttejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ: il-marki minimi għall-ammissjoni għal testijiet bil-miktub u intervisti jew għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati adatti, u l-mistoqsijiet għal testijiet orali u bil-miktub, ma kinux stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet, u ma kien hemm ebda deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra biex jinħatru l-bords tas-selezzjoni. | Għadha għaddejjja |

ANNEX II

L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (Frankfurt am Main)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 26, 114, 290, 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <ul style="list-style-type: none"> — Tistabbilixxi jew tassigura l-funzjonament tas-suq intern, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati. — Tħejji abozz ta' standards tekniċi bħala xogħol preparatorju għal atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv jew meta jkun hemm bżonn ta' kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti. |
| <p>Kompetenzi tal-Awtorità</p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità, l-Artikolu 1(6) u l-Artikolu 8 dwar kompiti u setgħat)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>Tipproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività fuq żmien qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini u n-negozji tagħha.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja; — li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti; — li tikkoopera mill-qrib mal-BERS; — li torganizza u ttwettaq analiżijiet tar-reviżjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti; — li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-qasam tal-kompetenzi tagħha; — li ttwettaq analiżijiet ekonomiċi tas-swieq biex l-Awtorità tkun tista' ttwettaq il-funzjonijiet tagħha sew; — li tippromwovi l-ħarsien tad-detenturi ta' poloz, u tal-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjonijiet; — li tikkontribwixxi għall-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kulleġġi tas-superviżuri, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju sistemiku, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-pjani ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-għoti ta' protezzjoni ta' livell għoli lid-detenturi ta' poloz, lill-benefiċjarji u fl-Unjoni kollha; — li ttwettaq kwalunkwe komputu speċifiku ieħor stipulat f'dan ir-Regolament jew fatti leġislattivi oħra; — li tippubblika fil-websajt tagħha, u taġġorna b'mod regolari, l-informazzjoni relatata mal-qasam tal-attivitajiet tagħha; — li tiegħu r-responsabbiltà, kif adatt, tal-kompiti kollha eżistenti u li għaddejjin bħalissa mill-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (CEIOPS). |
| <p>Tmexxija</p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jstabbilixxi l-Awtorità: L-Artikoli 40-44: Bord tas-Superviżuri; L-Artikoli 45-47: Bord Maniġerjali; L-Artikoli 48-50: President; L-Artikoli 51-53: Direttur Eżekuttiv)</p> | <p>Bord tas-Superviżuri (BtS)</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President (ma għandux ikollu vot), il-kap tal-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji f'kull Stat Membru (li għandu vot), rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni, tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, tal-Awtorità Bankarja Ewropea, tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (kollha ma' għandhomx ikollhom vot); osservaturi jistgħu jiġu permissi.</p> |

| | |
|--|---|
| | <p><i>Kompiti</i></p> <p>Korp prinċipali tal-Awtorità għat-tehdid ta' deċiżjonijiet.</p> <p>Bord Maniġerjali (BM)</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President tal-Awtorità, sitt rappreżentanti tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-BM mingħajr id-dritt li jivvutaw.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-BM għandu jiżgura li l-Awtorità taqdi l-missjoni tagħha u twestaq il-kompiti assenjati lilha skont ir-Regolament Nru 1094/2010. Il-BM għandu jeżerċita s-setgħat baġitarji u jadotta l-pjan politiku dwar il-persunal u l-miżuri implimentattivi dwar il-persunal.</p> <p>Il-President tal-Awtorità</p> <p>Jirrappreżenta l-Awtorità, iħejji x-xogħol tal-Bord tas-Superviżuri (BtS), imexxi l-laqgħat tal-BtS u tal-BM.</p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità</p> <p>Huwa inkarigat mit-tmexxija tal-Awtorità u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u l-baġit; iħejji x-xogħol tal-Bord Maniġerjali, il-baġit u l-programm ta' ħidma.</p> <p>Kumitat tal-Kontroll tal-Kwalità</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Il-President Supplenti tal-Awtorità, żewġ Membri tal-Bord Maniġerjali, id-Direttur Eżekuttiv.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Li jissorvelja u jivvaluta l-implimentazzjoni xierqa tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet interni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2012</p> | <p>Baġit finali</p> <p>Approprjazzjonijiet tal-Baġit Finali: EUR 15 655 000</p> <p>Tabella tal-Persunal</p> <p>Persunal statutorju: 69 post awtorizzat fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 69</p> <p>It-tabella tal-persunal 100 % mwettqa</p> <p>Postijiet ta' persunal kuntrattwali: 12 ippjanati fil-baġit, 14 okkupati</p> <p>Postijiet ta' Esperti Nazzjonali Sekondati: tmienja ppjanati fil-baġit, li minnhom okkupati: tmienja</p> <p>Total: 91 membru tal-persunal</p> |

Prodotti u servizzi fl-2012**Kompiti regolatorji**

- Opinjoni dwar il-Miżuri Interim Fir-Rigward ta' Solvenza II.
- Opinjoni dwar Mudelli u *Data* esterni.
- Erba' konsultazzjonijiet pubbliċi relatati ma' oqsma differenti tal-attivitajiet tal-Awtorità (Assigurazzjoni u Pensjonijiet).
- Għoti ta' parir fuq l-eżaminar tad-direttiva dwar l-Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORP).
- Rapport dwar ir-Rwol tal-Iskemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni fil-Proċeduri ta' Straċċ ta' Impriżi Insolventi fl-UE/ŻEE.
- Rapport Finali tal-EIOPA dwar il-Konsultazzjoni Pubblika N11/008 fuq il-proposta għal Linji Gwida dwar Riskju Proprju u Valutazzjoni tas-Solvenza.
- Rapport Finali tal-EIOPA dwar il-Konsultazzjoni Pubblika N11/009 u 11/011 fuq il-proposta għar-Rekwiżiti tar-Rappurtar u tad-Divulgazzjoni.

Kompiti superviżorji

- Il-parteċipazzjoni tal-Awtorità fil-Kulleġġ tas-Superviżuri ta' 75 grupp ta' assigurazzjoni.
- Pjan ta' Azzjoni għall-Kulleġġi 2012 inklużi l-annessi, eż. katalgu b'elementi għal skambju ta' informazzjoni, Rapport ta' Tmiem is-sena dwar il-Funzjonament ta' Kulleġġi u l-Kisbiet tal-Pjan ta' Azzjoni 2011.

Protezzjoni tal-konsumatur u l-innovazzjoni finanzjarja

- Linji Gwida dwar it-Trattament tal-Ilmenti minn Impriżi tal-Assigurazzjoni.
- Rapport dwar l-Aħjar Prattiki minn Impriżi tal-Assigurazzjoni meta jittrattaw l-ilmenti.
- Rapport tal-Metodoloġija għal ġabra, analiżi u rappurtar tat-tendenzi tal-konsumatur.
- Stħarriġ aġġornat tal-EIOPA dwar il-kompetenzi tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-qasam tal-Protezzjoni tal-Konsumatur.
- Proċeduri għall-ħruġ ta' twissijiet u restrizzjonijiet/projbizzjonijiet temporanji.
- Rapport dwar l-Aħjar Prattiki għad-Divulgazzjoni u l-Bejgħ ta' Annwalitajiet Variabbli.
- Ħarsa Ġenerali Inizjali lejn Tendenzi tal-Konsumatur fis-setturi Ewropej tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet okkupazzjonali.

Kultura superviżorja komuni

- Erba' seminars transsettorjali.
- 17-il seminar għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.
- Żvilupp ta' metodoloġija għal tliet reviżjonijiet bejn il-pari.

Stabbiltà finanzjarja

- Żewġ Rapport biannwali dwar l-Istabbiltà Finanzjarja;
- Thejġija ta' test tal-istress madwar l-Ewropa għas-settur tal-assigurazzjoni (it-test ġie pospost minħabba l-LTGA).
- Produzzjoni ta' Tabella Operattiva tar-Riskji kull tliet xhur.
- Thejġija ta' Valutazzjoni tal-Garanziji fuq Terminu ta' Żmien Twil.

Immaniġġar ta' kriżijiet

- Finalizzazzjoni ta' qafas komprensiv għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jstabbilixxi fid-dettall il-proċessi li l-Awtorità se ssegwi fir-rilaxx tar-responsabbiltajiet tagħha għall-prevenzjoni u l-immaniġġar ta' kriżijiet.
- Ftehim dwar approċċ komuni tal-EIOPA meta tkun qed tittratta ma' skoperturi sovrani u bankarji.
- Żvilupp ta' Opinjoni tal-EIOPA dwar ir-rispons superviżorju għal perjodu mtawwal ta' rati tal-imgħax baxxi.
- Kontribuzzjoni dettaljata għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni għal istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji.

Relazzjonijiet esterni

- 11-il laqgħa, inkluża waħda konġunta ma' BtS, tal-IRSG (Grupp tal-Partijiet Interessati fl-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni) u OPSG (Grupp tal-Partijiet Interessati fil-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol), disa' opinjonijiet uffiċjali u dikjarazzjonijiet b'feedback, tmien konsultazzjonijiet informali dwar "xogħol fl-idejn".
- Madwar 20 Djalogu Regulatorju u Superviżorju ma' assoċjazzjonijiet ta' superviżuri ta' pajjiżi terzi mill-Austral-Asia (l-Awstralja-Asja), l-Amerika Latina u l-Amerika ta' Fuq, l-Afrika t'Isfel, l-Islanda u l-Isvizzera. Parteċipazzjoni attiva u kontribuzzjonijiet fil-Kumitat Tekniku u Eżekuttiv tal-IAIS, il-Kumitat ta' Stabbiltà Finanzjarja, is-Sottokumitat tas-Solvenza u Attwarju u l-Konferenza Annwali tal-IAIS.
- Proġett ta' Djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika: Pubblikazzjoni tad-dokument strateġiku "Way Forward" ("it-Triq il-Quddiem") u r-Rapport finali ta' seba' Kumitati Tekniċi, żewġ Seduti Pubbliċi f'Washington DC u fi Brussell.
- Analiżi tad-distakki bejn ir-reġimi tar-(ri)assigurazzjoni tal-Awstralja, iċ-Ċile, iċ-Ċina, Hong Kong, l-Iżrael, il-Messiku, Singapor, l-Afrika t'Isfel, inkluża l-valutazzjoni sħiħa tas-segretezza professjonali, bħala bażi għal deċiżjoni tal-UE dwar it-tranżizzjoni tal-ekwivalenza.
- Ftehim ta' kooperazzjoni mal-Aġenzija Superviżorja tas-Servizzi Finanzjarji Kroati (CFSSA/ĦANFA).

Konferenzi / avvenimenti pubbliċi oħra 2012

- Erba' konferenzi u avvenimenti ("Conference on Global Insurance Supervision (GIS)" (Konferenza dwar is-Superviżjoni Globali tal-Assigurazzjoni), Launch Event "QIS (Quantitative Impact Study) for Pensions" (Avveniment ta' Varatura "QIS (Studju Kwantitattiv dwar l-Impatt) għall-Pensjonijiet), konferenza annwali tal-EIOPA u t-tieni Ġurnata dwar l-Istrateġija tal-Konsumatur).

IT-TWEGĪBIET TAL-AWTORITÀ

11. L-EIOPA tagħraf u taqşam it-tħassib imqajjem mill-Qorti. Madankollu, hemm raġunament sod tan-negozju li jsostni kemm id-deċiżjoni li ssir proċedura ta' akkwist u kemm li ssir ferba' lottijiet, sabiex napprofondixxu l-għarfien tagħna dwar kif għandna nfasslu s-sistema tagħna billi nnaqqsu r-riskju li niksbu s-servizzi u l-prodotti l-ħżiena u niżguraw kompetizzjoni suffiċjenti fl-istadju ewlieni tal-proċess, jiġifieri l-akkwist ewlieni.

L-intenzjoni qawwija tal-EIOPA li tkun konformi u li ttejjeb il-proċessi tagħha hija enfasizzata bil-fatti li ġejjin: Twaqqfu kumitati ta' evalwazzjoni għal kull proċedura anki meta dawn ma kinux neċessarji; l-għan tal-EIOPA kien li ssib kuntratturi differenti għal oqsma differenti biex tħejji proċeduri miftuħa fil-ġejjieni, li huwa ddokumentat bil-fatt li għal kull proċedura, ġew mistiedna aktar min-numru neċessarju ta' kumpaniji għas-sejħa għall-offerti. Kien hemm duplikazzjoni ta' kuntratturi minħabba n-numru limitat ta' offerti rċevuti. L-EIOPA riedet li jkollha kompetizzjoni effettiva u li tevita fornitur wieħed li jiġi b'soluzzjoni 'mfassla apposta' li kieku de facto fl-akkwist ewlieni twassal biex l-istess kumpanija tkun l-unika waħda adegwata li ddeċidiet li tmexxi erba' lottijiet separati.

12. L-EIOPA ħadet nota dwar tas-sejbiet tal-Qorti. Fl-2012, il-priorità kienet li tissalvagwardja l-assi tal-awtorità stess minflok l-implimentazzjoni tal-proċeduri u d-dokumentazzjoni sottostanti tal-proċess tal-verifikazzjoni. Sadanittant l-EIOPA ħadet azzjoni korrettiva. Sar taħriġ għall-atturi finanzjarji l-ġodda, bl-għan li jissimplifika l-proċessi tal-assi. L-EIOPA adottat ukoll linji gwida li jiddokumentaw il-proċessi tal-assi. L-implimentazzjoni ta' dawn il-proċessi għadha għaddeja.

13. L-EIOPA ħadet nota tas-sejbiet tal-Qorti. F'każ ta' riporti marbuta mal-IT, dan jista' jiġi attribwit mal-istadju tal-bidu tal-Awtorità, wara li l-ewwel kienet adottat l-istrateġija tal-IT fi tmiem l-2011 u l-pjan ta' implimentazzjoni tal-istrateġija tal-IT fil-bidu tal-2012. Ladarba l-istadju tal-bidu jintemm, in-nefqu tal-IT ser jitqassmu b'mod aktar uniformi matul is-sena fiskali li se tnaqqas ir-riskju ta' riporti b'mod sinifikanti.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Istitut

(2013/C 365/20)

INTRODUZZJONI

1. L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "l-Istitut", magħruf ukoll bħala l-"EIT"), li jinsab f'Budapest, inħoloq permezz tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. L-objettiv tal-Istitut huwa li jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività ekonomika fl-Ewropa b'mod sostenibbli bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea. L-Istitut jagħti għotjiet lil tliet "Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni" (KKI), li jorbtu flimkien is-setturi tal-edukazzjoni superjuri, tar-riċerka u tan-negozju u b'hekk jagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-intraprenditorija⁽²⁾. Il-KKI jikkordinaw l-attivitajiet ta' mijiet ta' msieħba. L-għotjiet ipprovduti mill-EIT jirrimborżaw l-ispejjeż tal-imsieħba u l-ispejjeż li għejjin mill-attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-KKI.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Istitut. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Istitut, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Istitut. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Istitut u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Istitut jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Istitut wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Istitut fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Istitut jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Istitut jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Bażi għall-opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

9. Fl-2012, l-Istitut wettaq pagamenti finali u approvazzjonijiet ta' prefinanzjamenti (tranżazzjonijiet) għal għotjiet li jammontaw għal EUR 11,3 miljun (attivitajiet 2010) u EUR 48,6 miljun (attivitajiet 2011).

10. It-tranżazzjonijiet kollha ta' għotjiet huma suġġetti għal analiżi mill-Kummissjoni qabel ma jiġu awtorizzati mill-EIT. L-Istitut innifsu għamel sforzi konsiderevoli biex jimplimenta verifikazzjonijiet *ex ante* effettivi bil-għan li jipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' għotjiet. Madwar 80 % tan-nefqa għal għotjiet ikklejmjata mill-KKI hija koperta minn ċertifikati maħruġa minn ditti tal-awditjar indipendenti kkuntrattati

mill-KKI u s-sħab tagħhom. L-EIT innifsu wettaq verifikazzjonijiet *ex ante* li jikkonsistu f'kontrolli komprensivi fl-uffiċċju. Id-dokumenti ta' sostenn miksuba mill-KKI u s-sħab tagħhom ġew inizzjalment analizzati mill-EIT biss fil-każ ta' riskji partikolari identifikati.

11. Madankollu, il-Qorti sabet li l-kwalità taċ-ċertifikati tal-awditjar hija inadegwata f'ħaġġa każijiet⁽⁸⁾. Sabiex ikollu t-tieni saff ta' aċċertament dwar il-legalità u r-regolarità ta' tranżazzjonijiet ta' għotjiet, fi tmien l-2012 l-Istitut introduċa verifikazzjonijiet *ex post* kumplementari għal għotjiet relatati mal-attivitajiet 2011. Huma twettqu minn ditti indipendenti tal-awditjar kuntrattati mill-EIT u huma vvalutati bħala affidabbli. Ir-riżultati tal-awditjar *ex post* ikkonfermaw li l-verifikazzjonijiet *ex ante* mhumiex effettivi b'mod sħiħ. Madankollu l-Istituzzjoni rkuprat il-pagamenti irregolari misjuba, u r-rata tal-iżball residwu għat-tranżazzjonijiet tal-għotjiet 2011 mhijix materjali.

12. L-ebda verifikazzjoni *ex post* ma twettqet s'issa għat-tranżazzjonijiet relatati ma' għotjiet għall-attivitajiet 2010 (EUR 11,3 miljun). Barra minn hekk, fid-dawl tal-aċċertament limitat li jista' jinħareġ mill-verifikazzjonijiet *ex ante*, ma hemm l-ebda aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Il-Qorti ma setgħetx tikseb evidenza suffiċjenti u xierqa għall-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' għotjiet awditjati relatati mal-attivitajiet 2010.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, bl-eċċezzjoni tal-effetti possibbli tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafi 9 sa 12 tal-bażi għall-opinjoni kwalifikata, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

14. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet jew l-opinjoni kwalifikata tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

15. Barra mill-kwistjoni deskritta fil-paragrafi 9 sa 13, il-baġits għal ftehimiet ta' għotja iffirmati fl-2010 u l-2011, li rriżultaw f'pagamenti fl-2012, ma kinux speċifiċi b'mod

⁽⁸⁾ Jiġifieri, iċ-ċertifikati tal-awditjar mhux dejjem indikaw il-klejm għall-ispejjeż awditjat. Mhux il-kategoriji ta' spejjeż kollha kellhom jiġu awditjati f'biżżejjed dettall (pereżempju, spejjeż indiretti reali, li jistgħu jiġu ddikjarati mingħajr livell limitu ma ġewx iċċekkjati abbażi ta' evidenza oriġinali ta' sostenn). Ir-riskju ta' finanzjament doppju ta' tagħmir iddikjarat bħala spiża ma kien iċċekkjat b'mod komprensiv. Il-parti l-kbira taċ-ċertifikati tal-awditjar ma semmewx il-kopertura tal-ispejjeż awditjati u ma kien hemm l-ebda metodoloġija komuni biex tidentifika l-iżball kumplessiv fil-klejm għall-ispejjeż.

suffiċjenti. Ma kien hemm l-ebda rabta bejn il-fondi approvati u l-attivitajiet li għandhom jiġu implimentati. Il-ftehimiet ta' għotja ma stabbilixxewx livelli limiti individwali għal kategoriji speċifiċi ta' spejjeż (jiġifieri, spejjeż għall-persunal, sottokuntrattar, servizzi legali, eċċ.) u ma inkludewx regoli għall-akkwist ta' prodotti u servizzi mill-KKI u s-sħab tagħhom.

16. L-EIT wettaq ukoll verifikazzjonijiet tekniċi għall-proġetti ffinanzjati kollha bħala parti mill-verifikazzjonijiet *ex ante* tiegħu. Madankollu, kien hemm nuqqas ta' miri kwantifikabbli li xekklu valutazzjoni effettiva ta' attivitajiet ta' proġetti u riżultati. Il-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju ma ddefinixxewx fid-dettall l-attivitajiet li għandhom jiġu implimentati; u lanqas ma stabbilixxew għanijiet ċari, riżultati tanġibbli għal kull attività jew kriterji ta' kwalità.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

17. Mill-appropriazzjonijiet impenjati riportati mill-2011 li jammontaw għal madwar EUR 22 miljun, madwar EUR 10 miljun (45 %) ġew ikkanċellati fl-2012. Il-livell għoli ta' kanċellazzjonijiet huwa prinċipalment minħabba spejjeż aktar baxxi milli stmati mitluba mill-benefiċjarji taħt il-ftehim dwar għotjiet tal-2011 (EUR 9,2 miljun jew 92 % tal-ammonti riportati kkanċellati).

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

18. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-Istitut għall-perjodu awditjat ta' awtonomija finanzjarja (ara l-paragrafu 2) kienet baxxa. Meta l-pagamenti jiġu mqabbla mal-appropriazzjonijiet impenjati, ir-rata kienet tammonta għal 56 % għat- Titolu I (nefqa għall-persunal), 30 % għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u 11 % għat-Titolu III (nefqa operazzjonali). | Ikkompletata |
| 2011 | Ftehimiet dwar għotjiet li rriżultaw f'pagamenti fl-2011 kienet ffirmati sistematikament mill-Kummissjoni Ewropea (Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura) u l-Istitut wara li l-parti l-kbira tal-attivitajiet kienu diġà ġew implimentati. Bejn Settembru u Diċembru 2011, l-Istitut għamel pagamenti finali ⁽¹⁾ li ammontaw għal EUR 4,2 miljun, relatati ma' tliet ftehimiet ta' għotja li ġew iffirmati ferm wara li nbdew l-attivitajiet ⁽²⁾ . Din hija problema f'termini ta' ġestjoni finanzjarja tajba. | Għadha għaddejja |

⁽¹⁾ Pagamenti bil-quddiem kienu saru mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽²⁾ Fkaż wieħed, il-kuntratt ġie ffirmat 14-il jum qabel it-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 13-il xahar.

ANNEX II

Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (Budapest)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.</p> <p>Għal dan il-għan, skont is-sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tfittex li:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tħaffef l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali, — tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp tal-impriżi fi ħdan l-Unjoni kollha, partikolarment ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju, — tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi, — tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku. |
| <p>Kompetenzi tal-Istitut</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>L-għan tal-Istitut huwa li jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività ekonomika fl-Ewropa, b'mod sostenibbli, bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Komunità. Dan għandu jaġhmlu billi jippromwovi u jintegra edukazzjoni superjuri, riċerka u innovazzjoni u tal-ogħla standards.</p> <p>Kompiti</p> <p>Sabiex jikseb l-għan tiegħu, l-Istitut għandu:</p> <ol style="list-style-type: none"> (a) jidentifika l-oqsma prijoritarji tiegħu; (b) iqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet imsieħba potenzjali u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tiegħu; (c) jaġhżel u jinnomina il-KKI fl-oqsma prijoritarji u jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom bi ftehim; jipprovdihom bl-appoġġ xieraq; japplika l-miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità; kontinwament jimmonitorja u perjodikament jevalwa l-attivitajiet tagħhom; u jiżgura livell xieraq ta' koordinazzjoni bejniethom; (d) jimmobilizza fondi minn sorsi pubbliċi u privati u juża r-riżorsi tiegħu skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari huwa għandu jfittex li jżid proporzjon sinifikanti u li dejjem jiżdied tal-baġit tiegħu minn sorsi privati u minn dħul ġenerat mill-attivitajiet tiegħu stess; (e) iħeġġeġ ir-rikonximent fl-Istati Membri ta' lawrji u diplomi li jkunu ġew mogħtija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri li huma organizzazzjonijiet imsieħba, u li jistgħu jiġu indikati bħala lawrji u diplomi tal-EIT; (f) jippromwovi d-disseminazzjoni tal-aħjar prattika għall-integrazzjoni tat-trijanglu tal-konozzenza sabiex jiżviluppa kultura komuni ta' innovazzjoni u ta' trasferiment tal-konozzenza; (g) ifittex li jsir korp ta' klassi dinjija għall-eċċellenza fl-edukazzjoni superjuri, fir-riċerka u fl-innovazzjoni; (h) jiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn l-attivitajiet tal-Istitut u programmi Komunitarji oħrajn. |

| | |
|--|---|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tat-Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Il-Bord tat-Tmexxija (BT) tal-Istitut huwa magħmul minn 18-il membru maħtur li jipprovdu bilanċ bejn l-esperjenza u l-eċċellenza fin-negozju, l-edukazzjoni superjuri u r-riċerka, u erba' membri rappreżentattivi proposti mill-Komunitajiet ta' Konox-xenza u Innovazzjoni (KKI). Il-Kummissjoni Ewropea għandha status ta' osservatur.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Bord tat-Tmexxija huwa wkoll responsabbli għat-tmexxija tal-attivitajiet tal-Istitut, għas-selezzjoni, in-nomina, l-allokazzjoni tal-għotjiet u l-valutazzjoni tal-KKI, u għad-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħrajn kollha.</p> <p>Kumitat Eżekuttiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Il-Kumitat Eżekuttiv huwa magħmul minn ħames membri tal-Bord tat-Tmexxija, inklużi l-President u l-Viċi President. Huwa ppresedut mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Il-Kumitat Eżekuttiv jissorvelja t-tmexxija tal-Istitut u jieħdu d-deċiżjonijiet li jkunu meħtieġa bejn il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.</p> <p>Direttur</p> <p>Huwa maħtur minn u responsabbli għall-Bord tat-Tmexxija għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja; ir-rappreżentant legali tal-Istitut.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Istitut fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 95,30 miljun għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 77,09 miljun għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet awtorizzati: 52 (52)</p> <p>Postijiet okkupati: 47 (40)</p> <p>Postijiet oħra: 0 (0)</p> <p>Total tal-persunal: 47 (40) assenjati għad-dmirijiet segwenti:</p> <p>— kompiti operazzjonali: 26 (19)</p> <p>— kompiti amministrattivi u ta' sostenn: 21 (21)</p> |

| | |
|------------------------------------|--|
| Prodotti u servizzi fl-2012 | <ul style="list-style-type: none"> — Organizzazzjoni ta' tliet laqgħat ta' Forum tal-EIT mal-KKI (pjattaforma maħluqa biex tistabbilixxi djalogu regolari bejn id-Direttur tal-Istitut u s-CEOs (Uffiċjali Kapijiet Eżekuttivi) tal-KKI). — Deċiżjoni tal-Bord tat-tmexxija fit-13 ta' Diċembru 2012 għall-allokazzjoni ta' baġit li jammonta għal total ta' EUR 120 miljun għall-iffinanzjar tal-Attivitajiet b'Valur Miżjud tal-KKI għat-tliet KKI fis-sena 2013, wara l-implimentazzjoni għall-ewwel darba ta' proċess ta' Finanzjament Kompetittiv li jikkorrispondi għal terz tal-baġit kumplessiv. — Fl-2012 it-tliet KKI amministraw baġit totali b'ammont ta' EUR 89 814 878 għall-finanzjament tal-EIT tal-attivajiet b'Valur Miżjud tal-KKI u baġit ta' EUR 300 009 659 għall-Finanzjament mhux tal-EIT tal-attivajiet tal-KAVA u attivajiet kumplimentari. — Għall-ewwel darba l-KKI pprova <i>data</i> konsolidata għal Indikaturi Ewlenin ta' Prestazzjoni (KPIs) Attivitajiet ta' Innovazzjoni b'Valur Miżjud u b'mod retroattiv għas-sena 2010 u 2011 u stimi għall-2012. — Fl-2012 l-għadd totali ta' msieħba tal-KKI involuti fit-tliet KKI ġew f'293 istituzzjoni mil-Laboratorji tal-ICT tal-EIT (87), mill-Klima KKI (100) u mill-InnoEnerġija KKI (106). — Kontribuzzjoni konġunta mill-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-Istitut, id-Direttur tal-Istitut u l-Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet KKI u tas-CEOs tal-KKI fil-Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-EIT tal-Presidenza Ċiprijotta tal-Unjoni Ewropea organizzata mill-Kummissjoni Ewropea, f'Larnaca, mit-8 sad-9 ta' November 2012. — Għadd kbir ta' stejjer ta' suċċess wara l-implimentazzjoni ta' attivajiet tal-KKI. |
|------------------------------------|--|

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Istitut.

IT-TWEĠIBIET TAL-ISTITUT

10. L-EIT jilqa' r-rikonoxximent mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-isforzi konsiderevoli li saru mill-EIT biex jimplementa verifikazzjonijiet *ex ante* effettivi bl-għan li jipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' għotjiet.

11. L-EIT jilqa' r-rikonoxximent mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-verifikazzjonijiet *ex post* ta' għotjiet għall-attivitajiet tal-2011. Fir-rigward ta' ċertifikati, awdituri li jiċċertifikaw kellhom jivverifikaw l-eliġibbiltà ta' spejjeż indiretti reali rrappurtati skont it-Termini ta' Referenza għaċ-Ċertifikati dwar Dikjarazzjonijiet Finanzjarji. Barra minn dan, il-maġġoranza tan-nefqa kienet soġġetta għal verifikazzjonijiet ibbażati fuq kampjun mill-awdituri li jiċċertifikaw. Finalment, it-Termini ta' Referenza ġew aġġornati u mtejba għall-Ftehimiet ta' Għotja 2012.

12. Fid-dawl tal-aċċertament li jista' joħroġ minn verifikazzjonijiet *ex ante* ta' tranżazzjonijiet relatati ma' għotjiet għall-attivitajiet tal-2010, l-EIT kien ippreveda l-hteġa li jsahha verifikazzjoni *ex ante* biex jimmitiga r-riskji relatati mal-ewwel sena tal-operazzjoni KKI. Sabiex jikseb aċċertament raġonevoli, l-EIT, minbarra ċ-ċertifikati tal-awditjar mill-KKI qed jitlob dokumenti ta' sostenn verifikati relatati ma' perċentwal importanti ta' nefqa bbażata fuq kampjun aleatorju. B'riżultat ta' dan, spejjeż ineliġibbli ġew korretti qabel il-pagamenti finali. L-aċċertament kombinat miksub miċ-ċertifikati u l-verifikazzjonijiet imsaħħa tal-EIT's tqies bħala suffiċjenti biex jiġu evitati żbalji materjali fil-pagamenti finali li saru skont il-Ftehimiet ta' Għotja tal-2010. Eventwalment il-verifikazzjonijiet *ex post* dwar il-Ftehimiet ta' Għotja tal-2010 ġew immedija mill-EIT u r-riżultati finali huma mistennija f'Ottubru 2013. Kwalunkwe irregolaritajiet se jiġu korretti u ammonti li ma kellhomx jitħallsu se jiġu rkuprati fl-2013.

15. Ir-rabta bejn l-għotjiet u l-attivitajiet li għandhom jiġu implimentati ġiet stabbilita flivell strateġiku permezz ta' ffokar fuq ir-riżultati u l-impatt kif ukoll fil-livell operazzjonali permezz tal-portafoll ta' attivitajiet ta' KKI. Dan l-approċċ jikkonforma bis-sħiħ mar-Regolament EIT u jitħalla jesperimenta approċċi simplifikati ġodda għat-titjib tal-flessibbiltà u l-effiċjenza tal-KKI. Il-ftehimiet ta' għotja ma stabbilixxewx limiti individwali għal kategoriji speċifiċi ta' spejjeż (jiġifieri, spejjeż għall-persunal, sottokuntrattar, servizzi legali, eċċ.) minħabba li dawn mhumiex mitluba mir-Regolament Finanzjarju u, barra minn dan, dawn ma jgħinux biex jissodisfaw l-oġġettivi u l-ħtiġijiet operazzjonali tal-EIT/KKI. Rigward is-sottokuntrattar, il-Ftehimiet ta' Għotja jistipulaw li l-kuntratti għandhom jingħataw fuq l-aħjar valur għal bażi ta' flus u għandhom jiġu evitati kunflitti ta' interess. Dan huwa konsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju.

16. Fir-rigward ta' miri kwantifikabbli fil-Pjanijiet ta' direzzjoni tan-Negozju ta' KKI, l-EIT ippubblika Linji gwida lil KKI għat-tħejjija ta' Pjanijiet ta' direzzjoni tan-Negozju f'Marzu 2012 u talab id-data tagħhom dwar il-livell ta' suċċess tal-Indikaturi Ewlenin ta' Prestazzjoni matul l-2010 u l-2011. Dawn il-linji gwida ġew riveduti dan l-aħħar fl-2013 għall-Pjanijiet ta' direzzjoni tan-Negozju tal-2014 sabiex tkompli titjeb il-kwalità tal-ippjanar u r-rappurtar mill-KKI kif ukoll il-valutazzjoni tal-EIT tal-prestazzjoni tagħhom.

17. L-EIT tirikonoxxi l-kumment tal-Qorti. Sal-aħħar tal-2012 il-KKI temmew il-fażi inizjali tagħhom li hija riflessa wkoll fl-użu ta' għotjiet (ara wkoll l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fil-punt 15). Għalkemm hemm livell għoli ta' riporti mill-2012 sal-2013, huwa mistenni progress sinifikanti minħabba li l-kanċellazzjonijiet ta' riporti ser jitnaqqsu b'mod konsiderevoli minn 45 % (riporti tal-2011) għal 13 % stmati (riporti tal-2012). L-EIT ser isegwi din il-kwistjoni aktar mill-qrib.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/21)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EMA"), li tinsab f'Londra, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93, li ġie sostitwit mir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. L-Aġenzija topera permezz ta' netwerk u tikkoordina r-riżorsi xjentifiċi magħmula disponibbli mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżgura l-valutazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew użu veterinarju⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovdata mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu

(1) ĠU L 214, 24.8.1993, p. 1 u ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Skont ir-Regolament imsemmi l-aħħar, l-isem oriġinali tal-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali, ġie mibdul għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

(2) L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

(3) Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

(4) Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(6) Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

(7) L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET

11. L-Aġenzija tapplika kriterji ta' rikonossiment li ma jaqblux għad-dħul mit-tariffi u n-nefqa assoċjata. Id-dħul mit-tariffi ta' applikazzjoni huwa rikonossut fuq bażi lineari fuq perjodu ta' żmien stabbilit. L-infiq għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet bħal dawn mill-awtoritajiet kompetenti

nazzjonali madankollu jiġi akkumulat meta jintlaħaq stadju importanti speċifiku fit-twassil tas-servizzi. Dan huwa f'kontra-dizzjoni mal-prinċipju pariġġ tiegħu.

12. L-Aġenzija għadha ma vvalidatx is-sistema kontabilistika tagħha fil-qasam tal-assi fissi intanġibbli. Meta jitqies l-investiment konsiderevoli fl-iżvilupp tal-ICT⁽⁸⁾, din hija parti kruċjali mis-sistema kontabilistika sħiħa.

13. Fl-2011 u fl-2012, il-Kunsill irrifjuta żidiet fis-salarji għall-persunal tal-UE. Il-Kummissjoni appellat kontra din id-deċiżjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja li għadha ma ddeċiditx dwar il-kwistjoni. Billi l-Aġenzija tinsab f'Londra, iż-żidiet fis-salarji inkwistjoni se jitħallsu f'GBP, filwaqt li l-kontijiet tal-Aġenzija huma mħejjija f'Euro. Minħabba l-flutwazzjonijiet fir-rata tal-kambju matul il-perjodu kkonċernat, il-ħlas lura possibbli lill-persunal iwassal għal telf stmat ta' EUR 2,9 miljun fir-rata tal-kambju għall-Aġenzija. L-Aġenzija inkludiet dan l-ammont fil-kalkolu tal-kont tar-riżultat baġitarju tagħha, li jwassal għal dikjarazzjoni insuffiċjenti ekwivalenti ta' fondi li għandhom jitħallsu lura lill-Kummissjoni⁽⁹⁾.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

14. Fl-2012, l-Aġenzija ħarġet kuntratti qafas f'kaskata għall-proviżjoni ta' servizzi⁽¹⁰⁾. Il-proċedura ta' akkwist ippreżentat xi irregolaritajiet li jaffettwaw il-prinċipju tat-trasparenza.

15. Barra mill-benefiċċji tal-edukazzjoni previsti fir-Regolamenti tal-Persunal⁽¹¹⁾, l-Aġenzija tħallas kontribuzzjonijiet għall-edukazzjoni direttament lill-iskejjel għall-persunal li għandhom tfal jattendu skola primarja jew sekondarja mingħajr kuntratti stabbiliti ma' skejjel. It-total tal-kontribuzzjonijiet għall-edukazzjoni fl-2012 ammonta għal madwar EUR 389 000. Tali nfiq mhuwiex kopert bir-Regolamenti tal-Persunal u huwa irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

16. Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena 2012 kienu sodisfaċenti għat-Titoli I u III. Filwaqt li r-rata ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għat-Titolu II kienet flivell ta' 27 %, din primarjament tirrelata maċ-ċaqliq ippjanat tal-Aġenzija lejn uffiċċji ġodda fl-2014 (EUR 4 205 000) u l-iżvilupp tas-sistemi tal-ICT (EUR 1 596 000). Filwaqt li dan tal-aħħar huwa ta' natura pluriennali li jista' parzjalment jiġġustifika l-ammonti riportati, l-Unità ICT tal-Aġenzija ġiet riorganizzata b'mod sinifikanti fl-2012 u għadd ta' proġetti ppjanati għall-2012 ġew imdewma.

⁽⁸⁾ Fl-2012 l-investimenti fl-iżvilupp tal-ICT ammontaw għal EUR 11 625 000.

⁽⁹⁾ Billi għamlet dan, l-Aġenzija segwiet istruzzjoni mill-Kummissjoni datata Diċembru 2012, li madankollu ġiet ikkjarifikata aktar f'Ġunju 2013.

⁽¹⁰⁾ Sal-31 ta' Diċembru 2012, kienu saru impenji baġitarji totali ta' EUR 13 475 000 għal kuntratti speċifiċi skont dawn il-kuntratti qafas, u kienu saru pagamenti ta' EUR 4 690 000.

⁽¹¹⁾ L-Artikolu 3 tal-Anness VII jipprevedi d-doppju tal-benefiċċju bażiku ta' Eur 252,81 = Eur 505,62.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

17. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri
Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeġja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Dan il-livell ta' ammonti riportati huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Fl-2011 l-Aġenzija żiedet il-pakkett finanzjarju ta' kuntratt qafas irregolari għal servizzi tal-IT konkluż fl-2009 li għalih il-Qorti kienet ikkwalifikat l-opinjoni tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet 2009 tal-Aġenzija. Il-limitu massimu oriġinali tal-kuntratt kien ta' EUR 30 miljun. Fl-2011 dan ġie miżjud b'mod irregolari b'EUR 8 miljun u ġew iffirmati kuntratti speċifiċi għal ammont ta' EUR 8,1 miljun, li wassal għal pagamenti irregolari u imposti dovuti fl-2011 li jammontaw għal EUR 3,6 miljun. Il-proġett tal-IT għadu għaddeġ u fl-2011 l-Aġenzija bdiet tħejji kuntratt qafas ġdid. | M/A (skada l-kuntratt) |
| 2011 | Hemm lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċeduri ta' akkwist. | Pendenti |
| 2011 | Il-Qorti identifikat hteġġa għal titjib tat-trasparenza tal-proċeduri tal-għażla tal-persunal. Il-membri tal-Bord ta' Għażla mhux dejjem ikkometaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' kunflitt ta' interessi, jew inkella ma għamlux dan f'waqtu, u ma kien hemm l-ebda evidenza li ttieħdet xi azzjoni biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imqajma minn dawn id-dikjarazzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tal-proċedimenti tal-Bord ta' Għażla mhux dejjem kienet adegwata u ma hemm l-ebda evidenza ta' kif ġie stabbilit il-metodu ta' kif il-kandidati għandhom jiddaħħlu fil-lista ristretta u li l-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub jew l-intervisti ġew stabbiliti qabel l-eżamijiet. | Għadha għaddeġja |

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <p>Il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.</p> <p>L-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw il-fonti ta' periklu għas-saħħa umana. Din l-azzjoni għandha tkopri l-għlied kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa, billi tinkoraġġixxi riċerka fuq il-kawża taġġhom, it-tixrid taġġhom u l-prevenzjoni taġġhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa, kif ukoll il-monitoraġġ ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert għal dan it-theddid u l-għlied kontrib.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tikkoordina r-riżorsi xjentifiċi li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija biex issir l-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju, — li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea b'pariri xjentifiċi dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju. <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tikkoordina l-valutazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali li huma suġġetti għal proċeduri tal-awtorizzazzjoni għall-“marketing” tal-Unjoni, — li tikkoordina s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali li kienu awtorizzati fl-Unjoni (<i>Farmakoviġilanza</i>), — li tagħti pariri dwar il-limiti massimi għar-residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji li jistgħu jiġu aċċettati f'affarijiet tal-ikel li għandhom oriġini mill-annimali, — li tikkoordina l-verifika (verifikazzjoni) tal-osservanza tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-manifattura, prattika tajba tal-laboratorju u prattika tajba klinika, — li tirreġistra l-istat tal-awtorizzazzjonijiet għall-“marketing” għall-prodotti mediċinali. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP), magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru u ħames membri kooptjati, jagħti pariri dwar kwalunkwe kwistjoni dwar il-valutazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem.</p> <p>Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (CVMP), magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar kwalunkwe kwistjoni dwar il-valutazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji.</p> <p>Il-Kumitat dwar il-Prodotti Mediċinali Orfni (COMP), magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar kwalunkwe kwistjoni dwar il-valutazzjoni ta' prodotti mediċinali orfni.</p> <p>Il-Kumitat dwar il-Prodotti Mediċinali mill-Ħxejjex (HMPC), magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru u ħames membri kooptjati, jagħti pariri dwar kwalunkwe kwistjoni dwar il-valutazzjoni ta' prodotti mediċinali mill-ħxejjex.</p> |

| | |
|---|---|
| | <p>Il-Kumitat Pedjatriku (PDCO), magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru, sitt membri u membri sostituti li jirrappreżentaw professjonisti tal-kura tas-saħħa u assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, huwa responsabbli mill-valutazzjoni xjentifika u ftehim dwar pjanijiet ta' investigazzjoni pedjatrika u għas-sistema ta' rinunzi u diferimenti ta' dawn.</p> <p>Il-Kumitat għat-Terapiji Avanzati (CAT), magħmul minn ħames membri tas-CHMP u l-(ħames) membri sostituti tagħhom, membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru, żewġ membri u żewġ membri sostituti li jirrappreżentaw lil dawk li jmexxu l-kliniki, żewġ membri u żewġ membri sostituti li jirrappreżentaw l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, huwa responsabbli minn kwalunkwe kwistjoni relatata mal-valutazzjoni tal-prodotti mediċinali ta' terapija avanzata u ċertifikazzjoni u klassifika ATMP.</p> <p>Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Farmakoviġilanza (PRAC), magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru, sitt esperti xjentifiċi indipendenti nominati mill-Kummissjoni Ewropea, membru wieħed u membru sostitut nominati mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew biex jirrappreżentaw professjonisti tal-kura tas-saħħa u membru wieħed u membru sostitut nominati mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew biex jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti.</p> <p>Il-Bord Amministrattiv magħmul minn membru wieħed u membru sostitut minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni, żewġ rappreżentanti maħtura mill-Parlament Ewropew, żewġ rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tal-pazjenti, rappreżentant wieħed mill-organizzazzjonijiet tat-tobba u rappreżentant wieħed mill-organizzazzjonijiet tal-veterinarji. Il-Bord jadotta l-programm ta' ħidma u r-rapport annwali.</p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-EMA.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 222,489 ⁽¹⁾ (208,863) miljun ⁽²⁾; Kontribuzzjoni tal-Unjoni 9,6 % ⁽³⁾ (13,4 % ⁽⁴⁾)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>590 (567) prevvisti fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 575 (552)</p> <p>160 (177) membru tal-persunal ieħor (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati, persunal mill-aġenzija tal-impjiegi)</p> <p>Total tal-persunal: 735 (728), li jaġhmlu l-kompiti li ġejjin: operazzjonali: 594 (584), amministrattivi 141 (144)</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem</p> <p>— Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet ta' "marketing": 96 (100)</p> <p>— Opinjonijiet favorevoli: 57 (87)</p> |

| |
|---|
| <p>— Żmien medju ta' valutazzjoni: 188 (178) ġurnata</p> <p>— Opinjonijiet wara l-awtorizzazzjoni: 5 137 (4 982)</p> <p>— Farmakoviġilanza (rapporti CAP tas-ŻEE u rapporti ADR mhux taż-ŻEE): 522 073 (362 231) <i>rapport</i></p> <p>— Rapporti perjodiċi b'aġġornament dwar is-sigurtà: 463 (583)</p> <p>— Pariri xjentifiċi finalizzati: 420 (430)</p> <p>— Proċeduri ta' Rikonoxximent Reċiproku u Proċeduri Deċentralizzati: mibdija 6 991 (6 401); mitmuma 6 709 (6 715)</p> <p>— Applikazzjonijiet għal pjanijiet ta' investigazzjoni pedjatrika: 178 (187) relatati ma' 218-il (220) indikazzjoni</p> <p>Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju</p> <p>— Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet ta' "marketing": 13 (11)</p> <p>— Applikazzjonijiet fir-rigward ta' varjanti: 261 (287)</p> <p>Spezzjonijiet</p> <p>Spezzjonijiet: 450 (450)</p> <p>Prodotti Mediċinali mill-Ħxejjex</p> <p>Monografi mill-ħxejjex: 15 (20)</p> <p>Lista ta' sustanzi mill-ħxejjex, preparazzjonijiet u taħlitiet tagħhom: 0 (0)</p> <p>Prodotti Mediċinali Orfni</p> <p>— Applikazzjonijiet: 197 (166)</p> <p>— Opinjonijiet favorevoli: 139 (111)</p> <p>SMEs</p> <p>— Rikjesti għal status ta' SME 684 (433)</p> <p>— Applikazzjonijiet għat-tnaqis ta' tariffi jew diferimenti 316 (350)</p> |
|---|

(¹) Dan huwa l-baġit finali, mhux it-total reali tal-kont tar-riżultat baġitarju.

(²) Dan huwa l-baġit finali, mhux it-total reali tal-kont tar-riżultat baġitarju.

(³) Dan huwa l-perċentwal tal-kontribuzzjoni bbaġitjata tal-UE (mingħajr il-kontribuzzjoni speċjali għal tnaqqis tat-tariffi tal-prodotti mediċinali orfni u mingħajr l-użu tal-bilanċ pożittiv n-2 mill-awtorità baġitarja) b'relazzjoni mal-baġit finali.

(⁴) Dan huwa l-perċentwal tal-kontribuzzjoni bbaġitjata tal-UE (mingħajr il-kontribuzzjoni speċjali għal tnaqqis tat-tariffi tal-prodotti mediċinali orfni u mingħajr l-użu tal-bilanċ pożittiv n-2 mill-awtorità baġitarja) b'relazzjoni mal-baġit finali.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. L-introduzzjoni tas-sistema kontabilistika SAP fl-2011 ippermettiet lill-Aġenzija li tagħraf id-dħul għat-tipi kollha ta' tariffi għal applikazzjonijiet b'aktar preċiżjoni, abbażi ta' ammortizzazzjoni lineari fuq perjodu ta' żmien stabbilit. L-Aġenzija tqis li l-att sinifikanti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti huwa l-konsenja tar-rapport tar-rapporteur u r-reviżjoni mill-kumitat xjentifiku kompetenti. Il-politika kontabilistika mill-2006 'il quddiem kienet li tirrikonoxxi n-nefqa assoċjata meta jintlaħaq dak l-istadju importanti. Fid-dawl tal-osservazzjoni tal-Qorti, l-Aġenzija se tirrevedi l-politika kontabilistika tagħha dwar ir-rikonoxximent ta' dħul mill-ħlasijiet u n-nefqa assoċjata biex fil-ġejjieni tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju korrispondenti. L-Aġenzija tinnota li l-Qorti kkonkludiet li l-effett fuq il-kontijiet tal-2012 mhuwiex materjali.

12. Is-sistemi tal-ICT li jipprovdu informazzjoni kontabilistika għar-regolamentazzjoni u l-kontroll fuq in-nefqa fuq assi intanġibbli ġew invalidati minn perspettiva teknika. Issa l-Aġenzija għamlet l-aġġustamenti meħtieġa fil-kontijiet provviżorji tal-2012 u l-validazzjoni pożittiva tas-sistemi kontabilistiċi intemmet.

13. L-ammont kien inkluż fil-kontijiet tal-Aġenzija wara struzzjoni mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni tal-UE li t-telf kollu mhux realizzat mill-kambju għandu jiġi inkluż fil-kontijiet baġitarji kif ukoll fil-kontijiet finanzjarji. L-Aġenzija tistenna li se jkollha bżonn dawn il-flus sabiex tkopri s-salarji pagabbli f'GBP lill-persunal tal-EMA meta jiġu adottati r-*rappels* tal-2011 u l-2012. L-Aġenzija hija konxja li d-DĠ BUDG iqis ir-*rappel* bħala nefqa mhux prevista, iżda tqis li din il-pożizzjoni mhijiex sostenibbli għaliex l-adattament tar-rati tal-kambju u l-ponderazzjonijiet li huma parti minn kwalunkwe *rappel* mhux biss huma prevedibbli, iżda legalment meħtieġa u ilhom pendenti. Għall-kontijiet baġitarji l-Aġenzija tapplika l-istess metodoloġija użata għall-kalkolu tal-provvediment fil-kontijiet finanzjarji. It-tħassib ewlieni tal-Aġenzija huwa li jekk dawn il-figuri ma jiġux inklużi fil-kontijiet baġitarji tal-2012 hija se ssib ruħha tirritorna fondi lill-Kummissjoni meta fil-fatt daww il-fondi se jkun meħtieġa biex tħallas l-obbligi tas-salarji ladarba l-ipeżar u r-rati tal-kambju applikabbli jiġu adattati għal-livelli reali.

14. Filwaqt li l-Aġenzija ma taqbilx mal-opinjoni tal-Qorti li l-prinċipju tat-trasparenza nkiser fil-proċedura tas-sejħa għall-offerti tagħha, hija ddiskutiet is-sejbiet tal-Qorti, b'mod partikolari fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kuntratti u l-Akkwisti, u sejra tagħmel titjib fil-kwistjonijiet issottolinjati mill-Qorti sabiex tiġi żgurata trasparenza saħansitra akbar fil-ġejjieni.

15. Ma kienx possibbli li tiġi mwaqqfa Skola Ewropea għall-persunal tal-Aġenzija. B'kont meħud tal-ispirtu tar-Regolamenti tal-Persunal, in-nuqqas ta' skola Ewropea, l-għażla preferita li jintużaw istituzzjonijiet edukattivi li jipprovdu edukazzjoni multilingwi u s-sitwazzjoni ġeografika lokali kumplessa, l-Aġenzija stabbiliet kontribuzzjoni għall-edukazzjoni komparabbli ma' u konformi mal-appoġġ finanzjarju għall-istudenti fl-Iskejjel Ewropej. Fl-interess tat-trattament ugwali tal-persunal kollu tal-Unjoni Ewropea, dan il-ħlas isir lill-iskola fir-rigward ta' tariffi għall-iskola biss u mhux lill-membri tal-persunal.

Jekk issa dawn il-ħlasijiet diretti lill-iskejjel li jgħallmu fil-lingwa materna huma meqjusa bħala irregolari, dan jikkonċerna l-kwistjoni ġenerali tas-sussidji għal Skola Ewropea għall-impjegati tal-UE.

16. Il-livell relattivament għoli ta' approprijazzjonijiet għat-titolu II riportati mis-sena 2012 għall-2013 (27 %) kien dovut għar-raġunijiet iddikjarati. Jeħtieġ jiġi nnotat li l-Aġenzija diġà naqqset b'mod sostanzjali l-livelli ta' riport tagħha billi r-riport ekwivalenti fl-2011 kien ta' 33 % u fl-2010 ta' 36 %. L-Aġenzija tagħmel dak kollu li tista' billi tirrispetta l-ħtiġijiet operattivi tagħha biex tkompli tnaqqas ir-riport tagħha għal livell li jaqa' fi ħdan marġini tollerabbli tar-Regolament Finanzjarju.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2013/C 365/22)

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (minn hawn 'il quddiem "iċ-Ċentru", magħruf ukoll bħala l-"EMCDDA"), li jinsab f'Lisbona, ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 ⁽¹⁾. Id-dmir prinċipali tiegħu huwa li jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga sabiex iħejji u jipubblika informazzjoni fil-livell Ewropew li hija oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u kumparabbli. L-informazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi bażi għall-analiżi tad-domanda għad-droga u l-modi biex titnaqqas, u kif ukoll, b'mod ġenerali, fenomeni assoċjati mas-suq tad-droga ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll taċ-Ċentru. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali taċ-Ċentru, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tnejn ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali taċ-Ċentru wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja taċ-Ċentru fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Dan ir-Regolament u l-emendi tiegħu kienu mħassra bir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ L-*Anness II* jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Fl-2012, iċ-Ċentru ta għotjiet liċ-ċentri nazzjonali tal-Istati Membri għall-monitoraġġ tad-droga (il-benefiċjarji) sabiex jappoġġa kooperazzjoni taħt in-netwerk REITOX⁽⁸⁾. In-nefqa totali f'għotjiet fl-2012 kienet EUR 2,6 miljun, li tirrappreżenta 16 % tan-nefqa operazzjonali totali. Il-verifikazzjonijiet *ex ante* taċ-Ċentru qabel ir-rimborż ta' spejjeż ikklejmjati minn benefiċjarji jikkonsistu minn analiżi fl-uffiċċju tal-klejms tal-ispejjeż u ta' ċertifikati tal-awditjar maħruġa minn awdituri esterni kkuntrattati mill-benefiċjarji. Normalment iċ-Ċentru ma jottjeni ebda dokument minn benefiċjarji biex jissustanzja l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tal-ispejjeż ikklejmjati. Verifikazzjonijiet *ex post* fuq il-post tal-ispejjeż fil-livell tal-benefiċjarju huma rari⁽⁹⁾. Kontrolli eżistenti għalhekk jipprovdu biss aċċertament limitat lill-management taċ-Ċentru fir-rigward tal-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tal-ispejjeż ikklejmjati mill-benefiċjarji. Għat-tranżazzjonijiet awditjati mill-Qorti dokumentazzjoni ta' sostenn inkisbet miċ-Ċentru f'isem il-Qorti u din ipprovidiet aċċertament raġonevoli fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tagħha. Verifikazzjoni aleatorja tad-dokumenti ta' sostenn u kopertura ogħla tal-benefiċjarji permezz ta' verifikazzjonijiet fuq il-post tista' żżid l-aċċertament b'mod konsiderevoli.

12. Ma twettqet ebda verifikazzjoni *ex post* għal kwalunkwe tranżazzjoni magħmula wara l-2008, ħlief għall-għotjiet (ara l-paragrafu 11).

13. Iċ-Ċentru kien għadu ma adottax Pjanijiet tal-Kontinwità tan-Negożju jew ta' Rkupru minn Diżastru.

KUMMENTI OĦRA

14. Bħalissa iċ-Ċentru iġorr l-ispiża annwali ta' madwar EUR 200 000 għal spazju tal-uffiċċji mhux użat fil-bini preċedenti tiegħu u fil-Kwartieri Ġenerali l-ġodda. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Awtoritajiet Nazzjonali, iċ-Ċentru għandu jkompli jfittex soluzzjonijiet adegwati għal dan l-ispazju tal-uffiċċji mhux użat.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

15. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽⁸⁾ Taħt in-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (REITOX) iċ-Ċentru jiġbor *data* tal-pajjiżi dwar id-droga miċ-ċentri nazzjonali għall-monitoraġġ tad-droga.

⁽⁹⁾ Fl-2011, twettqu żewġ verifikazzjonijiet *ex post* f'żewġ Stati Membri. Ma saret ebda tali verifikazzjoni fl-2012.

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-Qorti identifikat 51 każ b'valur totali ta' EUR 90 053 li fihom approprjazzjonijiet riportati għall-2012 ma kinux relatati ma' impenji legali eżistenti u għalhekk kien imisshom ġew diżimpenjati u mħallsa lura lill-Kummissjoni. Madankollu ċ-Ċentru beda l-proċess tard wisq. Konsegwentement, minħabba restrizzjonijiet imposti mis-sistema tal-IT, il-fondi se jiġu bblukkjati għal sena u se jiġu diżimpenjati u mħallsa lura fi tmiem l-2012 biss. | Ikkompletata |
| 2011 | Bħalissa ċ-Ċentru għandu l-ispiża annwali ta' madwar EUR 275 000 għal spazju tal-uffiċċji mhux użat fil-bini preċedenti tiegħu u fil-Kwartieri Ġenerali l-ġodda. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Awtoritajiet Nazzjonali, iċ-Ċentru għandu jkompli jfittex soluzzjonijiet adegwati għall-ispazju tal-uffiċċji mhux użat. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Iċ-Ċentru għadu ma adottax u ma implimentax politika tat-teżor biex inaqqs u jifrex ir-riskju finanzjarju filwaqt li jimmira lejn redditi adegwati. | Ikkompletata |
| 2011 | Iċ-Ċentru għadu ma adottax politika komprensiva dwar eċċezzjonijiet u devjazzjonijiet mill-proċessi u l-proċeduri stabbiliti ⁽¹⁾ . | Ikkompletata |
| 2011 | Hemm lok għal aktar titjib tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Il-mistoqsijiet għat-testijiet orali u bil-miktub ma ġewx stabbiliti qabel ma l-applikazzjonijiet ġew eżaminati mill-bord ta' għażla. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-fajls tal-akkwist taċ-Ċentru ma kinux dejjem kompluti u organizzati b'mod adegwat ⁽²⁾ . | Għadha għaddejja |

⁽¹⁾ L-Istandard ta' Kontroll Intern Nru 8.

⁽²⁾ Kienu nieqsa diversi dokumenti rilevanti bħall-istima ta' valuri tal-kuntratt u ittri lil offerenti li l-offerta tagħhom ma ntgħażlitx.

ANNEX II

Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Lisbona)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 168 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni għandha tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa li tkun marbuta mad-drogi, inkluża l-informazzjoni u l-prevenzjoni.</p> |
| <p>Kompetenzi ta' Ċentru</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Li jipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha b'informazzjoni fattwali, oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u kumparabbli fil-livell tal-Unjoni rigward id-droga, id-dipendenza fuq id-droga u l-konsegwenzi tagħhom.</p> <p>(1) Iċ-Ċentru għall-Monitoraġġ irid jiffoka fuq l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: il-monitoraġġ tal-istat tal-problema tad-droga, u xejriet li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk li jinvolvu l-użu ta' drogi differenti flimkien;</p> <p>(2) monitoraġġ tas-soluzzjonijiet u l-provvista ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki;</p> <p>(3) valutazzjoni tar-riskji ta' sustanzi psikoattivi ġodda u ż-żamma ta' sistema ta' informazzjoni rapida;</p> <p>(4) żvilupp ta' għodda u strumenti biex jgħin lill-Istati Membri fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiċi nazzjonali tagħhom u lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-linji politiċi tal-Unjoni.</p> <p>Dmirijiet</p> <p>— Li jiġbor u janalizza d-<i>data</i>;</p> <p>— li jtejjeb il-metodi ta' kumparabbiltà tad-<i>data</i>;</p> <p>— li jxerred id-<i>data</i>;</p> <p>— li jikkoopera ma' korpi u organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali u ma' pajjiżi barra l-Unjoni; li jidentifika żviluppi ġodda u xejriet li qed jiżviluppaw.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Ġestjoni</p> <p>Jinkludi rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni u żewġ esperti indipendenti, nominati mill-Parlament Ewropew, li jkunu partikolarment infurmati fil-qasam tad-droga.</p> <p>Jadotta l-programm ta' ħidma, ir-rapport ġenerali dwar l-attivitajiet u l-baġit. Jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali.</p> <p>Kumitat Eżekuttiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President tal-Bord ta' Ġestjoni.</p> <p>Viċi President tal-Bord ta' Ġestjoni.</p> <p>Żewġ membri oħra eletti mill-Bord ta' Ġestjoni li jirrappreżentaw l-Istati Membri.</p> <p>Żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Ġestjoni fuq proposta tal-Kummissjoni.</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>Kumitat Xjentifiku</p> <p>Jagħti opinjonijiet. Huwa jikkonsisti minn, mhux iżjed minn 15-il xjentist magħrufa sew maħtura in vista tal-eċċellenza tagħhom mill-Bord ta' Ġestjoni wara sejħa ta' espressjoni ta' interess. Il-Bord ta' Ġestjoni jista' jaħtar ukoll panel ta' esperti għall-Kumitat Xjentifiku estiż għall-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi psikoattivi ġodda.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 16,32 (16,27) miljun. Sussidju tal-Unjoni: 95,30 % (94,63 %). Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal: 84 (84)</p> <p>Postijiet okkupati: 79 (77) + 25 (27) membru tal-persunal ieħor (esperti nazzjonali sekondati, persunal kuntrattwali u sostituzzjonijiet temporanji) Total tal-persunal: 104 (104)</p> <p>Allokati lil:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operazzjonali: 64,5 (64) — appoġġ amministrattiv u tal-IT: 29 (28,5) — imħallta: 10,5 (11,5) |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Netwerk</p> <p>Iċ-Ċentru jmexxi netwerk kompjuterizzat għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni msejjaħ in-"Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga" (Reitox); dan in-netwerk jikkonnettja n-netwerks nazzjonali ta' informazzjoni dwar id-droga, ċentri speċjalizzati fl-Istati Membri u s-sistemi ta' informazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu maċ-Ċentru.</p> <p>Pubblikazzjonijiet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rapport annwali dwar l-istat tal-problema tad-droga fl-Ewropa; 22(22) verżjoni lingwistika, publikazzjoni u websajt interattiva. — Kwistjonijiet magħżula 2 (3), EN. — Bulletin tal-istatistika u websajt interattiva li fiha 'l fuq minn 350 (350) tabella u 100 (100) graff. — Rapport ġenerali tal-attivitajiet – annwali, EN. — Il-bullettin Drugnet Europe – 4 ħarġiet, EN (4). — Drugs in Focus (Fokus fuq id-Droga) (informazzjoni dwar il-politika) – 1 (2) ħarġiet. Centre Scientific Monograph (Monografija Xjentifika taċ-Ċentru) – 0 (0), EN. — Centre Insights (Intuwizzjonijiet taċ-Ċentru) – 3 (0), EN. — Manwali – 2 (1), EN. — Centre thematic papers (ktibiet tematiċi taċ-Ċentru) – 8 (1). |

- Publikazzjonijiet kongunti – 2: EN (l-ewwel); BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, IT, LV, LT, HU, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV, TR, NO, HR (it-tieni), (3).
- Outputs marbuta mal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar sustanzi psikoattivi ġodda (2005/387/JHA) – 2 (2), EN.
- Profili tad-droga - 0 ġdid (1) u 0 aġġornat (18), DE, EN, FR;
- Studji tekniċi u xjentifiċi, inklużi Artikli u sommarji xjentifiċi 13 (39).
- Publikazzjonijiet *ad-hoc* – 3, EN.
- Brochures – 1, EN, RU.
- Posters xjentifiċi: 2 (2).
- Sistema ta' ġbir, validazzjoni, ħażna u rkupru tad-*data* (Fonte).

Websajts oħrajn

Riorganizzazzjoni/aġġornament/żvilupp tal-kontenut tal-websajt pubblika taċ-Ċentru, inklużi:

- Sinteżi tal-pajjiżi.
- Prospetti tat-trattament tad-droga, profili ta' prevenzjoni.
- Database legali Ewropea dwar id-droga.
- Bank tal-istrumenti ta' evalwazzjoni.
- Portal għall-aħjar prattika (skambju dwar l-azzjoni għat-tnaqqis tad-domanda għad-droga, tnaqqis tal-ħsara u moduli ta' trattament).
- Topic pages (paġni fuq suġġett).
- Database tal-publikazzjonijiet.

Materjal promozzjonali

Materjali għall-konferenzi 2 EN (1).

Prodotti tal-midja: 13 (13)-il stqarrija għall-aħbarijiet (3 fi 23 lingwa) u 7 (7) skedi informattivi, EN; Preżentazzjoni bil-Power Point, EN (1).

Parteċipazzjoni f'konferenzi internazzjonali, kif ukoll f'laqgħat tekniċi u xjentifiċi 266 (245).

IT-TWEGĠBIET TAĊ-ĊENTRU TAL-AĠENZIJA

11. L-EMCDDA daħħal fis-seħħ u implimenta diversi proċessi sabiex jiżgura verifiki *ex ante* u *ex post* xierqa filwaqt li qies ir-riskji eżistenti. F'dan il-kuntest, il-benefiċjarji tal-għotjiet mitluba jibagħtu rendikont sħiħ tal-infiq tagħhom (dikjarazzjoni tal-ispejjeż) kif ukoll rapport finanzjarju u rapport ta' attività finali li jippermettu li l-EMCDDA jivverifika l-eleġibbiltà u l-eżattezza tal-ispejjeż iddikjarati. Abbażi ta' dan, l-EMCDDA jfassal rapporti ta' feedback bilaterali li jidentifikaw problemi possibbli fil-ġestjoni amministrattiva tal-għotjiet Reitox u janalizzahom mal-Punti Fokali Nazzjonali (NFPs).

Sabiex ikompli jtejjeb is-sistema fis-seħħ, l-EMCDDA ħa l-miżuri li ġejjin b'mod konformi mas-suġġerimenti tal-Qorti:

- żied l-għadd ta' verifiki annwali fuq il-post fl-NFPs;
- poġġa disponibbli metodoloġija ta' awditjar u mudell imtejjeb għar-rapport tal-awditjar estern ħalli jiffaċilita kemm jista' jkun l-applikazzjoni ta' metodoloġija komuni u konsistenti għall-verifika tal-awdituri esterni;
- f'Mejju 2013 organizza Reitox Academy dwar il-Ġestjoni tal-Għotjiet għall-NFPs kollha.

12. Skont il-valutazzjoni tar-riskji possibbli involuti, l-EMCDDA rriveda d-deċiżjoni tiegħu dwar il-verifiki *ex post* sabiex jorbot dawn tal-aħħar mar-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskji.

13. B'żieda mal-miżuri meħuda biex jiġu żgurati l-kontinwità kummerċjali u l-irkupru mid-diżastri għal xi proċessi kruċjali bbażati fuq l-ICT, diġà ġew stabbiliti l-pedamenti għal Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali (BCP) eżawrjenti fi proposta li mistennija tiġi approvata sal-aħħar tal-ewwel semestru tal-2013.

14. L-EMCDDA qed ikompli jfittex soluzzjoni xierqa fir-rigward tal-bejgħ jew il-kiri tal-bini inkwistjoni. Intant, l-EMCDDA kompli jirrazzjonalizza u jnaqqas l-ispejjeż ta' manutenzjoni tal-bini Mascarenhas, billi irrevda l-impostazzjonijiet tas-sikurezza u ċerti xejriet fil-konsum tas-servizzi bażiċi.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/23)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"EMSA"), li tinsab f'Liżbona, twaqqfet bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompiti tal-Aġenzija huma li tiżgura livell għoli ta' sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn vapuri, tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ukoll li tevalwa l-effettività tagħha⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adekwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. Impenn tal-baġit li ammonta għal EUR 0,8 miljun ma kienx relatat ma' impenn legali eżistenti u kien għalhekk irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. Proċeduri kontabilistiċi u informazzjoni fir-rigward ta' spejjeż għal assi intanġibbli ġġenerati internament ma kinux kompletament affidabbli.

KUMMENTI OĦRA

13. Il-Qorti identifikat nuqqasijiet fit-trasparenza ta' żewġ proċeduri ta' reklutaġġ li twettqu matul l-ewwel nofs tal-2012. Il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u għall-intervisti, kif ukoll il-ponderazzjonijiet tagħhom, ma tħejjewx qabel l-eżaminar tal-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, il-punteġġi minimi għall-inklużjoni fuq lista ta' kandidati adatti ma tħejjewx qabel l-eżaminar tal-applikazzjonijiet. Madankollu, wara l-kummenti tal-Qorti mis-sena l-oħra, l-Aġenzija implimentat miżuri korrettivi u ma nstabu ebda dgħufijiet ta' dan it-tip għaż-żewġ proċeduri ta' reklutaġġ awditjati li twettqu fit-tieni nofs tal-2012.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttehdju b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Il-baġit 2011 tal-Aġenzija ⁽¹⁾ ammonta għal EUR 56 miljun meta mqabbel ma' EUR 51 miljun għas-sena preċedenti. L-impenji tal-baġit li ammontaw għal EUR 0,9 miljun ma kinux relatati ma' impenji legali eżistenti u l-Aġenzija missha ddiżimpenjat u ħallset l-ammont lura lill-Kummissjoni fil-bidu tal-2012. Madankollu, l-Aġenzija bdiet il-proċess tard wisq. B'konsegwenza, minħabba restrizzjonijiet imposti mis-sistema tal-IT, il-fondi se jkunu bblukkati għal sena u se jiġu diżimpenjati u mħallsa lura mhux qabel it-tmiem tal-2012. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-Qorti identifikat il-ħtieġa li tittejjeb il-ġestjoni tal-assi tal-Aġenzja. Hemm differenzi mhux spjegati bejn id-deprezzament annwali u dak akkumulat irreġistrati. Għal assi intanġibbli maħluqa internament, il-proċeduri u l-informazzjoni tal-kontabilistiċi fir-rigward tal-ispejjeż mhumiex affidabbli. Hemm nuqqas ta' evidenza ta' inventarju fiżiku tat-tagħmir amministrattiv fil-perjodu meħtieġ. | Ikkompletata għal inventarju fiżiku Pendenti għal assi intanġibbli maħluqa internament |
| 2011 | FDicembru 2011, l-Aġenzija bieġhet żewġ settijiet ta' sistemi sweeping arms għas-servizzi tal-irkupru taż-żejt fil-baħar. Hija kellha l-għan li tikseb mill-inqas il-valur nett skont il-kotba għat-tagħmir li jammonta għal EUR 319 050. Madankollu, peress li l-prezz minimu kien stabbilit ħażin f'valur inqas mill-valur nett skont il-kotba, it-tagħmir inbigħ b'telf ta' EUR 93 950. | M/A |
| 2011 | Hemm lok għal titjib tat-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Il-limiti minimi li l-kandidati kellhom jiksbu sabiex jiġu mistiedna għal intervista, il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u għall-intervisti u l-ponderazzjonijiet korrispondenti għall-evalwazzjoni tal-kandidati ma ġewx stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. | Ikkompletata |

⁽¹⁾ Skont it-tielet emenda tal-baġit datata 3.12.2011, li għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali; l-appropriazzjonijiet għas-sena attwali biss.

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (Lisbona)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 100 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Politika tat-trasport komuni</p> <p>"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa għan-navigazzjoni marittima u tal-ajru."</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolamenti (KE) Nru 1644/2003 u (KE) Nru 724/2004)</p> | <p>Objettivi</p> <p>L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għet stabbilita bl-iskop tal-assigurazzjoni ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' u r-reazzjoni għal tniġġis minn vapuri fl-Unjoni.</p> <p>L-Aġenzija tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa u b'livell għoli ta' konossenza, sabiex tgħinhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi applikata sewwa fil-qasam tas-sigurtà u s-sikurezza marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn vapuri, — jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha, — jevalwaw l-effettività tal-miżuri eżistenti. <p>Servizzi operazzjonali ġew żviluppati u offruti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis li joriġina minn vapuri fl-Unjoni u fil-qasam ta' monitoraġġ tat-traffiku u s-sorveljanza marittima. Ġew żviluppati sistemi għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti (THETIS fil-qasam ta' Kontroll mill-Istat tal-Portijiet, EMCIP fil-qasam tal-Investigazzjoni ta' Inċidenti, STCW-IS fil-qasam tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara, eċċ.).</p> <p>Kompiti</p> <p>Il-kompiti tal-Aġenzija huma kondiviżi b'mod wiesa' ferba' oqsma ewlenin f'konformità mar-regolament li fuqu hija msejsa u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. L-ewwel nett, l-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE relatata, fost l-oħrajn, mal-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' vapuri, iċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir marittimu, is-sikurezza tal-vapuri, it-taħriġ tal-baħħrin u l-Kontroll mill-Istat tal-Portijiet.</p> <p>It-tieni nett, l-Aġenzija tiżviluppa u topera kapaċitajiet ta' informazzjoni marittima fil-livell tal-UE. Eżempji sinifikanti huma s-sistema ta' traċċar ta' bastimenti SafeSeaNet (SSN), għat-traċċar madwar l-UE ta' bastimenti u l-merkanzija tagħhom, u inċidenti abbord; u ċ-Ċentru tad-Data LRIT tal-UE, biex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u t-traċċar madwar id-dinja ta' vapuri bil-bandiera tal-UE.</p> <p>B'mod parallel, kapaċità ta' stat ta' tħejjija, sejba u reazzjoni għal tniġġis tal-baħar, li tinkudi Network Ewropew ta' Riżerva ta' Bastimenti ta' Reazzjoni għal Tixrid taż-Żejt kif ukoll servizz Ewropew ta' monitoraġġ bis-satellita dwar tixrid taż-żejt u s-sejba ta' bastimenti (CleanSeaNet), tikkontribwixxi għal katina effettiva għall-protezzjoni tax-xtut u l-ilmijiet tal-UE mit-tniġġis minn vapuri.</p> <p>Fl-aħħar nett, l-Aġenzija tipprovdi parir tekniku u xjentifiku lill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn vapuri fil-proċess kontinwu ta' evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri eżistenti, u fl-aġġornament u l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni ġdida. Hija tipprovdi wkoll appoġġ lil, u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn, l-Istati Membri u xxerred l-aħjar prattiċi.</p> |

| | |
|---|--|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Amministrattiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni u erba' rappreżentanti mingħajr id-dritt għall-vot mis-setturi professjonali kkonċernati.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jadotta l-pjan pluriennali ta' politika tal-persunal, il-baġit annwali, il-programm ta' ħidma, ir-rapport annwali u pjan dettaljat għall-istat ta' thejġija għat-tniġġis u l-attivitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija, — li jissorvelja l-ħidma li ssir mid-Direttur Eżekuttiv. <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv. Il-Kummissjoni tista' ttipponi kandidat wieħed jew aktar.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <ul style="list-style-type: none"> — Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS). — Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p><i>Appropriazzjonijiet ta' Impenn (C1)</i></p> <p>EUR 55,1 (56,4) miljun</p> <p><i>Appropriazzjonijiet ta' Pagament (C1)</i></p> <p>EUR 57,5 (56,4) miljun</p> <p>Baġits emendatorji ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jkopru varjetà ta' sorsi ta' fondi, fejn C1 huwa prattikament is-sors esklussiv ta' fondi. Għal raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza, huma kkwotati biss l-appropriazzjonijiet tal-baġit C1 li huma predominanti u għalhekk rilevanti.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p><i>Persunal Statutorju</i></p> <p>213-il (208) post awtorizzat fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 204 (197)</p> <p><i>Aġenti Kuntrattwali</i></p> <p>29 (29) ipplanati fil-baġit, li minnhom okkupati: 25 (25)</p> <p><i>Esperti Nazzjonali Sekondati</i></p> <p>15 (15) ipplanati fil-baġit, li minnhom okkupati: 12 (15)</p> |

| | |
|---------------------------------|--|
| Prodotti u servizzi 2012 | <ul style="list-style-type: none">— 53 Sessjoni ta' ħidma u avvenimenti oħra (b'1 300 parteċipant fis-sessjonijiet ta' ħidma);— 28 sessjoni differenti ta' taħriġ li rriżultaw fit-taħriġ ta' 734 espert nazzjonali;— 109 spezzjonijiet u żjarat;— l-SSN kienet 99,33 % disponibbli matul is-sena;— 2 234 immaġni satellitari ordnati u analizzati permezz ta' CleanSeaNet;— iċ-Ċentru tad-Data LRIT tal-UE kien 99,26 % disponibbli matul is-sena;— 16-il bastiment kontra t-tniġġis ikkuntrattati;— 65 eżerċizzju ta' taħriġ u 33 eżerċizzju bil-bastimenti kontra t-tniġġis (16-il eżerċizzju operazzjonali u 17-il eżerċizzju ta' notifika);— is-Servizzi ta' Appoġġ Marittimi tal-EMSA joperaw fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum;— it-THETIS kienet 99,23 % disponibbli matul is-sena. |
|---------------------------------|--|

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja implimentat proċeduri ta' tmiem is-sena għall-analiżi ta' impenji pendenti tal-baġit biex tevita riporti irregolari. L-ammont ta' EUR 0,8 miljun imsemmi mill-Qorti jirreferi għal kuntratt wieħed minn 327 riport. Il-kuntratt li jikkonċerna servizzi LRIT kontinwi kien mistenni li jiġi ffirmat mill-partijiet kollha qabel tmiem is-sena. Għaldaqstant l-ammont impenjat ma ġiex ikkanċellat iżda miġjub 'il quddiem. Filwaqt li l-kuntrattur iffirma l-kuntratt fis-26 ta' Diċembru, l-EMSA rċeviet il-kuntratt iffirmit fil-31 ta' Diċembru u setgħet tiffirmah mhux qabel il-bidu tal-2013.

12. Wara l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u minħabba l-fatt li l-Aġenzja ser tiżviluppa aktar assi intanġibbli, il-Kontabilist tal-Aġenzja ser jiżviluppa u jimplimenta linji gwidi interni dwar il-valorizzar ta' assi fissi intanġibbli li għandhom jiġu applikati mill-2013.

13. L-Aġenzja tikkonferma li ġew implimentati miżuri korrettivi.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/24)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ENISA"), li tinsab f'Ateni u Heraklion ⁽¹⁾, inħolqot permezz tar-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, emendata bir-Regolament (KE) Nru 1007/2008 ⁽³⁾ u bir-Regolament (KE) Nru 580/2011 ⁽⁴⁾. Il-kompitu prinċipali tal-Aġenzija huwa li ssaħħa il-ħila tal-Unjoni li timpedixxi l-problemi ta' sigurtà tan-netwerk u l-infurmazzjoni u li twieġeb għalihom billi tibni fuq sforzi nazzjonali u tal-Unjoni ⁽⁵⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁶⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁷⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ Filwaqt li l-persunal amministrattiv għadu f'Heraklion, il-persunal operazzjonali ġie rilokat f'Ateni f'Marzu 2013.

⁽²⁾ ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 293, 31.10.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 165, 24.6.2011, p. 3.

⁽⁵⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' infurmazzjoni.

⁽⁶⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁷⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁸⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-ffassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁹⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-infurmazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-ffassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽¹⁰⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽⁸⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁹⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex ttipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Filwaqt li r-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni korrispondenti jipprevedu inventarju fiżiku tal-assi fissi mill-inqas kull tliet snin, l-Aġenzija ma wettqitx inventarju fiżiku komprensiv sa mill-2009.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Il-livell għoli ta' riporti jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-Qorti identifikat il-ħtieġa li titjeb id-dokumentazzjoni tal-assi fissi. Ix-xiri ta' assi fissi huma reġistrati fil-livell tal-fattura u mhux tal-partita. Meta bosta assi ġodda huma koperti minn fattura waħda waħidha, hemm biss entrata waħda għall-assi mixtrija kollha u l-ammont totali. | Għadha għaddejja |
| 2011 | L-Aġenzija teħtieġ ittejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Ma tteħdu l-ebda miżuri xierqa biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' trasparenza rrapportat mill-Qorti fl-2010. Il-limiti li l-kandidati kellhom jilhqqu biex jiġu mistiedna għal intervista, il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u l-intervisti u l-ponderazzjonijiet tagħhom ma ttejjewx qabel l-eżami tal-applikazzjonijiet. Il-punteġġi limiti biex wieħed jitpoġġa fuq lista ta' kandidati xierqa ma ġewx stabbiliti qabel l-eżami tal-applikazzjonijiet. | Ikkompletata |

ANNEX II

Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (Heraklion)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.</p> <p>Ir-responsabbiltà għas-Suq Intern hija kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri (l-Artikolu 4(2)(a) TFUE).</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. L-Aġenzija għandha ssaħħa il-ħila tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-komunità tal-kummerċ biex jimpedixxu l-problemi ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, kif ukoll jindirizzawhom u jwieġbu għalihom. 2. L-Aġenzija għandha tipprovdi l-għajnuna u tagħti pariri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħha. 3. L-Aġenzija għandha tiżviluppa livell għoli ta' kompetenza u tuża din il-kompetenza sabiex tistimula kooperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-setturi pubbliċi u privati. 4. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni, meta tkun imsejħa tagħmel dan, fix-xogħol tekniku ta' tħejja biex tiġi aġġornata u żviluppata l-leġislazzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. <p>Kompiti</p> <ol style="list-style-type: none"> (a) Li tiġbor l-informazzjoni fuq riskji kurrenti u dawk li qegħdin jitfaċċaw li jistgħu joħlqu impatt fuq in-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika; (b) li tagħti pariri u għajnuna lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-korpi Ewropej jew korpi nazzjonali kompetenti; (c) li żżid il-kooperazzjoni bejn l-atturi fil-qasam tagħha; (d) li tiffaċilita l-kooperazzjoni fuq metodoloġiji komuni sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni; (e) li tikkontribwixxi għat-tkattir tal-għarfien fuq kwistjonijiet ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-utenti kollha tas-servizz billi, <i>inter alia</i>, tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiċi kurrenti, inkluż dwar metodi ta' kif twissi lil utenti, u taħdem biex ikun hemm sinerġija bejn inizzjattivi fis-settur pubbliku u privat; (f) li tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-djalogu tagħhom mal-industrija; (g) li ssegwi l-iżvilupp tal-istandards għall-prodotti u s-servizzi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni; (h) li tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar ir-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni u fuq l-użu tat-teknoloġija għall-prevenzjoni tar-riskju; (i) li tippromwovi attivitajiet li jivvalutaw ir-riskju dwar soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-prevenzjoni; (j) li tikkontribwixxi għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali; (k) li tesprimi b'mod indipendenti l-konklużjonijiet u l-orjentazzjonijiet tagħha, u tagħti parir dwar kwistjonijiet fi ħdan l-iskop u l-għanijiet tagħha. |

| | |
|---|--|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Ġestjoni</p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, tliet rappreżentanti maħturin mill-Kummissjoni, kif ukoll tliet rappreżentanti, proposti mill-Kummissjoni u maħturin mill-Kunsill, mingħajr dritt għall-vot, kull wieħed minnhom jirrappreżenta wieħed mill-gruppi li ġejjin:</p> <p>(a) l-industrija tal-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni;</p> <p>(b) il-gruppi tal-konsumaturi;</p> <p>(c) esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni.</p> <p>Grupp Permanenti ta' Partijiet Interessati</p> <p>— 30 espert ta' livell għoli li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, bħall-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), organizzazzjonijiet utenti tal-ICT u esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni.</p> <p>— Wara sejħa miftuħa, il-Membri jintgħażlu mid-Direttur Eżekuttiv, li wara li jinforma lill-Bord ta' Ġestjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu, jaħtar l-applikanti magħżula wiċċ imb'wiċċ għal mandat ta' sentejn u nofs.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Ġestjoni, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni Ewropea u wara smiġh fil-Parlament Ewropew, għal mandat ta' ħames snin.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 8,2 (8,1) miljun li minnhom is-sussidju tal-Unjoni huwa 100 % (100 %)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>44 (44) post fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 42 (41).</p> <p>Postijiet oħra okkupati: 12 (13)-il aġent kuntrattwali, 4 (4) Esperti Nazzjonali Sekondati.</p> <p>Total tal-persunal: 58 (58), li jwettqu l-kompiti li ġejjin:</p> <p>— operazzjonali: 40 (40)</p> <p>— amministrattivi: 18 (18)</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>WS (1) 1: Identifikazzjoni ta' Ambjent ta' Theddid dejjem Jevolvi u Tweġiba Għalih</p> <p>Il-valutazzjoni ta' theddid emerġenti hija parti neċessarja mit-thejgħa għall-isfidi tal-futur. L-objettiv ta' dan il-fluss ta' xogħol kien li jiġu derivati għadd ta' "IT-Security readiness statements" (dikjarazzjonijiet dwar il-prontezza tas-Sigurtà tal-IT) għal diversi oqsma u inizjattivi tal-gvern, b'mod partikolari fir-rigward ta' Stati Membri u l-Kummissjoni (eż. bl-identifikazzjoni ta' opportunitajiet u riskji emerġenti ta' inizjattivi tal-politika). Dan kien miksuh bil-valutazzjoni ta' opportunitajiet u riskji emerġenti għal oqsma u inizjattivi pertinenti għal diversi komunitajiet ta' partijiet interessati.</p> |

B'mod partikolari, l-Aġenzija ħarġet rapport globali dwar is-sitwazzjoni ta' theddid għas-sigurtà fl-Ewropa u rapporti aktar speċifiċi fil-qasam tal-Konsumeriżmu tal-IT, 'Cloud Computing' u 'Akkwist Sigur'. Billi analizzat kemm l-oportunitajiet u kemm ir-riskji, l-ENISA kienet kapaċi tilħaq konklużjonijiet li jirreflettu l-għażliet ta' kompromess li istituzzjonijiet u negozji se jkollhom jagħmlu f'ambjenti operazzjonali f'linja reali. Dan l-approċċ jgħin lil min jagħmel il-politika u lil komunitajiet kummerċjali biex jieħdu vantaġġ sħiħ minn teknoloġiji innovattivi u mudelli kummerċjali, filwaqt li jżommu grad għoli ta' sigurtà. L-approċċ għamel użu massimu minn ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti u minn partijiet interessati rilevanti għall-appoġġ sabiex jilħaq l-oġettivi tal-fluss ta' xogħol.

Għadd ta' prodotti: sebgħa.

WS2: It-titjib tas-CIIP Pan-Ewropew (2) u r-Reżiljenza

Ix-xogħol imwettaq f'dan il-fluss ta' xogħol kien allinjat mill-viċin mal-Pjan ta' Azzjoni CIIP deskritt fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Marzu 2009 u Marzu 2011 u kien kontinwazzjoni naturali tax-xogħol imwettaq bħala parti mill-programmi ta' ħidma tal-2010 u l-2011. L-attivitajiet appoġġaw b'mod dirett l-oġettivi stipulati fid-dokument dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna kif ukoll l-Aġenda Diġitali.

L-oġettivi fundamentali tal-fluss ta' xogħol 2 kien li jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' sistemi tal-ICT li jkunu siguri u reżiljenti u li jżied il-livell ta' protezzjoni ta' infrastrutturi u servizzi ta' informazzjoni kritika fl-Ewropa. Dan involva għadd ta' attivitajiet:

- assistenza lil partijiet interessati rilevanti biex iżidu l-livell ta' effiċjenza u ta' effettività tagħhom;
- appoġġ u promozzjoni ta' eżerċizzji fuq livell pan-Ewropew;
- identifikazzjoni u indirizzar tal-isfidi għas-sigurtà tal-informazzjoni f'infrastrutturi ta' informazzjoni kritika;
- appoġġ u promozzjoni tas-Sħubija Ewropea bejn is-Settur Pubbliku u Privat għar-Reżiljenza (EP3R);
- identifikazzjoni u indirizzar ta' kwistjonijiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni f'Sistemi Industrijali ta' Kontroll u Networks Interkonnessi;
- appoġġ tal-Grupp ta' Ħidma UE-Stati Uniti dwar iċ-Ċibersigurtà u iċ-Ċiberkriminalità, stabbilit fil-kuntest tas-summit UE-Stati Uniti tal-20 ta' Novembru 2010.

Minn dawn l-attivitajiet, l-eżerċizzju pan-Ewropew taċ-ċibersigurtà huwa ta' min jinnutah. It-tieni eżerċizzju bħal dan twettaq fl-4 ta' Ottubru 2012, li fih ipparteċipaw 339 organizzazzjoni minn madwar l-UE.

Għadd ta' prodotti: 13.

WS3: Appoġġ lis-CERT u Komunitajiet Operazzjonali oħra

Il-pakketti ta' xogħol deskritti f'din it-taqsimha huma wkoll allinjati mill-viċin mal-Pjan ta' Azzjoni CIIP deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2009, għalkemm l-attivitajiet f'dan il-fluss ta' xogħol huma konnessi mill-viċin mal-assistenza u l-iżvilupp tal-komunità CERT.

Fil-qasam tas-CERTs, l-ENISA timmira li tappoġġa l-Istati Membri tal-UE biex jiżguraw li s-CERTs nazzjonali / governattivi rispettivi tagħhom jagħmlu bħala komponenti ewlenin tal-kapaċità nazzjonali tagħhom għall-prontezza, kondivizzjoni ta' informazzjoni, koordinazzjoni u rispons sostenibbli. Dan huwa magħmul billi jiġu definiti / governattivi, u billi jiġu pprovduti mezzi neċessarji biex dik il-bażi tiġi milħuqa. B'mod aktar speċifiku, l-oġettivi ta' dan il-fluss ta' xogħol huma:

- li jitjiebu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-Istati Membri billi l-komunità CERT tiġi megħjuna biex iżżid il-livell ta' effiċjenza u effettività tagħha;

| | |
|--|---|
| | <p>— li tiġi appoġġata u mtejba l-(ko)operazzjoni bejn is-CERTs, u ma' komunitajiet oħra.</p> <p>Bħala parti minn dan il-fluss ta' xogħol, l-ENISA eżaminat ostakli legali u proċedurali iffakkati mis-CERTs mill-Ewropa meta jikkooperaw u jikkondividu informazzjoni ma' CERTs u mal-infurzar tal-liġi f'Pajjiżi Terzi u għamlet rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' titjieb il-kooperazzjoni.</p> <p>Għadd ta' prodotti: 10.</p> <p>WS4: Sigurtà tal-Ekonomija Diġitali</p> <p>F'dan il-fluss ta' xogħol, l-ENISA timmira li tidentifika miżuri li jippermettu lill-UE timmaniġġja kif xieraq l-introduzzjoni u l-iskjerar ta' servizzi interoperabbli ġodda, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali ta' individwi u tuża soluzzjonijiet siguri u affidabbli.</p> <p>Ix-xogħol imwettaq f'dan il-qasam għen organizzazzjonijiet fis-settur pubbliku u privat biex itejbu l-approċċ tagħhom għas-sigurtà filwaqt li jiżviluppaw proċeduri sodi għall-immaniġġar ta' <i>data</i> personali b'konformità mal-leġislazzjoni l-ġdida proposta dwar il-Protezzjoni tad-<i>Data</i>.</p> <p>Appoġġ għax-Xahar Ewropew għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għal Kulħadd twettaq ukoll f'dan il-fluss ta' xogħol.</p> <p>Għadd ta' prodotti: tmienja.</p> |
|--|---|

(¹) WS: Fluss ta' xogħol (work stream).

(²) CIIP: Protezzjoni tal-Infrastruttura tal-Infommazzjoni Kritika.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠBIET TAL-AĠENZJA

11. L-ENISA nediet l-għadd tal-inventarju tard f'April 2013 fiż-żewġ uffiċċji, f'Heraklion u Atena. Dan huwa l-ewwel għadd fl-istorja tal-ENISA li jseħħ bl-użu ta' għodda elettronika dedikata, Assi ABAC (ABAC Assets), u l-funzjonalitajiet tagħha (inklużi t-tikkettar, l-iskening, it-tluġh onlajn ta' oġġetti skenjati, il-forniment ta' rapporti). Ir-riżultati tal-għadd ser jiġu pproċessati mill-Uffiċjali tal-Kontabbiltà u l-entrati ta' kontabbiltà finali għad-differenzi bejn ir-reġistri ta' kontabbiltà u l-inventarju fiżiku ser iseħħu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2013.

L-Aġenzja ser twettaq u tiddokumenta tali għadd fuq bażi annwali sabiex tiżgura rappreżentazzjoni ġusta tal-valur tal-assi fil-kontijiet annwali.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Fond tal-Pensjoni tal-Europol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Fond

(2013/C 365/25)

INTRODUZZJONI

1. Il-Fond tal-Pensjoni tal-Europol (minn hawn 'il quddiem "il-Fond", magħruf ukoll bħala l-"EPF"), li jinsab fL-Aja, ġie stabbilit permezz tal-Artikolu 37, l-Appendiċi 6, tar-Regolamenti preċedenti tal-Persunal tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, L-Aja (Europol). Ir-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-Fond ġew stabbiliti bl-Att tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1999 ⁽¹⁾ u emendati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/400/UE ⁽²⁾. L-oġġettiv tal-Fond huwa li jiffinanzja u jħallas il-pensjonijiet għall-persunal li kien diġà impjegat mal-Europol qabel ma dan sar Aġenzija Ewropea fl-1 ta' Jannar 2010.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli interni tal-Fond. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Fond ⁽³⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁴⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Fond u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Fond jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi għall-Fond kif adottati mill-Kunsill ⁽⁵⁾ u t-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond u d-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija japprovaw il-kontijiet annwali wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Fond ikun hejġiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli. Huma jstabbilixxu wkoll nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huma jiddikjaraw, fost l-oħrajn, li għandhom aċċertament raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁶⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb

⁽¹⁾ Id-Dokument Nru 5397/99 dwar ir-reġistru pubbliku tal-Kunsill: <http://register.consilium.europa.eu/>.

⁽²⁾ ĠU L 179, 7.7.2011, p. 5.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet jinkludu l-karta tal-bilanċ, id-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa, ir-rapport tal-flussi tal-flus u n-noti ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 27.

⁽⁵⁾ Skont l-Att tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1999 li jadotta r-regoli dwar l-FPE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 li temenda lil dan tal-aħħar, il-kontijiet huma mhejġija fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Fondi tal-Pensjoni, jiġifieri d-Direttiva 610 tar-regoli dwar ir-rappurtar finanzjarju, u fuq l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Fond ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqig ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Fond jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Kunsill.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet

10. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għan-Noti 2.6 u 2.7 tar-Rapport Annwali 2012 tal-Fond. Il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ħejja l-kontijiet fuq il-baży ta' negozju avvjat. Madankollu, huwa mistenni li l-2013 iwassal għall-ħlas tal-parti l-kbira tad-drittijiet tal-pensjoni li attwalment għadhom ma tħallsux permezz ta' trasferiment għal skema tal-pensjonijiet oħra u li sal-31 ta' Diċembru 2014 mhux se jkun hemm parteċipanti attivi. Attwalment, il-Bord tal-Fond u l-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol flimkien mal-Kunsill qegħdin jivvalutaw l-alternattivi għall-ġejjieni tal-Fond, li waħda minnhom hija l-likwidazzjoni f'it wara l-31 ta' Diċembru 2014.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI OĦRA

12. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol jiffissaw l-kapitalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni mħallsa mill-uffiċjali b'rata annwali ta' 3,5 %. Billi l-kontribuzzjonijiet isiru kull xahar u jistgħu jkunu differenti minn xahar għal ieħor, l-użu ta' rata annwali huwa skorrett u għandha tiġi applikata rata ta' kull xahar. Madankollu, ma hemm l-ebda effett materjali fuq il-kontijiet annwali.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-7 ta' Ottubru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/Δ) |
|------|--|--|
| 2011 | Il-Qorti nnutat nuqqasijiet fil-proċedura li l-Europol offra lill-persunal tiegħu biex joħroġ mill-Fond. Meta l-Uffiċċju sar Aġenzija Ewropea sħiħa fl-2010, dan talab lill-persunal tiegħu li ma kienx għadu qed jikkontribwixxi għall-fond ⁽¹⁾ biex joħroġ mill-Fond ⁽¹⁾ billi jew jirċievi għotja għat-terminazzjoni (SG) jew inkella billi jittrasferixxi d-drittijiet akkumulati tal-pensjoni (TPR) għal skemi tal-pensjonijiet alternattivi (eż. PMO, skemi nazzjonali tal-pensjonijiet, kumpaniji privati). Madankollu ma ġiet iffissata l-ebda data ta' skadenza biex il-persunal jieħu d-deċiżjoni. | Ikkompletata |
| 2011 | Fl-aħħar tas-sena l-Fond kellu attivi finanzjarji netti ta' EUR 16-il miljun, li minnhom EUR 15,98 miljun inżammu f'bank wieħed. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-Bord ta' Amministrazzjoni għadu ma hejjiex il-proċeduri għall-verifikazzjoni annwali tad-drittijiet tal-pensjonanti, inkluża prova li l-pensjonanti għadhom ħajjin. Fl-2011, is-sitt persuni li kienu qed jibbenefikaw mill-pensjonijiet dak iż-żmien intalbu jipprovdu konferma tal-post tar-residenza tagħhom, u wieħed minnhom biss wieġeb. | Ikkompletata |

⁽¹⁾ Issa kopert bir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE.

IT-TWEĠIBA TAL-FOND TAL-PENSJONI TAL-EUROPOL

12. L-Europol jirrikonoxxi l-kumment mill-QEA. L-impatt immaterjali jirriżulta f'differenza ta' EUR 1 għal kull EUR 10 000 drittijiet ta' pensjoni stabbiliti (għall-parti tal-Fond tal-Pensjoni tal-Europol (EPF), mhux il-benefiċjarji). Sal-31 ta' Diċembru 2014, l-aħħar participant attiv huwa mistenni li jkun ħalla l-EPF. Fuq dan l-isfond, l-aġġustamenti mhumiex ser jiġu implimentati, kif ikkonfermat mill-Bord ta' Amministrazzjoni (MB) tal-EPF.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/26)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ferrovarja Ewropea (l-Aġenzija Ewropea tal-Ferrovarji) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ERA"), li tinsab f'Lille u f'Valenciennes, inħolqot bir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Aġenzija huwa li żżid il-livell ta' interoperabbiltà tas-sistemi ferrovarji u li tiżviluppa approċċ komuni għas-sigurtà sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' settur ferrovarju Ewropew aktar kompetittiv b'livell għoli ta' sigurtà⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament

⁽¹⁾ ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. L-Aġenzija ssopprimiet il-Kapaċità tal-Awditjar Intern u ssostitwietha b'Koordinatur tal-Kontroll Intern (ICC). L-awditur intern telaq mill-Aġenzija u hemm inċertezzi dwar kif il-funzjoni tal-awditjar intern prevista fir-regolament finanzjarju tal-Aġenzija se titwettaq taħt l-istruttura l-ġdida.

12. L-Aġenzija għandha ssaħħaħ il-kontrolli stabbiliti biex tiżgura li l-benefiċċji tal-familja jiġu kkalkulati u mħallsa b'mod korrett fuq il-baży ta' informazzjoni kompleta u aġġornata.

13. L-Aġenzija ma tikkonformax mal-Istandard tal-Kontroll Intern tagħha fir-rigward tal-kontinwità tal-operat; ma kienx hemm pjanijiet approvati għall-Kontinwità tal-Operat u l-Irkupru minn Diżastru fl-IT.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-livell tal-pagamenti bi tqabbil mal-appropriazzjonijiet tal-baġit tjiebu għat-titoli kollha, iżda baqgħu baxxi għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) f'livell ta' 47 % (39 % fl-2010). Din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Għadha għaddejjja |
| 2011 | Ir-Regolament Fundatur tal-Aġenzija jistabbilixxi perjodi massimi ta' impjieg għall-persunal temporanju rrekutat mill-Aġenzija mill-professjonisti tas-settur ferrovjarju. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-Aġenzija se jkollha tissostitwixxi nofs il-persunal operazzjonali tagħha fil-perjodu 2013-2015, u dan jista' joħloq taqlib kbir fl-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija ⁽¹⁾ . | Għadha għaddejjja |
| 2011 | Hemm lok biex jitjiebu l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Aġenzija sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-trattament indaqs tal-kandidati. Pereżempju l-avviżi ta' postijiet battala ma tawx informazzjoni dwar l-għadd minimu ta' snin ta' studji postsekondarji jew universitarji meħtieġa għalkemm dan intuża bħala kriterju tal-għażla. Il-marki minimi meħtieġa għall-intervisti u għal-listi ta' riżerva, il-punteġġi tal-kriterji tal-għażla, il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-fomm u bil-miktub u l-ponderazzjonijiet bejn it-testijiet bil-miktub u bil-fomm ma ġewx stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet. | Għadha għaddejjja |

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE/881/2004) l-Artikolu 24.

ANNEX II

Aġenzija Ferrovarja Ewropea – (Lille u Valenciennes)

Kompetenzi u attivajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>“Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 90, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi partikolari tat-trasport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jistabbilixxu:</p> <p>(a) regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar,</p> <p>(b) il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru,</p> <p>(c) miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport,</p> <p>(d) provvedimenti oħra xierqa.”</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>Li tikkontribwixxi, fuq kwistjonijiet tekniċi, għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mmirata lejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — it-titjib tal-pożizzjoni kompetittiva tas-sistemi ferrovarji, — l-iżvilupp ta' approċċ komuni għas-sigurtà fis-sistema ferrovarja Ewropea, <p>sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona ferrovarja Ewropea mingħajr fruntieri u għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà.</p> <p>Kompiti</p> <p>1. Li tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-metodi komuni tas-sigurtà (CSM) u l-miri komuni tas-sigurtà (CSTs) stipulati fid-Direttiva fuq is-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovarja (2004/49/KE), — iċ-ċertifikati tas-sigurtà u l-miżuri fil-qasam tas-sigurtà, — l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà, — il-kompetenzi vokazzjonali, — ir-reġistrazzjoni ta' vetturi ferrovarji. <p>2. Li toħroġ opinjonijiet dwar:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ir-regoli nazzjonali tas-sigurtà, — il-monitoraġġ tal-kwalità tax-xogħol tal-korpi nnotifikati, — l-interoperabbiltà tan-netwerk trans-Ewropew. <p>3. Li tikkoordina lil korpi nazzjonali:</p> <p>Koordinazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà u tal-korpi nazzjonali ta' investigazzjoni (kif deskritt fid-Direttiva 2004/49/KE, l-Artikoli 17 u 21).</p> <p>4. Pubblikazzjonijiet u databases:</p> <ul style="list-style-type: none"> — rapport dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà (kull sentejn), — rapport dwar il-progress fir-rigward tal-interoperabbiltà (kull sentejn), — database pubblika ta' dokumenti tas-sigurtà, — reġistru pubbliku ta' dokumenti dwar l-interoperabbiltà. |

| | |
|---|--|
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Amministrattiv</p> <p>Jikkonsisti f'rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, erba' rappreżentanti mill-Kummissjoni, u sitt rappreżentanti, mingħajr id-dritt tal-vot, mis-setturi professjonali kkonċernati.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 25,8 (26) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet elenkati fit-tabella tal-persunal: 144 (144)</p> <p>Postijiet okkupati fil-31.12.2012: 139 (140)</p> <p>Persunal ieħor: 14 (14)</p> <p>Total tal-persunal: 153 (154), li minnhom allokatu għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operazzjonali: 119 (107) — kompiti amministrattivi: 34 (47) |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Rakkomandazzjonijiet dwar iċ-Ċertifikazzjoni tas-Sigurtà, inkluża l-migrazzjoni għal ċertifikat uniku tas-sigurtà tal-UE.</p> <p>Attivitajiet ta' segwitu dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' entitajiet responsabbli għall-manutenzjoni.</p> <p>Rakkomandazzjonijiet dwar ir-regolazzjoni tas-sigurtà, inkluża evalwazzjoni tal-mod kif ir-regoli nazzjonali tas-sigurtà jsiru disponibbli, u eżaminar tat-traspożizzjoni tad-Direttiva fuq is-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija fl-Istati Membri.</p> <p>Rakkomandazzjonijiet dwar ir-Rappurtar fuq is-Sigurtà, inklużi Indikaturi Komuni tas-Sigurtà, koordinazzjoni ta' awtoritajiet tas-sigurtà u korpi ta' investigazzjoni u rappurtar dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà fl-Istati Membri.</p> <p>Rakkomandazzjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà, inklużi Metodi Komuni tas-Sigurtà.</p> <p>Rakkomandazzjonijiet dwar Speċifikazzjonijiet Tekniċi għall- Interoperabbiltà u r-Reviżjoni tagħhom; evalwazzjoni tal-estensjoni tal-ambitu u tal-korrezzjoni ta' żbalji.</p> <p>Rapporti dwar approċċi komuni fir-rigward ta' kompetenzi vokazzjonali u valutazzjoni tal-persunal ferrovjarju involut fl-operat u fil-manutenzjoni.</p> <p>Definizzjoni u kompilazzjoni tad-Dokument ta' Referenza tar-regoli nazzjonali għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi u klassifikazzjoni tal-ekwivalenza tagħhom għal aċċettazzjoni trasversali.</p> <p>Opinjoni Tekniċi dwar regoli nazzjonali u monitoraġġ tax-xogħol tal-Korpi Nnotifikati.</p> <p>Rapporti dwar is-Sigurtà u l-Interoperabbiltà ferrovjarja.</p> <p>Stabbiliment u manutenzjoni ta' serje ta' reġistri għas-Sigurtà u l-Interoperabbiltà.</p> <p>Tagħxix bħala l-Awtorità tas-Sistema u l-Maniġer tal-Kontroll tal-Bidla għall-ERTMS (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju); toħroġ l-ispeċifikazzjoni Base-line 3 tal-ETCS; tgħin lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-proġetti tal-ERTMS.</p> <p>Akkompanjat ir-rakkomandazzjonijiet kollha b'valutazzjoni tal-impatt.</p> |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja qed tippjana li tirrekluta ICC qabel il-ħarifa 2013. Dan ser ikun funzjoni separata u għaldaqstant l-indipendenza tal-persuna li teżerċita dan ir-rwol ser tkun żgurata. Barra minn hekk, l-indipendenza tal-funzjoni tal-awditu intern fl-Aġenzja huwa garantit b'mod sħiħ. B'konformità mar-regolament finanzjarju tal-ERA, l-artikolu 71§2: '... l-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fir-rigward tal-Aġenzja li jeżerċita fid-dipartimenti tal-Kummissjoni'. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) jibqa' l-Awditur intern tal-Aġenzja llum kif ukoll fil-futur. Dan iwettaq awditi interni regolari fl-Aġenzja.

12. L-osservazzjoni tal-Qorti hija bbażata fuq każ individwali wieħed speċifiku u kumpless ħafna li għalih l-Aġenzja se tfittex parir mis-servizzi tal-Kummissjoni biex tivverifika kif għandha tittratta dan. Barra minn hekk, l-Aġenzja se tirrevedi u tirrinforza, fejn ikun meħtieġ, il-kontrolli eżistenti tiegħu fis-seħħ biex tiżgura li l-allowances tal-familja jiġu kkalkolati b'mod korrett u mħallsin abbażi ta' informazzjoni kompluta u aġġornata.

13. Bħala prijorità, l-Aġenzja ddeċidiet timplimenta miżuri adegwati sabiex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi u s-sistemi tal-IT li huma orizzontali għan-negozju tal-Aġenzja. F'dan ir-rigward huwa previst li l-azzjonijiet relatati jiġu implimentati matul l-2013 u li jkun hemm Pjan ta' Kontinwità tan-Negozju u Proċedura ta' Rkupru minn Diżastri approvati sa tmiem l-2013.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija

(2013/C 365/27)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ERCEA"), li tinsab fi Brussell, inħolqot bid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2008/37/KE ⁽¹⁾. L-Aġenzija ġiet stabbilita għal perjodu li beda fl-1 ta' Jannar 2008 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017 bl-għan li ġġesti l-programm speċifiku "Ideat" taħt is-7 Programm Kwadru għar-Riċerka ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjar:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni għusta tal-kontijiet

annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni għusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Il-Kumitat ta' Ġestjoni japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejġiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u għusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu

⁽¹⁾ ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqi ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

11. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | L-Aġenzija ma eżerċitatx kontroll suffiċjenti matul l-iżvilupp ta' assi intern tal-IT imsejjaħ e-Stream, li l-iskop tiegħu kien li jawtomatizza l-proċessi tal-approvazzjoni tal-fluss tax-xogħol tad-dipartiment tal-Ġestjoni Xjentifika. L-argument kummerċjali għal dan il-proġett ma ġiex definit adegwatement, ir-riskji ma ġewx identifikati u indirizzati adegwatement u l-maniġment naqas milli jimmonitorja l-progress tal-proġett. Dawn id-dgħufijiet ikkontribwixxew għall-falliment tal-proġett tal-IT, li rriżulta f'imposta ta' deprezzament ta' EUR 258 967. | Ikkompletata |
| 2011 | Id-Direttur <i>ad interim</i> tal-Aġenzija nħatar fl-1 ta' Jannar 2011 b'deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fi Frar 2012, fiż-żmien tal-awditu, it-tul ta' żmien ta' dan il-post qabeż b'xahar il-massimu ta' sena previst fir-Regolament tal-Persunal. Peress li Kap ta' Unità ħa f'idejh b'mod temporanju l-funzjoni oriġinali tad-Direttur bħala Kap ta' Dipartiment, l-istess nuqqas ta' konformità mar-Regolamenti tal-Persunal japplika hawnhekk ukoll. Kap ta' Unità ieħor kien Aġent Kap ta' Dipartiment bejn Ġunju 2009 u Frar 2011 u d-durata tal-post kienet irregolari f'dan il-każ ukoll. | Ikkompletata |

ANNEX II

Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 182 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw programm qafas pluriennali, li fih jitqiegħdu l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni. Il-programm qafas għandu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — jistabbilixxi l-għanijiet xjentifiċi u teknoloġiċi li jridu jinkisbu permezz tal-attivitajiet li hemm previsti fl-Artikolu 180 u jiddetermina l-prioritajiet rilevanti, — jindika l-linji ġenerali ta' dawk l-attivitajiet, — jistabbilixxi l-ammont massimu totali u r-regoli dettaljati applikabbli għall-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-programm qafas, kif ukoll id-diversi ishma f'kull attività prevista. <p>2. Il-programm qafas għandu jiġi adattat jew supplimentat skond kif tinbidel is-sitwazzjoni.</p> <p>3. Il-programm qafas għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi żviluppati f'kull attività. Kull programm speċifiku għandu jiddefinixxi r-regoli dettaljati sabiex dan jiġi implimentat, sabiex jiġi stabbilit kemm idum, kif ukoll sabiex jiġu provduti il-mezzi li jitqiesu meħtieġa. It-total tal-ammonti li jitqiesu meħtieġa, stabbiliti fil-programmi speċifiċi, ma jistax jeċċedi l-ammont massimu totali stabbilit għall-programm qafas u għal kull attività.</p> <p>4. Il-Kunsill li jaġixxi skond il-proċedura leġislattiva speċjali u wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali, għandu jadotta l-programmi speċifiċi.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/37/KE)</p> | <p>Objettivi</p> <p>L-Aġenzija ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/37/KE, għall-ġestjoni tal-Programm speċifiku Komunitarju "Ideat" fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003. "Ideat" huwa implimentat mill-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC), li jikkonsisti minn Kunsill Xjentifiku indipendenti li jistabbilixxi l-istrateġija xjentifika tal-ERC u jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' għalha mill-Aġenzija li timmaniġġja l-ġestjoni operazzjonali. L-Aġenzija saret awtonoma mid-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-15 ta' Lulju 2009.</p> <p>Kompiti</p> <p>Il-kompiti tal-Aġenzija huma deskritti fl-Att ta' Delegazzjoni (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 5694), partikolarment fl-Artikoli 5-7 tiegħu. Fost dawn il-kompiti, l-Aġenzija ġiet fdata b'kompiti li jkopru:</p> <ul style="list-style-type: none"> — l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni amministrattiva u l-eżekuzzjoni tal-programm u, b'mod partikolari, il-proċeduri ta' evalwazzjoni, ir-reviżjoni bejn il-pari u l-proċess tal-għażla skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Xjentifiku; — il-ġestjoni finanzjarja u xjentifika tal-għotjiet. |
| <p>Tmexxija</p> <p>(Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2008) 5132 u C(2011) 4877)</p> | <p>Kumitat ta' Ġestjoni</p> <p>Il-Kumitat ta' Ġestjoni huwa l-korp li jissorvelja l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u jinħatar mill-Kummissjoni (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 5132). Huwa jadotta l-programm ta' ħidma annwali (wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni), il-baġit amministrattiv u r-rapporti annwali tal-Aġenzija. Huwa kompost minn haġes membri u osservatur wieħed.</p> |

| | |
|--|--|
| <i>(Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2007/134/KE u 2011/12/UE)</i> | Kunsill Xjentifiku tal-ERC |
| <i>(Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE)</i> | Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC huwa fdat bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/134/KE li jstabbilixxi strateġija xjentifika għall-Programm Speċifiku Ideat, jiddeċiedi dwar it-tip ta' riċerka li għandu jkun iffinanzjat skont l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE u jggarantixxi l-kwalità tal-attivitatiet mill-perspettiva xjentifika. Il-kompiti tiegħu jkopru, b'mod partikolari, it-tfassil tal-programm annwali ta' ħidma annwali għall-Programm Speċifiku Ideat, u tal-proċess tar-reviżjoni bejn il-pari, kif ukoll il-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tal-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku "Ideat", mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Huwa kompost minn 22 membru maħtura mill-Kummissjoni. |
| <i>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003)</i> | Direttur tal-Aġenzija |
| | Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea għal erba' snin. |
| | Awditu estern |
| | Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. |
| | Awtorità ta' kwittanza |
| | Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill. |
| Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011) | Baġit |
| | EUR 37,8 (35,6) miljun |
| | Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012 |
| | Il-baġit operazzjonali 2012 jipprovdi għal tabella tal-persunal ta' 100 (100) Persunal temporanju (PT) u baġit għal 289 (260) Persunal kuntrattwali (PK) u esperti nazzjonali sekondati (SNE), jgħid li persunal totali ta' 389 (360). Minn dawn il-postijiet, 380 (350) ġew okkupati fit-tmien l-2012: |
| | — 96 (97) persunal temporanju, li minnhom 11 (13)-il PT sekondati u 85 (84) PT esterni; |
| | — 275 (245) persunal kuntrattwali; |
| | — 9 (8) SNEs, |
| | <i>Allokati lil:</i> |
| | — attivitatiet operazzjonali (id-Dipartimenti tal-Ġestjoni Xjentifika u tal-Għotjiet): 71 % (68 %) |
| | — attivitatiet amministrattivi (dipartimenti oħra): 29 % (32 %) |
| Prodotti u servizzi 2012 (2011) | <ol style="list-style-type: none"> 1. Il-monitoraġġ tal-ftehimiet tal-għotja mogħtija taħt il-Programm ta' Ħidma Ideat, sejħiet għal Għotjiet tal-Bidu, Għotjiet Avanzati, Għotjiet ta' Sinerġija u Għotjiet dwar il-Prova ta' Kunċett. Il-programm ta' ħidma Ideat huwa implimentat permezz tal-pubblikazzjoni tas-sejħiet annwali għal proposti, li hija segwita minn evalwazzjoni (minn esperti esterni), it-tħejjija u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja u finalment il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti. Kull sejh għal proposti tirriżulta f'serje ta' Ftehimiet ta' Għotja, b'ċiklu ta' proġetti mistenni ta' madwar ħames snin. 2. L-eżekuzzjoni tas-Sejħiet għal proposti 2012 għall-programm ta' ħidma Ideat. (Għotjiet tal-Bidu, Għotjiet Avanzati, Għotjiet ta' Sinerġija u Għotjiet dwar il-Prova ta' Kunċett): 7 899 applikazzjoni għal proposti ġew ippreżentati fl-2012, li minnhom 4 741 kienu għal Għotjiet tal-Bidu, 2 304 għal Għotjiet Avanzati, 710 għal Għotjiet ta' Sinerġija u 144 għal Għotjiet dwar il-Prova ta' Kunċett. Minn dawn total ta' 7 740 kienu eliġibbli u għalhekk evalwati mill-panils tal-eżaminar. Total ta' 960 proposta ntgħażlu għall-proċess ta' għoti (883 fuq il-listi prinċipali, 77 fuq il-listi ta' riżerva). |

3. Il-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-Programm Speċifiku Ideat u l-attivitajiet tal-Aġenzija fl-2012.
4. Il-Kunsill Xjentifiku kellu laqgħat regolari fl-2012 madwar l-Ewropa, normalment fuq stedina mill-awtoritajiet nazzjonali. Laqgħat f'pajjiżi differenti li huma Stati Membri tal-UE jew pajjiżi assoċjati huwa mod kif l-ERC isir aktar viżibbli. Il-laqgħat huma meqjusa wkoll bħala avvenimenti importanti kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-komunità lokali xjentifika u tar-riċerka. Ħames sessjonijiet plenarji tal-Kunsill Xjentifiku kienu organizzati matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2012: fi Frar, f'Ġunju u f'Diċembru fi Brussell (il-Belġju), f'April f'Sofia (il-Bulgarija) u f'Ottubru f'Limassol (Ċipru). Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-panil dwar l-eżami tal-istrutturi u l-mekkaniżmi tal-ERC fl-2009, il-Kunsill Xjentifiku stabbilixxa żewġ kumitati permanenti: l-ewwel wieħed jipprovdi gwida dwar kunflitti ta' interess, mgħiba xjentifika skorretta u kwistjonijiet etiċi u t-tieni wieħed jieħu ħsieb l-għażla tal-membri tal-panil tal-evalwazzjoni. L-aġenzija eżekuttiva appoġġat l-attivitajiet operazzjonali taż-żewġ kumitati, li ltaqgħu darba u darbtejn rispettivament fl-2012. Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku jiltaqgħu wkoll fi gruppi ta' ħidma biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. Fl-2012, diversi laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-ERC dwar l-innovazzjoni u r-relazzjonijiet mal-industrija, l-aċċess miftuħ, l-internazzjonalizzazzjoni u l-bilanċ bejn is-sessi ġew organizzati mill-aġenzija eżekuttiva. Il-gruppi ta' ħidma jwettqu analiżijiet u jikkontibwixxu għall-istrateġija xjentifika tal-ERC permezz ta' proposti li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Xjentifiku fil-penarja fl-oqsma koperti mill-mandati tagħhom: biex jeżaminaw ir-relazzjoni tal-ERC mas-settur industrijali/tan-negozju u l-impatt tar-riċerka dwar l-innovazzjoni ffinanzjata mill-ERC; biex jiżviluppaw pożizzjoni tal-ERC dwar l-aċċess miftuħ; biex jesploraw mekkaniżmi xierqa għaż-żieda tal-partekipazzjoni ta' riċerkaturi mhux Ewropej, partikolarment il-Brażil, ir-Russja, l-Indja u ċ-Ċina (il-pajjiżi BRIC) fl-iskemi tal-ERC; u biex jiżguraw li l-ERC tkun fuq quddiem nett fl-aħjar Prattika fir-rigward tal-bilanċ bejn is-sessi fir-riċerka. Serje ta' dokumenti ta' ħidma li fihom analiżijiet u messaġġi ewlenin dwar il-kwistjonijiet speċifiċi ttrattati mill-gruppi ta' ħidma u mill-kumitati permanenti tħejjew mill-aġenzija eżekuttiva, f'kollaborazzjoni mal-membri tal-gruppi.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZIJA

1. L-Aġenzija ħa nota tar-rapport tal-Qorti.
-

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità

(2013/C 365/28)

INTRODUZZJONI

1. L- Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", magħrufa wkoll bħala l-"ESMA"), li tinsab f'Pariġi, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Awtorità huwa li ttejjeb l-operat tas-suq finanzjarju intern tal-UE billi tiżgura livell għoli, effettiv u konsistenti ta' regolamentazzjoni u sorveljanza, tippromwovi l-integrità u l-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji u ssaħħa il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali sabiex tiżgura l-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja⁽²⁾. L-ESMA twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2011.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Awtorità, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Awtorità jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Awtorità wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Awtorità fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

⁽²⁾ L-*Anness II* jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Awtorità. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tweġġ u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adekwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET

11. Is-sistema ta' kontabbiltà tal-Awtorità għadha ma ġietx invalidata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. Matul it-tieni sena ta' attività tagħha, l-Awtorità ħadet pass importanti bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti bażi għall-istandards kollha ta' kontroll intern. Madankollu, għadha ma nkisbitx implimentazzjoni sħiħa tal-istandards.

13. Hemm lok konsiderevoli għal titjib fil-puntwalità u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

14. It-total tal-appropriazzjonijiet tal-Awtorità għall-2012 ammonta għal EUR 20,3 miljun, li minnhom EUR 2,8 miljun (14 %) ġew ikkanċellati u EUR 4,2 miljun (21 %) tal-appropriazzjonijiet impenjati ġew riportati għall-2013.

15. Il-livell għoli ta' kanċellazzjonijiet jirriżulta fil-parti l-kbira mill-fatt li l-baġit ġie stabbilit abbażi ta' tabella tal-persunal implimentata bis-sħiħ fil-bidu tal-2012, filwaqt li xi reklutaġġi saru biss matul is-sena. Dewmien fl-akkwisti tal-IT ukoll ikkawża kanċellazzjonijiet.

16. Il-livell ta' appropriazzjonijiet impenjati li ġew riportati huwa għoli għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) f'livell ta' 39 % u għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) f'livell ta' 52 %. Għat-Titolu II, dan kien ikkawżat fil-parti l-kbira mill-fatt li kuntratt sinifikanti għal xogħlijiet fil-bini tal-Awtorità ngħata f'Diċembru 2012 (EUR 0,6 miljun) u bix-xiri ta' hardware tal-IT (EUR 0,5 miljun), tagħmir tat-telefonija (EUR 0,1 miljun) u għamara (EUR 0,3 miljun) li l-konsenja tagħhom ma ġietx ikkompletata fi tmiem is-sena. Għat-Titolu III, il-livell għoli ta' appropriazzjonijiet impenjati li ġew riportati jirriżulta min-natura pluriennali ta' proġetti sinifikanti ta' żvilupp tal-IT u minn dewmien fl-akkwisti relatati.

17. Fl-2012, l-Awtorità għamlet 22 trasferiment tal-baġit li jammontaw għal EUR 3,2 miljun (16 % tat-total tal-baġit 2012), li jindika dgħufijiet fl-ippjanar tal-baġit.

KUMMENTI OĦRA

18. Jeħtieġ li l-Awtorità ttejjeb aktar it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha. B'mod partikolari, fi proċedura ta' reklutaġġ awditjata, l-għadd ta' snin ta' esperjenza għal pożizzjoni partikolari ma kienx applikat u fi tliet proċeduri tar-reklutaġġ awditjati ma kien hemm ebda evidenza li l-limiti għal-listi ta' preselezzjoni ġew stabbiliti qabel l-eżaminar tal-applikazzjonijiet.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

19. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Annex I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | L-impenji tal-Awtorità ammontaw għal EUR 12 841 997 jew 76 % tal-baġit għall-2011. Ir-rati tal-impenji kienu baxxi speċjalment għat-Titolu III "Nefqa operazzjonali" (47 %). Dan kellu impatt fuq l-objettivi tal-Awtorità fir-rigward tal-IT li ma ntlaħqux kompletament. Ir-rati baxxi ta' eżekuzzjoni tal-baġit jindikaw diffikultajiet fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2011 ammonta għal EUR 16,9 miljun. Skont l-Artikolu 62(1) tar-Regolament li hija Msejsa Fuqu, 60 % tal-baġit għall-2011 kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EFTA u 40 % mill-baġit tal-Unjoni. Fi tmiem l-2011, l-ESMA rreġistrat riżultat pożittiv fil-baġit ta' EUR 4,3 miljun. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha ⁽¹⁾ , l-ammont sħiħ imbagħad ġie rreġistrat fil-kontijiet bħala passiv lejn il-Kummissjoni Ewropea. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Ġew innutati dgħufijiet fir-rigward ta' sitt impenji legali magħmula minn qabel l-impenji tal-baġit (EUR 483 845). | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-Qorti identifikat għadd ta' każijiet b'valur totali ta' EUR 207 442 li fihom approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għall-2012 ma kinux jikkorrispondu ma' impenji legali li kienu saru. Għaldaqstant dawn l-ammonti riportati kienu irregolari u għandhom jiġu kkanċellati. | Pendenti |
| 2011 | L-Awtorità kienet għadha ma adottatx standards ta' kontroll intern. | Ikkompletata |
| 2011 | Hemm hteġġa li tittejjeb il-ġestjoni tal-assi fissi mill-Awtorità. Għall-assi intanġibbli żviluppata mill-Awtorità, il-proċeduri tal-kontabbiltà u l-informazzjoni dwar l-ispejjeż ma kinux affidabbli. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Ir-regoli implimentattivi għar-Regolament tal-Persunal kienu għadhom ma ġewx adottati. | Ikkompletata |
| 2011 | L-ESMA kienet għadha ma laħqitx ftehim interistituzzjonali mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) dwar investigazzjonijiet ta' frodi. L-Awtorità għandha tiżgura li r-Regolament Finanzjarju tagħha jiġi implimentat bis-sħiħ f'dan ir-rigward. | Ikkompletata |
| 2011 | Jeħtieġ li l-Awtorità ttejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. L-għadd ta' snin ta' esperjenza meħtieġa għal pożizzjoni partikolari ma ġiex rispettata, ġew aċċettati applikazzjonijiet li waslu wara l-iskadenza, mistoqsijiet għat-testijiet bil-fomm u bil-miktub ma ġewx stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet mill-bord ta' għażla u ma kien hemm ebda deċizzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra biex jinħatar il-bord ta' għażla. | Għadha għaddejja |

⁽¹⁾ L-Artikoli 15(4) u 16(1).

ANNEX II

Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (Pariġi)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Awtorità</p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji. — Li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. — Li toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet. — Li toħroġ rakkomandazzjonijiet fejn awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx applikat atti settorjali jew tkun applikathom b'mod li jidher li jkun ksur tal-liġi tal-Unjoni. — Li tieħu deċizzjonijiet individwali indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti f'ċertu sitwazzjonijiet ta' emerġenza u f'riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet transkonfinali. — F'każijiet li jirrigwardaw il-liġi tal-Unjoni applikabbli direttament, li tieħu deċizzjonijiet individwali indirizzati lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, fejn: (i) awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx applikat atti settorjali jew tkun applikathom b'mod li jidher li jkun ksur tal-liġi tal-Unjoni u fejn l-awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx ikkonformat ma' opinjoni formali tal-Kummissjoni; (ii) f'ċertu sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mad-deċizzjoni tal-Awtorità adottata; jew (iii) f'riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet transkonfinali fejn awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx ikkonformat mad-deċizzjoni tal-Awtorità. — Li toħroġ opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni dwar kull kwistjoni marbuta mal-oqsma ta' kompetenza tagħha. — Li tiġbor l-informazzjoni meħtieġa rigward il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha. — Li tiżviluppa metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett tal-karatteristiċi tal-prodott u tal-proċessi tad-distribuzzjoni fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u fuq il-protezzjoni tal-konsumatur. — Li tipprovi database aċċessibbli ċentralment tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji rreġistrati fil-qasam tal-kompetenza tagħha fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni settorjali. — Li toħroġ avviżi fil-każ li attività finanzjarja toħloq theddida serja lill-għanijiet tagħha. — Li tipprojbixxi jew tirrestrinġi temporanjament ċertu tipi ta' attivitajiet finanzjarji li jkunu ta' theddida għall-operat adatt u għall-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' parti minnha fl-Unjoni f'każijiet speċifikati u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali jew jekk ikun meħtieġ f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza. — Li tipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi ta' superviżuri, inklużi eżamijiet fuq il-post, imwettqa konġuntament minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar. — Li tindirizza kwalunkwe riskju ta' tħarbit fis-servizzi finanzjarji li jkun ikkawżat minn dgħufija tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' partijiet minnha u li jkollu l-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-suq intern u għall-ekonomija reali. |

| | |
|------------------------|---|
| | <ul style="list-style-type: none"> — Li tfassal linji gwida u rakkomandazzjonijiet addizzjonali għall-parteċipanti ewlenin fis-swieq finanzjarji, biex jittieħed kont tar-riskju sistemiku ppreżentat minnhom. — Li ttwettaq inkjesta dwar tip partikolari ta' attivita' finanzjarja jew tip ta' prodott jew tip ta' kondotta sabiex tevalwa theddid potenzjali għall-integrita' tas-swieq finanzjarji jew l-istabbilita' tas-sistema finanzjarja u tagħmel rakkomandazzjonijiet adatti għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti konċernati. — Li ttwettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet delegati mill-awtoritajiet kompetenti. — Li tipprovdi opinjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti. — Li ttwettaq evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti. — Li tikkoordina bejn l-awtoritajiet kompetenti, partikolarment fejn żvilupp avvers jista' potenzjalment jipperikola l-funzjonament tajjeb u l-integrita' tas-swieq finanzjarji jew l-istabbilita' tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. — Li tniedi u tikkoordina valutazzjonijiet fl-Unjoni kollha tar-reżistenza tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għal żvilupp avvers tas-suq. — Li tieħu deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu u dwar l-irtirar ta' tali ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni. — Li tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' aġenziji rilevanti li jiggradaw il-kreditu ta' pajjiżi terzi. — Li ttwettaq investigazzjonijiet ta' u spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, entitajiet gradati u partijiet terzi relatati. — Fejn aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun wettqet xi ksur, li tieħu deċiżjonijiet biex tirtira r-reġistrazzjoni tagħha, timponilha projbizzjoni temporanja milli toħroġ gradazzjonijiet ta' kreditu, timponi sospensjoni fuq l-użu għal skopijiet regolatorji tal-gradazzjonijiet ta' kreditu li tkun ħarġet, tirrikjedi li l-ksur jiġi mitmum, u/jew toħroġ avviżi pubbliċi. — Fejn aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun wettqet ksur b'intenzjoni jew negliġenza, li tieħu deċiżjonijiet biex timponi multa. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tas-Superviżuri</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President (li m'għandux ikollu vot); il-kap tal-awtorita' pubblika nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji f'kull Stat Membru; rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni (li m'għandux ikollu vot); rappreżentant wieħed tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (li m'għandux ikollu vot); rappreżentant wieħed ta' kull waħda mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra (li m'għandux ikollhom vot).</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jagħti gwida lill-ħidma tal-Awtorita' u jkun responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament li hija msejsa fuqu.</p> <p>Bord Maniġerjali</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President u sitt membri oħrajn tal-Bord tas-Superviżuri, eletti mill-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri u minn fosthom stess. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant tal-Kummissjoni jipparteċipaw fil-laqgħat mingħajr id-dritt li jivvotaw (għalkemm ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jivvota dwar kwistjonijiet relatati mal-baġit).</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jiżgura li l-Awtorita' taqdi l-missjoni tagħha u ttwettaq il-kompiti assenjati lilha skont ir-Regolament li hija msejsa fuqu.</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>President</p> <p>Rappreżentant tal-Awtorità responsabbli sabiex iħejji x-xogħol tal-Bord tas-Superviżuri u jmexxi l-laqqhat tal-Bord tas-Superviżuri u tal-Bord Maniġerjali. Jinħatar mill-Bord tas-Superviżuri wara li jkun semgħu l-Parlament Ewropew.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Jinħatar mill-Bord tas-Superviżuri wara l-konferma mill-Parlament Ewropew. Ikun responsabbli mit-tmexxija tal-Awtorità u jipprepara x-xogħol tal-Bord Maniġerjali.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2012</p> | <p>Baġit finali</p> <p>Baġit totali: EUR 20,279 miljun, inklużi:</p> <p>Sussidju mill-Unjoni: EUR 7,12 miljun</p> <p>Kontribuzzjonijiet mill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti: EUR 10,158 miljun</p> <p>Tariffi minn entitajiet sorveljati: EUR 3,001 miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <ul style="list-style-type: none"> — Persunal statutorju: 75 post ta' persunal temporanju awtorizzati fit-tabella tal-persunal, li minnhom kienu reklutati: 75 — Persunal kuntrattwali: 10 postijiet ta' persunal kuntrattwali pplanati fil-baġit; postijiet ta' persunal kuntrattwali mimlija fil-fatt fil-31.12.2012: 12 — Esperti Nazzjonali Sekondati: 16-il post ta' Espert Nazzjonali Sekondati iplanati fil-baġit, postijiet ta' Esperti Nazzjonali Sekondati mimlija fil-fatt fil-31.12.2012: 10 |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012</p> | <ul style="list-style-type: none"> — 19-il CRA rreġistrata, waħda ċċertifikata. — Sorveljanza li għadha għaddeġja, inklużi eżamijiet tematiċi bħal gradazzjonijiet tal-bank. — Ivvalutat il-konformità ta' tliet proposti ġodda għat-tneħħija tat-trasparenza ta' qabel il-bejgħ u x-xiri skont l-MiFID. — Ippubblikat linji gwida finali dwar il-bejgħ u x-xiri awtomatizzat ta' frekwenza għolja (HFT). — Komplet il-ħidma dwar it-thejġja tal-eżami tal-MiFID/MAD/PD. — Twassil ta' standards tekniċi proposti (kemm regolatorji kif ukoll implimentattivi) għar-Regolament dwar derivattivi OTC, Entitajiet ta' Kontroparti Ċentrali (CCPs) u Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet (ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Swieq Ewropej - EMIR). — Xogħol ta' thejġja għad-dħul fis-seħħ tal-EMIR fejn l-ESMA se tibda tissorvelja r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. — Ħarġet standards tekniċi dwar regolament ġdid ta' bejgħ bin-nieqes. — L-ewwel opinjonijiet maħruġa dwar il-limiti ta' bejgħ bin-nieqes fil-Greċja u Spanja. |

| | |
|--|---|
| | <ul style="list-style-type: none">— Ipproduċiet regoli dettaljati għar-remunerazzjoni ta' manijers ta' fondi ta' investiment alternattivi.— Ikkontribwixxiet għall-iżvilupp tal-Istandards Internazzjonali għall-Irrappurtar Finanzjarju (IFRS); informazzjoni interna ta' kull ġimgħa.— Ħarġet kjarifiki lill-impriżi dwar l-applikazzjoni korretta tar-regoli tal-IFRS (trattament ta' tolleranza u avvjament).— Xogħol dwar il-kondiviżjoni ta' esperjenzi u t-taħdit dwar l-implikazzjonijiet bejn is-superviżuri nazzjonali fuq kwistjonijiet ta' sorveljanza tas-suq u kwistjonijiet relatati mad-Direttivi tal-Prospectus (PD) u tat-Trasparenza (TD), Offerti ta' Akwiżizzjoni, eċċ.— Xogħol konġunt mal-ASEs l-oħra.— Ikkontribwixxiet b'mod attiv għall-BERS fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja, ukoll permezz ta' rapporti tar-riskju regolari.— Protezzjoni tal-konsumatur finanzjarju mtejbja permezz ta' regoli u rekwiżiti addizzjonali għall-intermedji u għall-manijers ta' fondi, parir finanzjarju u adeguatezza (MiFID), regoli ta' divulgazzjoni għall-ETFs— Twissija ta' investitur pan-Ewropew dwar nasbiet ta' investiment online.— Sar jum għal investituri fl-uffiċċji tal-ESMA.— Mexxiet database madwar l-UE għal rapporti dwar it-tranżazzjonijiet.— Żviluppat soluzzjoni tal-IT b'suċċess għall-pubblikazzjoni ta' gradazzjonijiet storiċi tas-CRA.— Ikkkoordinat ir-rispons tas-superviżuri nazzjonali għall-kriżi finanzjarja, inkluż ir-rinfurzar tal-analiżi ta' riskju tagħhom.— Wettqet żewġ evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema tal-Abbuż tas-Suq u d-Direttiva dwar il-Prospetti. |
|--|---|

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. Ir-rapport għall-validazzjoni tas-sistemi ta' kontabbiltà qiegħed fil-proċess ta' finalizzazzjoni. Qabel it-tħejjija tar-rapport, biex jivvalida l-affidabbiltà tar-riżultati tal-proċeduri fis-seħħ, il-kontabilist applika l-approċċ ta' 100 % kontrolli tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha fis-seħħ ta' approċċ ta' ttestjar ta' kampjuni u sistema.
12. L-ESMA stabbilixxiet funzjoni ta' kontroll intern fl-2012 u adottat pjan ta' azzjoni bbażat fuq ir-riskju dwar il-kontroll intern li qed jiġi żviluppat u monitorja b'mod attiv. Fi tmiem l-2012, l-ESMA kienet implimentat 19 mill-20 attività ppjanati għas-sena. Għall-2013 u l-2014 hemm programmi ta' ħidma dwar il-kontroll intern żviluppati. Filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati mal-ambjent amministrattiv, is-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll huma adatti għall-prestazzjoni tad-dmirijiet tal-ESMA, skont l-Artikolu 38.4 tar-Regolament Finanzjarju tal-ESMA.
13. Fl-2012, l-ESMA kellha terġa' toħroġ sejħiet għal offerti għal diversi kuntratt li ntiertu mill-predeċessur tagħha, is-CESR. Twassal kważi l-pjan ta' akkwist kollu, iżda bi ftit dewmien minħabba nuqqas ta' riżorsi. Sabiex tittejjeb f'dan il-qasam, l-ESMA ser tirrekluta aktar persunal fit-tim ta' akkwist tagħha fl-2013, filwaqt li ttejjeb il-proċeduri b'kontrolli interni addizzjonali.
14. L-ESMA tapprezza l-ispejgazzjonijiet korretti diġà msemmija fil-kummenti tal-Qorti. Dawk l-ispejgazzjonijiet jirriflettu s-sitwazzjoni fl-2012.
15. Il-baġit 2012 tħejja f'Jannar 2011, fl-ewwel xahar ta' operat tal-aġenzija. Il-baġit tħejja fil-biċċa l-kbira mill-Kummissjoni tal-UE u fil-fatt ma kien hemm l-ebda esperjenza fit-tmexxija tal-aġenzija.
16. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-baġit irrappreżentat bil-programm ta' ħidma tal-IT tal-ESMA, għandu jiġi nnotat li l-programm ta' ħidma tal-IT fl-2012 kien ibbażat fuq rekwiżiti li ġejjin mil-leġislażjonijiet li kienu għadhom taħt diskussjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE. In-negożjati finali ta' xi wħud minn dawn id-dispożizzjonijiet leġislattivi kellhom impatt fuq il-programm ta' ħidma tal-IT kif ukoll fuq il-pjan ta' akkwist matul is-sena.
17. Miż-żjara tal-Qorti, l-ESMA żviluppat proċessi aħjar u implimentat kontrolli li qed jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati u l-ibbaġitjar u l-ippjanar.
18. L-ESMA tirrikonoxxi s-sejba. B'segwitu tal-kumment mill-Qorti, l-ESMA wettqet reviżjoni ex post tal-proċeduri kollha ta' reklutaġġ ta' aġenti temporanji li tmexxew fl-2012, fejn saret konferma li ma seħħ l-ebda każ simili ieħor. Biex tillimita r-riskju li fil-futur iseħħu żvisti simili, l-ESMA implimentat proċeduri ġodda li jstabbilixxu limiti għal kandidati fuq il-lista u passi ta' kontroll ex ante dwar il-validazzjoni tal-eliġibbiltà ta' kandidati b'għodda elettronika għall-kalkolu tan-numru tas-snin ta' esperjenza.
-

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Fondazzjoni

(2013/C 365/29)

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem "il-Fondazzjoni", magħrufa wkoll bħala l-"ETF"), li tinsab f'Turin, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 ⁽¹⁾ (tfassil mill-ġdid Nru 1339/2008). Il-kompitu tal-Fondazzjoni huwa li tappoġġa r-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi msieħba tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod, hija tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' diversi programmi (Phare, Tacis, CARDS u MEDA) ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Fondazzjoni. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽¹⁾ ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u

r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Fl-2012 il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 99,9 %, li jindika li l-impenji saru b'mod f'waqtu. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2013 kien għoli għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) b'ammont ta' EUR 0,6 miljun (36,8 %). Ir-raġunijiet prinċipali kienu l-wasla tardiva ta' fatturi għal servizzi relatati mal-bini li ngħataw fl-2012 (EUR 0,3 miljun) u għadd ta' xirjiet ta' hardware u software tal-IT ordnati kif ipplanat matul l-aħħar xhur tal-2012 (EUR 0,3 miljun) iżda li ma twasslux qabel l-2013.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Il-Fondazzjoni għadha ma adottatx u ma implimentatx politika tat-teżor biex timinimizza u tifrex ir-riskju finanzjarju filwaqt li timmira għal redditi adegwati. Il-kont jinżamm f'bank li ma għadx għandu l-klassifikazzjoni minima kif indikat mill-Kummissjoni. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-Qorti identifikat 64 kuntratt b'valur totali ta' EUR 2 miljun li ma kinux kontrofirmati mill-kuntrattur tal-Fondazzjoni, u minħabba f'hekk inħolqot inċertezza legali. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-manutenzjoni u s-servizzi essenzjali bħat-tisħin, l-ilma u l-elettriku mhumiex żgurati għall-bini tal-Fondazzjoni peress li l-Konsorzju responsabbli mill-ġestjoni tal-faċilità daħal fi stralċ f'Novembru 2011. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-bini tal-Fondazzjoni mhijiex sodisfaċenti u tqiegħed l-attivitajiet tagħha friskju li jisfawxaw. | Ikkompletata |
| 2011 | Jeħtieġ li l-Fondazzjoni ttejjeb aktar it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha. Il-punteġġi minimi għall-ammissjoni għall-intervisti u għat-testijiet bil-miktub ma kinux stabbiliti minn qabel u l-mistoqsijiet għat-testijiet orali u bil-miktub ma kinux stabbiliti qabel ma l-applikazzjonijiet kienu eżaminati mill-bordijiet tal-għażla. | Ikkompletata |

ANNEX II

Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin)**Kompetenzi u attivitajiet**

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 166(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-formazzjoni vokazzjonali.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Fondazzjoni</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90)</p> | <p>Għan</p> <p>— Li tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, sabiex ittejjeb l-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi li ġejjin: il-pajjiżi eliġibbli għall-appoġġ taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 u r-Regolament Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u taħt atti legali u relatati sussegwenti; pajjiżi oħra nominati bid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta appoġġata minn żewġ terzi tal-membri tiegħu u opinjoni tal-Kummissjoni, u koperti minn strument tal-Unjoni jew ftehim internazzjonali li jinkludi element ta' żvilupp tal-kapital uman, u safejn jippermettu r-riżorsi disponibbli.</p> <p>— Għall-fini ta' dan ir-Regolament, 'l-iżvilupp tal-kapital uman' għandu jkun definit bħala ħidma li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tul il-ħajja tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-individwu permezz tat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.</p> <p>Kompiti</p> <p>Għall-fini li jinkiseb l-għan, il-Fondazzjoni, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lill-Bord tat-Tmexxija u filwaqt li ssegwi l-linji gwida ġenerali stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, għandha jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:</p> <p>— li tagħti informazzjoni, analiżijiet tal-politika u parir dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi msieħba;</p> <p>— li tippromwovi l-konozzenza u l-analiżi ta' ħtiġijiet ta' kompetenzi fis-swieq tax-xogħol nazzjonali u lokali;</p> <p>— li tappoġġa lill-partijiet interessati rilevanti fil-pajjiżi msieħba fil-bini tal-kapaċità fl-iżvilupp tal-kapital uman;</p> <p>— li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza fost id-donaturi involuti fir-riforma tal-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi msieħba;</p> <p>— li tappoġġa t-twassil tal-assistenza mill-Unjoni lill-pajjiżi msieħba fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman;</p> <p>— li xxerred informazzjoni u thegħeg in-netwerking u l-iskambju ta' esperjenza u ta' prassi tajba bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba u fost il-pajjiżi msieħba fi kwistjonijiet tal-iżvilupp tal-kapital uman;</p> <p>— li tikkontribwixxi, fuq talba tal-Kummissjoni, lejn l-analiżi tal-effikaċja globali tal-assistenza f'taħriġ lill-pajjiżi msieħba;</p> <p>— li twettaq tali kompiti oħra skont kif jiġi miftiehem bejn il-Bord tat-Tmexxija u l-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas ġenerali ta' dan ir-Regolament.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord tat-Tmexxija</p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.</p> <p>Tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>Tliet esperti li ma jivvutawx maħtura mill-Parlament Ewropew.</p> <p>Addizzjonalment, tliet rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 20,1 (20,3) miljun għal impenji u EUR 20,1 (19,8) miljun għal pagamenti, li minnhom EUR 19,3 miljun huma ffinanzjati minn sussidju tal-Kummissjoni.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>96 (96) post temporanju fit-tabella tal-persunal, li minnhom 93 (90) post okkupat.</p> <p>37 (35) membru ieħor tal-persunal (persunal lokali, persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati)</p> <p>Total tal-persunal: 130 (125), assenjati għad-dmirijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operattivi: 73 (70) — kompiti amministrattivi: 28 (28) — kompiti ta' koordinazzjoni korporattiva u ta' komunikazzjoni: 29 (27) |
| <p>Prodotti u servizzi mogħtija matul is-sena finanzjarja 2012 (2011)</p> | <p>Attivitajiet</p> <p>Il-Fondazzjoni tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, għat-titjib tal-iżvilupp tal-kapital uman (HCD) fit-30 Pajjiż Imsieħeb maħtura bir-regolament tagħha u l-Bord tat-Tmexxija. L-attivitajiet prinċipali huma l-appoġġ tal-politiki u l-proġetti tal-UE, il-provvediment ta' analiżijiet ta' politika, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza u appoġġ għal bini tal-kapaċità tal-pajjiżi msieħba.</p> <p>Il-valur miżjud tal-Fondazzjoni jiġi mill-bażi ta' knoxxenza stabbilita li hija newtrali, mhux kummerċjali u unika u li tikkonsisti minn kompetenza esperta fl-iżvilupp tal-kapital uman u r-rabtiet tagħha mal-impjeg. Dan jinkludi kompetenza esperta fl-adattament tal-approċċi għall-iżvilupp tal-kapital uman fl-UE u l-Istati Membri tagħha għall-kuntest tal-pajjiżi msieħba.</p> <p>Il-Proċess ta' Turin, li kien implimentat fl-2012 f'27 pajjiż msieħeb tal-ETF, huwa analiżi parteċipattiva, ibbażata fuq l-evidenza ta' politika u sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV). Dan twettaq għall-ewwel darba fl-2010. Fattur kruċjali tat-tieni edizzjoni tal-Proċess ta' Turin fl-2012 kien l-inklużjoni tal-kwistjoni ta' tmexxija fil-qafas analitiku u l-organizzazzjoni tal-konferenzi reġjonali għat-tagħlim dwar il-politika li ppermettiet lil partijiet interessati jikkondividu l-esperjenza dwar l-iżviluppi tal-politika bejn il-pajjiżi. Żewġ Konferenzi korporattivi kienu organizzati fl-2012 – waħda f'Mejju dwar is-suġġett ta' Governanza f'diversi Livelli fil-qasam tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali u oħra f'Novembru dwar is-suġġett tal-Intraprenditorija.</p> |

| Hija haċmet ukoll fuq il-funzjonijiet prinċipali tagħha, kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill, kif ġej: | | |
|--|-----------------------|------------|
| | Eżiti kkompletati fl- | |
| | 2012 | 2011 |
| Appoġġ lill-politiki tal-UE u ċ-ċiklu tal-proġett tal-istrumenti ta' relazzjonijiet esterni għall-pajjiżi msieħba | 36 | 30 |
| Bini tal-kapaċità tal-pajjiżi msieħba | 66 | 72 |
| Analiżi tal-politika | 31 | 22 |
| Tixrid u netwerking | 28 | 24 |
| Total | 161 | 148 |
| L-eżiti jkejlu t-tweqqif tar-riżultati ta' proġett, u jirrelataw il-baġit mal-funzjonijiet u r-riżultati tal-Fondazzjoni. | | |
| Barra minn dawn il-funzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-programm ta' ħidma tagħha, il-Fondazzjoni wiegħbet ukoll għal talbiet diretti mill-Kummissjoni Ewropea matul is-sena. | | |
| | 2012 | 2011 |
| Talbiet mill-Kummissjoni li għadhom għaddeġja | 107 | 100 |
| Talbiet indirizzati lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija | 42 % | 44 % |
| Talbiet indirizzati lill-pajjiżi tax-Xlokk tal-Mediterran | 32 % | 45 % |
| Talbiet indirizzati lill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant | 12 % | |
| Talbiet indirizzati lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali | 14 % | 10 % |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZIJA

11. Mill-EUR 0,59 miljun f'impenji miġjuba 'l quddiem taħt it-Titolu II, madwar EUR 0,3 miljun huma relatati ma' attivitajiet li tlestew fl-2012 iżda tħallsu biss fl-2013 minħabba ż-żmien li ttieħed għal proċessi ta' fatturar u pagamenti. L-ammont tar-riport relatat ma' attivitajiet li għandhom jiġu implimentati u mħallsa fl-2013 kien limitat għal EUR 0,29 miljun jew 18 % tat-total impenjat skont it-Titolu II. L-ETF ser tkompli tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-annwalità tal-baġit filwaqt li tiżgura ġestjoni soda tar-riżorsi finanzjarji li hi inkarigata minnhom.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/30)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija"), li tinsab fil-Lussemburgu, inħolqot fl-1958 ⁽¹⁾. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, l-Euratom ⁽²⁾ issostitwiet l-Istatuti preċedenti tal-Aġenzija. Il-kompiti prinċipali tal-Aġenzija huma li ttipprovdi lill-Unjoni b'għarfien espert dwar is-suq tal-materjali u s-servizzi nukleari u li timmonitorjah.

2. Mill-2008 sal-2011 inkludja, l-Aġenzija ma rċevitx baġit tagħha stess biex tkopri l-operat tagħha. Il-Kummissjoni refgħet l-ispejjeż kollha mġarrba mill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Għall-2012, l-Aġenzija ngħatat il-baġit tagħha stess mill-Kummissjoni, iżda dan ikopri biss parti żgħira mill-infiq tagħha kif inhuwa spjegat ulterjorment f'osservazzjoni (il-paragrafi 10 u 11).

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejgħ u l-preżentazzjoni għusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejgħ u l-preżentazzjoni għusta ta' rapporti

finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; it-thejgħ ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għand aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u għusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' għestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtiegħ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, ttiprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁶⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-għudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' baży mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejgħ u l-preżentazzjoni għusta tal-kontijiet, kif

⁽¹⁾ ĠU 27, 6.12.1958, p. 534.

⁽²⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprova bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet

10. Mingħajr ma tixħet dubju fuq l-opinjoni espressa fil-paragrafu 9, il-Qorti tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-kwis-tjoni li ġejja. Bejn l-2008 u l-2011, l-Aġenzija ma rċevietx il-baġit tagħha stess u l-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat u rrilaxxat l-infiq kollu direttament. Il-Qorti kienet qieset li din is-sitwazzjoni tmur kontra l-Istatuti tal-Aġenzija.

11. Għall-2012, wara l-kummenti tal-Qorti, l-Aġenzija nġhatat il-baġit tagħha stess mill-Kummissjoni u dan ammonta għal EUR 98 000 (EUR 104 000 li jinkludu d-dħul finanzjarju mill-investimenti proprji). Filwaqt li l-Artikolu 54 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Artikolu 6 tal-Istatuti tal-Aġenzija jipprovdu li hija għandu jkollha awtonomija finanzjarja, il-parti kbira tal-infiq tal-Aġenzija (persunal, spazju għal uffiċċji u sistemi tal-IT) għadha ffinanzjata direttament mill-Kummissjoni. Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż tal-persunal, dan huwa previst fl-Artikolu 4 tal-Istatuti tagħha. Id-dispożizzjonijiet huma kontradittorji u dan imur kontra l-awtonomija finanzjarja meħtieġa tal-Aġenzija.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti preċedenti tal-Qorti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Mingħajr ma tixħet dubju fuq l-opinjoni espressa fil-paragrafu 10, il-Qorti tixtieq terġa' tiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni li ġejja. L-Artikolu 54 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jipprovdi li l-Aġenzija għandu jkollha awtonomija finanzjarja. L-Artikolu 7 tal-Istatuti tal-Aġenzija jipprovdi li "l-infiq tal-Aġenzija għandu jikkonsisti fi spejjeż amministrattivi tal-persunal tagħha u tal-Kumitat, kif ukoll spejjeż li jirriżultaw minn kuntratti konklużi ma' partijiet terzi". Fil-fatt, mill-2008 'l hawn, l-Aġenzija ma rċevietx baġit. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea rrilaxxat direttament l-ispejjeż tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 7 hawn fuq. Fl-opinjoni tal-Qorti, din is-sitwazzjoni tmur kontra l-Istatuti tal-Aġenzija u l-Qorti tqis li l-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom, flimkien mal-partijiet interessati kollha, iqisu miżuri biex din is-sitwazzjoni tiġi eliminata. | Għadha għaddejjja |

ANNEX II

Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (il-Lussemburgu)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> | <p>Strateġija ta' fornimenti komuni għall-materjali nukleari (jiġifieri minerali, materji primi, materjali speċjali fissili), skont il-prinċipji (b'mod partikolari, l-aċċess ugwali għall-utenti kollha) u l-iskopijiet (<i>sigurtà tal-forniment</i>) stabbiliti bit-Trattat Euratom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom ġiet stabbilita direttament bl-Artikolu 52 tat-Trattat Euratom, iffirmit fl-1957. Il-Kapitolu 6 ("Fornituri") kollu kemm hu tal-istess Trattat huwa ddedikat għall-Aġenzija u għall-missjonijiet u s-setgħat tagħha. — L-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom hija wkoll irregolata mill-Istatuti tagħha, stabbiliti b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-bażi legali tal-Artikolu 54 tat-Trattat Euratom. |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>[kif definiti fit-Trattat Euratom, prinċipalment il-Kapitolu 6 tiegħu, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti ta' l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (2008/114/KE, Euratom)]</p> | <p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tassigura l-fornimenti ta' materjali nukleari (kif definit hawn fuq), skont strateġija ta' fornimenti komuni, fuq il-prinċipju tal-aċċess ugwali [u mhux diskriminatorju] għal riżorsi (l-Artikolu 52 tat-Trattat Euratom). — Tassigura d-distribuzzjoni regolari u ġusta ta' (minerali u) karburanti nukleari lill-utenti kollha fil-Komunità (l-Artikolu 2(d) tat-Trattat Euratom). — Tidentifika u ssegwi x-xejriet tas-suq li jistgħu jolqtu s-sigurtà tal-forniment għall-materjali u s-servizzi nukleari fl-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 1 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom). — Tikkontribwixxi għall-politiki tal-Komunità billi tipprovdi għarfien espert, informazzjoni u pariri dwar kwalunkwe suġġett marbut mal-funzjonament tas-suq tal-materjali u s-servizzi nukleari (l-Artikolu 1 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom). <p>Kompiti</p> <p>Skont it-Trattat Euratom, l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom tgawdi <u>dritt ta' għażla</u> fuq il-minerali kollha, materji primi u materjali speċjali fissili prodotti fit-territorji tal-Istati Membri u <u>dritt esklussiv li tiffinalizza</u> kuntratti li għandhom x'jaqsma mal-fornimenti ta' minerali, materji primi u materjali speċjali fissili li jkunu ġejjin minn ġewwa jew minn barra l-Komunità.</p> <p>Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, il-kompiti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom jinkludu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-valutazzjoni tal-impenji nnegozjati bejn il-partijiet ikkonċernati, u konsegwentement, il-konklużjoni, l-innejar ta' konklużjoni jew l-aċċettazzjoni ta' konklużjoni taħt ċerti kundizzjonijiet biss, ta' kwalunkwe kuntratt, jew emenda għalih, relatat mal-forniment ta' materjali fit-tifsira tal-Artikolu 52 tat-Trattat Euratom; — ir-riċeviment ta' notifikazzjoni tal-kuntratti kollha f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament, it-trasformazzjoni jew l-ipproċessar ta' minerali, ta' materji primi jew materjali speċjali fissili, skont l-Artikolu 75 tat-Trattat Euratom, u l-ipproċessar tagħhom; — ir-riċeviment ta' notifikazzjoni tat-trasferiment, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni kollha ta' kwantitajiet hekk żgħar ta' minerali, materji primi jew materjali fissili, skont l-Artikolu 74 tat-Trattat Euratom, u l-ipproċessar tagħhom; — l-istruzzjoni tal-fajls u t-teħid tal-passi kollha ta' thejġija bi ħsieb għal deċiżjoni tal-Kummissjoni f'każijiet li għalihom, skont il-liġi tal-Euratom, il-ftehim tal-Kulleġġ huwa rikjest (bħal skont l-Artikoli 59 u 60 tat-Trattat Euratom); — il-ġestjoni, kif xieraq, tal-kuntratti li hija kkonkludiet u li dwarhom hija rċeviet notifikazzjoni; |

| | |
|------------------------|--|
| | <ul style="list-style-type: none"> — il-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni bi ħsieb ta' monitoraġġ kontwinu tas-suq tal-materjali u s-servizzi nukleari fl-UE (l-Artikolu 1 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom); — il-pubblikazzjoni ta' rapporti regolari għall-użu intern, u/jew għall-pubbliku ġenerali, fir-rigward tal-funzjonament ta', u xejriet reċenti fis-suq tal-materjali u s-servizzi nukleari; — il-forniment lill-Komunità, fuq talba, ta' għarfien espert u pariri dwar kwalunkwe suġġett marbut mal-funzjonament tas-suq tal-materjali u s-servizzi nukleari (l-Artikolu 1 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom); — il-kollegament mal-Kumitat Konsultattiv tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom u t-tfittix tal-opinjoni tiegħu, skont l-Artikolu 13 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom; — il-parteċipazzjoni, kif xieraq, inkluża bil-forniment ta' segretarjat, fil-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv imsemmi li normalment isiru darbtejn fis-sena (l-Artikolu 14 tal-Istatuti). |
| <p>Tmexxija</p> | <ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija tgawdi personalità ġuridika u awtonomija finanzjarja (l-Artikolu 54 tat-Trattat Euratom). — Hija topera taħt il-kontroll tal-Kummissjoni (l-Artikolu 53 tat-Trattat Euratom), fuq bażi ta' non-profit (l-Artikolu 2 tal-Istatuti). — Id-Direttur Ġenerali u l-persunal tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għandhom ikunu jew isiru uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Huma jrid ikollhom awtorizzazzjoni għal aċċess (approvazzjoni tas-sigurtà). Is-salarji tagħhom jitħallsu mill-Kummissjoni (l-Artikolu 4 tal-Istatuti). — It-Trattat Euratom (l-Artikolu 54) u l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (l-Artikolu 9) jiddeterminaw il-kapital tal-Aġenzija u l-kundizzjonijiet li fuqhom huwa sottoskritt. <p>Direttur Ġenerali</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni (l-Artikolu 53 tat-Trattat Euratom), għal perjodu indefinit.</p> <p>Id-dmirijiet u s-setgħat tad-Direttur Ġenerali huma determinati, b'mod partikolari, fl-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (l-Artikolu 3, imma wkoll l-Artikoli 13 u 14).</p> <p>Superviżjoni tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom mill-Kummissjoni</p> <p>Skont l-Artikolu 53 tat-Trattat Euratom u l-Artikolu 5 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom li:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-Kummissjoni tista' toħroġ direttivi lill-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom; — il-Kummissjoni teżerċita d-dritt tal-veto fuq id-deċiżjonijiet tal-Aġenzija. <p>Kumitat Konsultattiv</p> <ul style="list-style-type: none"> — Skont l-Artikolu 11 tal-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, dan huwa magħmul minn membri tal-Istati Membri, li jinħatru <i>intuitu personae</i> għal terminu ta' tliet snin (li jista' jiġġedded). — Il-Kumitat jassisti lill-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti tagħha. Huwa jipprovi kollegament bejn l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom u kemm il-produtturi kif ukoll l-utenti fl-industrija nukleari (l-Artikolu 13 tal-Istatuti). — Il-Kumitat jista' jiġi kkonsultat fuq kull kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenza tal-Aġenzija. Irid jagħti l-opinjoni tiegħu fuq il-kwistjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 13 tal-Istatuti. Normalment huwa jiltaqa' darbtejn fis-sena. |

| | |
|--|---|
| | <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012</p> | <p>Baġit</p> <ul style="list-style-type: none"> — EUR 104 000, inklużi: <ul style="list-style-type: none"> — suvvenzjoni mill-Kummissjoni: EUR 98 000 — dħul minn investimenti u mgħax bankarju: EUR 6 000 <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Għadd ta' postijiet assenjati għall-Aġenzija fil-baġit tal-UE: 9 AD (inkluż id-Direttur Ġenerali) u 16-il AST.</p> <p>Għadd ta' postijiet verament assenjati għall-Aġenzija: 7 AD (wieħed okkupat minn aġent temporanju) u 10 AST (wieħed okkupat minn aġent temporanju).</p> <p>Persunal ieħor: post wieħed END, battal (Persunal kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati).</p> <p>Għadd totali tal-persunal: 17 (inkluż id-Direttur Ġenerali).</p> |
| <p>Prodotti u servizzi pprovduti fl-2012</p> | <p>Sigurtà tal-forniment assicurata</p> <p>Tranżazzjonijiet ipproċessati</p> <p>Madwar 270 tranżazzjoni, inklużi kuntratti, emendi u notifikazzjonijiet tal-attivitajiet front-end, ġew ipproċessati mill-Aġenzija fl-2012</p> <p>Konsultazzjonijiet Interservizz (ISC). Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni mħejjija</p> <p>L-Aġenzija ħejjiet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar proċedura bbażata fuq l-Artikolu 65 b'rabta mal-Artikolu 60 tat-Trattat Euratom.</p> <p>L-Aġenzija tat input għall-proċedura fid-dawl tal-baġit tagħha għall-2013.</p> <p>ISCs ittrattati mill-Aġenzija: 46; li minnhom 11 tvaraw mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni.</p> <p>Rapporti</p> <p>Fl-2012, l-Aġenzija ħarġet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ir-Rapport Annwali tal-Aġenzija għall-2011; — tliet Rapporti ta' kull tliet xhur dwar is-Suq tal-Uranju; — sitt Digests tal-Aħbarijiet Nukleari darbtejn fix-xahar; — 45 Bulletin tal-Aħbarijiet Nukleari ta' kull Ġimgħa, għal qarreja fil-Kummissjoni Ewropea. <p>Parteċipazzjoni fattivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom</p> <p>Il-Kumitat Konsultattiv tal-Aġenzija għamel żewġ laqgħat, bl-appoġġ u l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija, kif xieraq: waħda fl-10 ta' Mejju 2012 u waħda fit-8 ta' Novembru 2012.</p> <p>L-Aġenzija ffaċilitat l-attivitajiet ta' żewġ Gruppi ta' Ħidma tal-Kumitat Konsultattiv tagħha.</p> |

Appoġġ tal-IT lill-operati

Aktar żvilupp / manutenzjoni tad-database PLUTO għall-ġestjoni tal-kuntratti.

Implimentazzjoni tal-għodda ta' komunikazzjoni CIRCABC ibbażata fuq il-web biex tappoġġa l-Gruppi ta' Ħidma tal-Kumitat Konsultattiv.

Aġġornament tal-Websajt tal-Aġenzija.

Relazzjonijiet ma' Istituzzjonijiet oħra tal-UE u Kooperazzjoni Internazzjonali

L-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom topera taħt il-kontroll tal-Kummissjoni, li toħroġ direttivi lill-Aġenzija, għandha d-dritt tal-veto fuq id-deċiżjonijiet tagħha u taħtar id-Direttur Ġenerali tagħha (l-Artikolu 53 tat-Trattat Euratom). Barra minn hekk, ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom huma suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel (skont l-Artikolu 60 tal-istess Trattat).

Kull sena l-Aġenzija trid tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport li jkopri l-attivitajiet tagħha fis-sena preċedenti, kif ukoll il-programm ta' ħidma tagħha għas-sena sussegwenti.

Kooperazzjoni internazzjonali mal-IAEA (Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika) u man-NEA (Aġenzija għall-Enerġija Nukleari) tal-OECD. F'dak il-kuntest, il-parteċipazzjoni tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom:

- fil-Grupp Uranju NEA/IAEA konġunt;
- fil-Grupp ta' Livell Għoli tan-NEA dwar is-Sigurtà tal-Forniment ta' Radjuisotopi għall-Użu Mediku.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. L-Aġenzija taqbel mal-Qorti tal-Awdituri li l-ammont ta' sussidju jippermettilha li tħallas biss parti żgħira tan-nefqa amministrattiva tagħha, filwaqt li l-parti l-kbira għadha teħtieġ li tiġi ffinanzjata direttament mill-Kummissjoni.

L-Aġenzija ma tqisx li hemm kontradizzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(1) tal-Istatuti tagħha.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Fondazzjoni

(2013/C 365/31)

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem "il-Fondazzjoni", magħrufa wkoll bħala l-"EUROFOUND"), li tinsab f'Dublin, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 ⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Fondazzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar fl-Unjoni billi żżid u xxerred għarfien li huwa rilevanti għal dan is-suġġett ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Fondazzjoni. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jnvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jnvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha

għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

11. Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit għat-Titoli I u II kienu għolja flivell ta' 98 % u 82 %, rispettivament. Filwaqt li l-ammont ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għat-Titolu III huwa għoli flivell ta' 50 % (EUR 3 688 996), dan jikkorrispondi għall-iskedi ta' pagament u jirrifletti n-natura pluriennali tal-operazzjonijiet tal-Fondazzjoni. Il-parti l-kbira tal-ammonti riportati għat-Titolu III (71 %) tikkonċerna żewġ proġetti⁽⁸⁾ li għalihom l-attivitajiet ġew implimentati kif ipplanat u kif stipulat fil-Programm ta' Ħidma Annwali.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽⁸⁾ Il-proġett Netwerk ta' Osservatorji Ewropej (NEO) u l-proġett Sħarriġ dwar il-Kumpaniji Ewropej.

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Il-Fondazzjoni rriportat 47 % tal-appropriazzjonijiet tat-Titolu III (nefqa operazzjonali). Din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Il-Qorti identifikat il-ħtieġa li ttejjeb it-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ: il-laqgħat tal-bord tal-għażla mhux dejjem ġew dokumentati b'mod suffiċjenti u ma hemm ebda evidenza li l-mistoqsijiet għall-intervisti jew għat-testijiet bil-miktub kienu stabbiliti qabel l-eżamijiet. | Ikkompletata |

ANNEX II

Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p><i>(L-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</i></p> | <p>L-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali bħalma huma daww stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea li kienet iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta tal-Komunità tal-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, għandu jkollhom bħala mira l-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-mira ta' livell għoli ta' impjieg li jidm għal żmien twil u l-għieda kontra l-esklużjoni. [...]</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Fondazzjoni</p> <p><i>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1111/2005)</i></p> | <p>Objettivi</p> <p>L-għan tal-Fondazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar billi żżid u xxerred għarfen li huwa rilevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol, — l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn tal-impjieg, — il-problemi li jirrigwardaw ċerti kategoriji ta' ħaddiema, — l-aspetti fit-tul dwar it-titjib tal-ambjent, — it-tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien. <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li ssaħħa l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma, — li tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi, — li ttwettaq studji jew tikkonkludi kuntratti ta' studji u li tipprovdi assistenza għal proġetti pilota, — li tikkoopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati eżistenti fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Governattiv (BG)</p> <ul style="list-style-type: none"> — minn kull Stat Membru: rappreżentant wieħed tal-gvern, rappreżentant wieħed mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u rappreżentant wieħed tal-ħaddiema, — tliet rappreżentanti mill-Kummissjoni, — laqgħa regolari kull sena. <p>Bureau tal-BG</p> <ul style="list-style-type: none"> — jikkonsisti fi 11-il membru; tliet membri minn kull wieħed mill-imsieħba soċjali u l-gvernijiet, tnejn mill-Kummissjoni, — jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BG u jieħu miżuri biex jiżgura tmexxija tajba bejn il-laqgħat tal-BG, — sitt laqgħat regolari kull sena. <p>Id-Direttur u d-Deputat Direttur jinhatrar mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati mressqa mill-BG. Id-Direttur jimplementa d-deċiżjonijiet tal-BG u tal-Bureau tiegħu u jamministra l-Fondazzjoni.</p> |

| | |
|--|--|
| | <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 21,4 (20,6) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p><i>Uffiċjali u persunal temporanju:</i></p> <p>101 post previsti fit-tabella tal-persunal, li minnhom 98 (97) kienu okkupati fil-31 ta' Diċembru 2012.</p> <p><i>Persunal ieħor:</i></p> <p>Esperti Nazzjonali Sekondati: 0 (0)</p> <p>Persunal kuntrattwali: 12 (9)</p> <p><i>Total tal-persunal impjegat: 110 (106)</i></p> <p><i>Allokati lil:</i></p> <p>Attivitajiet operazzjonali: 77 (72)</p> <p>Kompiti amministrattivi: 28 (29)</p> <p>Imħallta: 5 (5)</p> |
| <p>Attivitajiet u servizzi provduti fl-2012</p> | <p>Monitoraġġ u sħarriġ</p> <p>Netwerk ta' Osservatorji Ewropej (NEO):</p> <ul style="list-style-type: none"> — Osservatorju Ewropew għar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO): 279 aġġornament ta' informazzjoni miżjuda; sitt studji ta' rappreżentanza; żewġ aġġornamenti annwali dwar il-paga u l-ħin tax-xogħol; Relazzjonijiet Industrijali u żviluppi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa 2011; erba' rapporti analitiċi komparattivi; żewġ rapporti ta' sħarriġ. — Osservatorju Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO): 90 aġġornament ta' informazzjoni miżjuda; erba' rapporti analitiċi komparattivi; Relazzjonijiet Industrijali u żviluppi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa 2011; seba' rapporti ta' sħarriġ. — Osservatorju Ewropew tar-Ristrutturar (ERM): 1 566 skeda informattiva ta' ristrutturar; żewġ rapporti analitiċi komparattivi. <p><i>Sħarriġiet:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — il-Ħames Sħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol: ġie ppubblikat Rapport ta' ħarsa ġenerali; ġew ippubblikati żewġ rapporti ta' analiżi sekondarja: Xejriet fil-kwalità tal-impjegji fl-Ewropa; Xogħol sostenibbli u forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ. — it-Tielet Sħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja: xogħol fuq il-post ikkompletat f'34 pajjiż, ġie ppubblikat Rapport ta' ħarsa ġenerali. — it-Tieni Sħarriġ Ewropew dwar il-Kumpaniji: tliet rapporti: Rilevanza politika u implikazzjonijiet għal sħarriġiet fil-futur; Djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa; il-prattiki tal-HRM u l-prestazzjoni tal-persunal; it-tnejn tat-tielet edizzjoni tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kumpaniji (2013). |

Impjiegi u kompetittività

- Osservatorju Ewropew ta' Ristrutturar: Rapport tal-ERM 2012 – Wara r-ristrutturar: is-swieq tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sodisfazzjon tal-ħajja.
- Rapporti dwar il-NEETs – Żgħażaġħ mhux fl-Impjeg, edukazzjoni jew taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u reazzjonijiet politika fl-Ewropa u dwar l-Effettività ta' miżuri ta' politika biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-impjeg taż-żgħażaġh.
- Rapport dwar "Xejriet tal-impjeg u politiki għal ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien fir-riċessjoni" u studji tal-każijiet.
- Rapport: it-tieni fażi ta' flessigurtà: analiżi ta' prattiki u politiki fl-Istati Membri.
- Ristrutturar tad-database tal-leġiżlazzjoni.

Relazzjonijiet industrijali u żviluppi fuq il-post tax-xogħol

- Relazzjonijiet industrijali u żviluppi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa 2011.
- Organizzazzjoni tax-xogħol u innovazzjoni.
- Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol: Implikazzjonijiet għall-produttività u l-kundizzjonijiet tax-xogħol – Rapport ta' Ħarsa Ġenerali.
- Kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-bejgħ bl-imnut.
- Djalogu soċjali fi żminijiet ta' kriżi ekonomika globali.
- Flessigurtà: Azzjonijiet fil-Livell ta' Kumpaniji.

Koeżjoni soċjali u kwalità tal-ħajja

- Inklużjoni attiva taż-żgħażaġh b'diżabilità jew problemi ta' saħħa.
- Introjtu minn xogħol wara l-irtirar fl-UE.
- Appoġġ għat-trobbija tat-tfal fl-Ewropa.
- Mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-UE: L-impatt ta' migrazzjoni lura.
- Servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn ta' unitajiet domestiċi fl-Unjoni Ewropea.

Komunikazzjoni u kondiviżjoni ta' ideat u esperjenza

- 94 238 tniżżil ta'rapporti mill-websajt tal-Eurofound. 2 118 666 żjara minn utenti.
- 86 163 pubblikazzjoni stampati disseminatai 932 pubblikazzjoni ġdida fuq il-websajt u stampati.
- 21 attività tal-midja laħqu aktar minn 92 miljun ċittadin Ewropew u rriżultaw f'269 mistoqsija mill-ġurnalisti u aktar minn 1 460 kwotazzjoni fil-midja Ewropea.
- 1 178 kuntatt u laqgħat ta' informazzjoni ma' dawk li jfasslu l-politika fil-livell Ewropew.
- 204 dokumenti ta' politika tal-UE li jikkwotaw referenzi li jkunu saru għas-sejbiet u l-għarfien espert tal-Eurofound.
- 39 wirja u 32 żjara lill-Eurofound, li kkonstew f'99 viżitatur.

IT-TWEĠIBA TAL-EUROFOUND

11. Il-kumment tal-Qorti jintlaqa' b'sodisfazzjon minħabba li jikkonferma n-natura multiannwali tal-biċċa l-kbira tal-proġetti ta' riċerka tal-Eurofound. L-Eurofound ser tkompli tagħmel skrutinju tar-riport tal-approprjazzjonijiet impenjati billi kull sena, tistabbilixxi ammont ta' approprjazzjonijiet li għandhom jiġu riportati abbażi tal-programm ta' ħidma annwali tagħha ('riporti pplanati') u tqabblu mal-ammont mhux ippjanat minħabba dewmien jew bidliet fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' ħidma ('riporti mhux ippjanati').

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Eurojust

(2013/C 365/32)

INTRODUZZJONI

1. L-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Eurojust"), li tinsab fl-Aja, ġiet stabbilita bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA ⁽¹⁾ bi ħsieb li tiit-tejeb il-għlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. L-għan tagħha hu li ttejjeb il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet transkonfinali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u bejn l-Istati Membri u l-Istati mhux Membri ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Eurojust. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali ta' Eurojust, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali ta' Eurojust u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali ta' Eurojust jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Eurojust wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Eurojust fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu

⁽¹⁾ ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Eurojust. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Eurojust ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-twertiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejjja u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Eurojust jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENT DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. Kuntratt qafas għal servizzi tas-sigurtà ġie ffirmat fl-2008 u emendat fl-2009. Il-formola emendata għall-kalkolu tal-prezzijiet żidithom progressivament sa 22 %, filwaqt li l-kuntratt qafas oriġinali kien ippreveda għal żieda massima ta' 4 %. Iż-żieda totali fil-prezzijiet 'il fuq mil-limitu ta' 4 % ammontat għal madwar EUR 440 000 għall-perjodu 2008 sal-2012, li minnhom tħallsu madwar EUR 68 000 fl-2012. Żieda sinifikanti bħal din tista' ddgħajef it-trasparenza u l-ġustizzja tal-proċedura inizjali ta' akkwist u tfixkel il-kompetizzjoni.

KUMMENTI OĦRA

12. Hemm lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Ma kien hemm ebda evidenza li l-mistoqsijiet għat-testijiet u l-intervisti ġew stabbiliti qabel l-eżaminar tal-applikazzjonijiet mill-Bord tal-Għażla u ma hemm ebda evidenza li l-ponderazzjoni bejn it-testijiet bil-miktub u l-intervisti ġiet iffissata qabel l-iskrinjar tal-kandidati.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Annex I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeġja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Il-livell għoli ta' ammonti riportati huwa għal darb' oħra eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Fir-rapport għas-sena finanzjarja 2010, il-Qorti nnutat li kien hemm skop biex tiġi kkunsidrata mill-ġdid id-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi bejn id-Direttur u l-Kulleġġ tal-Eurojust sabiex ir-responsabbiltajiet, li bħalissa jirriżultaw mir-Regolament Fondatur ⁽¹⁾ , ma jikkonċidux. Ma ttieħdet l-ebda miżura korrettiva fl-2011. | Għadha għaddeġja |
| 2011 | Il-Eurojust għadha ma adottatx ir-Regoli ta' Implimentazzjoni kollha tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽²⁾ . | Għadha għaddeġja |
| 2011 | Il-Qorti reġġet identifikat nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ. F'diversi każijiet, il-kompożizzjoni tal-bordijiet tal-għażla ma kinitx għal kollox konformi mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal: mhux il-membri kollha tal-bord tal-għażla kellhom il-grad tal-persunal minimu meħtieġ. F'waħda mill-proċeduri tal-għażla, il-President tal-Bord kien superjur ġerarkiku dirett tal-uniku kandidat li ġie mistieden għall-intervista u li ntgħażel għall-post. | Ikkompletata |

⁽¹⁾ L-Artikoli 28, 29, 30 u 36 tad-Deċiżjoni 2002/187/JHA, kif emendata bid-Deċiżjonijiet 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 44) u 2009/426/ĠAI (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

⁽²⁾ Ir-regoli ta' implimentazzjoni huma nieqsa għall-oqsma: "Riklassifikazzjoni", "Inkjesti amministrattivi u proċedimenti dixxiplinari", "Xogħol part-time", "Taqsim ta' xogħol (Job Sharing)", "Maniġment intermedju", "Okkupazzjoni temporanja ta' postijiet maniġerjali", "Evalwazzjoni ta' Uffiċjal Anzjan", "Rtirar kmieni mingħajr tnaqqis mid-drittijiet għall-pensjoni", "Liv", "Kumitat tal-Persunal" u "Gwida dwar il-missjonijiet."

ANNEX II

Eurojust (L-Aja)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 85 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Il-missjoni tal-Eurojust għandha tkun (hija) li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja transkonfinali li tolqot lill-Unjoni Ewropea.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Eurojust</p> <p>(kif definiti fl-Artikoli 3, 5, 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/659/JHA u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust</p> <p>Fil-kuntest ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet, li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar, ta' imġieba kriminali msemmija fl-Artikolu 4 rigward il-kriminalità serja, partikolarment meta hi organizzata, l-għanijiet tal-Eurojust għandhom ikunu li:</p> <p>(a) tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri, waqt li tiġi kunsidrata kull talba li toħroġ mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru u kull informazzjoni mogħtija minn korp kompetenti fis-sens tad-dispożizzjonijiet adottati fil-qafas tat-Trattati;</p> <p>(b) ittejjeb kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari li tiġi faċilitata l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal, u deċiżjonijiet dwar kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar strumenti li jagħtu effett lill-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku;</p> <p>(c) tappoġġa altrimenti l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom.</p> <p>Funzjonijiet</p> <p>L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust</p> <p>1. Biex il-Eurojust tilħaq l-għanijiet tagħha, il-Eurojust għandha ttwettaq il-funzjonijiet tagħha:</p> <p>(a) permezz ta' wieħed jew aktar membri nazzjonali konċernati skont l-Artikolu 6, jew</p> <p>(b) bħala Kulleġġ skont l-Artikolu 7:</p> <p>(i) meta mitluba hekk minn wieħed jew aktar membri nazzjonali konċernati b'każ ittrattat minn Eurojust, jew</p> <p>(ii) meta l-każ jinvolvi investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet li għandhom riperkussjonijiet fil-livell tal-Unjoni jew li jistgħu jolqtu Stati Membri għajr dawk li huma direttament konċernati, jew</p> <p>(iii) meta hi involuta kwistjoni ġenerali relatata mal-kisba tal-għanijiet tagħha, jew</p> <p>(iv) meta altrimenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.</p> <p>2. Meta ttwettaq il-funzjonijiet tagħha, il-Eurojust għandha tindika jekk hijiex tagħxi permezz ta' wieħed jew aktar membri nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 6 jew bħala Kulleġġ fis-sens tal-Artikolu 7.</p> |

L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust

1. Meta l-Eurojust taġixxi permezz tal-membri nazzjonali kkonċernati tagħha, hi:
- (a) tista' titlob, filwaqt li tagħti raġunijiet, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati sabiex:
 - (i) iwettqu investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi,
 - (ii) jaċċettaw li waħda minnhom tista' tkun f'pożizzjoni aħjar li twettaq investigazzjoni jew li tħarrek atti speċifiċi,
 - (iii) jikkoordinaw bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati,
 - (iv) jistabbilixxu skwadra investigattiva konġunta bl-istrumenti rilevanti ta' kooperazzjoni,
 - (v) jipprovduha b'kull informazzjoni li tkun neċessarja biex taqdi l-funzjonijiet tagħha,
 - (vi) jieħdu miżuri speċjali ta' investigazzjoni,
 - (vii) jieħdu kull miżura oħra ġustifikata għall-investigazzjoni jew prosekuzzjoni;
 - (b) għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jinformat lil xulxin b'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li ġiet informata bihom;
 - (c) għandha tgħin l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fuq talba tagħhom, biex tiżgura l-aħjar kooperazzjoni possibbli f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet;
 - (d) għandha tagħti għajnuna biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
 - (e) għandha tikkooopera u tikkonsulta man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, billi tuża u tagħti kontribut għat-titjib tal-bażi ta' informazzjoni dokumentata;
 - (f) għandha, fil-każijiet imniżżla fl-Artikolu 3(2) u (3) u bi ftehim mal-Kulleġġ, tgħin f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet dwar l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed biss.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirre-aġixxu mingħajr dewmien iġustifikabbli għal talbiet magħmulin taħt dan l-Artikolu.

L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust

1. Meta l-Eurojust taġixxi b'halha Kulleġġ:
- (a) tista', għall-forom ta' kriminalità u offiżi msemmija fl-Artikolu 4(1) issaqsi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, waqt li tagħti r-raġunijiet tagħha:
 - (i) biex jibdew investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi,
 - (ii) biex jaċċettaw li waħda minnhom tista' tkun f'pożizzjoni aħjar li tibda investigazzjoni jew biex tħarrek atti speċifiċi,
 - (iii) biex jikkoordinaw bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati,
 - (iv) biex jistabbilixxu grupp ta' investigazzjoni konġunt b'konformità mal-istrumenti rilevanti ta' kooperazzjoni,

| | |
|--|---|
| | <p>(v) biex jipprovduha b'kull informazzjoni neċessarja għal qadi tal-funzjonijiet tagħha;</p> <p>(b) għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jinformat lil xulxin bl-investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li ġew informati dwarhom u li għandhom riperkussjonijiet fuq livell tal-Unjoni jew li jistgħu jaffettwaw Stati Membri għajr dawk li huma direttament ikkonċernati;</p> <p>(c) għandha tassisti l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fuq talba tagħhom, biex tiżgura l-aħjar kooperazzjoni possibbli f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet;</p> <p>(d) għandha tagħti għajnuna biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari dwar l-analiżi tal-Europol;</p> <p>(e) għandha tikkooopera u tikkonsulta man-Netwerks Ġudizzjarji Ewropej, li tinkludi tagħmel użu minn u tikkontribwixxi għat-titjib tal-bażi ta' informazzjoni dokumentarja;</p> <p>(f) tista' tassisti lill-Europol, b'mod partikolari billi tipprovdiha b'opinjonijiet ibbażati fuq analiżi (analiżijiet) magħmula minn Europol;</p> <p>(g) tista' tagħti appoġġ loġistiku f'każijiet imsemmija fil-punti (a), (c) u (d) hawn fuq. Dan l-appoġġ loġistiku jista' jinkludi għajnuna għal traduzzjoni, interpretazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' koordinazzjoni.</p> <p>2. Fejn żewġ membri nazzjonali jew aktar ma jistgħux jaqblu dwar kif isolvu każ ta' konflitt ta' ġurisdizzjoni fir-rigward it-teħid ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1)(c), il-Kulleġġ għandu jintalab jagħti opinjoni mhux vinkolanti bil-miktub dwar il-każ, dment li l-każ ma kienx jista' jiġi solvut permezz ta' qbil reċiproku bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti konċernati. L-opinjoni tal-Kulleġġ għandha tintbagħat minnufih lill-Istati Membri konċernati. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1(a)(ii).</p> <p>3. Minkejja d-dispożizzjonijiet li jinsabu fi kwalunkwe strument adottat mill-Unjoni Ewropea rigward il-koperazzjoni ġudizzjarja, awtorità kompetenti tista' tirrapporta lill-Eurojust ċaħdiet rikorrenti jew diffikultajiet li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal, u deċiżjonijiet dwar, kooperazzjoni ġudizzjarja inkluż dwar strumenti li jagħtu effett lill-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku, u titlob lill-Kulleġġ sabiex joħroġ opinjoni mhux vinkolanti bil-miktub dwar il-kwistjoni, dment li din ma tkunx tista' tiġi solvuta permezz ta' qbil reċiproku bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew permezz tal-involviment tal-membri nazzjonali konċernati. L-opinjoni tal-Kulleġġ għandha tintbagħat minnufih lill-Istati Membri konċernati.</p> |
| <p>Tmexxija</p> <p>(L-Artikoli 2, 9, 23, 28, 29 u 36 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust 2002/187/JHA; L-Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust)</p> | <p>Kulleġġ</p> <p>Il-Kulleġġ huwa responsabbli mill-organizzazzjoni u l-operat tal-Eurojust. Il-Kulleġġ huwa magħmul minn Membri Nazzjonali li huma sekondati minn kull Stat Membru konformement mas-sistema ġuridika tiegħu u li huma prosekuturi, imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija ta' kompetenza ekwivalenti. Il-Kulleġġ għandu jaħtar lill-President tiegħu mill-Membri Nazzjonali.</p> <p>Direttur</p> <p>Id-Direttur Amministrattiv jinħatar mill-Kulleġġ b'magħgoranza ta' 2/3.</p> <p>Il-Korp Konġunt ta' Sorveljanza</p> <p>Jissorvelja l-ipproċessar tad-data personali.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'magħgoranza kwalifikata.</p> |

| | |
|--|--|
| Riżorsi disponibbli għall-Eurojust fl-2012 (2011) | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 33,3 (31,4) miljun inkluż id-dħul assenjat</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Membri Nazzjonali: 27 (li minnhom 2 huma bbażati fl-Istati Membri) (27, li minnhom 1 huwa bbażat fl-Istat Membru)</p> <p>Deputati Membri Nazzjonali: 17 (li minnhom 10 huma bbażati fl-Istati Membri) (16, li minnhom 6 huma bbażati fl-Istati Membri)</p> <p>Assistenti għall-Membri Nazzjonali: 22 (li minnhom 11 huma bbażati fl-Istati Membri) (20, li minnhom 8 huma bbażati fl-Istati Membri)</p> <p>Persunal temporanju: 188 (167)</p> <p>Persunal kuntrattwali: 29 (43)</p> <p>Esperti Nazzjonali Sekondati: 18 (17)</p> |
| Prodotti u servizzi fl-2012 (2011) | <p>Għadd ta' laqgħat ta' koordinazzjoni: 194 (204)</p> <p>Għadd totali ta' każijiet: 1 533 (1 441)</p> <p>Frodi: 382 (575); 12,2 % (39 %) ⁽¹⁾</p> <p>Traffikar ta' droga: 263 (242); 8,4 % (16 %) ⁽¹⁾</p> <p>Terroriżmu: 32 (27); 1,03 % (1 %) ⁽¹⁾</p> <p>Omiċidju: 89 (88); 2,8 % (6 %) ⁽¹⁾</p> <p>Traffikar ta' persuni: 60 (79); 1,9 % (5 %) ⁽¹⁾</p> |

⁽¹⁾ Il-lista ta' delitti użata għall-klassifikazzjoni tal-każijiet ġiet immodifikata u rfinuta fl-2012 u l-kategoriji użati issa huma aktar dettaljati, li jispjega t-tnaqqis f'ċertu oqsma anke jekk l-għadd totali ta' każijiet ogħla b' 6,4 %. Il-perċentwali mhumiex relatati mal-għadd ta' każijiet (każ wieħed jista' jkun relatat ma' bosta tipi ta' delitti) imma jirrelataw mat-tipi ta' delitti użati.
Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Eurojust.

IT-TWEĠIBIET TAL-EUROJUST

11. Eurojust taċċetta l-fatt li ż-żieda fil-prezz retroattiv fuq dak li huwa miftiehem fil-kuntratt jista jimmina t-trasparenza u l-ekwità tal-proċedura tal-akkwist inizjali u jxekkel l-kompetizzjoni. Iż-żieda fil-każ inkwistjoni kienet ibbażat fuq bidliet fil-Ftehim Kollettiv tax-Xogħol Olandiżi u għalhekk kienu affettwati l-kompetituri l-oħrajn kollha li joffru s-servizzi tagħhom fit-territorju tal-Olanda ugwalment.

12. Eurojust taċċetta l-kumment u diġà implimentat il-gwida tal-Qorti.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju

(2013/C 365/33)

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju", magħruf ukoll bħala l-"Europol"), li jinsab fl-Aja, ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (2009/371/ĠAI) ⁽¹⁾. L-objettiv tal-Uffiċċju hu li jappoġġa u jsaħħaħ l-azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħra ta' infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni reċiproka biex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u forom ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Uffiċċju. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Uffiċċju fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet

⁽¹⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Uffiċċju. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex ttiprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. L-Uffiċċju rriporta EUR 1,2 miljun għal tibdil fil-bini tal-Uffiċċju marbut mal-istabbiliment taċ-ċentru Ewropew taċ-ċiberkriminalità. Filwaqt li qabel dwar dawn it-tibdiliet mal-istat ospitanti f'Lulju 2012, il-kuntratt għax-xogħlijiet meħtieġa ġie ffirmat biss f'April 2013. Barra minn hekk, l-Europol irriportat EUR 0,1 miljun relatati mal-introduzzjoni ta' sistema ġdida tal-HR. Il-kuntratt skada fi tmiem is-sena u ma ġiex estiż. Iż-żewġ riporti ma kkorrispondewx mal-impenji legali mwettqa fi tmiem is-sena u għalhekk kienu irregolari.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. L-Uffiċċju ma jitolb b'mod regolari informazzjoni aġġornata mill-persunal dwar l-ammont ta' benefiċċju għat-tfal irċevut minn sorsi oħra. B'konsegwenza ta' dan, instab għadd ta' każijiet fejn il-benefiċċju għat-tfal ma ġiex imnaqqas kif suppost u kull ammont imħallas żejjed għandu jiġi rkuprat.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

13. Impenji li jammontaw għal EUR 2,6 miljun (minn EUR 15 miljun) li ġew riportati mill-2011 kellhom jiġu kkanċellati fl-2012, billi dawn kienu jeċċedu l-ħtiġijiet reali.

14. L-Uffiċċju rriporta EUR 16,3 miljun tal-appropriazzjonijiet impenjati (19,64 % tat-total tal-appropriazzjonijiet impenjati) għall-2013. Dawn l-ammonti riportati jikkonċernaw prinċipalment it-Titolu II – nefqa amministrattiva oħra – (EUR 4,2 miljun) u t-Titolu III – attivitajiet operazzjonali – (EUR 11,2 miljun) u huma marbuta fil-biċċa l-kbira mal-kompitu l-ġdid assenjat lill-Europol f'Ġunju 2012 tat-tmexxija taċ-ċentru Ewropew taċ-ċiberkriminalità. L-implimentazzjoni ta' dan il-kompitu rriżultat f'impenji baġitarji sinifikanti mwettqa lejn tmiem is-sena u affettwat l-ammont riportat għall-2013.

15. L-Uffiċċju wettaq 19-il trasferiment baġitarju li jammontaw għal EUR 4,5 miljun li jaffettwaw 82 mill-115-il linja baġitarja. Huma twettqu prinċipalment biex jinxtara t-tagħmir tal-IT għaċ-ċentru Ewropew taċ-ċiberkriminalità.

KUMMENTI OĦRA

16. Il-proċeduri ta' reklutaġġ eżaminati wrew in-nuqqasijiet li ġejjin: mistoqsijiet għal-testijiet bil-miktub u intervisti ġew stabbiliti wara li l-applikazzjonijiet ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; ma kien hemm l-ebda evidenza li l-ponderazzjoni tal-kriterji tal-għażla użati għall-elenkar qasir ġiet stabbilita qabel l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet; il-bordijiet tal-għażla ma ddokumentawx b'mod xieraq il-laqgħat u d-deċiżjonijiet kollha tagħhom.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

17. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri
Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Ir-riport għoli u r-rati ta' kanċellazzjoni kif ukoll l-għadd għoli ta' trasferimenti tal-baġit li saru fl-2011 jindikaw diffikultajiet fl-ippjanar u/jew fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Uffiċċju. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-livell ta' pagamenti għall-impenji kien baxx, b'34 % għat-Titolu II u 45 % għat-Titolu III u jmur kontra l-prinċipju baġitarju ta' annwalità. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-proċeduri li jikkonċernaw l-istabbiliment, l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' eċċezzjonijiet u devjazzjonijiet minn politiki u proċeduri ma ġewx adottati. Ġew irreġistrati eċċezzjonijiet u devjazzjonijiet għal 7 % tal-pagamenti tal-2011. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Is-sistema ta' kontabbiltà għadha ma ġietx invalidata għal kollox mill-Uffiċċjal tal-Kontabbiltà. Proċessi ewlenin bħall-għeluq tal-aħħar tas-sena u l-istabbiliment tad-drittijiet finanzjarji tal-persunal għadhom mhumiex koperti. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Instabu dgħufijiet fir-rigward tal-verifikazzjoni fiżika u r-reġistrazzjoni tal-assi qabel u wara ċ-ċaqliq lejn il-kwartieri l-ġodda. Barra minn hekk, il-kuntratti ta' assigurazzjoni ma jirriflettux il-valur tal-assi tal-Uffiċċju. Filwaqt li, qabel sar iċ-ċaqliq, l-assi netti kienu assigurati b'mod eċċessiv b'madwar EUR 17-il miljun, bħalissa huma assigurati b'mod insuffiċjenti b'madwar EUR 21 miljun. | Inventarju fiżiku: Għadha għaddejja Kopertura tal-assigurazzjoni: Ikkompletata |
| 2011 | Hemm lok għal titjib konsiderevoli fit-tħejjija, l-eżekuzzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist. | Ikkompletata |
| 2011 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-Uffiċċju jirreferi għal regoli u proċeduri dettaljati stipulati fir-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. Madankollu, dawn għadhom ma ġewx adottati. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt bejn l-Uffiċċju u l-pajjiż ospitanti dwar l-użu tal-kwartieri l-ġodda ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni dwar l-ispejjeż għat-tiswijiet meħtieġa ⁽¹⁾ . Madankollu, l-Anness IV tal-kuntratt tal-kera jstipula li l-Uffiċċju se jkollu jneħħi għadd sinifikanti ta' oġġetti meta jagħlaq il-kuntratt. M'hemmx stima tal-ispiża relatata u ma ġie rreġistrat l-ebda provvediment għal dan fil-kontijiet. | Ikkompletata |
| 2011 | Hemm lok għal titjib konsiderevoli fit-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ: il-mistoqsijiet għal testijiet bil-kitba u intervisti ġew iffissati wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; il-marki minimi biex wieħed jiġi ammess għat-testijiet bil-kitba u l-intervisti u biex jiġi inkluż fil-lista ta' kandidati xierqa ma ġewx iffissati; il-bordijiet tal-għażla ma żammewx noti bil-miktub tal-laqgħat u tad-deċiżjonijiet kollha tagħhom. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Skont ir-Regoli tal-Persunal tal-UE, jista' jsir trasferiment ta' mhux iktar minn 12-il jum liv annwali li ma jkunx ittieded, għas-sena ta' wara. Jista' jsir trasferiment ta' iktar jiem f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Madankollu, l-Uffiċċju aċċetta trasferimenti ta' iktar minn 12-il jum għal madwar 25 % tal-impjegati tiegħu li huma madwar 500. | Ikkompletata |

⁽¹⁾ L-ispiża biex wieħed ireġġa' lura l-bini fl-istat inizjali tiegħu meta jagħlaq il-kuntratt tal-kera.

ANNEX II

Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (L-Aja)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>“Il-missjoni tal-Europol għandha tkun li tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni tal-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri kif ukoll il-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tolqot lil żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni”.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Uffiċċju</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371 /ĠAI li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (DKE))</p> | <p>Kompetenza</p> <p>Il-kompetenza tal-Europol għandha tkopri l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja li jolqtu żewġ Stati Membri jew aktar b'tali mod li jkun meħtieġ approċċ komuni mill-Istati Membri minħabba l-iskala, l-importanza u l-konsegwenzi tar-reati.</p> <p>Il-kompetenza tal-Europol għandha tkopri wkoll reati kriminali relatati kif imfissra fl-Artikolu 4(3) DKE.</p> <p>Kompiti prinċipali</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jiġbor, jikkonserva, jipproċessa, janalizza u jiskambja informazzjoni u intelligence; — li jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mingħajr dewmien permezz tal-unità nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 b'informazzjoni li tikkonċernahom u b'kull konnessjoni identifikata bejn reati kriminali; — li jgħin fl-investigazzjonijiet fl-Istati Membri, b'mod partikolari billi jgħaddi l-informazzjoni rilevanti kollha lill-unitajiet nazzjonali; — li jitlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati jniedu, iwettqu jew jikkordinaw investigazzjonijiet u jissuġġerixxi l-ħolqien ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti f'każijiet speċifiċi; — li jipprovdi intelligence u appoġġ analitiku lill-Istati Membri f'konnessjoni ma' avvenimenti internazzjonali maġġuri; — li jħejji stimi ta' theddid, analiżi strateġika u rapporti ġenerali ta' sitwazzjoni relatati mal-oġġettiv tiegħu, inklużi stimi ta' theddid ta' kriminalità organizzata. — li jagħti appoġġ lill-Istati Membri fil-kompiti tagħhom ta' ġbir u analiżi ta' informazzjoni mill-Internet biex tingħata assistenza fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet kriminali li jiġu ffaċilitati jew imwettqa permezz tal-Internet. <p>Kompiti addizzjonali</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jiżviluppa konnoxxenza speċjalizzata tal-proċeduri investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u jipprovdi parir dwar l-investigazzjonijiet; — li jipprovdi intelligence strateġika li tassisti u tippromwovi l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għal attivitajiet operattivi u appoġġ għal tali attivitajiet. <p>Addizzjonalment, jassisti lill-Istati Membri permezz ta' appoġġ, pariri u riċerka fl-oqsma li ġejjin</p> <ul style="list-style-type: none"> — It-taħriġ ta' membri tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija; — l-organizzazzjoni u t-tagħmir ta' dawk l-awtoritajiet billi jiġi ffaċilitat il-forniment ta' appoġġ tekniku bejn l-Istati Membri; |

| | |
|----------|---|
| | <p>— metodi ta' prevenzjoni tal-kriminalità;</p> <p>— metodi u analiżi tekniċi u forensiċi, u proċeduri investigattivi.</p> <p>U l-Europol għandu jaġixxi wkoll bħala l-Uffiċċju Ċentrali għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/511/ĠAI tat-12 ta' Lulju 2005 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni, permezz tan-nomina tal-Europol bħala l-Uffiċċju Ċentrali għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro.</p> <p>L-Europol għandu jipproċessa u jittrasferixxi <i>data</i> ta' messaġġi finanzjarji skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' <i>Data</i> dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti għall-finijiet tal-"Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu" (TFTP).</p> <p>U l-Europol għandu jkompli bl-isforzi biex jistabbilixxi l-Uffiċċju ta' Informazzjoni ta' Prüm sabiex jappoġġa l-applikazzjoni ta' kuljum tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm".</p> <p>U l-Europol għandu jospita ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u jaġixxi bħala l-punt fokali fil-ġlieda tal-Ewropa kontra ċ-ċiberkriminalità b'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew Parliament COM(2012) 140 finali tat-28 ta' Marzu 2012 "Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità f'din l-Era Diġitali tagħna: Il-Ħolqien ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità".</p> |
| Tmexxija | <p>Bord ta' Amministrazzjoni</p> <p>Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u minn rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni.</p> <p>Direttur</p> <p>— Maħtur mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, minn lista ta' mill-anqas tliet kandidati ppreżentati mill-Bord ta' Amministrazzjoni, għal perjodu ta' erba' snin (il-mandat jista' jiġi estiż għal darba u għal mhux aktar minn erba' snin).</p> <p>— Assitit minn tliet Viċi Diretturi maħturin għal perjodu ta' erba' snin li jista' jiġġedded darba.</p> <p>— Imexxi l-Europol u jaġhti kont lill-Bord ta' Amministrazzjoni fir-rigward tad-twettiq tad-doveri tiegħu.</p> <p>— Hu r-rappreżentant legali tal-Europol.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>— Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>— Uffiċċju tal-Awditjar Intern (IAF).</p> <p>Protezzjoni tad-Data and s-salvagwardja ta' drittijiet personali</p> <p>— L-Awtorità ta' Kontroll Komuni (JSB);</p> <p>— L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) – funzjonalment indipendenti, assoċjat mal-organizzazzjoni diretta (stabbilit abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, filwaqt li jieħu kont ta' rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.</p> |

| | |
|---|--|
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit finali 2012</p> <p>EUR 84,2 (84,8) miljun</p> <p>Persunal fl-2012</p> <ul style="list-style-type: none"> — Persunal temporanju: 457 (457) fit-tabella tal-persunal. L-għadd reali fil-31.12.2012 = 434 — Esperti Nazzjonali Sekondati: 37 (32) (l-għadd reali ta' tmiem is-sena) — Persunal kuntrattwali: 94 (86) (l-għadd reali ta' tmiem is-sena) |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>Europol bħala ċ-ċentru prinċipali ta' appoġġ tal-UE għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi</p> <p>L-appoġġ operazzjonali għal operazzjonijiet u l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK) jinkludu: proċessar ta' <i>data</i>, rapporti dwar il-komparabbiltà reċiproka, notifika dwar reati, appoġġ u kompetenza teknika/forensika, missjonijiet mobbli tal-uffiċċju mobbli, rapporti ta' analiżi, koordinazzjoni operazzjonali fil-Kwartieri Ġenerali tal-Europol, laqgħat operazzjonali, assistenza finanzjarja eċċ. Kien hemm żieda sostanzjali fl-ammont ta' appoġġ operazzjonali pprovdut lill-Istati Membri li jikkonferma tendenza evidenti fis-snin preċedenti lejn żieda fit-talba għas-servizzi kollha tal-Europol:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 15 949 każ transkonfinali appoġġati, żieda ta' 16 % matul l-2011 (13 697); — 645 investigazzjoni fl-Istati Membri mibdija jew or appoġġati b'mod attiv mill-Europol li jiffokaw fuq żoni prijoritizzati ta' kriminalità; — 1 429 rapport dwar il-komparabbiltà reċiproka prodotti meta mqabbla ma' 984 fl-2011 (żieda ta' 45 %); — 712-il rapport ta' analiżi operazzjonali mwassla meta mqabbla ma' 340 fl-2011 (żieda ta' 109 %); — l-investigatur(i) ewlenin tal-operazzjonijiet fl-Istati Membri u l-esperti tal-Istati Membri esprimew livell għoli ta' sodisfazzjon għall-analiżi u l-appoġġ operazzjonali mogħti mill-Europol. — l-Europol appoġġat finanzjarjament 208 laqgħa operazzjonali u 30 laqgħa tal-EMPACT; — EUR 30 investigazzjonijiet dwar il-falsifikazzjoni kienu appoġġati finanzjarjament mill-Europol; — l-Europol appoġġa 30 (17-il) Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta bħala membru sħiħ. — implimentazzjoni tal-Artikoli 4, 9, 10 dwar il-ftehim tat-TFTP bl-ipproċessar tat-talbiet kollha tal-Istati Uniti relatati u ta' informazzjoni. <p>Kapaċità ta' analiżi strateġika</p> <p>Prodotti strateġiċi: Valutazzjonijiet ta' Theddid, Rapportji dwar is-Sitwazzjoni u Notifiki dwar l-Intelligence:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 14-il rapport strateġiku dwar il-kriminalità organizzata u 6 rapporti strateġiċi dwar it-terroriżmu kienu prodotti eż. Valutazzjoni ta' theddid fuq il-pajjiżi Balkani tal-Punent, rapport dwar is-sitwazzjoni ta' gruppi tal-kriminalità organizzata itineranti, TE-SAT, rapport dwar l-iffinanzjar kriminali tat-terroriżmu u diversi notifiki ta' theddid dwar skens ta' kriminalità organizzata (OC-SCAN). <p>Europol bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-UE</p> <p>Il-kapaċitajiet ta' amministrazzjoni tal-informazzjoni, l-Applikazzjoni ta' Network Sikur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (SIENA), is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS), in-Netwerk tal-Uffiċċji ta' Kollegament.</p> <ul style="list-style-type: none"> — B'kollox, 414 334 messaġġi operazzjonali ġew skambjati permezz tas-SIENA bejn l-Europol, l-Istati Membri u l-Pajjiżi Terzi, żieda ta' 25 % meta mqabbla mal-2011 (330 633). |

- Fi tmiem l-2012, 65 % (53 %) tal-messaġġi kollha tas-SIENA kienu kondiviżi mal-Europol.
- L-EIS kien fiha 186 896 (183 240) oġġett fl-aħħar tal-2012 b'żieda fil-poporzjon tal-oġġetti tal-persuni (l-aktar importanti u oġġetti ta' valur mill-perspettiva tal-infurzar tal-liġi).
- Sa tmiem l-2011, 19-il Uffiċċju nazzjonali tal-Istati Membri għall-Irkupru tal-Attivi ġew ikkollegati mas-SIENA.
- Netwerk uniku ta' kważi 150 uffiċjal ta' kollegament jiżguraw konnessjoni attiva bejn il-kwartieri ġenerali tal-Europol f' LAja u 27 Unità Nazzjonali tal-Europol fl-ibliet kapitali nazzjonali tal-Istati Membri. Huma jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u jipprovdu appoġġ u koordinazzjoni għal investigazzjonijiet li għadhom għaddeja. L-Europol jospita wkoll uffiċjali ta' kollegament minn 10 pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet li jaħdmu flimkien mal-Europol abbażi ta' ftehim ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, l-Europol issekonda żewġ uffiċjali ta' kollegament għal Washington (l-Istati Uniti) u wieħed għall-kwartieri ġenerali tal-Interpol f'Lyon (Franza).

Europol bħala ċ-ċentru tal-UE għall-għarfien espert tal-infurzar tal-liġi

Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE), Pjattaformi għall-iskambju ta' *data* u soluzzjonijiet ta' ħażna, Prodotti u servizzi ta' għarfien, Təhriġ, Konferenzi u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni:

- 28 żoni esperti koperti mill-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti inklużi 2 663 kontijiet attivi (12-il pjattaforma u 500 utent fi tmiem l-2011);
- il-kapaċità taċ-ċiberkriminalità saħħet aktar u kompliet tħejji biex tospita ċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità (EC3) fl-Europol minn Jannar 2013;
- l-Uffiċċju ta' Informazzjoni ta' Prüm ġie stabbilit fl-2012 u ġie operazzjonali għal kollox mill-1 ta' April 2012;
- l-Europol appoġġat l-għoti ta' 55 korsijiet ta' təhriġ (organizzati mill-Europol, is-CEPOL jew l-Istati Membri);
- il-Konferenza annwali Ewropea tal-Pulizija fuq skala kbira kienet organizzata fil-Kwartieri Ġenerali Nazzjonali tal-Europol.

Relazzjonijiet esterni

L-Europol jikkoopera ma' għadd ta' msieħba fl-UE, u ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. L-iskambju ta' informazzjoni ma' dawn l-imsieħba jseħħ fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Ftehimiet strateġiċi jippermettu liż-żewġ partijiet involuti jiskambjaw l-informazzjoni kollha għajr id-*data* personali, filwaqt li ftehimiet operazzjonali wkoll jippermettu l-iskambju ta' *data* personali.

- 20 ftehimiet strateġiċi and 11-il ftehim operazzjonali stabbiliti fi tmiem l-2012 (18-il pajjiż mhux tal-UE, 10 korpi u aġenziji tal-UE u tliet organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inkluża l-Interpol).
- L-iskambju ta' informazzjoni ma' msieħba esterni (8 547) żdied b'29 % meta mqabbel mal-2011 (6 608).
- B'kollox 13-il imsieħeb ta' kooperazzjoni internazzjonali għandhom aċċess dirett għas-SIENA (disa' aktar milli fl-2011).

IT-TWEGĠBIET TAL-UFFIĊĊJU

11. Meta wieħed iqis l-impenji tal-baġit inkwistjoni, l-Europol aġixxa b'rieda tajba, fil-fehim li fiż-żewġ każijiet ġie stabbilit impenn legali.

Ser jittieħdu miżuri addizzjonali biex jitħejja u jiġi vvalutat is-sodisfazzjon ta' rekwiżiti tekniċi għar-riporti "awtomatiċi" fil-ħin qabel tmiem is-sena tal-baġit ikkonċernat. Jekk ikun meħtieġ, riporti "mhux awtomatiċi" ser jiġu proposti għal approvazzjoni mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol.

12. Ittieħdu miżuri korrettivi wara l-validazzjoni tal-Europol tal-informazzjoni u l-proċessi relatati mar-riżorsi umani għas-sena finanzjarja 2012. Mill-bidu tal-2013, l-Europol ifakkar lill-membri kollha tal-persunal kull xahar, meta joħroġ id-dikjarazzjonijiet tas-salarju tagħhom, dwar l-obbligu tagħhom biex jinnotifikaw l-Europol dwar kwalunkwe bidliet għas-sitwazzjoni personali. Il-każijiet imsemmija mill-QEA ma kellhomx impatt materjali.

13. Il-kanċellazzjonijiet huma fil-biċċa l-kbira relatati ma' impenji għall-kwartieri ġenerali l-ġodda (EUR 1,1 Miljun). Sa tmiem l-2011, l-Europol ma kellux wisq esperjenza dwar spejjeż relatati mal-utent fil-kwartieri ġenerali l-ġodda. Barra minn dan, impenji relatati mal-ICT kienu oġhla milli mistenni, diversi danni legali ma kellhomx għaliex jitħallsu u l-baġit għal xi nfiq amministrattiv u operazzjonali relatat ma' attività kien skada.

14. L-Europol ingħata r-responsabbiltà għaċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) matul is-sena baġitarja tal-2012 (skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Ġunju 2012). Ma kienx hemm approprjazzjonijiet inklużi għal dan il-kompitu l-ġdid fl-ippjanar oriġinali tal-baġit għas-sena finanzjarja 2012 u sa tmiem l-2012, kien jidher ċar li mhux si jiġi akkumpanjat minn riżorsi addizzjonali fil-baġit 2013. Konsegwentement, l-impenji għal dan il-kompitu l-ġdid kellhom jittieħdu mill-baġit tal-2012 fi tmiem is-sena li affettwaw l-ammont miġjub 'il quddiem għall-2013.

15. It-trasferimenti kienu meħtieġa biex jiżguraw kontinwità tan-negozju matul is-sena baġitarja u b'mod partikolari biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-baġit għall-EC3.

16. Kummenti relatati mar-reklutaġġ:

Mistoqsijiet ta' eżamijiet għal eżamijiet u intervisti:

L-Europol iqis il-kunfidenzjalità ta' eżamijiet ta' għażla bħala waħda importanti ħafna u jisħaq li m'hemmx rekwiżit legali (jew każistika) li jiddetermina li ż-żmien li fih jiġu stabbiliti l-mistoqsijiet tal-eżami għandu jkun qabel ma' ssir il-lista l-qasira ta' kandidati adatti.

Il-piż tal-kriterji tal-għażla:

Il-piż tal-kriterji tal-għażla minn dejjem kien maqbul qabel ma ssir il-lista l-qasira u minn Lulju 2012 l-Europol irreġistra dan il-proċess f'deċiżjoni speċifika mill-president tal-kumitat tal-għażla.

Dokumentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-kumitat tal-għażla:

L-Europol huwa tal-opinjoni li s-sejbiet prinċipali tal-kumitati tal-għażla li huma ta' relevanza għall-ħatriet huma ddokumentati b'mod xieraq. Meta jiġi kkunsidrat li għet assigurata amministrazzjoni effiċjenti huwa jqis li mhux l-opinjoni individwali kollha tal-membri tal-kumitat tal-għażla għandhom jiġu rreġistrati bħala 'minuti'. Dan ir-rekwiżit mill-analiżi tal-Europol, jista' wkoll ma jkunx derivat minn każistika rilevanti.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/34)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"FRA"), li tinsab fi Vjenna, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007⁽¹⁾. L-oġġettiv tal-Aġenzija huwa li tipprowdi lill-awtoritajiet rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha b'assistenza u b'kompetenza fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni relatata mad-drittijiet fundamentali⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprowdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽¹⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-ewalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET

11. Fl-2012 l-Aġenzija akkwistat servizzi ta' tindif permezz ta' kuntratti qafas kumulattivi (cascading framework contracts) lil żewġ fornituri. Minħabba żball klerikali matul l-ewalwazzjoni tal-offerti, il-klassifikazzjoni tal-kuntratturi kienet skorretta. Kuntratt speċifiku għal EUR 56 784 li nġhata fl-2012 u l-pagamenti relatati huma rregolari. Wara l-awditu tal-Qorti, l-Aġenzija emendat il-klassifikazzjoni tal-kuntratturi kif meħtieġ.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

12. L-Aġenzija ma kellhiex proċedura ta' verifikazzjoni formali *ex post* stabbilita matul l-2012. Madankollu, ġiet implimentata proċedura formali fil-bidu tal-2013, wara analiżi komprensiva tar-riskju mwettqa mill-Aġenzija.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

13. Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-baġit għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) kienet baxxa flivell ta' 49 % tal-approprijazzjonijiet impenjati, din ma rriżultatx minn dewmien fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija u tirrifletti n-natura pluriennali tal-attivitajiet. L-Aġenzija adottat modulu ta' ppjanar baġitarju li huwa marbut direttament mal-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha u l-pagamenti kienu ppjanati u mwettqa skont il-ħtiġijiet operazzjonali.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <p>— Biex twettaq il-kompiti fdati lilha, il-Kummissjoni tista' tiġbor kull tagħrif u tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa fil-limiti u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati. (l-Artikolu 337)</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007)</p> | <p>Objettivi</p> <p>— Li ttiprovdi lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni b'assistenza u b'kompetenza relatati mad-drittijiet fundamentali biex tagħtihom appoġġ meta jieħdu miżuri jew jifformulaw pjanijiet ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom sabiex ikunu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.</p> <p>Kompiti</p> <p>— Li tiġbor, tirreġistra, tanalizza u xxerred informazzjoni u <i>data</i> rilevanti, oġġettivi, affidabbli u komparabbli;</p> <p>— li tiżviluppa metodi u standards għat-titjib tal-kumparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-<i>data</i> fuq livell Ewropew;</p> <p>— li twettaq, tikkoopera ma' jew tinkoraġġixxi riċerka xjentifika u sħarriġ, studji preparatorji u studji ta' fattibbiltà;</p> <p>— li tifformula u tippubblica konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi speċifiċi, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;</p> <p>— li tippubblica rapport annwali dwar kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali koperti mill-oqsma tal-attività tal-Aġenzija;</p> <p>— li tippubblica rapporti tematiċi bbażati fuq l-analiżi, ir-riċerka u l-istħarriġ tagħha;</p> <p>— li tippubblica rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha;</p> <p>— li tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u tippromwovi djalogu mas-soċjetà ċivili, sabiex tqajjem għarfien pubbliku dwar drittijiet fundamentali u tferrex informazzjoni b'mod attiv dwar ħidmitha.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Persuna waħda indipendenti maħtura minn kull Stat Membru, persuna waħda indipendenti maħtura mill-Kunsill tal-Ewropa u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p><i>Dmirijiet</i></p> <p>Li jadotta l-baġit, il-programm ta' ħidma u r-rapporti annwali. Jadotta l-baġit finali u t-tabella tal-persunal. Jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali.</p> <p>Bord Eżekuttiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— President tal-Bord ta' Tmexxija.</p> <p>— Viċi President tal-Bord ta' Tmexxija.</p> |

| | |
|---|---|
| | <ul style="list-style-type: none"> — Rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni. — Żewġ membri oħra eletti mill-Bord ta' Tmexxija. — Il-persuna maħtura mill-Kunsill tal-Ewropa fil-Bord ta' Tmexxija tista' tipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv. <p>Kumitat Xjentifiku</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Hdx-il persuna indipendenti, bi kwalifiki għolja fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. — Maħtura mill-Bord ta' Tmexxija wara sejħa għal applikazzjonijiet u proċedura ta' selezzjoni trasparenti. <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni u wara l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (li jiddikjaraw il-preferenzi tagħhom).</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 20,376 miljun (20,180) li minnhom is-sussidju tal-Unjoni huwa 99 % (99 %)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>72 (72) post previsti fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 70 (70) +</p> <p>22 (22) membru tal-persunal ieħor (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati)</p> <p>Total tal-persunal: 94 (94), li jagħmlu l-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operazzjonali: 58 (59) — amministrattivi: 29 (29) — imħallta: 7 (6) |
| <p>Prodotti u servizzi 2012 (2011) ⁽¹⁾</p> | <p>FRANET</p> <p>Għadd ta' kontribuzzjonijiet mit-28 punt fokali nazzjonali (lottijiet nazzjonali) 185 (29)</p> <p>Għadd ta' kontribuzzjonijiet mis-sieħeb inkarigat mill-analiżi Internazzjonali tal-UE: 1 (0)</p> <p>Għadd ta' kontribuzzjonijiet mis-sieħeb inkarigat mill-analiżi komparattiva: 1 (0)</p> <p>Għadd ta' laqgħat: 3 (2) (1 b'4 parteċipanti, 1 b'10 parteċipanti u 1 b'20 parteċipant)</p> |

Rapporti ta' Riċerka

Għadd ta' rapporti: 13 (26) flimkien ma' 23 (113-il) verżjoni lingwistika

Għadd ta' laqgħat: 2 (11)

Rapporti annwali: 2 (2) flimkien ma' 3 (2) verżjonijiet lingwistiċi Sommarju tar-Rapport annwali: 1 (1) flimkien ma' 2 (4) verżjonijiet lingwistiċi

Opinjoni tal-FRA: 3

Skedi Informattivi: 11 (10) flimkien ma' 118-il (149) verżjoni lingwistika

Materjali mhux Relatati ma' Riċerka

Diversi pubblikazzjonijiet tal-FRA: 5 (5) flimkien ma' 31 (27) verżjoni lingwistika

Kartelluni: 20 (1)

Konferenzi u Avvenimenti Ewlenin

Konferenza dwar id-Drittijiet Fundamentali: 1 (1)

Avveniment dwar Jum id-Diversità: 1 (1)

Simpożju FRA: 1 (1)

Laqgħa tal-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali: 1 (0)

Seminar Konġunt mal-Presidenza (Daniża) tal-UE: 1 (0)

Kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri

Stati Membri: 7 (13)

Il-Kunsill tal-UE: 9 (9)

Il-Kummissjoni Ewropea: 12 (18)

Il-Parlament Ewropew: 20 (10)

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja: 1 (1)

Il-Kumitat tar-Reġjuni: 1 (3)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 1 (1)

L-Ombudsman Ewropew: 1 (0)

Il-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali: 3 (3)

Il-Kunsill tal-Ewropa: 24 (10)

Il-Bank Ewropew tal-Investiment: 1 (0)

L-OSKE: 2 (3)

In-Nazzjonijiet Uniti: 2 (2)

Korpi Speċjalizzati (NHRIs u Korpi dwar l-Ugwaljanza): 3 (4)

Laqgħat oħra u Round Tables: 12 (20)

(¹) Jekk jogħġbok innota li mis-sena 2011, isseparajna r-rapporti mill-iskedi informattivi, u niddikjaraw ukoll b'mod espliċitu l-ammont totali tal-**verżjonijiet** lingwistiċi għal kull kategorija.
Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja kkoreġiet l-iżball klerikali fil-valutazzjoni tal-offerti u emendat il-kuntratt ta' qafas skont l-aħħar tibdiliet, bi qbil mal-imsieħba kollha involuti. Barra minn hekk, l-Aġenzja qiegħda fil-proċess li ttejjeb is-softwer tal-ġestjoni tas-sejħiet għall-offerti u l-kuntratti, li se jippermettilha telimina tali żbalji klerikali fil-futur. Dan is-softwe rjintuża biex jipproduċi sejħiet għall-offerti u minn issa 'l quddiem se jibda jinkludi modulu ta' eValutazzjoni. Fuq talba mingħand il-Kummissjoni, l-Aġenzja qablet li ttiprovdi dan is-softwer lis-servizzi tal-Kummissjoni permezz ta' ftehim fuq livell ta' servizz.

12. L-Aġenzja tikkonsidra li s-sistema interna ta' kontroll hija adegwata u ttiprovdi assigurazzjoni raġonevoli fosthom Prattiki tajba. Barra minn hekk, fl-2013 l-Aġenzja introduċiet ukoll proċedura formali għall-verifika *ex post* b'segwitu ta' evalwazzjoni interna tar-riskju, u b'mod konformi mat-talba tal-Qorti.

13. Il-kumment tal-Qorti huwa milqugħ minħabba li huwa konformi man-natura multiannwali ta' ħafna mill-proġetti operattivi tal-Aġenzja. L-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzja għas-sena 2012 indika rati ta' implimentazzjoni ta' ħlas sodisfaċenti għat-Titoli I u II ta' 98 % u 89 %, rispettivament. Għal Titolu III, l-implimentazzjoni tar-rata ta' ħlas ta' 49 % hija ġustament iġġustifikata, minħabba li dan huwa konformi mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzja. Biex tkun imtejba aktar l-effiċjenza, l-Aġenzja adottat modulu ta' ppjanar tal-baġit (Modulu tal-Baġit) li għandu relazzjoni diretta mal-Programm ta' Ħidma Annwali. Ir-riporti jirrappreżentaw l-appropprjazzjonijiet meħtieġa biex ikopru l-obbligi legali eżistenti.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/35)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"FRONT-EX"), li tinsab f'Varsavja, inħolqot bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Aġenzija huwa li tikkordina l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (appoġġ għal kooperazzjoni operazzjonali, assistenza teknika u operazzjonali, u analiżi tar-riskju)⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-fassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu

⁽¹⁾ ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-ewalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Bażi għal każda tal-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-2012, l-infiq relatat ma' għotjiet ammonta għal EUR 56 miljun, li jirrappreżenta 63 % tan-nefqa operazzjonali totali. Sabiex jiġi vverifikat l-infiq ikklejmjat mill-benefiċjarji, l-Aġenzija twestaq kontrolli tar-raġonevolezza qabel ma jsir il-pagament iżda normalment ma titlobx dokumentazzjoni ta' sostenn.

10. L-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Aġenzija ġiet adottata fl-2012 u hija kontroll ewlieni għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-Aġenzija. Fl-2012 twettqu tliet awditi biex jiġi vverifikat l-infiq rimborżat fl-2011. Madankollu, ebda nfiq għall-2012 għadu ma ġie vverifikat.

11. Fin-nuqqas ta' verifikazzjonijiet *ex ante* u *ex post* effettivi, ma hemm ebda aċċertament dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-2012 relatati ma' għotjiet. Il-Qorti ma setgħetx tikseb evidenza suffiċjenti u xierqa għall-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-2012 relatati ma' għotjiet awditjati.

Każda tal-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

12. Minħabba fil-materjalità u l-pervażjoni tal-kwistjoni deskritta fil-bażi għad-każda tal-opinjoni (il-paragrafi 9 sa 11), il-Qorti ma setgħetx tikseb evidenza suffiċjenti u xierqa għall-awditjar li sservi ta' bażi għal opinjoni tal-awditjar u, għalhekk, il-Qorti mhux se tesprimi opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

13. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet jew dwar iċ-każda tal-opinjoni tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

14. L-inventarju fiżiku ma kienx komplet u ma kopriex l-assi kollha li kienu jappartjenu għall-Aġenzija. Ma tteħidx kont tal-assi taħt kostruzzjoni u tal-assi mixtrija lejn tmiem is-sena.

15. Ma hemm ebda proċedura għad-disponiment ta' assis fissi. L-assis fissi li ma jkunux għadhom jintużaw jiġu kkanċellati mir-reġistru tal-assis fissi mingħajr ma jitneħħew fiżikament. Ma jinżamm ebda reġistru ta' dawn l-assis.

16. Dgħufijiet kienu xorta waħda nnutati fis-sistema għar-rikonċiljazzjoni tar-rendikonti tal-fornituri mar-rekords korrispondenti fl-Aġenzija.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

17. Il-baġit 2012 tal-Aġenzija ammonta għal EUR 89,6 miljun li minnhom EUR 21,8 miljun (25 % tal-appropriazzjonijiet impenjati) ġew riportati għall-2013. L-ammonti riportati relatati mat-Titolu III (nefqa operazzjonali) ammontaw għal EUR 19,6-il miljun. Livell daqshekk għoli ta' ammonti riportati huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità, għalkemm huwa parzjalment relatat man-natura operazzjonali, multianwali tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Sa tmiem Frar 2013, EUR 1,1 miljun minn dawn l-ammonti riportati kienu ġew ikkanċellati.

18. L-Aġenzija għamlet 39 trasferiment baġitarju li ammontaw għal EUR 11,5-il miljun fl-2012, u li affettwaw 70 mid-79 linja tal-baġit. Dan huwa parzjalment dovut għall-fatt li t-tieni emenda baġitarja għall-2012 ġiet approvata biss f'Ottubru 2012 u sadattant il-fondi meħtieġa għall-operazzjonijiet kienu ġew trasferiti minn linji oħra tal-baġit.

KUMMENTI OĦRA

19. Il-proċeduri tar-reklutaġġ eżaminati wrew nuqqasijiet sinifikanti li affettwaw it-trasparenza u t-trattament indaqs tal-kandidati: mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u għall-intervisti

ġew stabbiliti wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; ma ġewx stabbiliti punteġġi minimi għall-ammissjoni għat-testijiet bil-miktub u għall-intervisti u għall-inklużjoni fuq il-lista ta' kandidati adatti; il-Bord tal-Għażla ma ddokumentax il-laqgħat u d-deċiżjonijiet kollha tiegħu.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

20. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | Bħas-snin preċedenti, il-livell tal-ammonti riportati huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Pendenti |
| 2011 | Fl-ammont totali riportat, l-Aġenzija rriportat impenji globali ta' EUR 5,1 miljun. Madankollu r-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija ma jipprovdi b'bażi ċara għal ammont riportat bħal dan ⁽¹⁾ . | M/A |
| 2011 | Fl-2011, l-Aġenzija ffinanzjat għotjiet għal operazzjonijiet konġunti li ammontaw għal EUR 74 miljun. Sabiex tivverifika l-infiq ikklejmat mill-benefiċjarji (Stati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen), l-Aġenzija, għalkemm twettaq kontrolli ta' raġonevolezza, mhux soltu li titlob dokumentazzjoni ta' sostenn li tkun tindirizza r-riskju ta' nfiq ineliġibbli. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Bħal fis-sena preċedenti, is-sistema kontabilistika tal-Aġenzija għad trid tiġi vvalidata mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà. | Ikkompletata |
| 2011 | Ġew identifikati dgħufijiet fil-kontroll intern fir-rigward tal-ġestjoni tal-assi fissi. Ma hemm ebda proċedura relatata mad-disponiment tal-assi fissi u l-inventarju fiżiku mhux komplet. | Għadha għaddejja |

⁽¹⁾ Ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija jiddikjara fl-Artikolu 62(2) tiegħu li "L-impenji globali tal-baġit għandhom ikopru l-ispiża totali tal-impenji legali individwali korrispondenti konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1". Kemm ir-Regolament Finanzjarju tal-UE kif ukoll ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija madankollu mhumiex ċari dwar dak li jikkonċerna l-użu ta' impenji globali għal approprijazzjonijiet mhux-differenzjati. L-Aġenzija użat impenji globali biex tiġġustifika riport awtomatiku ta' approprijazzjonijiet mhux-differenzjati.

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Varsavja)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>L-Artikoli 74 u 77(2)(b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea</p> | <p>L-Artikolu 74: "Il-Kunsill għandu jadotta miżuri sabiex jassigura l-kooperazzjoni amministrattiva bejn is-servizzi kompetenti (id-dipartimenti rilevanti) tal-Istati Membri fl-oqsma koperti b'dan it-Titolu, kif ukoll bejn daww is-servizzi (id-dipartimenti) u l-Kummissjoni. (...)"</p> <p>L-Artikolu 77(2): "(...) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar:</p> <p>(...) (b) il-kontrolli li huma suġġetti għalihom il-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni;</p> <p>(...) (d) kwalunkwe miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni (...)"</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004, emendat bir-Regolament (KE) Nru 863/2007 u bir-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill</p> <p>L-aħħar emenda daħlet fis-seħħ fit-12.12.2011; il-kontenut tat-tabella jirrifletti s-sitwazzjoni wara din l-aħħar emenda.</p> | <p>Objettivi</p> <p>Frontex għet stabbilita bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-UE.</p> <p>Kompiti Prinċipali</p> <p>(a) Li tikkoordina l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni;</p> <p>(b) li tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-gwardji tal-fruntiera nazzjonali, inkluż l-istabbiliment ta' standards komuni ta' taħriġ;</p> <p>(c) li twettaq analiżijiet ta' riskju, inkluża l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiffaċċjaw theddid u pressjonijiet fil-fruntieri esterni;</p> <p>(d) li tipparteċipa fl-iżvilupp ta' riċerka rilevanti għall-kontroll u s-sorveljanza ta' fruntieri esterni;</p> <p>(e) li tassisti lill-Istati Membri f'ċirkustanzi li jkunu jirrikjedu assistenza teknika u operazzjonali, speċjalment daww l-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati;</p> <p>(f) li tipprovdi lill-Istati Membri bl-appoġġ meħtieġ li jinkludi, fuq talba, dak ta' koordinazzjoni jew organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn;</p> <p>(g) li tistabbilixxi Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntieri (EBGT) għal skjerament matul operazzjonijiet konġunti, proġetti pilota u interventi rapidi;</p> <p>(h) li tiżviluppa u tħaddem sistemi ta' informazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni, inkluż l-ICONet;</p> <p>(i) li tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tal-fruntieri (EUROSUR).</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord ta' Ġestjoni</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u rappreżentant wieħed għal kull Pajjiż Assoċjat ma' Schengen.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>(a) Li jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv;</p> <p>(b) li jadotta r-rapport ġenerali tal-Aġenzija;</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>(c) li jadotta l-Programm ta' Ħidma tal-Aġenzija;</p> <p>(d) li jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-kompiti operazzjonali tal-Aġenzija;</p> <p>(e) li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu dwar il-baġit tal-Aġenzija;</p> <p>(f) li jeżerċita awtorità dixiplinarja fuq il-(Viċi) Direttur Eżekuttiv;</p> <p>(g) li jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu;</p> <p>(h) li jistabbilixxi l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija u jadotta l-politika tal-persunal tal-Aġenzija;</p> <p>(i) li jadotta l-pjan multiannwali tal-Aġenzija.</p> <p>Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Ġestjoni fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 89,6 (118,2) miljun</p> <p>Sussidju mill-Unjoni EUR 84 (111-il) miljun</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p><i>Tabella tal-persunal</i></p> <p>Persunal temporanju ppjanat: 143 (143) – Postijiet għal persunal temporanju, okkupati: 137 (141)</p> <p><i>Postijiet oħra</i></p> <p>Persunal kuntrattwali ppjanat: 87 (88) – Postijiet għal persunal kuntrattwali, okkupati: 84 (85)</p> <p>Esperti Nazzjonali Sekondati ppjanati: 83 (83) - Postijiet għal Esperti Nazzjonali Sekondati, okkupati: 82 (78)</p> <p>Total ta' postijiet tal-persunal: 313 (314) - li minnhom okkupati: 303 (304)</p> <p>Assenjati għall-kompiti li ġejjin: operazzjonali 216 (214) - amministrattivi 87 (90)</p> |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (2011)</p> | <p>L-Unità tal-Analiżi tar-Riskju (RAU) pproduċiet 80 (20) rapport strateġiku inklużi tliet rapporti annwali regolari, żewġ rapporti annwali ta' tip ġdid, sitt rapporti mfassla apposta, disa' rapporti ta' kull tliet xhur b'aġġornamenti u analiżi tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, u reġjuni magħżula fil-viċinat tal-UE, 60 rapport ta' monitoraġġ strateġiku;</p> <p>482 (469) prodott analitiku li jappoġġaw l-ippjanar, implimentazzjoni u evalwazzjoni ta' Operazzjonijiet Konġunti; 54 (112-il) rapport ta' tipi oħra, inkluża informazzjoni għall-maniġment tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tal-UE u oħrajn; ippublikat seba' (sitt) rapporti strateġiċi għall-pubbliku ġenerali permezz tal-websajt tal-Aġenzija.</p> <p>It-tnedija tal-Mudell Komuni Integrat ta' Analiżi tar-Riskju aġġornat (CIRAM v 2.0) inbdiet bit-traduzzjoni f'lingwi magħżula tal-UE. Ġew organizzati erba' (<i>erba'</i>) laqgħat regolari tan-Netwerk ta' Analiżi tar-Riskju tal-Frontex, ħames laqgħat tan-netwerk speċjalista ġdida mal-Istati Membri dwar Frodi ta' Dokumenti tal-UE, żewġ (<i>żewġ</i>) laqgħat dwar l-Analiżi Tattika tar-Riskju, sitt (<i>ħames</i>) laqgħat/konferenzi reġjonali tal-esperti, u tliet sessjonijiet ta' ħidma reġjonali tekniċi.</p> |

F'konformità mal-kompiti tal-Unità tal-Analiżi tar-Riskju fi ħdan l-EUROSUR, dawn li ġejjin inbdew fl-2012, u ġew ikkomunikati/ikkonsultati kif xieraq mal-Istati Membri fil-qafas tal-Grupp Utent tas-Saff ta' Analiżi (Analysis Layer User Group): Fi ħdan is-saff ta' analiżi CPIP/ESP: twassil tal-kontenut (281 prodott fl-2012), ħidma preparatorja għal servizzi bażiċi u għodod tal-analiżi; żvilupp tal-kunċett għall-attribuzzjoni ta' metodoloġija tal-livelli tal-impatt.

L-Unità ta' Operazzjonijiet Konġunti (JOU) organizzat 17 (19)-il operazzjoni konġunta, 12 (14)-il proġett pilota u 10 (15-il) konferenza u 25 laqgħa. Barra minn hekk, matul 39 (42) operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinati mill-Frontex ġew irritornati 2 110 (2 059) persuni. In-numru totali ta' jiem operazzjonali akkumulati fl-operazzjonijiet konġunti kollha ammontaw għal 3 503 ijiem (7 754); in-numru ta' jiem ta' xogħol akkumulati jammonta għal 117 114 (105 038).

Iċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni tal-Frontex (FSC) ipprova 2 169 (1 900) rapport tas-sitwazzjoni, 31 rapport dwar inċidenti serji, 27 rapporti ta' bullettini tal-aħbarijiet fil-qosor u 13 (11)-il rapport ta' għarfien dwar missjonijiet, filwaqt li ttellgħu 145 dokument ta' alerti fil-portal tal-FOSS u 2 130 artefatt għall-EUROSUR. Tqassmu Fuljetti tal-Aħbarijiet ta' Kuljum lil 241 (400) kont; saru 308 kontributi mill-midja għal rapporti ta' kuljum tas-sitwazzjoni u għal sessjonijiet informattivi operazzjonali. L-FSC bħala punt uniku ta' kuntatt amministra aktar minn 24 000 (24 000) oġġett ta' korrispondenza; huwa kkonsolida l-Frontex-One-Stop-Shop (FOSS) bħala l-pjattaforma prinċipali għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Frontex u s-sħab esterni, b'6 000 dokument imtella'. L-FSC irċieva madwar 30 000 inċident permezz tal-Applikazzjoni Konġunta ta' Rappurtar dwar l-Operazzjonijiet (JORA) u pprova taħriġ dwar il-JORA lil 500 uffiċjal mill-Frontex u l-SM/SAC.

L-Unità ta' Taħriġ (TRU) organizzat 207 (223) attivita' ta' taħriġ bil-parteċipazzjoni ta' 2 980 (3 490) parteċipant (esperti tat-taħriġ, apprendisti, eċċ.) fil-qafas ta' 3 programmi li jinkludu 19-il (20) proġett; sar investment ta' total ta' 13 300 (12 947) jum tax-xogħol mill-partijiet interessati f'attivitajiet ta' taħriġ. Fi ħdan l-edukazzjoni għat-triq tal-karriera għall-uffiċjali tal-gwardji tal-fruntieri, il-Frontex iffinalizzat l-iżvilupp ta' Qafas Settorjali tal-Kwalifiki (SQF) għall-Gwardjar tal-Fruntieri. Dan huwa qafas kumplessiv għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' gwardji tal-fruntieri, b'enfasi speċjali fuq l-integrazzjoni tal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali. L-SQF isegwi l-istandards edukattivi stabbiliti fuq il-livell tal-UE fil-proċessi ta' Kopenhagen u ta' Bolonja.

It-Taqsima tal-Ġabra ta' Riżorsi (PRU) –il-kapaċità ta' rispons kienet imsaħħa konsiderevolment bit-twaqqif u l-ġestjoni ta' gruppi stabbiliti ġodda ta' Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntieri (EBGT) u Tagħmir Tekniku għal skjerament matul operazzjonijiet konġunti, proġetti pilota u interventi rapidi. Il-PRU implimentat seba' (sitt) proġetti mfassla għat-tijib tal-effettività ġenerali tal-operazzjonijiet tal-Frontex. Fi ħdan il-qafas tal-proġetti tagħha, il-PRU organizzat 11-il avveniment bil-parteċipazzjoni ta' 295 parteċipant mill-Istati Membri. Sar investment ta' total ta' madwar 551 jum tax-xogħol mill-partijiet interessati fl-attivitajiet tal-unità.

L-Unità Riċerka u Żvilupp (RDU) organizzat 39 (34) laqgħa għal 1 020 parteċipant mill-Istati Membri, is-SAC, l-istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet intergovernattivi u internazzjonali, akkademiji, istituti tar-riċerka l-industrija. Il-persunal ipparteċipa f'madwar 100 (130) avveniment intern u estern. L-RDU pproduċiet diversi dokumenti, rapporti u studji: żewġ prattiki tajba, tliet linji gwida, studju wieħed, analiżi waħda tal-kost-benefiċċju, rapport tekniku wieħed, u tathom lill-partijiet interessati.

Sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi: Matul l-2012, ġew konklużi żewġ (żewġ) Arranġamenti tax-Xogħol (WA) mas-Servizz ta' Immigrazzjoni tan-Niġerja u mal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Armenja, biż-żieda tan-numru globali tal-WAs għal 18 (16). Ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tat-Turkija. Fi ħdan il-qafas tal-WAs rispettivi, il-kooperazzjoni operazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà/il-ġestjoni tal-fruntieri bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi ssaħħet aktar, bil-ħsieb li jiġu żviluppati progressivament sħubijiet sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku. Inkisbu riżultati tanġibbli partikolarment fil-qasam tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, tat-taħriġ, u ta' attivitajiet operazzjonali konġunti.

Kooperazzjoni ma' Korpi tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali: Fl-2012, ġew iffirmati żewġ Arranġamenti tax-Xogħol (WA) mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) biż-żieda tan-numru globali għal 12 (10). Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-Aġenziji, matul l-2012 il-Frontex ippresediet il-Grupp ta' Kuntatt tal-Aġenziji ĠAI tal-UE, u kellu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni u johlq is-sinerġiji fost l-Aġenziji differenti tal-ĠAI. F'dan il-qafas, il-Frontex organizzat diversi laqgħat ta' raggruppament, konferenza tal-esperti dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-laqgħa annwali tal-Kapijiet tal-ĠAI. Iddaħħlu wkoll fil-prattika attivitajiet differenti li jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Aġenziji dwar it-Traffikar tal-Bnedmin.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

L-aġenzija ħadet nota tar-rinunzja tal-qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet imsemmija.

Konxji li l-benefiċjarji tal-Frontex huma l-awtoritajiet nazzjonali tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, dawn għandhom jiffirmaw, meta jikklejmjaw għar-rimborż, li l-informazzjoni kollha pprovduta tkun sħiħa, affidabbli u veritiera; il-benefiċjarji jeħtieġ ukoll jiċċertifikaw li t-talba tagħhom għall-ħlas hija sostanzjata b'dokumenti ta' appoġġ adegwati. L-aġenzija għaldaqstant ma tikkonsidrax li l-kontrolli *ex ante* effettivi huma assenti, iżda huma bbażati skont dikjarazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet pubbliċi u verifiki plawżibbli. Madankollu, l-aġenzija ħadet miżuri biex issaħħaħ il-qafas ta' kontroll *ex ante* u ilha minn Ġunju 2013, li daħħlet fis-seħħ sistema ta' kontroll *ex ante* bbażata fuq ir-riskju.

14. L-inventarju fiżiku ma kienx komplut u ma kopriex l-assi kollha possedenti għall-Aġenzija. L-assi li kienu għandhom mhux kompluti u l-assi mixtrija lejn l-aħħar tas-sena ma ġewx ikkunsidrati.

In-nuqqasijiet imsemmija għal dak li jirrigwarda r-rapport tal-inventarju se jkun imtejjeb għall-inventarju annwali tal-2013. Dokument ta' politika għal inventarju rivedut se jiġi adottat fis-sajf 2013.

15. M'hemmx proċedura għat-twarrib tal-assi fissi. L-assi fissi li ma għadhomx jintużaw jitħassru mir-reġistru tal-assi fissi mingħajr ma jintremew. Ma jinżamm l-ebda reġistru għal dawn l-assi.

Il-politika eżistenti tar-rimi tal-assi tal-ICT ser tkun aġġornata u żviluppata biex tinkludi l-assi kollha tal-Frontex. Dan fiħsiebu jsir f'Awwiisu 2013. Ladarba l-politika tar-rimi tal-assi tal-ICT tkun adottata, l-assi għar-rimi jintremew fit-tieni nofs tal-2013.

16. Ċerta dgħufija baqgħet tidher fis-sistema tar-rikonċiljazzjoni tar-rendikonti tal-fornituri mar-rekords ta' korrispondenza fl-aġenzija.

Kif diġà indikat fi snin preċedenti, ħafna mill-awtoritajiet pubbliċi li tikkoopera magħhom l-aġenzija, ma għandhom sistema ċentralizzata ta' kontabilità li tippermettilhom jirrikonċiljaw il-bilanċi. Għaldaqstant, ir-rikonċiljazzjoni ddum ħafna minħabba li rekords differenti ta' awtoritajiet differenti jkunu jridu jiġu kkon-sultati.

17. Il-baġit tal-Aġenzija għall-2012 ammonta għal 89,6 miljun euro li minnhom 21,8 miljun euro (25 % tal-appropriazzjonijiet imwarrba) ġew riportati għall-2013. Ir-riporti relatati ma' Titolu III (Infiq operattiv) ammontaw għal 19,6 miljun euro. Tali livell għoli ta' riporti huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità, minkejja li huwa parzjalment relatat man-natura operattiva pluriennali tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Sal-aħħar ta' Frar 2013, 1,1 miljun euro minn dawn ir-riporti kienu kkanċellati.

L-aġenzija tapprezza r-rikonoxximent tal-Qorti għal dak li jirrigwarda n-natura multiannwali tal-operat tagħha kif ukoll tal-fatt li l-fondi li ġejjin mill-emenda tal-baġit kienu trasferiti biss lejn l-aħħar tal-2012.

L-impenji għall-attivitajiet iffanzjati mill-baġit tal-2012 għaldaqstant saru lejn l-aħħar tas-sena u parti minnhom se jiġu implimentati fl-2013 biss.

18. L-Aġenzija għamlet 39 trasferiment baġitarju li ammontaw għal 11,5 miljun euro fl-2012, u laqtu 70 minn 79 linja baġitarja. Dan parzjalment seħħ minħabba l-fatt li t-tieni emenda baġitarja għall-2012 kienet approvata biss f'Ottubru 2012 u l-fondi meħtieġa għall-operat kienu sadanittant ġew trasferiti minn linji baġitarji oħra.

Il-fondi ġejjin mill-emenda baġitarja ġew trasferiti biss lejn l-aħħar tal-2012. L-aġenzija ħtieġet tittrasferixxi diversi linji baġitarji fejn il-fondi ma kinux meħtieġa minnufih jew fejn il-bidu tal-attivitajiet/sejħiet għall-offerti seta jkun pospost biex ikunu sodisfati l-ħtieġijiet immedjati biex ikunu kkofinanzjati operati konġunti.

19. Il-proċeduri ta' reklutaġġ li ġew eżaminati wrew nuqqasijiet serji li jaffettwaw it-trasparenza u t-trattament indaqs tal-kandidati: saru mistoqsijiet għal eżamijiet bil-miktub u intervisti wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; ma kienx hemm punteġġi ta' limitu li riedu jintlaħqu biex persuna tkun tista' tpoġġi għall-eżamijiet u l-intervisti u tkun inkluża fil-lista tal-kandidati xierqa; il-Bord tal-Għażla ma ddokumentax il-laqgħat u d-deċiżjonijiet kollha tiegħu.

Fl-2013 ir-RU se jkunu aktar stretti fil-monitoraġġ tal-proċess u se jimplementaw miżuri biex jissensibilizzaw aktar f'dan il-qasam b'mod partikolari fost il-membri tal-bord tal-għażla. Simili għal dan, approċċ aktar strett ser ikun applikat mir-RU biex ikunu dokumentati l-livelli kollha tal-proċessi tal-għażla.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/36)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (Aġenzija Ewropea GNSS) (Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"GSA"), li ġiet rilokata minn Brussell għal Praga mill-1 ta' Settembru 2012 ⁽¹⁾, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 ⁽³⁾ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 ⁽⁴⁾, għall-ġestjoni tal-interessi pubbliċi relatati mal-programmi tal-GNSS Ewropea u biex taġixxi bħala l-aġenzija regolatorja għall-programm matul il-fażi ta' skjerament u dik operazzjonali tal-Programm Galileo. Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill naqqas ir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija għall-kontroll tas-sigurtà tas-sistemi Galileo u għat-thejġija tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom ⁽⁵⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁶⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁷⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni 2010/803/UE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (ĠU L 342, 28.12.2010, p. 15).

⁽²⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

⁽⁵⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁶⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁷⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁸⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁹⁾; it-thejġija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejġiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽¹⁰⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika

⁽⁸⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁹⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien qrib il-100 % għat-titoli kollha. Madankollu, l-ammonti riportati ta' approprjazzjonijiet impenjati kienu relattivament għoljin għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) flivell ta' EUR 1,7 miljun (38 %). Dan kien parzjalment dovut għal avvenimenti lil hinn mill-kontroll tal-Aġenzija, bħar-rilokazzjoni tas-sede tagħha għal Praga f'Settembru 2012 (EUR 0,4 miljun) u l-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo (EUR 0,4 miljun), li rrikjeda l-forniment ta' ċerti oġġetti u servizzi fl-aħħar tliet xhur tas-sena. Barra minn hekk, ammont ta' EUR 0,7 miljun ġie trasferit mit-Titolu I (nefqa għall-persunal) għat-Titolu II f'Novembru 2012 u bosta kuntratti relatati mal-IT u mas-servizzi legali inklużi fil-programm ta' ħidma 2013 ġew iffirmati f'Diċembru 2012.

KUMMENT IEĦOR

12. Il-Qorti identifikat id-dgħufijiet li ġejjin fil-proċeduri ta' reklutaġġ awditjati li affettwaw it-trasparenza u t-trattament indaqs: l-ebda punteġġ ta' limitu ma ġie determinat għall-ammissjoni għal testijiet bil-miktub u intervisti jew għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati xierqa; l-avviż ta' post battal ma għamel l-ebda proviżjoni għal appelli mill-kandidati li ma ntgħażlux.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti tas-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|--|
| 2011 | L-awditi <i>ex post</i> li saru għall-Aġenzija minn ditta esterna tal-awditjar fir-rigward tal-pagamenti ta' għotjiet li saru fis-snin preċedenti skont is-Sitt Programm għar-Riċerka u l-Iżvilupp (FP6) ⁽¹⁾ ħafna drabi xeħtu dubju fuq id-dikjarazzjonijiet ta' spejjeż magħmula mill-benefiċjarji. Fi tmiem l-2011, l-ammonti kkuntestati ġew stmati li jammontaw għal EUR 1,7 miljun jew 5 % tal-għotjiet awditjati. | Ikkompletata |
| 2011 | Fl-2011, l-Aġenzija għamlet pagamenti ta' għotjiet skont is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp (FP7) li ammontaw għal EUR 5,8 miljun. Sabiex tiġi vverifikata n-nefqa kklejmjata mill-benefiċjarji (entitajiet privati u pubbliċi li jagħmlu r-riċerka), l-Aġenzija, għalkemm twettaq kontrolli ta' raġonevolezza, normalment ma titlobx dokumentazzjoni ta' sostenn li tista' tindirizza r-riskju tal-infiq ineliġibbli. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Fl-2011, il-pagamenti li jammontaw għal EUR 4,8 miljun (22 % tal-ammonti mħallsa matul is-sena) saru wara d-dati ta' skadenza stipulati fir-Regolament Finanzjarju ⁽²⁾ . | Ikkompletata |

⁽¹⁾ L-għotjiet awditjati jammontaw għal 50 % tal-għotjiet kollha tal-FP6 taħt-Tieni u t-Tielet Sejħiet (EUR 65,3 miljun).

⁽²⁾ Madwar disat ijiem tard bħala medja.

ANNEX II

Aġenzija tal-GNSS Ewropea (Praga)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat | Kompetittività għat- <i>tkabbir</i> u l-impjiegi. |
| Is-setgħat tal-Aġenzija <i>(Ir-Regolament (KE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</i> | Għanijiet — Li tikkontribwixxi għall-ksib ta' sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita li joperaw bis-sħiħ u li huma stabbiliti skont il-programmi EGNOS u Galileo. Kompiti — Li tiżgura l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-programmi, — li tiżgura l-operazzjoni taċ- <i>ċentri</i> ta' sigurtà Galileo, — li tiggarrantixxi l-operazzjonijiet taċ- <i>Ċentri</i> ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo (GSMC), — li tikkontribwixxi għat- <i>tħejjija</i> tal-kummerċjalizzazzjoni tas-sistemi, inkluża l-analiżi tas-suq meħtieġa, — li twettaq kompiti oħra li jistgħu jkunu fdati lilha mill-Kummissjoni, bħall-promozzjoni tal-applikazzjoni u tas-servizzi fis-suq tan-navigazzjoni bis-satellita, filwaqt li tiżgura li l-komponenti tas-sistema huma ċċertifikati mill-korpi xierqa taċ- <i>ċertifikazzjoni</i> li jkunu ġew awtorizzati kif dovut. |
| Tmexxija | Bord Amministrattiv <i>Kompożizzjoni</i> — rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, — ħames rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, — rappreżentant mingħajr dritt għall-vot tal-Parlament Ewropew, — rappreżentant wieħed tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà (RGħ) u rappreżentant wieħed mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) li għandhom jiġu mistiedna bħala osservaturi. <i>Kompiti</i> — jaħtar id-Direttur Eżekuttiv (DE), — jadotta l-programm ta' <i>ħidma</i> annwali, — jipproduċi dikjarazzjoni tal-istimi ta' <i>dħul</i> u <i>nfiq</i> , — jadotta l- <i>baġit</i> , — joħroġ opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Aġenzija, — jissorvelja l-operazzjoni taċ- <i>Ċentru</i> ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo, — jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-DE, — jadotta d- <i>dispożizzjonijiet</i> speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dritt ta' <i>aċċess</i> għad-dokumenti, — jadotta r-rapport annwali dwar l- <i>attivitajiet</i> u l-prospetti tal-Aġenzija. Direttur Eżekuttiv Maħtur mill-Bord Amministrattiv. |

| | |
|---|--|
| | <p>Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, — rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni, — rappreżentant wieħed mir-RGħ, — rappreżentant wieħed mill-ESA li għandu jiġi mistieden bħala osservatur. <p><i>Kompiti</i></p> <p>Li jaġixxi bħala l-awtorità għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà fir-rigward tas-sistemi tal-GNSS Ewropea.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit Finali</p> <p>EUR 20,8 (38,7) miljun li jikkonsisti fis-sussidju tal-UE ta' EUR 12,9 (8,2) miljun, li huwa s-sussidju operattiv mill-Kummissjoni, u EUR 7,9 (30,5) miljun f'fondi operazzjonali mill-Kummissjoni.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet awtorizzati: 44 (29)</p> <p>Postijiet okkupati: 39 (28)</p> <p>Postijiet oħra: 29 (14)</p> <p>Total tal-persunal: 68 (42), assenjati għad-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>Allokati lil:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operazzjonali: 34 (20) — kompiti amministrattivi u ta' appoġġ: 23 (14) — kompiti mħallta: 11 (8) |
| <p>Prodotti u servizzi 2012</p> | <p>Programmi</p> <p>Appoġġ għall-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-programmi EGNOS u Galileo.</p> <p>Sistemi ta' Sigurtà</p> <p>Sistemi ta' Sigurtà (Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tas-sistemi u tas-siti, rekwiżiti ta' Galileo għas-Sigurtà speċifiċi għas-Sistema, attivitajiet ta' Unità dwar Kodiċi tat-Titjiriet).</p> <p>Appoġġ għal Servizz Pubbliku Regolat – PRS (Thejjiġa tas-Segment tal-Utent tal-PRS).</p> <p>Thejjiġa ta' Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo – GSMC.</p> <p>Sfruttament ta' EGNOS/Galileo</p> <p>Attivitajiet ta' thejjiġa għall-isfruttament ta' EGNOS u ta' Galileo.</p> |

| | |
|--|---|
| | <p>Żvilupp tas-suq</p> <p>Analiżi tas-suq u pubblikazzjoni ta' Rapporti tas-Suq GNSS.</p> <p>Stat ta' tħejija tas-suq għall-varatura tas-servizzi bikrin ta' Galileo.</p> <p>Azzjonijiet għall-iżvilupp tas-suq iffukaw fuq manifatturi tar-riċevituri biex titrawwem penetrazzjoni ta' Galileo fi swieq tal-konsumaturi u dawk professjonali.</p> <p>Implementazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali ta' adozzjoni għal EGNOS fis-swieq kollha ta' prijorità b'fokus speċjali fuq l-avjazzjoni, l-affarijiet marittimi u dawk ferrovjarji.</p> <p>Tħejija ta' helpdesk taċ-Ċentru ta' Servizz tal-GNSS Ewropea.</p> <p>Informazzjoni u lħiq (outreach) – portal ta' informazzjoni ta' EGNOS, websajt tal-GSA, avvenimenti (konferenza European Space Solutions (Soluzzjonijiet għall-Ispazju Ewropew) f'Londra).</p> <p>Riċerka u żvilupp</p> <p>Ġestjoni ta' proġetti taħt is-Seba' Programm Kwadru (l-ewwel, it-tieni u t-tielet sejħiet) għar-riċerka.</p> <p>Massimizzazzjoni tar-riżultati tal-proġetti u lħuq tal-oġġettivi strateġiċi.</p> <p>Tixrid tar-riżultati tal-R&Ż.</p> |
|--|---|

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja tikkondividi l-analiżi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward ir-riporti f'titolu II. Il-maġġoranza tar-riporti f'titolu II huma relatati mat-twaqqif taċ-Ċentri Galileo għall-Monitoraġġ tas-Sigurtà fi Franza u r-Renju Unit bil-bidu tal-operat mistenni jkun is-sajf tal-2013. Peress li dan huwa proġett kumpless għal dak li jirrigwarda s-sigurtà, l-IT, il-loġistika u l-appoġġ legali, il-GSA iddeċidiet li fl-2012 tavvanza kemm jista' jkun fil-preparazzjonijiet tal-proġett. F'dan ir-rigward, il-Bord Amministrattiv, fil-laqgħa li kellu f'Novembru 2012, approva trasferiment sinifikanti ta' krediti għal titolu II biex jassigura li l-kuntratti ta' qafas neċessarji jkunu fis-seħħ fil-ħin. Parti sinifikanti oħra tar-riporti hija relatata mar-rilokazzjoni tal-kwartieri ġenerali tal-Aġenzja minn Brussell għall-Praga f'Settembru 2012. F'xi każijiet, il-fornimenti mill-kuntratturi saru biss fil-bidu tal-2013 jew fatturi għal oġġetti/servizzi furnuti fl-2012 waslu fl-2013.

Infatti, kieku ma ċ-ċirkostanzi straordinarji tal-2012 ma seħħewx, il-persentaġġ ta' riporti f'titolu II kien ikun madwar 14 % tal-appropriazzjonijiet.

12. Il-GSA irreviediet il-proċeduri ta' selezzjoni. Sa mill-bidu tal-2012, il-penil tal-preselezzjoni jiddetermina l-punti ta' livell minimu meta titħejja n-Nota ta' Impjieg Battal. Il-punti ta' livell minimu se jibdew ikunu ppubblikati fin-Nota ta' Impjieg Battal. Il-GSA tinkludi paragrafu f'kull Nota ta' Impjieg Battal rigward id-dritt tal-appell tal-kandidat.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju

(2013/C 365/37)

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju", magħruf ukoll bħala l-"OHIM"), li jinsab f'Alicante, ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ⁽¹⁾, li tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽²⁾. Il-kompitu tal-Uffiċċju huwa li jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trade marks u d-disinj, biex jagħti l-istess livell ta' protezzjoni lill-impriżi fl-Unjoni Ewropea kollha ⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Uffiċċju. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁶⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁷⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Il-President japprova l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tiegħu jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Uffiċċju fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet

⁽¹⁾ ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.

⁽³⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Uffiċċju. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Mill-EUR 31,9 miljun ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati mill-2011 għall-2012, EUR 4,16 miljun (13 %) ġew ikkanċellati fl-2012. Minn dan l-ammont, EUR 1,93 miljun kienu relatati ma' fehimiet ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri li ma assorbewx l-ammonti sħaħ allokati lilhom.

12. Fl-2012 il-livell ġenerali ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 93 %, li jindika li l-impenji twettqu fil-ħin. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2013 kien flivell ta' EUR 36,7 miljun (19 % tal-appropriazzjonijiet impenjati totali), li minnhom EUR 21,7 miljun kienu relatati mat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u EUR 14,1 miljun kienu relatati mat-Titolu III (nefqa operattiva). Ir-raġuni prinċipali għall-livell għoli ta' ammonti riportati kienet il-wasla tardiva ta' fatturi għall-prodotti u s-servizzi mogħtija fl-2012. B'mod aktar speċifiku, għat-Titolu II, il-livell għoli tal-ammonti riportati rriżulta wkoll minn għadd ta' kuntratti pluriennali relatati mal-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid tal-Uffiċċju (EUR 6,09 miljun) u l-akkwist ta' żviluppi tal-IT (EUR 7,67 miljun). Għat-Titolu III, l-ammonti riportati huma fil-parti l-kbira ma' fehimiet ta' kooperazzjoni ffirmati mill-Istati Membri li għalihom il-klejms tal-ispejjeż kienu dovuti li jiġu ppreżentati biss fl-2013 (EUR 8,13 miljun). Barra minn hekk, ġew ordnati servizzi ta' traduzzjoni fl-aħħar xhur tal-2012 (EUR 5,43 miljun) li l-pagament tagħhom kien dovut biss fl-2013.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Year | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|---|
| 2011 | Il-Qorti identifikat bosta nuqqasijiet fir-rigward tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-2011 bejn l-Uffiċċju u ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-UE (CDT). Il-ftehim kien ffirmat mill-Uffiċċju fl-20 ta' Ġunju 2011 u skont l-Artikolu 10, ġie applikat mill-1 ta' Jannar 2011. L-eżekuzzjoni tal-kuntratt bdiet qabel l-iffirmar tal-kuntratt. Fuq talba tas-CDT, l-Uffiċċju għamel pagament ta' EUR 1,8 miljun f'kumpens ⁽¹⁾ . Barra minn hekk, dan il-pagament kien awtorizzat mingħajr impenn baġitarju u mingħajr approprjazzjonijiet disponibbli ⁽²⁾ . | M/A |
| 2011 | Il-Qorti identifikat ħames każijiet li jammontaw għal EUR 2,9 miljun fejn l-impjenji baġitarji kienu approvati wara impjenji legali. | Ikkompletata |
| 2011 | Hemm hteġġa li titjieb il-ġestjoni tal-attivi (assi) fissi tal-Uffiċċju. Għal attivi intanġibbli żviluppjati mill-Uffiċċju, il-proċeduri kontabilistiċi u l-informazzjoni dwar l-ispejjeż ma kinux affidabbli. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Il-likwidità miżmuma mill-Uffiċċju fil-31 ta' Diċembru 2011 ammontat għal total ta' EUR 520 miljun (EUR 495 miljun fl-2010). Wara l-politika tat-teżor li ġiet approvata mill-Kumitat tal-baġit fl-2010 l-likwidità kienet miżmuma f'disa' banek f'ħames Stati Membri. | Ikkompletata. Madankollu l-Qorti tinnotta l-livell xorta għoli ta' likwidità |
| 2011 | L-Uffiċċju jeħtieġ itejjeb it-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ. Il-punteġġi ta' limitu għall-ammissjoni għal intervisti u testijiet bil-miktub ma kinux stabbiliti minn qabel u l-mistoqsijiet għal testijiet orali u bil-miktub ma kinux stabbiliti qabel ma l-applikazzjonijiet kienu eżaminati mill-bordijiet tal-għażla. Barra minn hekk, ma kien hemm ebda deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ħatra biex jinħatar il-bord tal-għażla u f'każ wieħed is-segregazzjoni tad-dmirijiet bejn l-Awtorità tal-Ħatra u l-bord tal-għażla ma kinix żgurata. | Ikkompletata |

⁽¹⁾ Il-valur minimu ġie stabbilit fil-ftehim għal EUR 16,3 miljun. Is-servizzi pprovduti fl-2011 ammontaw għal total ta' EUR 14,5 miljun.

⁽²⁾ Dan il-pagament sar mill-baġit 2012.

ANNEX II

Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 36 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>Moviment liberu tal-merkanzija</p> <p>[...] projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet [...] ġustifikati abbażi ta' [...] il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali [m'għandhomx] jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.</p> <p>[...] restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi. [...]</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Uffiċċju</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009)</p> <p>(Ir-Regolament UE Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Li jimplementa l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trademarks u d-disinj, biex jagħti l-istess livell ta' protezzjoni lill-impriżi fl-Unjoni Ewropea kollha.</p> <p>Li jipromwovi diskussjoni, riċerka, taħriġ, komunikazzjoni, il-ħolqien ta' għodod avvanzati għall-appoġġ għall-IT u l-firxa tal-aħjar prattika rigward kwistjonijiet tal-IP.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jirċievi u jdaħħal applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, — li jeżamina l-kundizzjonijiet għad-dħul fir-Reġistru u l-kompatibilità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, — li jfittex fl-uffiċċji ta' proprjetà industrijali tal-Istati Membri kwalunkwe trade mark nazzjonali li kienet diġà teżisti, — li jippubblika l-applikazzjonijiet, — li jeżamina kwalunkwe oppożizzjoni minn partijiet terzi, — li jirreġistra jew jirrifjuta applikazzjonijiet, — li jeżamina applikazzjonijiet għar-revoka jew invalidità, — li jitratta appelli kontra deċiżjonijiet, — li jtejjeb il-fehim dwar il-valur tal-proprjetà intellettuali, — li jtejjeb il-fehim dwar l-ambitu u l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, — li jsaħħaħ l-għarfien dwar l-aqwa prattika fis-settur pubbliku u dak privat għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, — li jgħin biex iżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, — li jsaħħaħ l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, — li jsaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar li jgħinu fid-distnżjoni bejn prodotti ġenwini u dawk foloz, |

| | |
|------------------------|---|
| | <p>— li jipprovdi mekkaniżmi li jgħinu fit-titjib tal-iskambju elettroniku, bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, tal-informazzjoni relatata mal-infurzar ta' dawn id-drittijiet, u li jrawwem koppe-razzjoni ma' u bejn daww l-awtoritajiet,</p> <p>— li jaħdem bil-konsultazzjoni tal-Istati Membri, biex irawwem il-kooperazzjoni internazzjonali ma' uffiċċji tal-proprjetà intellettwali f'pajjiżi terzi sabiex jibni strateġiji u jiġu żviluppati tekniki, ħiliet u għodod għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Amministrattiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni, u s-supplenti tagħhom.</p> <p><i>Kompitu</i></p> <p>— Li jaġhti parir lill-President dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju.</p> <p>— Li jħejji listi ta' kandidati (l-Artikolu 125) għall-President, il-Viċi Presidenti u ċ-Ċermen u l-membri tal-Bords tal-Appell.</p> <p>President tal-Uffiċċju</p> <p>— Maħtur mill-Kunsill minn lista ta' mhux aktar minn tliet kandidati li tkun tħejjiet mill-Bord Amministrattiv.</p> <p>Kumitat tal-Baġit</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— Rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u s-supplenti tagħhom.</p> <p><i>Kompitu</i></p> <p>— Li jadotta l-baġit u r-regolament finanzjarju, jaġhti kwittanza lill-President u jiddetermina l-ispejjeż tar-rapporti tat-tfittxija.</p> <p>Deċiżjonijiet relatati mal-applikazzjonijiet</p> <p>Id-deċiżjonijiet jittieħdu:</p> <p>(a) mill-Eżaminaturi;</p> <p>(b) mid-Diviżjonijiet tal-Oppożizzjoni;</p> <p>(c) mill-Diviżjoni Legali u tal-Amministrazzjoni tat-Trade Marks;</p> <p>(d) mid-Diviżjonijiet tal-Kanċellazzjoni;</p> <p>(e) mill-Bordijiet tal-Appell.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Kumitat tal-Baġit tal-Uffiċċju.</p> |

| | |
|--|---|
| Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2012 (2011) | Baġit EUR 429 (387) miljun. Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012 775 (732) post fit-tabella tal-persunal; postijiet okkupati: 680 (629) + 138 (121) membri oħra tal-persunal (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali u tal-aġenzija tal-impjeg, konsulenti speċjali) Total tal-persunal: 818 (750) |
| Prodotti u servizzi pprovduti 2012 (2011) | Trade marks Għadd ta' applikazzjonijiet: 107 924 (105 859) Għadd ta' reġistrazzjonijiet: 95 645 (93 849) Każijiet ta' oppożizzjoni: 16 634 (17 026) Appelli lill-Bordijiet tal-Appell: 2 339 (2 622) Appelli pendenti: 2 352 (2 573) Disinji Disinji riċevuti: 92 175 (87 473) Disinji rreġistrati: 78 658 (77 665) |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. L-Uffiċċju u l-Istati Membri huma konxji minn din is-sitwazzjoni, fil-fatt għall-2013, l-Uffiċċju daħħal fis-seħħ proġett pilota ta' revizzjoni f'nofs is-sena biex isegwi s-sitwazzjoni tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq tal-proġetti li jaqsmu mal-Uffiċċju. Fil-fatt, fit-23 ta' Mejju, matul il-laqgħa tal-Kumitat għall-Baġit, l-Uffiċċju ppreżenta l-ammont ittrasferit relatat mal-Istati Membri.

12. Kif intqal mill-Qorti tal-Awdituri, għat-titolu II, il-livell għoli ta' trasferimenti rriżulta mill-kuntratti pluriennali prinċipalment relatati mal-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda u żviluppi fl-IT.

Għat-titolu III, il-livell għoli ta' trasferimenti fil-biċċa l-kbira kellu x'jaqsam mal-ftehimiet ta' kooperazzjoni ffirmati mal-Istati Membri li għalihom waslu talbiet sal-31 ta' Diċembru 2012 u l-ordni tas-soltu tas-servizzi tat-traduzzjoni fl-aħħar xhur tal-2012.

L-Uffiċċju qiegħed idaħħal fis-seħħ miżuri sabiex jikkontrolla aħjar l-ammonti ttrasferiti kull sena.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/38)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"UE-OSHA"), li tinsab f'Bilbao, inħolqot bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Aġenzija huwa li tiġbor u xxerred informazzjoni dwar il-prijoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni fil-kamp tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li tappoġġa organizzazzjonijiet nazzjonali u tal-Unjoni involuti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika u li tipprovdi informazzjoni dwar miżuri preventivi⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur tapprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet

⁽¹⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kien emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweġġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tippovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Il-baġit 2012 tal-Aġenzija ammonta għal EUR 15,3 miljun, li minnhom EUR 3,2 miljun (22 %) ġew riportati għall-2013. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati huwa għoli għat-*Titolu II* (*infrastruttura*) b'valur ta' 36 % u għat-*Titolu III* (*nefqa operazzjonali*) huwa għoli wkoll b'valur ta' 33 %. Għat-*titolu II*, dan kien ikkawżat prinċipalment bit-tiġdid ta' kuntratti annwali tal-IT konklużi kif ippjanat fl-aħħar tliet xhur tal-2012. Għat-*Titolu III*, il-livell għoli rriżulta kemm min-natura pluriennali ta' proġetti kbar u kemm minn dewmien fl-għoti ta' kuntratti speċifiċi. Id-dewmien jirriżulta l-aktar minn organizzazzjoni deċentralizzata ta' proċeduri ta' akkwist li tipprevieni l-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' akkwist.

12. Ir-rata ta' kanċellazzjoni għal approprjazzjonijiet tat-*titolu I* għas-sena 2012 kienet għolja b'valur ta' 9,5 % (EUR 0,5 miljun), u dan irriżulta l-aktar minn proċeduri ta' reklutaġġ iffriżati u żieda antiċipata fis-salarji li kienet għadha ma tħallsitx.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li tliehdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|--|---|
| 2011 | Ir-rata għolja ta' kanċellazzjoni għall-appropriazzjonijiet tindika diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fil-programm ta' ħidma annwali u fil-konformità mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Għadha għaddejja |
| 2011 | Bejn is-16 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2011, l-operazzjonijiet finanzjarji kollha (impenji tal-baġit u legali, pagamenti) li tħallsu minn uffiċjali awtorizzanti delegati kienu saru abbażi ta' delegazzjonijiet skaduti li ma kinux regġhu ġew imġedda wara l-wasla tad-Direttur il-ġdid. | Ikkompletata |
| 2011 | Peress li r-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija u r-Regoli ta' Implimentazzjoni korrispondenti jipprevedu inventarju fiżiku mill-inqas kull tliet snin, l-aħħar inventarju fiżiku twettaq fl-2006. | Ikkompletata |
| 2011 | B'kuntrast maż-żewġ Aġenziji Ewropej l-oħra li huma bbażati fi Spanja (OHIM f'Alicante u CFCA f'Vigo), ma kienx ġie konkluż ftehim dwar is-sede. | Għadha għaddejja |

ANNEX II

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|---|--|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 151 u 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni u l-Istati Membri [...], għandu jkollhom bħala mira l-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-mira ta' livell għoli ta' impjieg li jdm għal żmien twil u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.</p> <p>Bl-għan li jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 151, l-Unjoni għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma:</p> <p>(a) it-titjib inpartikolari tal-ambjent tax-xogħol biex jitħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;</p> <p>(b) il-kundizzjonijiet tax-xogħol;</p> <p>(e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;</p> <p>(h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, bla preġudizzju għall-Artikolu 166;</p> <p>(i) l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol;</p> <p>(j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94)</p> | <p>Objettivi</p> <p>Sabiex jiġi mtejjeb l-ambjent tax-xogħol, fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema kif previst fit-Trattat u fl-istrategġija u programmi ta' azzjoni suċċessivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, l-għan tal-Aġenzija għandu jkun li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali u lil dawk involuti fil-qasam l-informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika siewja fil-qasam ta' sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-Artikolu 2).</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni dwar prijoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni u dwar ir-riċerka, — tippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar programmi ta' taħriġ, — tforni lill-korpi tal-Unjoni u l-Istati Membri b'informazzjoni li jeħtieġu biex jifformulaw u jimplementaw politiki, b'mod partikolari rigward l-impatt fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; — tagħmel disponibbli informazzjoni dwar attivitajiet preventivi, — tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strategġija u programmi ta' azzjoni tal-Unjoni, — tistabbilixxi netwerk li jkun fih punti fokali nazzjonali u ċentri tematiċi. |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Bord Governattiv (BG)</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rappreżentant wieħed tal-Gvern ta' kull Stat Membru. — Rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ta' kull Stat Membru. — Rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati ta' kull Stat Membru. — Tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni. — Membri u membri supplenti mill-ewwel tliet kategoriji għandhom jinħatru mill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. |

| | |
|--|---|
| | <p>Bureau tal-BG</p> <ul style="list-style-type: none"> — President u tliet viċi presidenti tal-Bord. — Koordinaturi minn kull wieħed mit-tliet gruppi ta' interess. — Membru wieħed addizzjonali minn kull wieħed mill-gruppi u mill-Kummissjoni. <p>Id-Direttur huwa maħtur mill-Bord Governattiv abbażi ta' lista mqassra mill-Kummissjoni.</p> <p>Kumitati</p> <p>Konsultazzjoni obbligatorja mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol fir-rigward tal-programm ta' ħidma u l-baġit.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011)</p> | <p>Baġit</p> <p>EUR 16,4 (16,4) miljun li minnhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Sussidju tal-Unjoni, id-DĠ Impjiegi: 89,0 % (91,0 %) — Sussidju ieħor tal-Unjoni, id-DĠ Impjiegi: 5,9 % (- %) — Sussidju ieħor tal-Unjoni, id-DĠ Tkabbir: 3,9 % (8,0 %) — Oħrajn: 1,2 % (1,0 %) <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>44 (44) post previsti fit-tabella tal-persunal, li minnhom, 42* (41) post kienu okkupati.</p> <p>Persunal ieħor:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Esperti Nazzjonali Sekondati: 0 (0) — persunal kuntrattwali: 25 (26) (wieħed minnhom iffinanzjat minn fondi assenjati) — persunal lokali: 1 (1) <p>Total tal-persunal impjegat: 68 (68)</p> <p>Allokati lil:</p> <ul style="list-style-type: none"> — attivitajiet operazzjonali: 48 (50) — kompiti amministrattivi: 10 (10) — kompiti mħallta: 9 (8) |
| <p>Prodotti u servizzi fl-2012 (Ġbir u analiżi ta' informazzjoni)</p> | <p>OSSERVATORJU EWROPEW TAR-RISKJU: NANTIĊIPAW IL-BIDLA</p> <p>Objettiv speċifiku 1: Li tingħata bażi għall-iffissar ta' prijoritajiet għal riċerka u azzjonijiet tal-OSH permezz tal-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' xejriet u l-antiċipazzjoni ta' riskji ġodda u emerġenti relatati mal-OSH billi jitwettagħ studju ta' tbassir fuq skala kbira</p> <p>Ġie kkompletat il-proġett ta' Tassir li jantiċipa r-riskji fuq terminu ta' żmien itwal assoċjati mal-qasam dejjem jikber malajr ta' impjiegi ekoloġiċi. Il-proġett temm b'sessjoni ta' ħidma dwar politika bil-għan li jiġu ttestajti u konsolidati x-xenarji varji li kienu ġew żviluppati, u biex wieħed ikun jista' jara kif jistgħu jwasslu għal opzjonijiet varji ta' politika biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li l-proġett kien qajjem.</p> |

Rapport li jenfasizza d-diskrepanzi li jeżistu fil-kuxjenza tagħna dwar ir-riskji potenzjali involuti fit-trattament ta' nanomaterjali ġie ppubblikat flimkien ma' database ta' eżempji ta' prattika tajba fil-ġestjoni ta' nanomaterjali manifatturati, kif ukoll enfasizza tali inizjattivi li tabilħaqq jeżistu biex jiġu komunikati r-riskji ta' nanomaterjali manifatturati.

Objettiv speċifiku 2: Li jingħata input għal sforzi ta' riċerka u prevenzjoni aktar iffukati permezz tal-eżami u l-analiżi tar-riċerka dwar fatturi tar-riskji u eżiti tas-saħħa

Il-websajt kollaborattiv OSHwiki ġiet żviluppata aktar biż-żieda ta' 'seed articles' (artikoli qosra b'informazzjoni li ma tkunx riċerkata fil-fond) bi tħejjija għal varatura preliminari fl-2013 u varatura sħiħa fl-2014. L-OSHwiki se tippermetti lill-utenti awtorizzati jżidu u ma' u jimmodifikaw l-informazzjoni li se tagħmel disponibbli, u hija se tkopri suġġetti importanti li jiġu ttrattati minn ħafna organizzazzjonijiet tal-OSH madwar id-dinja.

Objettiv speċifiku 3: Li jiġi appoġġat l-iffissar ta' prijoritajiet għal riċerka u azzjonijiet tal-OSH billi tingħata ħarsa ġenerali lejn is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa bbażata fuq data storika u attwali

Il-proġett Inċentivi Ekonomiċi tal-Aġenzija ġie ffinalizzat, wara li eżamina l-miżuri li pajjiżi fl-Ewropa ħadu biex tiġi stimolata prestazzjoni tajba tal-OSH, pereżempju prinjums tal-assigurazzjoni kontra inċidenti jew rati tat-taxxa aktar baxxi, termini bankarji aħjar bħal rati tal-imgħax aktar baxxi, and sussidji mill-Istat. Ġiet ippubblikata gwida li tagħti pariri lill-istituzzjonijiet li jistgħu joffru tali inċentivi.

Objettiv speċifiku 4: Li jiġi stimulat dibattitu dwar, u tiġi żgurata r-rilevanza tas-sejbiet tal-osservatorju permezz ta' diskussjoni u konsolidazzjoni ma' gruppi mmirati u benefiċjarji

Sessjoni ta' ħidma dwar karċinoġeni and kanċer okkupazzjonali organizzata mill-UE-OSHA ġabret fil-qosor l-għarfien attwali tagħna dwar esponimenti rilevanti u kawżi u ċirkustanzi ta' kanċer relatat max-xogħol.

Flimkien mal-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza fit-Trasport, l-Aġenzija organizzat avveniment ta' sensiblizzazzjoni dwar is-suġġett tal-OSH fis-settur tat-trasport bit-triq, b'fokus partikolari fuq il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'inizjattivi tal-OSH.

Bħala parti mill-proġett tagħha li għaddu għaddej dwar l-'implimentazzjoni' tal-OSH fl-edukazzjoni, l-Aġenzija ppubblikat skeda informattiva u serje ta' studji tal-każijiet fuq il-prattika tajba fit-taħriġ ta' għalliema fl-OSH, u fit-twassil ta' edukazzjoni dwar ir-riskji. L-Aġenzija ħadet sehem ukoll f'għadd ta' laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma, inkluża waħda organizzata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u oħra min-Netwerk Ewropew għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ fis-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali.

L-Aġenzija tuża l-kont Twitter tagħha biex tippromwovi l-azzjonijiet tagħha permezz tal-midja soċjali u bħalissa għandha madwar 6 000 segwaċi.

Objettiv speċifiku 5: Li dawk li jfasslu l-politika u l-fornituri tal-informazzjoni tal-OSH jiġu meġhuna jagħtu appoġġ aħjar lill-intrapriżi permezz tal-implimentazzjoni ta' sħarriġiet biex tingħabar informazzjoni f'ħin reali dwar il-ġestjoni tal-OSH u riskji emerġenti ewlenin tal-OSH

Fl-2012 ġew ippubblikati erba' rapporti ta' analiżi sekondarja bbażati fuq l-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER) 2009: 'Management of occupational health and safety and health at work' (Ġestjoni tas-saħħa okkupazzjonali u tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol), 'Worker representation and consultation on health and safety' (Rappreżentazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà), 'Factors associated with effective management of psychosocial risks at work' (Fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva ta' riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol) u 'Drivers and barriers for Management of psychosocial risk management in European enterprises: an exploration of drivers, barriers and needs.' (Motivaturi u xkiel għall-Ġestjoni tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fintrapriżi Ewropej: esplorazzjoni ta' motivaturi, xkiel u ħtiġijiet). Barra minn hekk, ġie ppubblikat sinossi ta' rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet prinċipali ta' dawn l-erba' studji: 'Nifhmu l-ġestjoni fuq il-post tax-xogħol tas-sigurtà u s-saħħa, ir-riskji psikosoċjali u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema permezz tal-ESENER'.

Evalwazzjoni ex post tal-ESENER ġie ppubblikat f'Diċembru 2012, li ġeneralment invalida l-approċċ meħud u identifika xi punti li jistgħu jittejjbu fedizzjoni futura. Ir-rapport ġie ppreżentat lill-The report was presented to the Prevention and Research Advisory Group (Grupp Konsultattiv dwar il-Prevenzjoni u r-Riċerka) (PRAG).

Objettiv speċifiku 6: Li jitfittex konsensus attwali dwar il-prijoritajiet tar-riċerka fl-OSH, u li l-istituti tar-riċerka nazzjonali tal-OSH jitħeġġu jiffissaw prijoritajiet konġunti, ipartu r-riżultati kif ukoll iħeġġu l-inklużjoni ta' rekwiżiti tal-OSH fi programmi tar-riċerka

Abbozz ta' rapport finali dwar prijoritajiet tar-riċerka tal-OSH fl-UE għas-snin 2013-20 ġie ppreżentat miċ-Ċentru Tematiku tal-Aġenzija fi tmien Settembru 2012.

INFORMAZZJONI DWAR L-AMBJENT TAX-XOGĦOL: KONDIVIŻJONI TA' GĦARFIEN DWAR PRATTIKA TAJBA FIL-LIVELL TAL-POST TAX-XOGĦOL

Objettiv speċifiku 1: Li jiġu żviluppati prodotti utli, prattiċi u ta' kwalità għolja ta' informazzjoni b'appoġġ għall-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jiġibu 'l Quddiem is-Saħħa

Madwar 20 prodott ġew żviluppati għall-bidu tal-kampanja 2012-13 "Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji", fosthom il-Gwida għall-Kampanja, prodott b'immarkar assoċjat mal-imsieħba soċjali Ewropej, studji tal-każijiet u l-websajt.

Objettiv speċifiku 2: Li jissaħħu miżuri ta' prevenzjoni permezz tal-ġhotti ta' informazzjoni utli u prattika dwar il-prattika tajba fuq setturi u suġġetti ta' prijorità

Ġew prodott eżamijiet tad-dokumentazzjoni dwar il-motivazzjoni ta' min iħaddem u tal-ħaddiema biex jitrattaw il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol (WHP), flimkien ma' tliet e-facts dwar it-tabakk (għal min iħaddem, min ipejjeq u min ma jpejjeq), li ġew promossi permezz ta' kampanja żgħira dwar Il-Jum Dinji Bla Tabakk. Ġew ippubblikati aktar e-facts dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, dwar il-promozzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema żgħażaġh u dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali.

L-UE-OSHA ħadet sehem fl-aqgħa konġunta dwar l-integrazzjoni tal-OSH fl-edukazzjoni mal-ILO u n-NIOSH f'Torino fejn ġew ippreżentati materjali ta' taġħlim tan-NAPO.

Objettiv speċifiku 3: Li jiġu appoġġati miżuri ta' prevenzjoni permezz tal-iżgur tar-rilevanza kontinwa ta' prodott eżistenti ta' informazzjoni

Ġiet aġġornata l-informazzjoni dwar it-taqsimu multilingwi REACH u CLP fuq il-websajt tal-Aġenzija biex tingħbed l-attenzjoni għall-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-Kimiċi tal-UE, b'fokus speċifiku fuq kwistjonijiet tal-post tax-xogħol. Din saret fil-kuntest ta' kampanja żgħira li kienet tinkludi organizzazzjonijiet settorjali, imsieħba soċjali, servizzi relatati tal-Kummissjoni, dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, u l-helpdesks nazzjonali tar-REACH. Xogħol l-UE-OSHA dwar sustanzi perikolużi, inkluża informazzjoni mmirata lejn l-SMEs, ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-grupp SLIC Chemex u fil-laqgħa ACSH WP Chemicals.

Objettiv speċifiku 4: Li jitjiebu l-implimentazzjoni u l-kwalità ta' valutazzjonijiet tar-riskji f'intrapriżi mikro u żgħar (impjegati bejn 1 u 49) permezz ta' tkabbir tal-kuxjenza dwar il-ħtieġa għal twettiq ta' valutazzjoni tar-riskji u kif din għandha ssir

L-Aġenzija żviluppat aktar il-proġett ta' għodda Interattiva Online għall-Valutazzjoni tar-Riskji (OiRA) kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istat Membru. Żvilupp bażiku tas-software ġie kważi kkompletat fl-2012 u ra l-iżvilupp ta' għadd limitat ta' funzjonalitajiet ġodda biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet identifikati mis-sħab tal-OiRA. Wara test tal-użabbiltà, indew żviluppi ġodda biex titjeb il-faċilità tal-għodda għall-utent. L-Aġenzija kienet attiva ħafna fil-promozzjoni u fl-iżvilupp tal-komunità tal-OiRA, bl-adozzjoni wiesgħa ta' għodod fil-livell nazzjonali u permezz tal-komitati ta' djalogo soċjali settorjali fil-livell tal-UE.

Netwerking u Koordinazzjoni

Aktar żvilupp tan-netwerk b'punti fokali, it-Tmexxija tal-Aġenzija u kollegament ma' organizzazzjonijiet Ewropej u Internazzjonali.

Bini ta' kapaċitajiet istituzzjonali fil-Pajjiżi Kandidati u dawk Potenzjalment Kandidati (fondi assenjati).

Koordinazzjoni tal-programmazzjoni u l-evalwazzjoni.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZIJA

11. L-Aġenzija ser tieħu miżuri biex tittejjeb il-prontezza ta' proċeduri ta' akkwist fil-ġejjieni billi:

- Tiġi integrata skeda ta' akkwist fil-Pjan ta' Ġestjoni Annwali mill-AMP 2014;
- Jiġu żviluppati proċeduri ġodda ta' akkwist u tal-ġestjoni ta' kuntratti u jingħataw gwida u taħriġ adatt għall-persunal (sa tmiem l-2013);
- Tiġi introdotta sistema ġdida tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' akkwist mid-Direttur (fl-2014).

12. Il-kanċellazzjonijiet kienu relatati prinċipalment ma' proċeduri ta' reklutaġġ li għaddejjin u postijiet battala li ma jmtlewx bħala miżura ta' prekawzjoni sakemm il-Maniġment ikun f'pożizzjoni li jevalwa l-impatt tal-inċertezzi u l-limiti baġitarji fuq il-perjodu li ġej (5 % tnaqqis f'impjeggi fit-tabella tal-persunal, eċċ.) u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li ġej. Fir-rigward taż-żidiet tas-salarju li ma tħallsux, l-appropriazzjonijiet li setgħu jiġu riportati biss għal sena waħda kellhom jiġu kkanċellati fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija

(2013/C 365/39)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala r-"REA"), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/46/KE ⁽¹⁾. L-Aġenzija ġiet stabbilita għal perjodu limitat li beda fl-1 ta' Jannar 2008 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017 bl-għan li tmexxi attivitajiet speċifiċi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka ⁽²⁾. Fil-15 ta' Ġunju 2009 l-Aġenzija uffiċjalment ingħatat l-awtonomija amministrattiva u operazzjonali tagħha mill-Kummissjoni Ewropea.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁵⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

(a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.

(b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-baży tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurarzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-standards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament

⁽¹⁾ ĠU L 11, 15.1.2008, p. 9.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tiejja u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u

r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kumment li ġej ma jixħitx dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENT DWAR IL-KONTROLLI INTERNI

11. Fl-2012 uffiċjal tar-REA ffirmat ordnijiet ta' ħlas li ammontaw għal EUR 8,86 miljun (19 % tal-baġit 2012 tar-REA) bħala uffiċjal awtorizzanti waqt li kien qed jissostitwixxi lill-Kap ta' Unità tiegħu. L-uffiċjal ma rċevix sottodelega formali u lanqas ma kien nominat uffiċjalment mill-uffiċjal awtorizzanti bħala d-deputat tiegħu. Dan mhuwiex konformi mas-sistema ta' sottodelegazzjoni stabbilita fir-Regolament Finanzjarju.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Riporti li ammontaw għal EUR 1,2 miljun (li jirrappreżentaw 35 % tal-approprijazzjonijiet kollha riportati għall-2011) ġew ikkanċellati fl-2011. Dan ikkonċerna b'mod partikolari t-Titolu I (Nefqa għall-persunal) fejn EUR 0,3 miljun (52 % tal-approprijazzjonijiet) u t-Titolu II (Nefqa għall-infras-truttura u għall-operat), fejn EUR 0,7 miljun (41 % tal-approprijazzjonijiet) ġew ikkanċellati. Din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità. | Ikkompletata |
| 2011 | Bosta trasferimenti tal-baġit saru lejn tmiem is-sena. L-approprijazzjonijiet li jikkonċernaw l-IT u n-nefqa operazzjonali żdiedu b'mod sinifikanti ⁽¹⁾ . Din is-sitwazzjoni tindika d-dgħufijiet fl-ippjanar u l-programmazzjoni tal-baġit u tmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni. | Ikkompletata |
| 2011 | Hemm lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ. Il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u għall-intervisti ġew stabbiliti wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; il-punteġġi tal-limitu minimu biex wieħed ikun inkluż fil-lista ta' riżerva ma kinux ġew stabbiliti minn qabel; il-bord tal-għażla ma ddokumentax bis-sħiħ il-laqgħat u d-deċiżjonijiet kollha tiegħu. | Għadha għaddejja |

⁽¹⁾ L-approprijazzjonijiet li jikkonċernaw l-ispejjeż tal-IT (linja tal-baġit 2 1 0 3) żdiedu bi 80 % minn EUR 1,9 miljun għal EUR 3,4 miljun. L-approprijazzjonijiet għall-pjattaforma komuni ta' evalwazzjoni tal-FP7 (linja tal-baġit 3 3 0 3) żdiedu b'194 % minn EUR 0,7 miljun għal EUR 2,1 miljun.

ANNEX II

Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 179 u 180 tat-TFUE)</p> | <p>Ġbir ta' informazzjoni</p> <p>L-Unjoni għandha jkollha l-oġettiv li ssaħħa is-sisien xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tistabbilixxi żona ta' riċerka Ewropea li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġiji jiċċirkolaw liberament, u li tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha u tal-industrija tagħha.</p> <p>Għal dan l-għan l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi lill-impriżi inklużi l-SMEs, liċ-ċentri ta' riċerka u lill-universitajiet fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' livell għoli; għandha wkoll tappoġġa l-isforzi tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin, u timmira fuq kolloxx li tippermetti lir-riċerkaturi li jikkooperaw liberament lil hinn mill-fruntieri u lill-impriżi li jisfruttaw il-potenzjal kollu tas-suq intern, speċjalment [...] bid-definizzjoni ta' standards komuni u bit-tneħħija ta' xkiel legali u fiskali għal dik il-kooperazzjoni. [...]</p> <p>Filwaqt li tfittex li tikseb dawn l-għanijiet, l-Unjoni għandha twettaq dawn l-attivitajiet li ġejjin, li jikkomplementaw l-attivitajiet li jsiru fl-Istati Membri:</p> <p>(a) l-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni, billi ssaħħa il-kooperazzjoni ma' u bejn l-impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;</p> <p>(b) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni tal-Unjoni;</p> <p>(c) id-disseminazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riżultati ta' attivitajiet fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni tal-Unjoni;</p> <p>(d) l-istimulazzjoni tat-taħriġ u l-mobilità tar-riċerkaturi fl-Unjoni.</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/46/KE)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>L-għan tal-Aġenzija huwa l-ġestjoni tal-Programmi fdati lilha taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għal Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-FP7) (il-Programm Nies, l-azzjonijiet tal-SMEs tal-Programm Kapaċitajiet, u t-temi ta' Spazju u Sigurtà tal-Programm Kooperazzjoni) b'mod effiċjenti u effettiv, biex twassal servizzi effiċjenti u effettivi lill-komunità tar-riċerka u l-forniment ta' servizzi ċentralizzati ta' sostenn tal-FP7 lis-servizzi rispettivi tal-Kummissjoni għall-oqsma kollha tal-Programmi Speċifiċi Kapaċitajiet, Kooperazzjoni u Nies.</p> <p>Rigward l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-Programmi, l-Aġenzija – bħala promotur taż-Żona Ewropea tar-Riċerka – timmira lejn it-titjib fil-ġestjoni ta' proġetti, l-istabbiliment ta' kuntatt mill-qrib ma' benefiċjarji finali u l-provvediment ta' viżibbiltà għolja għall-Unjoni Ewropea.</p> <p>Kompiti</p> <p>Rigward il-ġestjoni ta' proġetti, l-Aġenzija tikkonkludi u tmexxi ftehimiet ta' għotjiet, li tinvolvi l-operazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tħejjija u pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, — evalwazzjoni ta' proposti, — tħejjija u ffirmar ta' ftehimiet ta' għotjiet, — monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' proġetti inkluża l-aċċettazzjoni ta' rapporti u riżultati oħra, |

| | |
|--|---|
| | <ul style="list-style-type: none"> — pagamenti, rkupri, u applikazzjoni ta' sanzjonijiet fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 114(4) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, b'mod notevoli meta jkunu ġew identifikati żbalji fi spejjeż iddikjarati wara awditi <i>ex post</i> fil-livell tal-benefiċjarji finali, — pubbliċità u disseminazzjoni tar-riżultati <i>ex post</i>. <p>Rigward is-Servizzi ta' Sostenn tal-FP7, l-Aġenzija twettaq il-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — sostenn amministrattiv għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet, — ġestjoni tal-ilqugħ elettroniku ta' proposti, — sostenn għal evalwazzjonijiet remoti u fuq il-post, — sostenn għat-tħejjija ta' ittri ta' ħatra u ta' pagamenti għal esperti, — ġestjoni tad-database Ċentrali tal-parteċipanti tal-FP7 (Faċilità tar-Reġistrazzjoni Unika – URF), inkluż sostenn għal kontrolli tal-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarji magħżula, — ġestjoni tas-Servizz ta' Tagħrif dwar ir-Riċerka. |
| Tmexxija | <p>Kumitat ta' Ġestjoni</p> <p>Magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea. Jadotta t-tabella tal-organizzazzjoni (organigramma) tal-Aġenzija u l-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, jadotta l-baġit amministrattiv tal-Aġenzija u r-Rapport Annwali tal-Attività tagħha.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni, imexxi l-Aġenzija flimkien mal-Kumitat ta' Ġestjoni, jimplementa l-baġit amministrattiv, jistabbilixxi sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll intern adattati għall-kompiti fdati lill-Aġenzija u jħejji r-rapporti li jkunu se jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill Ewropew. Fir-rigward tal-implimentazzjoni mill-Aġenzija tal-baġit amministrattiv tagħha, id-deċiżjoni ta' kwittanza tiġi indirizzata lid-Direttur. Għall-implimentazzjoni tal-baġit operazzjonali ddelegata mill-Kummissjoni lill-Aġenzija, il-Kummissjoni tibqa' responsabbli.</p> |
| Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012 (2011) | <p>Baġit Operazzjonali 2012 (2011)</p> <p>EUR 1 479,9 (1 340,6) miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 1 459,6 (1 059) miljun ta' approprjazzjonijiet ta' pagament. L-Aġenzija timplimenta l-baġit operazzjonali tal-Kummissjoni taħt deċiżjoni ta' delega mill-Kummissjoni:</p> <p>Baġit Amministrattiv 2012 (2011)</p> <p>EUR 46,4 (39,2) miljun. L-Aġenzija timplimenta l-baġit amministrattiv b'mod awtonomu.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012 (2011)</p> <p>Postijiet ta' persunal temporanju: 128 (117) elenkati fit-tabella tal-persunal li minnhom 122 (103) okkupati</p> <p>Persunal kuntrattwali: 385 (349) membru tal-persunal ipplanati li minnhom 374 (351) kienu fil-post fil-31 ta' Diċembru 2012</p> |

| | |
|---|---|
| | <p>Total tal-persunal fil-post: 496 (454) responsabli mill-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — implimentazzjoni tal-programmi: 330 (287) — servizzi ta' sostenn tal-FP7: 90 (88) — funzjonijiet maniġerjali u amministrattivi: 76 (79) |
| <p>Prodotti u servizzi 2012 (2011)</p> | <p>Għall-Programm Nies, ingħalqu 10 (9) sejħiet fl-2012 u ġew ikkompjetati 10 (9) evalwazzjonijiet. 1 899 (1 615-il) ftehim ġdid ta' għotjiet ġew iffirmati u saru 3 599 (2 676) pagament (<i>esklużi pagamenti għal evalwaturi esperti</i>). L-Aġenzija issa tmexxi total ta' 5 492 (5 159) proġett taħt dan il-programm.</p> <p>Għall-azzjonijiet tal-SMEs tal-Programm Kapaċitajiet, ingħalqet sejħa 1 (1) u ġiet ikkompjetata evalwazzjoni 1 (1). 201 (162) ftehim ġdid ta' għotjiet ġew iffirmati u saru 508 (385) pagament (<i>esklużi pagamenti għal evalwaturi esperti</i>). L-Aġenzija issa tmexxi total ta' 625 (522) proġett taħt din l-iskema.</p> <p>Għat-temi Spazju u Sigurtà tal-Programm Kooperazzjoni, ingħalqu 2 (2) sejħiet fl-2012 u ġew ikkompjetati 2 (2) evalwazzjonijiet. 80 (118-il) ftehim ġdid ta' għotjiet ġew iffirmati u saru 258 (183) pagament (<i>esklużi pagamenti lil evalwaturi esperti</i>). L-Aġenzija issa tmexxi total ta' 317-il (271) proġett taħt dawn it-temi.</p> <p>Fir-rigward tas-servizzi ta' sostenn tal-FP7, ir-riżultati miksuba għall-2012 huma kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 89 (64) pubblikazzjoni ta' sejħiet sostnuti; — 32 286 (26 838) proposta riċevuti permezz tal-għodda elettronika għall-bgħit ta' proposti; — 6 462 (3 897) evalwatur espert ikkuntrattati u saru 4 217 (3 620) pagament lil esperti (<i>għal programmi mmexxija mill-Aġenzija biss</i>); — 6 616 (6 252) validazzjoni ta' parteċipanti kkompletati; — 5 871 (7 123) tweġiba mibgħuta wara mistoqsijiet lis-Servizz ta' Tagħrif dwar ir-Riċerka. |

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠBIET TAL-AĠENZIJA

11. L-arranġamenti ta' supplenza għall-awtorizzazzjoni tal-pagamenti fl-assenza tal-uffiċjal iddelegat għall-awtorizzazzjoni huma mniżżla fid-deċiżjoni tad-Direttur dwar ir-regoli għas-supplenza (aġġornata l-aħħar fit-23.01.2013).

Madankollu, wara l-kumment tal-Qorti, ir-REA sadanittant esplorat il-possibiltà li tiddelega s-setgħat għall-awtorizzazzjoni tal-pagamenti għall-membru addizzjonali tal-persunal fi ħdan l-Unità tal-Finanzi u riċentement ħatret it-tieni AOD għall-pagamenti u kuntratti ta' valur baxx li jaqa' taħt il-baġit amministrattiv.

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija

(2013/C 365/40)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew) ("l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala "TEN-TEA"), li tinsab fi Brussell, ġiet imwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE ⁽¹⁾, emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE ⁽²⁾. L-Aġenzija ġiet stabbilita għal perjodu li beda fl-1 ta' Novembru 2006 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015 għat-tmexxija ta' azzjonijiet tal-UE fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁴⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Skont l-Artikoli 33 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽⁶⁾, il-maniġment huwa

responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁷⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fihom huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi sorveljanza adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁸⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet

⁽¹⁾ ĠU L 32, 6.2.2007, p. 88.

⁽²⁾ ĠU L 190, 18.7.2008, p. 35.

⁽³⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁷⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twestaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġġ ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012 u

r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kumment li ġej ma jixħitx dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENT DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. L-implimentazzjoni tal-baġit kienet sodisfaċenti għat-*Titolu 1* filwaqt li r-rata ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati kienet għolja għat-*Titoli II u III* flivell ta' 38 % (EUR 805 755) u 50 % (EUR 363 613) rispettivament. Mill-ammont totali riportat (EUR 1,37 miljun), 74 % huwa marbut ma' servizzi mogħtija fl-2012 jew kmieni fl-2013. Is-26 % li jifdal huwa relatat ma' prodotti u servizzi ordnati fi tmiem l-2012 li kienu oriġinarjament ippjanati fuq il-baġit 2013, iżda li ġew avvanzati għall-2012.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi meħuda b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

| Sena | Kumment tal-Qorti | Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A) |
|------|---|--|
| 2011 | Għat- <i>Titolu III</i> – Nefqa għall- <i>appoġġ tekniku u amministrattiv</i> , intuża biss 41 % tal- <i>baġit inizjali</i> ta' EUR 0,6 miljun matul is-sena, prinċipalment minħabba spejjeż ta' <i>evalwazzjoni</i> li kienu inqas milli kien mistenni b' <i>riżultat tal-posponiment għall-2012 tas-sejħa</i> għal <i>proposti għall-programm ta' ħidma 2011 tal-Aġenzija</i> . L- <i>approprijazzjonijiet</i> li ma ntużawx kienu trasferiti għat- <i>Titolu II</i> – Nefqa għall- <i>infrastruttura u operazzjonali</i> , biex b'hekk it-total tal- <i>baġit finali</i> ta' EUR 9,9 miljun baqa' ma nbidilx. Minkejja dan, is- <i>sottoutilizzazzjoni fit-<i>Titolu III</i> tirrappreżenta diverġenza mill-programm ta' ħidma annwali approvat tal-Aġenzija</i> . | Ikkompletata |

ANNEX II

Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

| | |
|--|---|
| <p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 26, 170, 171, 172, 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> | <p>L-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tassigura (tiżgura) l-funzjonament tas-suq intern. Is-suq intern għandu jikkompreni arja (żona) li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat.</p> <p>Sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha inġenerali, l-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koezzjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha.</p> <p>Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, u sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jstgħu jgawdu mill-benefiċċji tal-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabbiliti u jiġu żviluppati netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija. L-azzjoni mill-Unjoni għandha tfittex li tiffaċilita l-interkonnessioni u l-interoperabbiltà ta' netwerks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għalihom.</p> <p>Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, l-Unjoni għandha tistabbilixxi sensiela ta' linji gwida dwar il-miri, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri kontemplati fl-isfera tan-netwerks trans-Ewropej (TENS).</p> |
| <p>Kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 67/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> <p>(Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003)</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE, emendata l-aħħar bl-2008/593/KE)</p> | <p>Għanijiet</p> <p>Id-Deċiżjoni fuq Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew (TEN-T) tistabbilixxi l-linji gwida li jkopru l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-linji wiesgħa maħsuba fil-kamp tat-TEN-T. Ġew stabbiliti regoli ġenerali għall-finanzjament mill-Unjoni tat-TENS, sabiex dawn il-Linji Gwida jkunu jstgħu jiġu implimentati.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 58/2003 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi aġenziji eżekuttivi għat-twertiq tal-kompiti relatati mal-Programmi tal-Unjoni. Għaldaqstant it-TEN-TEA twaqqfet biex tmexxi l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tat-TENS fuq il-bażi tal-Linji Gwida tat-TEN-T u r-Regolament Finanzjarju u żżid il-valur fit-tmexxija tal-Programm TEN-T. Hija tibqa' taħt is-sorveljanza tad-DĠ prinċipali tagħha, id-DĠ MOVE, li jżomm ir-responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' politika.</p> <p>It-TEN-TEA hija responsabbli għat-tmexxija tal-implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-Programm TEN-T billi ssegwi ċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett kollu kemm hu. Fix-xogħol tagħha ta' kuljum hija timmira li ttejjeb l-effettività u l-flessibbiltà tal-implimentazzjoni tat-TEN-T bi spiża inqas waqt li fl-istess ħin timmobilizza livell għoli ta' kompetenza billi tirrekluta aktar persunal speċjalizzat. Hija ssaħħaħ ukoll ir-rabtiet bejn it-TEN-T u l-partijiet interessati ewlenin; tiżgura koordinazzjoni aħjar tal-fondi ma' strumenti oħra tal-UE; tgħolli l-profil u l-benefiċċji tal-finanzjament mill-UE; u tagħti appoġġ/feedback lill-Kummissjoni.</p> |
| <p>Tmexxija</p> | <p>Kumitat tat-Tmexxija</p> <p>L-attivitajiet tal-Aġenzija huma ssorveljati minn Kumitat tat-Tmexxija li huwa magħmul minn ħames membri mid-Direttorati Ġenerali Mobilità u t-Trasport, Politika Reġjonali u Urbana, Ambjent u Riżorsi Umani tal-UE u osservatur mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-Kumitat jitlaqqa' erba' darbiet fis-sena u japprova l-Baġit Amministrattiv tal-Aġenzija, il-Programm ta' Ħidma, ir-Rapport Annwali tal-Attività, il-Kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu, ir-rapport ta' evalwazzjoni esterna, u jadotta regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi oħra.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> |

| | |
|--|--|
| | <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) u l-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija.</p> <p>Awditu esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2012</p> | <p>Baġit</p> <p>A. EUR 7,9 biljun (100 % baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea) għall-baġit tat-TEN-T marbut mal-Perspettiva Finanzjarja tal-2007-2013.</p> <p>B. EUR 9,8 miljun (baġit amministrattiv) fil-forma ta' sussidju ta' 100 % mill-UE, li l-Aġenzija tmexxi b'mod awtonomu.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2012</p> <p>Postijiet ta' Aġenti Temporarji: 33 post elenkati fit-tabella tal-persunal, li minnhom 100 % huma okkupati.</p> <p>Persunal kuntrattwali: 67 post ippjanati, li minnhom 66 (99 %) kienu okkupati.</p> <p>Total tal-persunal: 100 (99 okkupati).</p> <p>Allokati lil:</p> <p>(a) Attivitajiet operazzjonali: 65 (64 okkupati).</p> <p>(b) Attivitajiet amministrattivi: 35 (35 okkupati).</p> |
| <p>Prodotti u servizzi 2012</p> | <p>Għażliet</p> <p>— Sejħa għal proposti għall-Programm ta' Ħidma Annwali 2011 (AP) b'ħames oqsma prijoritarji għal total ta' EUR 200 miljun. 138 proposta li talbu EUR 426,3 miljun kienu evalwati minn 34 esperti esteri u 74 proposta għal EUR 198,7 miljun kienu rakkomandati għall-finanzjament.</p> <p>— Tħejjija tas-sejħiet multiannwali u annwali 2012 għal EUR 1 057 miljun u EUR 250 miljun rispettivament, ippubblikati fl-2012.</p> <p>Tmexxija tal-Proġetti</p> <p>— Tħejjija ta' 96 Deċiżjoni ġdida ta' finanzjament (sejħiet 2011) – 325 miftuħa fi tmiem l-2012.</p> <p>— Trattament ta' 102 talbiet għal emendi mill-benefiċjarji – 63 ġodda fl-2012.</p> <p>— Analiżi ta' 171 Rapport dwar l-Istatus tal-Azzjoni (ASRs – l-għodda prinċipali għall-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti) u 21 Pjan ta' Azzjoni Strateġiku (SAPs).</p> <p>— 207 laqgħa dwar proġetti li saru jew fuq il-post jew inkella fil-bini tal-Aġenzija.</p> <p>— Użu sħiħ mill-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli, b'medja ta' 12-il jum bħala żmien nett biex isir il-pagament.</p> |

Miżuri ta' semplifikazzjoni

- Titjib ta' proċeduri interni u komunikazzjoni mal-benefiċjarji, eż. rigward rappur-tar, valutazzjoni tal-akkwist, modifikazzjonijiet ta' deċiżjonijiet, eċċ.
- Żvilupp ta' għodda elettronika għall-preżentazzjoni għall-ASRS.
- Tiġdid tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Prattika t-Tajba (Aġenzija u benefiċjarji) li nħoloq għad-diskussjoni ta' proposti biex tittejjeb l-effiċjenza fl-implimentazzjoni amministrattiva tal-programm.
- Żvilupp ta' inventarji rigward interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni u tal-każijiet ta' akkwist.
- Titjib u semplifikazzjoni ta' proċeduri interni permezz tal-gruppi ta' ħidma dwar mudelli tan-nefqa amministrattiva u operazzjonali.

Komunikazzjoni

- Il-*website* żiedet informazzjoni ġdida fuq Twitter (@tentea_eu) u estenda t-taqsimha dwar suċċessi fil-proġetti – 166 000 żjara fl-2012. Il-*website* Motorways of the Sea Helpdesk kellha 2 500 viżitatur.
- Il-kampanja '10 (MORE) out of TEN' dwar il-kisbiet addizzjonali tal-proġetti TEN-T b'aġġornamenti tal-*website*, *tweets*, fuljetti u kartelluni.
- Bidla u implimentazzjoni tal-identità viżwali tal-Kummissjoni għall-materjali kollha ta' tixrid, *website*, Intranet, mudelli u sistema ta' sinjali (signage).
- Pubblikazzjoni ta' 11-il Gazzetta elettronika/aġġornamenti għall-benefiċjarji, 37 stqarrija għall-istampa f'20 lingwa dwar sejħiet, kisbiet u proġetti ġodda magħżula, 53 stqarrija għall-istampa mħejjija għad-distribuzzjoni, u volantini/folder korporattivi aġġornati li jirriżulta minn bidliet fl-identità viżiva (ara hawn fuq), fuljett ġdid dwar l-ERTMS (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju), fuljetti għall-FAC (Kunsill Affarijiet Barranin) dwar proġetti magħżula tas-Sejħa Annwali u Multiannwali.
- Avvenimenti inkludew il-Jum TEN-T/Jum Informazzjoni konġunti u Esibizzjoni mad-DĠ MOVE, il-Jum Informazzjoni għas-Sejħa Annwali; parteċipazzjoni fil-konferenza dwar l-ERTMS tad-DĠ MOVE/ tal-Presidenza Daniża, Jum ta' Ftuħ għall-Pubbliku Istituzzjonali, u avvenimenti oħra relatati mat-TEN-T organizzati mid-DĠ REGIO/CoR.

Kooperazzjoni mad-DĠ prinċipali

- Żvilupp ta' analiżi ta' *data* speċjalizzata għar-rappurtar dwar il-Programm ta' Ħidma Annwali u għall-ippjanar finanzjarju u s-segwitu biex jiġi żgurat Programm ta' Implimentazzjoni kumplessiv li jkun effettiv u effiċjenti.
- Assistenza fl-appoġġ ta' pożizzjonijiet tad-DG MOVE kienet żviluppat matul il-proċess ta' Kodeċiżjoni dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u l-Linji Gwida ġodda tat-TEN-T.
- Produzzjoni ta' statistika, rappurtar u mapep relatati mal-Programm eż. 'the Report on TEN-T Programme Implementation' (ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Programm TEN-T).
- Laqgħa dwar konġunta tal-Maniġment darba kull xahar bil-parteeipazzjoni tad-Diretturi, il-Kapijiet tal-Unitajiet, il-Kap tal-Komunikazzjoni u l-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Aġenzija/tad-DG.

Awditi

- Adozzjoni ta' strateġija tal-awditjar pluriennali għall-perjodu 2013-2015.
- Twettqu 14-il awditu, li jirrappreżentaw 21 % tal-pagamenti interim/finali (valur monetarju) tal-2011.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzja taqbel li l-ammont tat-trasferimenti fit-Titoli II u III huwa relattivament importanti, iżda tixtieq tinforma lill-Qorti li d-deċiżjoni li ċertu nfiq, previst inizjalment għall-baġit tal-2013, jitmexxa għall-baġit tal-2012, ittieħdet bi qbil sħiħ mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Aġenzja. Fil-fatt, dan kien meħtieġ biex jitnaqqas il-piż strett ħafna tal-baġit 2013, u biex il-baġit tal-2012 jintuża bl-aktar mod effiċjenti, f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

| <u>Avviż Nru</u> | Werrej (ikompli) | Pàgna |
|------------------|--|-------|
| 2013/C 365/21 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 150 |
| 2013/C 365/22 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 158 |
| 2013/C 365/23 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 165 |
| 2013/C 365/24 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 172 |
| 2013/C 365/25 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fond tal-Pensjoni tal-Europol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Fond | 180 |
| 2013/C 365/26 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 184 |
| 2013/C 365/27 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija | 190 |
| 2013/C 365/28 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Awtorità | 197 |
| 2013/C 365/29 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Fondazzjoni | 206 |
| 2013/C 365/30 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 213 |
| 2013/C 365/31 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Fondazzjoni | 221 |
| 2013/C 365/32 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Eurojust | 228 |
| 2013/C 365/33 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju | 236 |
| 2013/C 365/34 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 245 |



| | | |
|---------------|--|-----|
| 2013/C 365/35 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 251 |
| 2013/C 365/36 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 261 |
| 2013/C 365/37 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Uffiċċju | 268 |
| 2013/C 365/38 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 275 |
| 2013/C 365/39 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposti tal-Aġenzija | 283 |
| 2013/C 365/40 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija | 290 |



EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

